# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 482

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

23 ta' Diċembru 2016

Werrej

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2013–2014

Dati tas-seduti: 13–16 ta' Jannar 2014

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 464, 23.12.2014.*

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**


2016/C 482/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar "Speċjalizzazzjoni intelliġenti: eċċellenza fin-netwerking għal Politika ta' Koeżjoni soda" (2013/2094(INI)) . . . . . 2

2016/C 482/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni 2013: l-iżvilupp u l-applikazzjoni tat-teknoloġija tal-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju fl-Ewropa (2013/2079(INI)) . . . . . 9

2016/C 482/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 – Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21 (2013/2061(INI)) . . . . . 14

2016/C 482/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-kriżi alimentari, il-frodi fil-katina alimentari u l-kontroll tagħha (2013/2091(INI)) . . . . . 22

2016/C 482/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar spezzjonijiet tax-xogħol effikaċi bħala strateġija biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa (2013/2112(INI)) . . . . . 31

2016/C 482/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpaniji (2013/2127(INI)) . . . . . 41

2016/C 482/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-protezzjoni soċjali għal kulħadd, inklużi l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom (2013/2111(INI)) . . . . . 48


MT

2016/C 482/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Jannar 2014 dwar l-istat ta’ tħejjija tal-Istati Membri tal-UE għal bidu effikaċi u f'waqtu tal-perjodu l-ġdid ta’ Programmazzjoni tal-Politika ta’ Koeżjoni (2013/2095(INI)) . . . . . 56

2016/C 482/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Jannar 2014 dwar strateġija Ewropea għall-iskart tal-plastik fl-ambjent (2013/2113(INI)) . . . . . 64

2016/C 482/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Jannar 2014 dwar il-marka reġjonali: lejn l-aħjar prassi fl-ekonomiji rurali (2013/2098(INI)) . . . . . 70

**L-Erbgħa 15 ta’ Jannar 2014**

2016/C 482/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Jannar 2014 dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN (2013/2148(INI)) . . . . . 75

2016/C 482/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Jannar 2014 dwar kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi (2013/2747(RSP)) . . . . . 83

2016/C 482/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Jannar 2014 dwar ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà (2013/2006(INI)) . . . . . 89

**Il-Ħamis 16 ta’ Jannar 2014**

2016/C 482/14 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta’ prodott tal-qamħirrum (Zea mays L., il-linja 1507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta’ ħsara lepidopterani (2013/2974(RSP)) . . . . . 110

2016/C 482/15 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar ir-rispett tad-dritt fundamentali tal-moviment liberu fl-UE (2013/2960(RSP)) . . . . . 114

2016/C 482/16 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE għall-bejgħ (2013/2995(RSP)) . . . . . 117

2016/C 482/17 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar ir-Rapport ta’ Progress 2013 dwar is-Serbja (2013/2880(RSP)) . . . . . 119

2016/C 482/18 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar il-proċess ta’ Integrazzjoni Ewropea tal-Kosovo (2013/2881(RSP)) . . . . . 127

2016/C 482/19 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar ir-Rapport ta’ progress tal-2012 dwar l-Islanda u l-prospettivi postelettorali (2013/2932(RSP)) . . . . . 135

2016/C 482/20 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel (2014/2512(RSP)) . . . . . 137

2016/C 482/21 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar (2013/2994(RSP)) . . . . . 141

2016/C 482/22 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti tal-oppożizzjoni fil-Kambodja u fil-Laos (2014/2515(RSP)) . . . . . 145

2016/C 482/23 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar l-elezzjonijiet reċenti fil-Bangladexx (2014/2516(RSP)) . . . . . 149

2016/C 482/24 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar deċiżjonijiet reċenti ta’ kriminalizzazzjoni kontra l-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) (2014/2517(RSP)) . . . . . 152

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**


2016/C 482/25 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Lara Comi (2013/2190(IMM)) . . . . . . . . . . 155

2016/C 482/26 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar l-emenda tal-Artikolu 81 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew dwar il-proċedura ta' approvazzjoni (2012/2124(REG)) . . . . . . . . 157


**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**


2016/C 482/27 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti (2013/2996(RSO)) . . . . . . . . . . 160


**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**


2016/C 482/28 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar l-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar it-tneħħija u l-ħarsien tal-immunità parlamentari (2013/2031(REG)) . . . . . . . . . . . . 169


---

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**


2016/C 482/29 P7_TA(2014)0004

L-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda (COM(2012)0394 – C7-0185/2012 – 2012/0191(COD))

P7_TC1-COD(2012)0191

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bil-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda . . . . . . . . . . 176

2016/C 482/30 P7_TA(2014)0005

Il-programm tal-konsumaturi 2014-2020 ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm tal-konsumaturi 2014-2020 (COM(2011)0707 – C7-0397/2011 – 2011/0340(COD))

P7_TC1-COD(2011)0340

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE . . . . . . . . . . . 178

2016/C 482/31 P7_TA(2014)0006

Il-kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tattjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 li jiftaħ u jipprovdi l-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja, u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra (COM(2011)0906 – C7-0524/2011 – 2011/0445(COD))

P7_TC1-COD(2011)0445

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni u s-setgħat delegati li għandhom jingħataw lill-Kummissjoni . . . 179

2016/C 482/32 P7_TA(2014)0007

Importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2008/97, (KE) Nru 779/98 u (KE) Nru 1506/98 fil-qasam ta' importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija fir-rigward tas-setgħat ta' delegazzjoni u implimentazzjoni li ser jingħataw lill-Kummissjoni (COM(2011)0918 – C7-0005/2012 – 2011/0453(COD))

P7_TC1-COD(2011)0453

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (*UE*) *Nru …/2014* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2008/97, (KE) Nru 779/98 u (KE) Nru 1506/98 fil-qasam ta' importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija, fir-rigward tas-setgħat iddelegati u ta' implimentazzjoni li għandhom jingħataw lill-Kummissjoni . . . 181

2016/C 482/33 P7_TA(2014)0008

L-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat (COM(2011)0530 – C7-0234/2011 – 2011/0231(COD))

P7_TC1-COD(2011)0231

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 . . . 183

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

2016/C 482/34 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni 2007/124/KE, Euratom li tistabbilixxi għall-Perijodu 2007-2013, bħala parti mill-programmi Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet, l-Programmi Speċifiċi "Prevenzjoni, Stat ta' Tħejjija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà" (15187/2013 – C7-0418/2013 – 2013/0281(APP)) . . . 184

2016/C 482/35 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (13152/2013 – C7-0370/2013 – 2013/0282(NLE)) . . . . . 185

2016/C 482/36 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (riformulazzjoni) (COM(2013)0184 – C7-0132/2013 – 2013/0096(NLE)) . . . . . . 186

2016/C 482/37 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (11532/4/2013 – C7-0410/2013 – 2011/0196(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 188

2016/C 482/38 P7_TA(2014)0024

L-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (COM(2011)0897 – C7-0004/2012 – 2011/0437(COD))

P7_TC1-COD(2011)0437

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta d-Direttiva 2014/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni . . 189

2016/C 482/39 P7_TA(2014)0025

L-akkwist pubbliku ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku (COM(2011)0896 – C7-0006/2012 – 2011/0438(COD))

P7_TC1-COD(2011)0438

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 190

2016/C 482/40 P7_TA(2014)0026

L-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u l-posta ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (COM(2011)0895 – C7-0007/2012 – 2011/0439(COD))

P7_TC1-COD(2011)0439

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta d-Direttiva 2014/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE . . . . . 191

2016/C 482/41 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi (COM(2012)0124 – C7-0084/2012 – 2012/0060(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 192

2016/C 482/42 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel (COM(2012)0530 – C7-0304/2012 – 2012/0260(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 227

2016/C 482/43 P7_TA(2014)0029

Il-programm Hercule III u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm Hercule III għall-promozzjoni tal-attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (COM(2011)0914 – C7-0513/2011 – 2011/0454(COD))

P7_TC1-COD(2011)0454

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Rgeolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Erkole III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 234

2016/C 482/44 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 638/2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri rigward l-għoti ta' setgħat iddelegati u implimentattivi lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri, il-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-amministrazzjoni tad-dwana, l-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn l-Istati Membri, kif ukoll id-definizzjoni tal-valur statistiku (COM(2013)0578 – C7-0242/2013 – 2013/0278(COD)) . . . . . . . . . 235

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

2016/C 482/45 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (N7-0002/2014 – C7-0010/2014 – 2014/0801(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 244

2016/C 482/46 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum 'tradizzjonali' prodott fil-Gwadelup, fil-Gujana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion u li temenda d-Deċiżjoni 2007/659/KE (COM(2013)0839 – C7-0488/2013 – 2013/0413(CNS)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 245

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2013–2014

Dati tas-seduti: 13–16 ta' Jannar 2014

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 464, 23.12.2014.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2014)0002

## Speċjalizzazzjoni intelliġenti: eċċellenza fin-netwerking għal Politika ta' Koeżjoni soda

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar "Speċjalizzazzjoni intelliġenti: eċċellenza fin-netwerking għal Politika ta' Koeżjoni soda" (2013/2094(INI))**

(2016/C 482/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-Titoli XVII, XVIII u XIX tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2006/702/KE tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-Ħames Rapport ta' Koeżjoni tal-Kummissjoni u l-istrateġija għall-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2013 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar is-sitwazzjoni attwali u sinerġiji futuri għal effikaċja akbar bejn il-FEŻR u Fondi Strutturali oħra ([4]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-politika reġjonali tal-UE wara l-2013 ([5]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni għall-kisba tal-objettivi ta' Lisbona u tal-UE 2020 ([6]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar l-implimentazzjoni tas-sinerġiji tal-fondi assenjati għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-bliet u r-reġjuni kif ukoll fl-Istati Membri u fl-Unjoni ([7]),

([1]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
([2]) ĠU L 291, 21.10.2006, p. 11.
([3]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 21.
([4]) ĠU C 390 E, 18.12.2012, p. 27.
([5]) ĠU C 371 E, 20.12.2011, p. 39.
([6]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 120.
([7]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 104.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (COM(2011) 0615),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, u l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (COM(2011)0614),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020: Unjoni tal-Innovazzjoni" (COM(2010)0546),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2010 bit-titolu "Konklużjonijiet tal-ħames rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: il-futur tal-politika ta' koeżjoni" (COM(2010)0642),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Politika Reġjonali li tikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti fl-Ewropa 2020" (COM(2010)0553),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kummissjoni ta' Marzu 2012 "Linji gwida għal strateġiji ta' riċerka u l-innovazzjoni għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti (RIS 3)",

— wara li kkunsidra r-"Report on innovation driven-growth in regions: the role of smart specialisation" (Rapport dwar tkabbir immexxi mill-innovazzjoni fir-reġjuni: ir-rwol tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti) tal-OECD ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra l-istudju tiegħu bl-isem "Kondizzjonalitajiet *ex ante* fil-politika ta' koeżjoni" ta' Diċembru 2012, ikkommissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Marzu 2013, bit-titolu l-"L-Istat tal-Unjoni tal-Innovazzjoni 2012– Aċċellerazzjoni tal-bidla" (COM(2013)0149),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2013 bit-titolu "Kejl tar-riżultati tal-innovazzjoni fl-Ewropa: lejn indikatur ġdid" (COM(2013)0624),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0462/2013),

A. billi l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tikkompleta l-Unjoni tal-Innovazzjoni u toħloq tkabbir ekonomiku sostenibbli, speċjalment f'dawn iż-żminijiet ta' kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali u billi l-fondi disponibbli huma limitati minħabba l-limitazzjoni baġitarja f'ħafna Stati Membri u reġjuni, kif ukoll fil-livell tal-UE, u għaldaqstant għandhom jintużaw partikolarment b'mod effiċjenti;

B. billi "Strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti" tfisser l-istrateġiji ta' innovazzjoni nazzjonali jew reġjonali li jistabbilixxu prijoritajiet b'mod il jinbena vantaġġ kompetittiv billi jiġu żviluppati u mqabbla l-vantaġġi proprji tar-riċerka u innovazzjoni (R&I) mal-ħtiġijiet tan-negozju biex jiġu indirizzati l-opportunitajiet emerġenti u l-iżviluppi fis-suq b'mod koerenti, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni tal-isforzi, u li jistgħu jieħdu l-forma tal-qafas ta' politika strateġika ta' R&I nazzjonali jew reġjonali jew jiġu inklużi fiha ([1]);

([1]) Artikolu 2, il-proċedura leġiżlattiva 2011/0276(COD), abbażi tal-proposta għal Regolament COM(2011)0615, Testi Adottati, P7_TA(2013)0482.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

C. billi l-appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI) huwa wieħed mill-objettivi tal-Politika ta' Koeżjoni li huwa suġġett għall-konċentrazzjoni tematika obbligatorja taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-2020-2020;

D. billi fir-rigward tal-perjodu tal-ippjanar tal-programm 2014–2020 ir-reġjuni huma obbligati għall-ewwel darba, li jfasslu strateġija ta' R&I, li bl-għajnuna tagħha għandha tissaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni reġjonali u li l-ispejjeż fil-qasam tar-RŻI għandhom jiġu kkoordinati b'mod aktar effettiv ([1]);

E. billi, f'dan il-proċess, ir-reġjuni għandhom jiffokaw fuq numru żgħir ta' oqsma prijoritarji li jikkunsidraw il-punti b'saħħtihom u l-punti dgħajfa rispettivi tagħhom, u għandhom jagħtu spinta lill-innovazzjoni u jġeddu l-eknomiji reġjonali b'mod sostenibbli;

F. billi r-reġjuni għandhom jiżviluppaw strateġija bħal din ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti permezz ta' proċess ta' awtoanaliżi kritika u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili u mal-partijiet interessati li jinkludu ċ-ċentri tar-riċerka, l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri u n-negozji ([2]);

G. billi l-għan tal-istrateġija huwa li jiġu massimizzati l-effetti ta' sinerġija possibbli tal-istrumenti u l-investimenti kollha fil-qasam tar-RŻI – u li jissaħħu l-effetti ta' sinerġija bejn l-Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali – sabiex jintaqqas id-distakk fl-innovazzjoni bejn ir-reġjuni;

H. billi r-reġjuni għandhom ukoll ifasslu pjanijiet ta' investiment għall-użu tal-finanzjament disponibbli reġjonali, nazzjonali u tal-UE kollu għar-RŻI, filwaqt li jindikaw ukoll kif bi ħsiebhom jistimolaw l-investiment privat u kif dan għandu jintuża fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' RŻI tal-Unjoni fis-snin li ġejjin;

I. billi s-sommarji ta' tali strateġiji, jew tal-inqas il-pjanijiet għall-implimentazzjoni tagħhom, għandhom jiġu inklużi fil-ftehimiet ta' sħubija u fil-programmi operazzjonali;

J. billi l-Kummissjoni tista' ma toħroġx il-pagamenti interim tal-finanzjament tal-FEŻR għall-objettiv tematiku tat-tisħiħ tar-RŻI jekk dawn il-prekondizzjonijiet ma jiġux issodisfati;

K. billi, minħabba n-natura ta' governanza f'diversi livelli tal-politika reġjonali, ir-reġjuni għandhom jiġu permessi l-flessibilità biex jidentifikaw il-modalitajiet għas-sodisfazzjon tal-kondizzjonalitajiet ex-ante;

L. billi r-reġjuni ma għandhomx jimiraw biss lejn integrazzjoni interna aktar b'saħħitha, iżda għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom anke bejniethom sabiex isiru aktar kompetittivi fuq livell globali;

***Kummenti ġenerali***

1. Jirrikonoxxi li l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti hija proċess dinamiku u fit-tul li fih il-parteċipanti jitgħallmu kontinwament, u li dan il-proċess għandu jitkompla wkoll matul il-perjodu tal-ippjanar tal-programm li jmiss u lil hinn minnu;

2. Jikkunsidra li, minbarra l-ħtieġa li din il-kondizzjonalità ex-ante tiġi ssodisfata, l-iżvilupp ta' tali strateġija jista' joffri lir-reġjuni vantaġġi sinifikanti għal żmien medju u fit-tul f'dik li hi effikaċja tar-RŻI tagħhom għax jinvolvi approċċ ikkoordinat u ħarsa mill-qrib lejn il-potenzjal tagħhom ta' innovazzjoni;

3. Jistieden lil kull reġjun jara tali strateġija mhux biss bħala obbligu statutorju iżda wkoll bħala sors ta' opportunitajiet; jistieden, għalhekk, lir-reġjuni u lill-Istati Membri kollha biex ikomplu b'mod attiv l-iżvilupp tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tagħhom, jekk dawn għadhom ma għamlux hekk, sabiex ma jirriskjawx dewmien fir-riċeviment tal-finanzjament tal-UE għall-programmi operazzjonali rilevanti minħabba li ma jkunx hemm tali strateġija;

---

([1]) L-Anness V, it-Tabella 1, Kondizzjonalitajiet *ex ante*, il-proċedura leġiżlattiva 2011/0276(COD), abbażi tal-proposta għal Regolament COM(2011)0615, Testi adottati, P7_TA(2013)0482.

([2]) Ara d-definizzjoni ta' 'strateġija tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti', l-Artikolu 2(2)(2b) (ġdid), il-proċedura leġiżlattiva 2011/0276 (COD), abbażi tal-proposta għal regolament COM(2011)0615, Testi adottati, P7_TA(2013)0482.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

4. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' informazzjoni fir-reġjuni u jenfasizza, għalhekk, l-importanza tal-konsulenza u l-appoġġ ipprovduti minn DĠ REGIO, DĠ RTD u direttorati ġenerali oħra rilevanti, kif ukoll mill-pjattaforma f'Sivilja ([1]), u jistidinhom ikomplu jżidu l-attivitajiet tagħhom; jappella lir-reġjuni kollha sabiex jagħmlu użu ikbar mill-kontenut tal-pjattaforma; jagħti l-appoġġ tiegħu biex jiġu żviluppati kampanji lokali fuq skala wiesgħa biex ixerrdu informazzjoni dwar l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti sabiex il-partijiet interessati u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jieħdu sehem;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja r-reġjuni fl-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ prevista b'mod effettiv, bl-użu ta' indikaturi sinifikanti, u biex b'hekk, b'mod partikolari, tiġi pprovduta dejta li fuqha jkunu jistgħu jiġu bbażati paraguni tal-UE kollha u dawk internazzjonali;

***Il-prijoritajiet "korretti"***

6. Jenfasizza li r-reġjuni huma differenti minn xulxin b'mod sinifikanti fir-rigward tal-livell ta' żvilupp tagħhom u għandhom punti pożittivi u negattivi ferm differenti; jitlob, għalhekk, lir-reġjuni jagħmlu l-għażla adegwata tagħhom ta' azzjonijiet billi jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-karatteristiċi fuq bażi reġjonali, il-potenzjali u l-vantaġġi kompetittivi tagħhom, minflok sempliċement jikkupjaw strateġiji b'suċċess ta' reġjuni oħra;

7. Jenfasizza li biex jiġu sfruttati swieq ġodda, ir-reġjuni jistgħu jagħmlu ħilithom biex ikunu pijunieri fl-invenzjoni ta' teknoloġiji ġodda, imma jistgħu wkoll diġà jinvestu fl-attivitajiet relatati mal-għarfien, il-ħiliet u l-abbiltajiet eżistenti, jekk it-trasferiment tal-għarfien ikun l-akbar hawnhekk ("related diversity");

8. Jenfasizza kemm hu importanti, f'dak li hu tisħiħ tal-ekonomiji reġjonali, li l-fokus ma jkunx esklussivament fuq oqsma individwali ta' vantaġġ kompetittiv, iżda li tinħoloq ukoll katina ta' valuri li tgħaqqad l-istadji kollha tal-iżvilupp u l-manifattura, mir-riċerka bażika, għar-riċerka orjentata lejn l-applikazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġiji, għal prodotti utilizzabbli speċifiċi u bidu ta' negozji;

9. Jinkoraġġixxi r-reġjuni jinvestu f'attivitajiet transsettorjali u ta' teknoloġiji trażversali fl-ekonomija reġjonali kollha sabiex varjetà ta' negozji, li tkun kemm jista' jkun wiesgħa, tista' tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' aktar tkabbir u impjiegi, kif ukoll tibbenefika minnha; jinkoraġġixxi, f'dan ir-rigward, ir-reġjuni b'mod partikolari biex jinkiseb u jitrawwem il-potenzjal tat-tipi kollha ta' SMEs – li skont id-definizzjoni huma mikroimpriżi, impriżi żgħar u impriżi ta' daqs medju ([2]) – peress li jagħtu spinta lill-innovazzjoni u huma, għalhekk, ta' importanza fundamentali għall-ekonomija f'kull reġjun.

10. Huwa tal-fehma li r-reġjuni, meta jagħżlu l-prijoritajiet tagħhom għandhom, minbarra li jsaħħu s-sistemi ta' innovazzjoni tagħhom bil-għan li jiksbu aktar kompetittività u valur miżjud, jieħdu azzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi strutturali u soċjetali fi ħdan is-soċjetà bħall-qgħad, il-faqar, is-sigurtà tal-enerġija u t-tibdil demografiku;

11. Jistieden lir-reġjuni ma jiffukawx biss fuq l-innovazzjoni bbażata fuq it-teknoloġija, iżda li l-istrateġiji jkunu bbażati fuq l-aktar kunċett ta' innovazzjoni wiesgħa possibbli; jittama li tiġi kkunsidrata mhux sempliċement l-innovazzjoni teknoloġika ta' grad għoli iżda wkoll dik ta' grad baxx u, saħansitra, l-innovazzjoni li mhix teknoloġika, bħalma huma l-ottimizzazzjoni tal-proċessi u t-trasformazzjoni organizzazzjonali; jiġbed l-attenzjoni speċifikament għall-innovazzjoni soċjali u ambjentali f'dan il-kuntest; jenfasizza li l-għan tal-istrateġiji tal-innovazzjoni għandhom ikunu jistgħu jistimolaw il-prattiki innovattivi;

12. Jinsab konxju li t-twaqqif tal-prijoritajiet huwa proċedura sensittiva u riskjuża li jieħdu r-reġjuni; jemmen, għalhekk, li l-introduzzjoni ta' sistema ta' rieżami tista' toffri r-reġjuni l-opportunità li jikkunsidraw mill-ġdid l-istrateġiji tagħhom; huwa tal-fehma li l-għażla inizjali ta' indikaturi sinifikanti li jkunu orjentati lejn ir-riżultati u l-kwalità tal-kontribut mill-atturi involuti huma fatturi ewlenin għas-suċċess tal-istrateġija tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, li jnaqqsu r-riskju li jsiru l-iżbalji fit-twaqqif tal-prijoritajiet;

---

([1]) http://s3platform.jrc.ec.europa.eu/home

([2]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' mikroimpriżi, impriżi żgħar u ta' daqs medju (2003/361/KE).

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

***Involviment eqreb ta' atturi fi ħdan ir-reġjuni***

13. Huwa tal-fehma li l-kwalità tal-kooperazzjoni amministrattiva mal-partijiet interessati rilevanti fir-reġjun għandha influwenza sinifikanti fuq is-suċċess tal-istrateġija RIS 3 u se tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju li jiġu meħuda għażliet ħżiena fl-iffissar tal-prijoritajiet;

14. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-konsultazzjoni tan-negozji, partikolarment l-SMEs, peress li l-"viżjoni ta' innovazzjoni" se jkollha suċċess biss jekk in-negozji jkollhom ukoll il-potenzjal korrispondenti li jimplimentawha;

15. Jenfasizza l-ħtieġa li l-proċessi ta' konsultazzjoni u l-gruppi fil-mira kollha jiġu kkunsidrati mill-ġdid u fejn ikun meħtieġ jitwessgħu sabiex jiġi evitat li jintilfu promoturi futuri tal-innovazzjoni; iqis li huwa partikolarment importanti li jiġu involuti l-intraprendituri futuri;

16. Jiċċara l-fatt li, fil-proċess tal-iżvilupp ta' viżjoni kondiviża, għal raġunijiet ta' sjieda u sensibilizzazzjoni, huwa fundamentali li dawk li jfasslu politika lokali u reġjonali, l-universitajiet, iċ-ċentri u n-negozji ta' riċerka u innovazzjoni, kif ukoll is-soċjetà ċivili u l-atturi soċjali, jiġu involuti mill-qrib kemm jista' jkun;

17. Jenfasizza r-rwol importanti li twettaq il-kooperazzjoni mill-qrib ġewwa t-trijangolu tal-għarfien, pereżempju fil-qafas tal-Istitut Ewropew għar-Riċerka u l-Innovazzjoni jew ir-raggruppamenti u taċ-ċentri reġjonali tal-innovazzjoni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' "investiment fin-nies";

18. Jistieden lill-partijiet interessati pubbliċi u privati jużaw id-diversi opportunitajiet biex jiffinanzjaw dawn l-azzjonijiet taħt il-FEŻR għall-2014-2020, inkluż billi japoġġaw it-twaqqif ta' inkubaturi reġjonali ta' innovazzjoni u billi jiżviluppaw konnessjonijiet u sinerġiji bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet oħrajn ta' riċerka u edukazzjoni għolja, intraprendituri u negozji innovattivi u kreattivi, u fornituri ta' appoġġ tan-negozju u investituri, bħal e.ż. fil-każ ta' industrija kreattivi u kulturali;

19. Huwa tal-fehma li għal dan il-proċess għandhom ikunu fis-seħħ strutturi adegwati u amministrazzjoni effiċjenti, u li l-awtoritajiet amministrattivi u l-ministeri għandhom jistabbilixxu kultura ta' kooperazzjoni bejniethom kif ukoll fl-approċċ tagħhom man-negozji u l-atturi l-oħrajn; jistieden lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-awtoritajiet, kemm reġjonali kif ukoll nazzjonali, jimmodernizzaw il-proċeduri interni tagħhom skont il-ħtiġijiet tal-"proċess ta' skoperta intraprenditorjali" l-ġdid, u b'mod partikolari jidħlu fi djalogu fit-tul aktar intensiv mal-atturi rilevanti; jinkoraġġixxi lill-SMEs, speċjalment fir-reġjuni li għandhom sehem qawwi ta' tali impriżi, jikkollaboraw permezz ta' pjattaformi adegwati bil-għan li jsaħħu r-rwol tagħhom fil-proċess ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti; jirrakkomanda li, jekk ikun meħtieġ, ir-riżorsi disponibbli għall-bini tal-kapaċitajiet għandhom jintużaw biex tkompli tingħata aktar setgħa lill-amministrazzjonijiet u lill-partijiet interessati;

20. Iqis li l-awtoritajiet u l-atturi kollha kkonċernati fil-livell reġjonali għandhom, jekk ikun meħtieġ, jiġu offruti taħriġ ta' kwalità għolja u seminars iffokati fuq kwistjonijiet relatati mat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;

***Il-kisba ta' sinerġija bejn il-programmi ta' żvilupp***

21. Jilqa' l-progress miksub mill-Kummissjoni u l-awtorità leġiżlattiva tal-UE fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-kundizzjonijiet għal sinerġiji bejn il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESIF) u programmi oħra tal-UE bħall-COSME u partikolarment l-Orizzont 2020, pereżempju, permezz ta' rati fissi armonizzati jew finanzjament ikkombinat ([1]);

22. Iheġġeġ lir-reġjuni jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' finanzjament, kooperazzjoni u investiment, inklużi azzjonijiet 'il fuq (upstream) u 'l isfel (downstream) ([2]), sabiex jippromwovu sinerġiji bejn l-ESIFs u Orizzont 2020 u billi jagħmlu dan, inaqqsu d-distakk fl-innovazzjoni bejn ir-reġjuni;

([1]) Artikolu 55(8) u l-Art. 57, il-proċedura leġiżlattiva 2011/0276(COD), abbażi tal-proposta għal Regolament COM(2011)0615, Testi adottati, P7_TA(2013)0482, Artikolu 17a, il-proċedura leġiżlattiva 2011/0401(COD), abbażi tal-proposta għal Regolament COM (2011)0809, Testi adottati, P7_TA(2013)0499, u l-Artikolu 31, il-proċedura leġiżlattiva 2011/0399(COD), abbażi tal-proposta għal Regolament COM(2011)0810, Testi adottati, P7_TA(2013)0500.

([2]) Artikolu 2, il-proċedura leġiżlattiva 2011/0276(COD), abbażi tal-proposta għal Regolament COM(2011)0615, Testi adottati, P7_TA(2013)0482.

23. Jistieden f'dan ir-rigward lil dawk ir-reġjuni li għadhom lura fl-iżvilupp tal-infrastruttura u tal-kapaċità tar-riċerka, biex jippromwovu kooperazzjonijiet ma' faċilitajiet ta' riċerka eċċellenti fis-sens ta' "teaming/twinning for excellence" biex jibnu ċentri ta' eċċellenza huma stess, li fil-futur se tibbenefika minnhom l-ekonomija reġjonali kollha;

24. Jistieden lir-reġjuni, fil-qafas tal-istrateġija, jikkunsidraw fil-fond il-kwistjoni ta' kif għandhom jattiraw l-investiment fis-settur privat, peress li għad hemm ambitu konsiderevoli għall-għoti ta' spinta lill-potenzjal tal-investiment fir-RŻI f'dan is-settur;

25. Jistieden lill-atturi reġjonali u nazzjonali kollha, li huma fdati bit-tfassil kunċettwali u l-implimentazzjoni tal-istrateġija RIS 3, il-pjan direzzjonali tal-infrastruttura tar-riċerka ESFRI, l-ESIF u l-Orizzont 2020, għall-kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-ippjanar u l-koordinazzjoni u fejn meħtieġ jiżviluppaw l-istrutturi korrispondenti ([1]) biex jgħaqqdu f'netwerk il-livelli differenti tal-attivitajiet governattivi; jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar tali strutturi;

26. Jistieden lid-DĠs REGIO u RTD jippersistu fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw li l-programmi jkunu kompatibbli, sabiex ikunu jistgħu jinħolqu sinerġiji; jenfasizza li għandu jiġi pprovdut appoġġ konġunt lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali biex jgħin fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji rispettivi tagħhom; jistenna lid-DĠs REGIO u RTD jżidu l-kooperazzjoni tagħhom f'dan ir-rigward, partikolarment billi joħorġu dokumenti ta' gwida għall-atturi involuti;

27. Jilqa' l-isforzi kollha biex jiġu estiżi s-servizzi konsultattivi; huwa tal-fehma li jkun ta' benefiċċju jekk il-benefiċjarji potenzjali tal-fondi tal-programm Orizzont 2020 u l-korpi konsultattivi rilevanti jiġu involuti b'mod xieraq f'dawn l-iskambji;

***Kooperazzjoni mill-qrib tar-reġjuni: id-dimensjoni esterna***

28. Jistieden lir-reġjuni mhux biss itejbu l-konnessjonijiet interni tagħhom bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u r-riċerka, in-negozji u l-amministrazzjoni imma wkoll jibnu alleanzi ma' reġjuni oħra biex jissupplementaw il-katina tal-valuri tagħhom stess;

29. Jenfasizza li l-opportunitajiet se jiġu mrawma jekk tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn is-sħab tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) fir-reġjuni u l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet involuti fit-tfassil u t-twettiq tal-istrateġiji RIS3 kif deskritti fl-Anness IV f'COM(2011)0615, 2011/0276(COD), C7-0335/2011, inkluża sħubija mar-reġjuni li għandhom ċentri ta' kollokazzjoni eżistenti u potenzjali, bħalma huma l-Komunitajiet Reġjonali ta' Implimentazzjoni u Innovazzjoni (KRII);

30. Iqis li huwa vitali li l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni reġjonali jgħinu biex jinħolqu netwerks ta' eċċellenza Ewropej ġodda f'firxa ta' setturi, u b'hekk jgħinu biex tingħata spinta lill-kompetittività u lill-profil internazzjonali tal-Unjoni Ewropea;

31. Huwa tal-fehma li fil-kooperazzjoni bejn reġjuni differenti, permezz tat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija jistgħu jibbenefikaw bil-kbir kemm ir-reġjuni b'rabta mal-potenzjal ekonomiku tagħhom lokalment, kif ukoll l-UE bħala entità sħiħa; jiġbed l-attenzjoni f'dan ir-rigward għall-kollaborazzjonijiet ta' suċċess kbir bħal pereżempju fil-qafas tal-inizjattiva "Reġjuni ta' Għarfien";

32. Jinnota li ħafna reġjuni jippruvaw jevitaw l-isforzi kumplessi ta' analiżi u ta' koordinazzjoni li hemm bżonn; jinkoraġġixxi lir-reġjuni jagħmlu użu tal-għażla pprovduta mil-leġiżlatur li biha sa 15 % tal-finanzjament tal-programm jista' jiġi investit barra mill-qasam tal-programm ([2]);

33. Jirrimarka li fiż-żoni ta' mal-fruntieri, l-isfidi spiss huma l-istess fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera, minħabba li dawn iż-żoni jkollhom l-istess karatteristiċi territorjali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jfasslu strateġiji transkonfinali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u jistabbilixxu raggruppamenti transkonfinali, bl-użu tal-finanzjament tal-kooperazzjoni interreġjonali tal-UE;

([1]) Anness I, punt 4.1.2 b, il-proċedura leġiżlattiva 2011/0276(COD), abbażi tal-proposta għal Regolament COM(2011)0615, Testi adottati, P7_TA(2013)0482.

([2]) Artikolu 60(2), il-proċedura leġiżlattiva 2011/0276(COD), abbażi tal-proposta għal Regolament COM(2011)0615, Testi adottati, P7_TA-PROV(2013)0482.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

34. Jilqa' l-għażliet previsti fil-qafas strateġiku komuni fil-qasam tal-kooperazzjoni territorjali ([1]); jilqa' kull tip ieħor ta' azzjoni ta' internazzjonalizzazzjoni fuq skala żgħira mir-reġjuni u l-atturi tagħhom;

o

o o

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

---

([1]) Anness I, punt 7.2, il-proċedura leġiżlattiva 2011/0276(COD), abbażi tal-proposta għal Regolament COM(2011)0615, Testi adottati, P7_TA-PROV(2013)0482.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0009

# Il-ġbir u l-ħżin tal-karbonju fl-Ewropa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni 2013: l-iżvilupp u l-applikazzjoni tat-teknoloġija tal-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju fl-Ewropa (2013/2079(INI))**

(2016/C 482/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlment Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 ([1]) (id-Direttiva tas-CCS),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2013 dwar il-Futur tal-Ġbir u l-Ħżin tal-Karbonju fl-Ewropa (COM(2013)0180),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2013 bl-isem "Qafas għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija sal-2030" (COM(2013)0169),

— wara li kkunsidra l-pakkett tal-UE dwar il-klima u l-enerġija ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 dwar Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0430/2013),

A. billi l-Ġbir u Ħżin tad-Diossidu tal-Karbonju (CCS) huwa teknoloġija promettenti li tista' tkun l-uniku mezz biex jintlaħaq tnaqqis sinifikanti ta' $CO_2$ minn sorsi industrijali u għandu l-potenzjal li jnaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn impjanti tal-enerġija b'karburanti fossili, li jeħtieġ madankollu investiment u dimostrazzjoni fuq skala industrijali biex tiġi promossa l-innovazzjoni, jiġi żgurat it-tnaqqis tal-ispejjeż u tiġi kkonfermata s-sigurtà ambjentali tiegħu;

B. billi l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija tbassar li l-karburanti fossili se jkomplu jipprovdu 75 % tat-taħlita tal-enerġija globali sal-2030, jissuġġerixxi li s-CCS huwa meħtieġ biex iwassal għal kważi 20 % ta' tnaqqis tas-$CO_2$ meħtieġ sal-2050, u jsostni li jekk is-CCS ma jintużax, ikun jeħtieġ investiment addizzjonali ta' 40 % fl-elettriku biex tiġi evitata żieda fit-temperatura ta' iktar minn 2 °C;

C. billi s-CCS huwa l-unika teknoloġija li kapaċi tipprovdi tnaqqis qawwi tas-$CO_2$ mis-setturi industrijali ewlenin inklużi dawk tal-azzar, tas-siment u tal-kimiċi u mir-raffineriji taż-żejt, u flimkien mal-użu tal-bijomassa għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għandu l-potenzjal li jippromwovi tnaqqis nett fl-emissjonijiet tas-$CO_2$;

D. billi abbażi tal-livelli ta' użu attwali tal-karburanti fossili u l-projezzjonijiet futuri dwar l-użu tal-istess karburanti fossili, is-CCS jidher li huwa fundamentali biex jinkiseb l-għan li ż-żieda tat-temperatura globali tinżamm inqas minn 2 °C;

E. billi l-iżvilupp tas-CCS għandu jitqies bħala strateġija komplementari għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju;

---

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114.
([2]) ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 75.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

F. billi fl-2007 il-Kapijiet ta' Gvern tal-UE aspiraw li jkollhom sa 12-il impjant ta' dimostrazzjoni tas-CCS li jkunu qed jopweraw sal-2015, iżda minħabba li l-vijabbiltà finanzjarja tagħhom kienet tiddependi fuq il-fatt li jkun hemm prezz għoli tal-karbonju, issa dawn l-ambizzjonijiet ma jistgħux jintlaħqu;

G. billi l-iżvilupp ta' din it-teknoloġija m'għandux iservi ta' inċentiv biex jiżdied il-proporzjon tal-impjanti tal-enerġija b'karburanti fossili;

H. billi l-UE qed titlef it-tmexxija teknoloġika tagħha fis-CCS u – bi proġett wieħed biss li għadu qed jiġi kkunsidrat għall-iffinanzjar tal-istrument NER300, u l-proġetti tal-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru twaqqfu jew ġew sospiżi – issa m'għandha l-ebda politika effettiva biex tippromwovi l-iżvilupp tal-proġetti emblematiċi tas-CCS;

I. billi l-pubbliku ġenerali għandu dejjem jirċievi stampa sħiħa u ċara tal-vantaġġi tas-CCS u tat-theddid possibbli mis-CCS qabel ma jiġi żviluppat kwalunkwe proġett fuq skala kummerċjali;

***Żieda fl-ambizzjonijiet***

1. Jirrikonoxxi li t-tħaddim tas-CCS għandu l-potenzjal li jippermetti lill-UE tilħaq l-aspirazzjonijiet tagħha ta' livell baxx tal-karbonju fl-2050 bl-anqas spejjeż possibbli u li huwa meħtieġ partikolarment għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji li jarmu ħafna $CO_2$; jemmen li jista' jikkontribwixxi wkoll għad-diversità u s-sigurtà tal-provvisti tal-enerġija filwaqt li jżomm u joħloq opportunitajiet ta' xogħol; jafferma l-bżonn urġenti li tkun żviluppata firxa ta' katina sħiħa ta' proġetti ewlenin tas-CCS sabiex jiġu identifikati l-aqwa u l-aktar soluzzjonijiet ekonomikament vantaġġużi, u jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi għanijiet biex jintlaħaq dan l-objettiv; japprezza li, minħabba l-investiment sostanzjali neċessarju, jinħtieġu strumenti addizzjonali għas-sistema għan-negozjar ta' emissjonijiet (ETS) tal-UE biex titheġġeġ ir-riċerka u l-applikazzjoni teknika u sikura tas-CCS;

2. Jemmen li minkejja li s-CCS jista' joffri parti mis-soluzzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet sabiex jiġu limitati l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, ikun aħjar jekk l-Istati Membri jirnexxielhom jilħqu dawn l-għanijiet mingħajr l-użu tas-CCS;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi t-tħaddim tas-CCS mhux biss b'rabta mal-ġenerazzjoni tal-enerġija tal-faħam u l-gass iżda b'rabta wkoll ma' firxa ta' setturi industrijali bħall-kimiċi, il-metallurġija, il-ħadid u l-azzar, is-siment u r-raffineriji; jinsisti li l-Kummissjoni għandha tindirizza l-kwistjoni tat-tnedija tas-CCS fi ħdan il-qafas tal-klima u l-enerġija 2030, u għandha tressaq proposti għall-promozzjoni tal-kostruzzjoni bikrija ta' proġetti ewlenin tas-CCS;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri b'effetti mifruxa biex iħeġġu l-kooperazzjoni internazzjonali u biex jippromwovu l-użu tat-teknoloġiji li jtaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima, sabiex jiggwidaw lill-ekonomiji li qed jespandu fid-direzzjoni ta' alternattivi ta' żvilupp, li jinkludu pereżempju s-CCS, b'livell baxx ta' karbnonju;

5. Jemmen li l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Azzar għandu jagħmel referenza speċifika għall-ħtieġa li jiġu żviluppati proġetti ewlenin tas-CCS f'dan is-settur;

***Ir-rwol prinċipali tal-Istati Membri***

6. Jirrikonoxxi li t-tħaddim tas-CCS ma jistax isir mingħajr l-appoġġ mill-Istati Membri u investituri privati, u li l-Membri għandhom dritt assolut u sovran biex jinkoraġġixxu jew jipprevjenu l-applikazzjoni tiegħu; jinnota li filwaqt li ċerti Stati Membri indikaw li ma jistennewx li s-CCS jintuża fl-istrateġiji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tagħhom, dan m'għandux jiskoraġġixxi inizjattivi minn dawk li jikkunsidraw li t-teknoloġija jista' jkollha rwol effettiv fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju;

7. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-Parlament sejjaħ għal leġiżlazzjoni li teżiġi li kull Stat Membru jipproduċi strateġija għal livell baxx ta' karbonju sal-2050; jissuġġerixxi li dawn il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali għandhom ikunu aġġornati kull ħames snin; jistenna li jindikaw jekk u kif is-CCS għandu jintuża mill-Istati Membri kkonċernati;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jħejju u jippubblikaw pjanijiet direzzjonali nazzjonali lejn livell baxx ta' karbonju qabel il-konferenza tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fl-2015;

9. Jenfasizza li, fl-assenza ta' prezz għoli tal-karbonju, l-Istati Membri li jixtiequ jipprovmovu t-tħaddim tas-CCS għandhom ir-rwol prinċipali li jipprovdu flussi ta' dħul trasparenti u tali appoġġ finanzjarju ieħor skont kif ikun meħtieġ biex jassiguraw il-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' proġetti ewlenin, filwaqt li jippermettu lill-operaturi li jaffaċċjaw spejjeż għoljin tal-innovatur biex jassiguraw ritorn fuq l-investiment tagħhom; jinnota li jistgħu jinħtieġu arranġamenti regolatorji xierqa jekk is-CCS għandu jitħaddem fuq bazi kummerċjali; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jintlaħqu l-istandards tas-sigurtà ambjentali;

***Ir-regolament u l-iffinanzjar tal-UE***

10. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra l-ħolqien ta' fond ta' investiment għall-innovazzjoni industrijali tal-UE sabiex tappoġġja l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima, inkluż il-proġetti ewlenin tas-CCS, teknoloġiji innovattivi oħra b'livell baxx ta' karbonju, u miżuri sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn industriji intensivi fl-enerġija u l-proċessi tagħhom; jissuġġerixxi li dan ikun iffinanzjat mill-bejgħ tal-kwoti mill-ETS tal-UE; jenfasizza li dan m'għandux iwassal għal domanda ġdida fuq il-baġit tal-UE; jirrikonoxxi li fit-tfassil tal-parametri għall-użu ta' tali fondi għandhom jiġu kkunsidrati l-lezzjonijiet meħuda mil-limitazzjonijiet u n-nuqqas ta' flessibbiltà tal-mekkaniżmu ta' finanzjament eżistenti tan-NER300;

11. Jemmen li l-istrateġiji u l-politiki tas-CCS għandhom jitfasslu biss abbażi ta' evidenza soda tal-impatt pożittiv li se jkollhom fuq l-ambjent, fuq l-istabbiltà tal-industrija tal-UE, fuq l-impjiegi fl-UE u fuq l-affordabilità tal-prezzijiet tal-enerġija għall-pubbliku u għall-industrija;

12. Jemmen li l-appoġġ għas-CCS fuq terminu itwal għandu prinċipalment jiġi minn sinjal tal-prezz tas-$CO_2$ xieraq; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tiffaċilita d-dibattitu dwar l-għażliet possibbli biex tagħmel analiżi tas-sistemi li jeħtieġu x-xiri taċ-ċertifikati tas-CCS li jixhdu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ evitati, permezz ta' ħżin jew trattament, proporzjonalment mas-$CO_2$ li jifforma parti mill-karburanti fossili mqiegħda fis-suq;

13. Jitlob lill-Kummissjoni tipprepara linji gwida għall-Istati Membri fir-rigward tal-bosta mekkaniżmi finanzjarji u oħrajn li jistgħu jużaw biex jappoġġjaw u jinċentivaw l-iżvilupp tas-CCS, u biex ikollhom aċċess għall-fondi ta' appoġġ fi ħdan il-baġit tal-UE;

14. Jinnota d-deċiżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment li jipprojbixxi s-self għall-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija bil-faħam li jarmu aktar minn 550 g $CO_2$/kWh; jenfasizza li mingħajr appoġġ finanzjarju biex jiġu żviluppati s-CCS, huwa importanti li jkun hemm introduzzjoni ta' standards strinġenti ta' rendiment għall-emissjonijiet;

15. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra kif jista' jsir użu mill-Fond għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar tal-UE biex tappoġġja d-dimostrazzjoni prekummerċjali tas-CCS f'dawn is-setturi industrijali;

16. Japprezza l-inkoraġġiment mogħti mill-gvern Norveġiż għal proġetti tas-CCS fl-UE u jesprimi x-xewqa li fin-negozjar tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, issir talba għall-appoġġ finanzjarju għall-proġetti ewlenin tas-CCS;

17. Jitlob li l-Kummissjoni tivvaluta l-benefiċċji tal-adozzjoni u l-iżvilupp tal-proġett pilota tas-CCS ta' Ciuden, fi Spanja, li rċieva madwar EUR 100 miljun bħala appoġġ finanzjarju minn sorsi tal-UE, bħala faċilità Ewropea għall-ittestjar tat-teknoloġiji tal-qbid u l-ħżin tas-$CO_2$ intern;

***It-trasport u s-siti għall-ħżin***

18. Jirrikonoxxi li jista' jsir iffrankar finanzjarju sinifikanti jekk jiġu stabbiliti gruppi ta' installazzjonijiet industrijali ta' CCS moqdija mill-istess pipelines jew sistemi oħra tat-trasport tas-$CO_2$; jissuġġerixxi li l-operaturi tal-impjanti ma jistgħux ikunu mistennija li jqisu r-rekwiżiti futuri ta' installazzjonijiet oħra, u li investimenti prinċipali bħal trunk pipelines li eventwalment għandhom l-għan li jġorru s-$CO_2$ minn diversi sorsi jistgħu jkunu żviluppati permezz ta' sħubiji bejn is-settur pubbliku u dak privat; jenfasizza li l-Istati Membri li qed ifittxu t-tħaddim tas-CCS jista' jkollhom rwol dirett sabiex jiżguraw il-provvediment ta' trasport tas-CCS u jiddeterminaw id-disponibbiltà ta' infrastruttura ta' ħżin;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

19. Jitlob kooperazzjoni eqreb mal-Istati Uniti u l-Kanada, fil-forma ta' skambju ta' kompetenzi u l-aħjar prattiki fid-dawl tal-attivitajiet imwettqa fir-rigward tas-CCS fil-kuntest tad-Djalogu Bilaterali bejn il-Kanada u l-Istati Uniti dwar l-enerġija nadifa;

20. Jinsisti li teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju għandhom jitqiesu bħala komplementari u mhux bħallikieku qed jikkompetu ma' xulxin; jenfasizza l-fatt li kemm l-enerġija rinnovabbli kif ukoll is-CCS għandhom rwol fil-futur tat-taħlita tal-enerġija tal-UE u li s-CCS m'għandux isir għad-detriment biex jintlaħaq l-għan obbligatorju tal-UE fir-rigward tal-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli; jitlob li l-miżuri jippromwovu l-użu taż-żewġ teknoloġiji proposti fi ħdan il-qafas dwar il-klima u l-enerġija 2030;

21. Jinnota li l-ġeoloġija tal-Ewropa tista' tipprovdi abbundanza ta' siti potenzjali għas-sekwestru permanenti ta' kwantitajiet kbar ta' $CO_2$, partikolarment taħt il-Baħar tat-Tramuntana 'l bogħod mill-abitazzjoni mill-bniedem; jappoġġja l-miżuri u l-finanzjament mill-UE sabiex tiġi stabbilita definizzjoni komuni tal-karattru ta' sit ta' ħżin, jiġu identifikati l-postijiet ta' ħżin xierqa fl-Ewropa, jiġu żviluppati l-proġetti pilota u jkunu ppreparati s-siti ta' ħżin fuq skala kummerċjali fit-teritorju ta' Stati Membri li jagħtu l-appoġġ tagħhom;

22. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-produzzjoni ta' atlas Ewropew ta' siti ta' ħżin potenzjali tas-$CO_2$;

23. Jirrikonoxxi li l-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Londra ġie emendat b'mod li m'għadx għandu bżonn jipprovdi barriera għat-trasportazzjoni transkonfinali tas-$CO_2$ għas-sekwestru; jinnota, madankollu, li r-ratifika ta' din il-bidla tista' tieħu ħafna snin; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara jekk hemmx ċirkustanzi fejn tippermetti t-trasferiment transkonfinali tas-$CO_2$ qabel ir-ratifika tal-Protokoll;

***Ir-responsabbiltajiet tal-ħżin***

24. Jinnota t-tħassib ta' xi żviluppaturi potenzjali tas-CCS li r-rekwiżiti u l-obbligazzjonijiet imposti fuqhom għall-ħżin ġeoloġiku tas-$CO_2$ f'siti approvati minn Stati Membri m'humiex ikkwantifikati u huma eċċessivi; ifakkar, madankollu, ir-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-ħżin tas-$CO_2$ stabbiliti fid-Direttiva dwar il-ħżin ġeoloġiku tas-$CO_2$ (id-Direttiva tas-CCS) u l-obbligi tad-detenturi ta' permess tal-ħżin.

25. Jaċċetta bis-sħiħ li kwalunkwe rilaxx aċċidentali tas-$CO_2$ minn sit ta' ħżin għandu jkun evitat u li l-integrità ambjentali tal-proġett għandha tkun protetta skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva tas-CCS; jistieden lill-Kummissjoni toffri gwida fir-rigward tal-livell sa fejn id-dettalji tal-arranġamenti ta' konformità għandhom ikunu ddeterminati minn qabel permezz ta' negozjati bejn l-operaturi potenzjali u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati;

26. Jinnota li d-Direttiva tas-CCS tagħti lill-Istati Membri flessibbiltà wiesgħa sabiex jiddeterminaw is-sigurtà finanzjarja li għandha tkun ipprovduta mill-operaturi tas-CCS u l-perjodu li qablu r-responsabbiltà għal sit ta' ħżin magħluq tiġi ttrasferita lill-awtorità kompetenti; jissuġġerixxi li l-Istati Membri li qed ifittxu li jippromwovu l-iżvilupp tas-CCS irid ikollhom rwol intraprenditorjali akbar u jaċċettaw sehem akbar tar-responsabbiltajiet milli huwa mifhum bħalissa;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-dokumenti ta' gwida tagħha dwar id-Direttiva CCS sabiex jiġu ċċarati dawn il-punti;

28. Jissuġġerixxi li r-rekwiżit tad-Direttiva tas-CCS, li f'każ ta' rilaxx ta' $CO_2$ l-operaturi għandhom iċedu l-kwoti, ma jqisx l-isforzi ta' rimedji għalja meħtieġa; jibża' li dan l-obbligu jpoġġi ostakolu ieħor fit-triq għall-iżvilupp tas-CCS; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipproponi reviżjoni għall-evalwazzjoni tagħha tad-Direttiva tas-CCS;

***Status ta' tlestija ta' qbid u ħżin***

29. Jinsisti li mhuwiex aktar aċċettabbli li jsir investiment f'impjanti tal-enerġija jew installazzjonijiet industrijali li għandhom il-probabbiltà li jarmu kwantitajiet kbar ta' $CO_2$ mingħajr ma jitqies il-mod ta' kif dan jista' jitnaqqas fil-futur;

30. Jenfasizza li, skont stħarriġ tal-Ewrobarometru, il-popolazzjoni Ewropea għadha ftit li xejn konxja dwar is-CCS, iżda li dawk li huma infurmati x'aktarx li jappoġġjawha; Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-komunikazzjoni sabiex iqajmu kuxjenza pubblika dwar is-CCS, u jemmen li għarfien usa' tas-CCS huwa kruċjali għall-aċċettazzjoni pubblika, u għaldaqstant għall-implimentazzjoni tas-CCS;

31. Jinnota li l-Istati Membri huma awtorizzati li jevalwaw b'modi differenti d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tas-CCS li jirrikjedu evalwazzjoni tal-kapaċità tal-qbid, it-trasport u l-ħżin u li dan għandu jsir qabel ma jiġu mogħtija l-liċenzji ta' operazzjoni għall-impjanti tal-enerġija;

32. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tissuġġerixxi li tista' tkun kundizzjoni tal-kostruzzjoni, fl-Istati Membri li jkunu ddeċidew li jagħmlu użu mit-teknoloġija tas-CCS, li jkun hemm preparazzjoni adegwata għall-implimentazzjoni tas-CCS, jew għal miżuri oħra biex inaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'mod sinifikanti, għall-impjanti tal-enerġija b'karburanti fossili ġodda kollha u installazzjonijiet industrijali b'emissjonijiet għolja ta' daqs miftiehem, minbarra f'każi fejn hemm tnaqqis tad-domanda għall-elettriku l-aktar intensiva jew meta Stat Membru huwa konformi ma' rekwiżit leġiżlattiv li jippubblika pjan direzzjonali li jindika kif se jilħaq l-għanijiet ta' tnaqqis tas-$CO_2$ sal-2050 mingħajr l-użu tas-CCS;

33. Jitlob lill-Kummissjoni tanalizza u tippreżenta rapport dwar il-livell ta' CCS li jkun jinħtieġ li jintuża sa ċerti dati ewlenin, pereżempju l-2030, sabiex is-CCS jagħti kontribut sinifikanti lill-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-2050;

### *Il-qbid u l-użu tal-karbonju*

34. Jilqa' l-inizjattivi varji biex isir użu tas-$CO_2$ b'modi li jitnaqqsu l-emissjonijiet globali fl-atmosfera u li jinħolqu prodotti alternattivi bħall-karburanti sostenibbli għat-trasport; jitlob, b'mod partikolari lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti tevalwa l-potenzjal għall-użu sikur ta' $CO_2$ biex jitjieb l-irkupru taż-żejt u l-gass fl-UE;

o

o o

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0010

# Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 – Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21 (2013/2061(INI))**

(2016/C 482/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2012 intitolata "Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 – Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21" (COM(2012)0736),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-30 ta' April 2004 bit-titolu ("Is-Saħħa elettronika – intejbu l-kura tas-saħħa għaċ-ċittadini Ewropej: pjan ta' azzjoni għal Żona Ewropea ta' Saħħa Elettronika") (COM(2004)0356),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 dwar l-interoperabbiltà transkonfinali tas-sistemi tar-rekords elettroniċi tas-saħħa (2008/594/KE),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2008 bit-titolu 'It-telemediċina għall-benefiċċju tal-pazjenti, tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tas-soċjetà (COM(2008)0689),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura transkonfinali,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar l-Istrateġiji tas-Saħħa Elettronika tal-Kummissjoni ta' Jannar 2011 intitolat "European countries on their journey towards national eHealth infrastructures" (Il-pajjiżi Ewropej fi triqithom lejn infrastrutturi nazzjonali tas-saħħa elettronika) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0443/2013),

A. billi l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa universali ta' kwalità għolja hu rikonoxxut internazzjonalment – speċjalment fl-UE – bħala dritt fundamentali;

B. billi l-aċċess għal sistema tal-kura tas-saħħa f'ħafna każijiet hu ristrett minħabba limitazzjonijiet finanzjarji jew reġjonali (pereżempju f'żoni b'densità ta' popolazzjoni baxxa), u s-sistemi tas-Saħħa elettronika jistgħu jiżvolġu rwol importanti fit-titjib dawn l-inugwaljanzi tas-saħħa;

C. billi l-fiduċja tal-pazjenti fis-servizzi tal-kura tas-saħħa pprovduta lilhom hija kruċjali bil-għan li tiġi żgurata kura tas-saħħa ta' kwalità għolja;

D. billi l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-azzjoni tal-Unjoni jeħtieġ li tikkumplementa l-politiki nazzjonali u tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tal-kundizzjonijiet u l-mard fiżiċi u mentali u tbiegħed is-sorsi ta' periklu għas-saħħa fiżika u mentali;

E. billi, għaldaqstant, l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-Saħħa elettronika tikkonsisti f'għajnuna lill-awtoritajiet kompetenti kollha fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew statali sabiex dawn jikkoordinaw l-isforzi tagħhom fil-livell nazzjonali u transkonfinali u appoġġ għall-azzjonijiet tagħhom fl-oqsma fejn l-intervent tal-UE jista' jagħti valur miżjud, bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini;

F. billi l-kriżi ekonomika timplika tnaqqis fil-baġits nazzjonali tal-kura tas-saħħa, li jimplika li għandhom jinstabu soluzzjonijiet biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħhom;

---

([1]) http://www.ehealth-strategies.eu/report/eHealth_Strategies_Final_Report_Web.pdf

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

G. billi s-Saħħa elettronika għandha tkun mezz kost-effettiv u effiċjenti kif tingħata kura tas-saħħa lill-pazjenti filwaqt li timmira li tnaqqas l-ispejjeż mediċi tagħhom mingħajr ma tpoġġi piż żejjed fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali attwali;

H. billi l-inugwaljanzi li jirriżultaw minħabba d-distakk diġitali se jestendu għal inugwaljanzi tal-kura tas-saħħa jekk l-aċċess għall-konnessjonijiet tal-internet b'veloċità għolja ma jittejjibx huma u jitkabbru s-servizzi tas-Saħħa elettronika;

I. billi l-approċċi organizzattivi u kulturali fir-rigward ta' kif tingħata l-kura tas-saħħa bejn Stat Membru u ieħor ivarjaw, u dan hu element b'valur sinifikanti, b'mod partikolari fl-inkoraġġiment tal-innovazzjoni;

J. billi qed niffaċċjaw tħassib multiplu dwar is-saħħa transkonfinali;

K. billi qed tiżdied il-mobilità tal-pubbliku ġenerali fi ħdan is-sistemi tal-kura tas-saħħa ta' pajjiżhom, u billi issa huwa iktar komuni li xi pazjenti jagħmlu trattamenti mediċi barra mill-pajjiż ta' residenza tagħhom;

L. billi l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali jistipula li azzjoni tal-Unjoni m'għandhiex taffettwa l-liġijiet u r-regolamenti fl-Istati Membri dwar l-użu tal-lingwi;

M. billi ftit hemm benefiċċju għall-pazjenti li joqogħdu jirrepetu testijiet kliniċi bla bżonn meta r-riżultati tagħhom diġà jeżistu fir-rekords mediċi tagħhom u jistgħu jiġu aċċessati minn professjonisti tal-kura tas-saħħa li jitrattawhom f'postijiet oħra;

N. billi t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni żviluppaw sa livell għaldaqstant avvanzat li jistgħu jintużaw fis-sistemi tas-Saħħa elettronika, u diġà jeżistru esperjenzi pożittivi ta' dan f'diversi Stati Membri u f'pajjiżi madwar id-dinja, u dan jinvolvu diversi benefiċċji fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari bħala mezz biex tissaħħaħ is-sikurezza tal-pazjenti, jiġi faċilitat approċċ olistiku għall-kura tal-pazjenti, jitrawwem l-iżvilupp tal-mediċina personalizzata u tiżdied l-effiċjenza – u għaldaqstant is-sostenibilità – tas-sistemi tal-kura tas-saħħa;

O. billi madankollu, huwa meħtieġ aktar investiment fir-riċerka, l-iżvilupp, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ biex jiġi żgurat li s-sistemi tas-Saħħa elettronika (inklużi l-applikazzjonijiet tal-mowbajl) iwasslu għal riżultati pożittivi;

P. billi jeħtieġ li jkun hemm kollaborazzjoni bejn l-ispeċjalisti tal-ICTs, il-konsumaturi, il-pazjenti, il-persuni li jindukraw b'mod informali, u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa b'mod ġenerali – u t-tobba b'mod partikolari – u l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika biex jaħdmu flimkien f'dan il-qasam;

Q. billi inizjattivi u proġetti tas-saħħa elettronika ta' suċċess bħall-epSOS jew l-inizjattiva tal-Bniedem Fiżjoloġiku Virtwali ("Virtual Physiological Human initiative") urew il-valur kbir tas-soluzzjonijiet tas-Saħħa elettronika;

R. billi għandha tingħata importanza lill-bażijiet tad-dejta (bħall-cloud computing) u lill-kwistjoni ta' fejn u kif se jinżammu, u billi s-sigurtà ta' bażijiet tad-dejta ta' dan it-tip għandha tkun prijorità;

S. billi għandha tingħata prijorità lil kunsiderazzjonijiet legali u tal-protezzjoni tad-dejta relatati mas-Saħħa elettronika, u minħabba li d-dejta dwar is-saħħa tal-pazjenti hi ta' natura estremament sensittiva, jeħtieġ li l-protezzjoni tad-dejta tiġi bbilanċjata mal-aċċess għad-dejta u li jkun hemm ċarezza rigward ir-responsabilità;

T. billi hemm ħtieġa ta' oqfsa regolatorji rigward is-Saħħa elettronika fl-Istati Membri kollha;

U. billi huma meħtieġa linji gwida tal-UE għall-professjonisti tas-saħħa dwar kif jużaw id-dejta tal-pazjenti b'mod korrett;

V. billi jeħtieġ li jitrawwem l-użu ta' standards mal-UE kollha fit-tfassil tas-sistemi tas-Saħħa elettronika, u li dawn tal-aħħar ikunu interoperabbli fid-diversi Stati Membri biex tkun żgurata l-effikaċja tagħhom fuq skala Ewropea u transkonfinali, filwaqt li jkun żgurat ukoll li l-azzjonijiet ta' standardizzazzjoni jfittxu biss li jiżguraw l-interoperabilità u ma jirriżultawx f'sitwazzjoni fejn parti waħda jkollha pożizzjoni monopolistika;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

W. billi mhux iċ-ċittadini u l-professjonisti fis-settur tas-saħħa kollha għandhom l-opportunità li jużaw għodod tal-IT jew il-ħiliet meħtieġa biex jibbenefikaw mis-servizzi tas-Saħħa elettronika;

X. billi, b'konsegwenza, u biex jipprovdu lill-atturi kollha bl-għarfien u bil-ħiliet meħtieġa biex jinvolvu rwieħhom fis-Saħħa elettronika,

— il-professjonisti involuti fil-kura tas-saħħa għandhom jingħataw taħriġ vokazzjonali (inkluż bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwi tagħhom) fl-użu tal-ICTs applikati fis-sistemi tal-kura tas-saħħa, u,

— il-pazjenti u dawk li jindukraw informalment għandhom jiġu provduti b'assistenza fl-użu tal-ICTs applikati fis-sistemi tal-kura tas-saħħa;

Y. billi, minħabba l-istennija tal-għomor itwal u s-sensittività tal-ġeneru ta' ċertu mard, in-nisa jintlaqtu minn mard kroniku u diżabilitanti b'rata ogħla mill-irġiel;

Z. billi l-pazjenti b'mard kroniku jeħtieġu approċċ multidixxiplinari;

AA. billi s-soluzzjonijiet tas-Saħħa elettronika għandhom il-potenzjal li jżidu l-benesseri tal-pazjenti – speċjalment kroniċi – għax huwa iktar faċli li tingħatalhom il-kura fid-dar;

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020: Kura tas-saħħa innovattiva għas-seklu 21, li taġġorna l-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika adottat fl-2004 billi tistabbilixxi aktar azzjonijiet, speċjalment fir-rigward tat-titjib tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa, it-tnaqqis tal-ispejjeż tas-saħħa u billi tiżgura aktar ugwaljanza fost iċ-ċittadini Ewropej; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli taħdem lejn l-adozzjoni kompluta tas-Saħħa elettronika fl-UE kollha;

2. Iqis li, bin-nuqqasijiet kollha tagħha, is-Saħħa elettronika għandha potenzjal kbir u tista' tkun ta' benefiċċju għall-professjonisti involuti fil-kura tas-saħħa, il-pazjenti u dawk li jindokraw informalment u l-awtoritajiet kompetenti nfushom;

3. Jindika l-possibilitajiet ta' applikazzjonijiet tas-Saħħa elettronika li jippermettu politiki tal-kura tas-saħħa deċentralizzati f'livell reġjonali jew lokali, u biex jadattaw il-politiki tal-kura tas-saħħa għall-ħtiġijiet u d-differenzi lokali;

4. Iqis li l-provvediment tal-għodod meħtieġa għall-użu ta' dejta pubblika f'ħin reali se jiffaċilita komprensjoni aqwa tar-riskji u l-benefiċċji, it-tbassir ta' avvenimenti negattivi u titjib fl-effiċjenza tal-valutazzjonijiet tat-teknoloġiji tas-saħħa;

5. Jenfasizza li l-applikazzjonijiet tas-Saħħa elettronika jridu jkunu aċċessibbli għal kulħadd u li, fl-iżvilupp ta' kwalunkwe prodott jew applikazzjoni ta' software, l-aċċessibilità għandha tkun kondizzjoni mandatarja, biex tiġi prevenuta kwalunkwe inugwaljanza rigward l-aċċess;

6. Jirrakkomanda li jittieħdu l-passi meħtieġa biex jingħalaq id-distakk diġitali bejn ir-reġjuni differenti tal-Istati Membri u biex ikun żgurat li l-aċċess għas-servizzi tas-Saħħa elettronika u l-użu tagħhom ma jsirx għajn ta' inugwaljanza soċjali jew territorjali, biex huma jibbenefikaw b'mod indaqs liċ-ċittadini kollha tal-UE, jilħqu pazjenti li mhumiex familjari mat-teknoloġiji tal-ICT kif ukoll dawk li altrimenti jkunu esklużi jew mhux moqdija biżżejjed mis-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa.

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aċċess indaqs għan-nisa fil-qasam tas-Saħħa elettronika, mhux biss bħala pazjenti iżda wkoll bħala dawk li jindukraw (professjonali u mhumiex), bħala speċjalisti tal-ICT u bħala dawk li jfasslu l-politiki; jenfasizza l-fatt li n-nisa huma involuti fil-livelli kollha tas-settur tas-saħħa tul ħajjithom kollha;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ u tippromwovi s-servizzi tas-saħħa elettronika mfassla għal dawk li jindokraw lill-oħrajn (b'mod informali) fil-familja, sabiex jingħataw appoġġ fil-kompiti tagħhom ta' indokrar li sikwit ikunu tqal u sabiex ikunu jistgħu joffru l-aħjar kura possibbli;

9. Jindika li l-adozzjoni ta' 'kultura ta' Saħħa elettronika' mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa hija importantissma, bħalma hu importanti l-ħolqien tal-kundizzjonijiet li jwasslu biex il-pazjenti jingħataw setgħa ta' azzjoni u jkollhom fiduċja fis-Saħħa elettronika;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

10. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tat-tisħiħ tar-rwol tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, u tal-pazjenti u organizzazzjonijiet tal-pazjenti, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tas-Saħħa elettronika;

11. Jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jkun żgurat li l-pazjenti jkollhom il-possibilità li jikkonsultaw u jużaw informazzjoni li tikkonċerna lil saħħithom, u jitlob, għaldaqstant lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-pazjenti jkunu litterati fis-saħħa biex jingħata lok għal implimentazzjoni effettiva tal-għodod tas-Saħħa elettronika;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-kompetenza diġitali u lit-taħriġ tekniku biex jiġi żgurat li l-għodod tas-Saħħa elettronika, b'mod speċjali t-telemediċina, ikunu ġenwinament effettivi u aċċessibbli għall-popolazzjoni kollha kemm hi;

13. Iqis b'dispjaċir, speċjalment fid-dawl tal-kriżi tal-kompetittività attwali fl-Unjoni, it-tnaqqis propost għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-broadband u s-servizzi diġitali; jittama li l-finanzjament għal dan il-qasam fl-ambitu tal-inizjattiva Orizzont 2020 jinżamm; iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jagħmlu użu effettiv mill-fondi tal-UE għall-finanzjament tas-Saħħa elettronika, mingħajr ma jnaqqsu l-fondi għas-servizzi tas-saħħa tradizzjonali jew jagħlqu sptarijiet tal-komunità, pereżempju, u jaqsmu bejniethom l-għarfien dwar is-saħħa;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu r-riżorsi ekonomiċi, umani u materjali meħtieġa biex jiżguraw li l-aċċess u l-użu tas-servizzi tas-Saħħa elettronika ma jżidux l-inugwaljanzi territorjali fl-aċċess għas-servizzi tal-ICT eżistenti.

15. Iħeġġeġ b'mod partikolari lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-fondi strutturali tal-UE biex itejbu l-konnettività tal-internet u jnaqqsu d-distakk diġitali;

16. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa dawn l-isforzi permezz tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, tiffaċilita l-użu ta' dawn il-fondi għal dan l-iskop, filwaqt li tipprovdi linji gwida ċari dwar il-finanzjament biex b'mod dirett tappoġġa s-setturi tal-ICT u tas-saħħa, u biex tinvolvi ruħha aktar mal-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet biex tħeġġeġ l-immappjar tal-broadband.

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw għodod ġodda tas-Saħħa elettronika li jkunu aċċessibbli u faċli biex jintużaw għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi soluzzjonijiet tas-Saħħa elettronika għan-nisa iżolati, mhux biss dawk li jgħixu f'żoni remoti iżda wkoll nisa li ma joħorġux minn djarhom li m'għandhomx il-mobilità meħtieġa u/jew netwerk ta' appoġġ (soċjali) għas-sostenn tas-saħħa u l-benessri tagħhom;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu rwol ewlieni f'li jgħaqqdu flimkien il-partijiet interessati differenti biex jaqsmu l-esperjenzi u l-aħjar prattiki;

20. Jitlob, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, biex tiġi stabbilita pjattaforma għall-kollaborazzjoni fir-riċerka bejn il-pazjenti, l-akkademja, l-industrija u l-professjonisti sabiex jiġi żgurat it-twassil ta' politika tas-Saħħa elettronika effettiva u li tinkludi kollox.

21. Jindika li l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet tas-Saħħa elettronika, inklużi l-użu u l-użu mill-ġdid tad-dejta tas-saħħa, jeħtieġ miżuri dwar il-kunfidenzjalità, il-protezzjoni tad-dejta, ir-responsabilità u r-rimborż biex ikun żgurat li dejta sensittiva tiġi mħarsa mill-hacking, bejgħ illegali tad-dejta u forom oħra ta' abbuż; jilqa', f'dan ir-rigward, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għal studju fir-rigward tal-aspetti legali tas-servizzi tas-Saħħa elettronika;

22. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippreżentaw linji gwida u proposti leġiżlattivi li jindirizzaw il-lakuni ġuridiċi li jeżistu attwalment, b'mod partikolari fil-qasam tar-responsabilitajiet u l-obbligazzjoni, u biex tkun żgurata applikazzjoni effettiva tas-sistema tas-Saħħa elettronika fl-UE;

23. Iħeġġeġ b'mod partikolari lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipproċedu bil-linji gwida u l-leġiżlazzjoni dwar il-kunsiderazzjonijiet legali u tal-protezzjoni tad-dejta relatati mas-Saħħa elettronika, b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni li tippermetti l-kondiviżjoni, l-ipproċessar u l-analiżi sikuri tad-dejta, biex ikun hemm bilanċ bejn il-protezzjoni tad-dejta u l-aċċess għaliha.

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw governanza tajba fl-operazzjonijiet relatati mal-informazzjoni dwar is-saħħa fuq l-internet;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

25. Jenfasizza l-ħtieġa li t-tobba, professjonisti oħra involuti fil-kura tas-saħħa, il-pazjenti u dawk li jindokraw informalment jiġu provduti b'assistenza u taħriġ kontinwu u speċjalizzat fis-Saħħa elettronika biex jgħinuhom jiżviluppaw il-litteriżmu diġitali tagħhom u jagħmlu l-akbar użu mis-servizzi tal-Saħħa elettronika mingħajr ma jżidu l-inugwaljanzi soċjali jew territorjali;

26. Jemmen li l-assistenza u t-taħriġ għandhom jipprijoritizzaw

1) it-taħriġ fl-użu ta' strumenti tal-IT u t-taħriġ fis-saħħa diġitali, filwaqt li l-ħiliet relevanti għal professjonisti tas-saħħa jiġu aġġornati; għal dan l-għan, l-istudenti u l-professjonisti ġodda għandhom jingħataw kurrikuli aġġornati dwar is-Saħħa elettronika;

2) fil-livell nazzjonali u transkonfinali, il-litteriżmu fl-IT u s-sensibilizzazzjoni tas-servizzi tas-Saħħa elettronika għall-pazjenti.

27. Jirrakkomanda li jitqiesu l-fehmiet tat-tobba u ta' professjonisti oħra involuti fil-kura tas-saħħa, flimkien ma' dawk tal-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, mhux biss fl-iżvilupp tal-applikazzjonijiet tas-Saħħa elettronika iżda wkoll fl-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom;

28. Jenfasizza l-importanza li tinżamm dimensjoni umana fil-kura tas-saħħa, speċjalment fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ u li għalhekk qed isir kulma jmur aktar diffiċli li ssir distinzjoni bejn l-aspetti mediċi u dawk soċjali; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li t-teknoloġiji tas-Saħħa elettronika ma jsirux sostitut għar-relazzjoni ta' fiduċja bejn il-pazjenti u l-professjonisti tal-kura (tas-saħħa) tagħhom;

29. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħmlu kampanji ta' qawmien ta' kuxjenza u taħriġ dwar il-litteriżmu fl-IT (li jqisu l-inugwaljanzi soċjali u territorjali) biex jindirizzaw in-nuqqas ta' għarfien u fiduċja fost il-pazjenti, il-pubbliku ġenerali u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa; jemmen li dawn il-kampanji jridu jkunu mfassla biex ikunu adatti għall-gruppi soċjali li jkunu qed jindirizzaw, għax hu kruċjali li ċ-ċittadini jinżammu infurmati u jipparteċipaw attivament fl-iżvilupp effettiv ta' mudelli ġodda ta' servizzi tal-kura tas-saħħa;

30. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni fil-qasam tas-Saħħa elettronika fil-livell nazzjonali, reġjonali u transkonfinali, b'tali mod li l-pajjiżi l-aktar avvanzati f'dan il-qasam jgħaddu l-għarfien tagħhom lill-pajjiżi b'inqas esperjenza;

31. Jistieden lill-Istati Membri jaqsmu l-esperjenzi, l-għarfien u l-prattiki tajba tagħhom, u jikkollaboraw bejniethom, mal-Kummissjoni u l-partijiet interessati, biex tikber l-effikaċja tas-sistemi tas-Saħħa elettronika ffokati fuq il-pazjenti;

32. Jenfasizza li, għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkollaboraw permezz ta' pjattaformi elettroinċi li jippermettulhom li jaqsmu l-prattiki tajba dwar sistemi u soluzzjonijiet tas-Saħħa elettronika, u li kemm il-Kummissjoni u kemm l-Istati Membri t-tnejn għandhom jappoġġaw il-konnessjoni bejn il-proġetti differenti ta' Saħħa elettronika fl-UE;

33. Jenfasizza l-potenzjal tal-applikazzjonijiet għall-apparat tal-mowbajl għall-pazjenti, speċjalment għal dawk b'mard kroniku, u jħeġġeġ l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet utli u orjentati speċifikament fuq is-saħħa, b'kontenut medikament ivverifikat;

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq "pjan ta' azzjoni tas-Saħħa mobbli" għall-apparat tal-mowbajl, li għandu jinkludi linji gwida dwar is-sorveljanza tas-suq tal-applikazzjonijiet tas-Saħħa mobbli biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dejta u l-affidabilità tal-informazzjoni tas-saħħa pprovduta, u li dawn l-applikazzjonijiet jiġu żviluppati taħt skrutinju mediku xieraq;

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw standards dwar l-applikazzjonijiet għall-apparat tal-mowbajl relatati mas-saħħa biex tiġi żgurata l-eżattezza tal-informazzjoni trażmessa, u jiġi rimedjat in-nuqqas ta' ċarezza legali u trasparenza fl-użu tad-dejta miġbura minn applikazzjonijiet bħal dawn;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jaħdmu permezz ta' proġetti pilota, bħal epSOS u "Tiġdid tas-saħħa", u/jew l-inizjattiva tal-Bniedem Fiżjoloġiku Virtwali ("Virtual Physiological Human initiative") biex tiġi żviluppata l-interoperabilità pan-Ewropea, u biex ikomplu jiġu appoġġati soluzzjonijiet innovattivi għal kura ċċentrata fuq il-persuna, inkluż immudellar avvanzat u simulazzjonijiet, meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-mediċina li tbassar u tkun personalizzata;

37. Jisħaq li l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa taqa' fil-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri; iħeġġeġ, madankollu, lill-Kummissjoni tkompli taħdem mal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, il-partijiet interessati ewlenin oħra u l-awtoritajiet kompetenti meta tfassal l-oqsfa tal-politika tagħha u tindirizza l-prijoritajiet konfliġġenti fis-Saħħa elettronika, filwaqt li tiftakar li l-prijorità ewlenija hi l-aċċess tal-pazjenti għal sistema tal-kura tas-saħħa effettiva u bi prezz li jintlaħaq;

38. Jenfasizza li s-Saħħa elettronika toħloq impjiegi ġodda fil-mediċina, fir-riċerka u fis-servizzi relatati mas-saħħa, u, f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jagħmlu użu mill-fondi tal-UE biex jiffinanzjaw programmi għas-Saħħa elettronika u t-theddid transkonfinali għas-saħħa;

39. Jistieden lill-Istati Membri, minħabba li l-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika għandu l-għan li joħloq opportunitajiet ta' impjiegi ġodda fis-setturi tar-riċerka, is-saħħa, il-mediċina u l-ICT, jagħtu attenzjoni partikolari lill-bilanċ tal-ġeneri fl-edukazzjoni, it-taħriġ u r-reklutaġġ f'dawn is-setturi kollha;

40. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw mudelli ta' finanzjament sostenibbli għas-servizzi tas-Saħħa elettronika fil-baġits nazzjonali tas-saħħa, u biex jikkonsultaw ma' partijiet interessati oħra bħall-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa, l-istituzzjonijiet nazzjonali tas-saħħa, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti meta tagħmel dan;

41. Jenfasizza l-fatt li l-innovazzjonijiet fil-qasam tas-Saħħa elettronika joħolqu opportunitajiet kummerċjali u jikkontribwixxu għat-tkabbir fil-futur;

42. Jenfasizza li jeħtieġ tiżdied ir-riċerka fis-sistemi tas-Saħħa elettronika, iżda dan għandu jsir b'mod li n-nefqa fuq ir-riċerka ma jkollhiex impatt dirett fuq kemm jiswa s-servizz provdut;

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddedika riżorsi għas-Saħħa elettronika fi ħdan il-programmi futuri ta' qafas tar-riċerka u l-iżvilupp;

44. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi garantit appoġġ xieraq għall-SMEs, sabiex jiġi żgurat ambjent b'kundizzjonijiet ekwi fis-settur tas-Saħħa elettronika, tingħata spinta lill-aċċess tal-SMEs għas-suq f'dan il-qasam u jiġi żgurat li jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u territorjali;

45. Jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni tappoġġa u tiffaċilita l-proġetti tal-SMEs tas-Saħħa elettronika billi tistabbilixxi linji gwida dwar is-suq tas-Saħħa elettronika u ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-SMEs fuq in-naħa l-waħda, u l-partijiet interessati, il-korpi tar-riċerka u l-iskemi ta' assigurazzjoni tas-saħħa, fuq in-naħa l-oħra, biex toħloq innovazzjoni għall-fornituri tal-kura tas-saħħa.

46. Jenfasizza li fir-rigward tal-iżvilupp ta' għodod tal-ICT min-naħa tal-SMEs, hi meħtieġa t-trasparenza u l-kompetizzjoni biex ikunu żgurati prezzijiet li jintlaħqu għall-għodod tas-Saħħa elettronika.

47. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw standards tad-dejta għall-ġbir, il-kondiviżjoni u r-rappurtar dwar kwistjonijiet transkonfinali relatati mas-saħħa;

48. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien mal-pazjenti u ma' partijiet interessati relevanti oħra bl-għan li jidentifikaw għodod u mudelli tas-saħħa elettronika biex jappoġġaw l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/24/UE li jittratta l-iżvilupp tan-netwerks ta' referenza Ewropej bejn dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa u ċ-ċentri ta' għarfien espert;

49. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali, bl-għan li jiġi stabbilit netwerk tas-Saħħa elettronika;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tippermetti s-sħubija tal-awtoritajiet reġjonali kollha li huma kompetenti għall-applikazzjonijiet tas-Saħħa elettronika fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika stabbilit permezz tad-Direttiva 2011/24/UE;

51. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kodiċi ta' prattika etika għall-attivitajiet transkonfinali mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tas-sussidjarjetà;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

52. Jenfasizza li huwa essenzjali għall-pazjenti li jkunu jistgħu jaċċessaw id-dejta personali tas-saħħa tagħhom; jenfasizza li l-pazjenti, li jkunu taw il-kunsens tagħhom minn qabel għall-użu ta' din id-dejta, għandhom dejjem jiġu infurmati, b'mod ċar u trasparenti, dwar kif qed tiġi proċessata;

53. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw l-istandards dwar l-ipproċessar tad-dejta personali relatata mas-saħħa stabbiliti fil-proposta għal regolament dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u l-moviment liberu ta' din id-dejta, ladarba jidħol fis-seħħ;

54. Jindika l-ħtieġa li jintużaw standards internazzjonali kemm fl-immudellar tal-informazzjoni kif ukoll fl-iskambju tagħha fl-Istati Membri kollha, biex jiġu żviluppati kodiċijiet internazzjonali għall-professjonisti tas-Saħħa elettronika u jiġu armonizzati d-definizzjonijiet relevanti;

55. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-kollaborazzjoni internazzjonali li għaddejja bħalissa mal-WHO u l-OECD;

56. Jilqa' l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar is-Saħħa elettronika, ikkaratterizzata minn kollaborazzjoni kontinwa bħalma hi dik żviluppata fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil dwar il-kooperazzjoni rigward l-informazzjoni tas-saħħa u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, inklużi, b'mod partikolari, il-pjan direzzjonali tal-KE-HHS żviluppat b'mod konġunt għall-iżvilupp ta' standards ta' interoperabilità rikonoxxuti internazzjonalment u tl-ispeċifikazzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-interoperabilità għas-sistemi ta' informazzjoni tas-Saħħa elettronika;

57. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati l-istandardizzazzjoni teknika u l-interoperabilità ta' soluzzjonijiet li jiffunzjonaw bl-ICT u tal-iskambji tad-dejta fil-livelli kollha tas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej, filwaqt li jiġu żviluppati linji gwida għall-interoperabilità mal-UE kollha ta' dawn is-sistemi;

58. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-interoperabilità bejn l-applikazzjonijiet ta' software użati mill-pazjenti u mit-tobba, rispettivament, sabiex jinkisbu riżultati aħjar u tittejjeb il-komunikazzjoni;

59. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi Qafas ta' Interoperabbiltà dwar is-Saħħa elettronika sal-2015 u jqis li dan hu pass importanti ħafna lejn l-għoti ta' setgħa ta' azzjoni lill-pazjenti fis-Saħħa elettronika; iqis li hu importanti li f'dan il-Qafas jiġu inklużi l-ħolqien ta' rappurtar standardizzat għar-rekords mediċi kif ukoll appoġġ għall-iżvilupp ta' apparat mediku, inkluża karatteristika ta' ħażna elettronika awtomatika tar-rekords mediċi;

60. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-diversità kulturali u lingwistika tal-Unjoni Ewropea tiġi rispettata b'mod sħiħ fir-rigward tal-istandardizzazzjoni teknika u l-interoperabilità tas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej;

61. Jitlob biex jiġu żviluppati għodod tas-Saħħa elettronika mhux biss abbażi ta' kunsiderazzjonijiet teknoloġiċi u finanzjarji, iżda wkoll fuq l-effikaċja tagħhom u s-siwi tagħhom f'dak li hu titjib tar-riżultati tas-saħħa u l-kwalità tal-ħajja, u jenfasizza li l-għan ewlieni tal-iżvilupp ta' tali għodod għandu jkun l-aħjar interessi tal-pazjenti, inklużi l-anzjani u l-pazjenti b'diżabilità;

62. Jistieden lill-Istati Membri ħalli, meta meta jkunu qed jippromwovu l-pjan, jenfasizzaw l-importanza tal-bilanċ tal-ġeneri;

63. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu approċċ bilanċjat fir-rigward tal-ġeneri għall-kura tas-saħħa u l-mediċina u, waqt l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika, iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u l-bniet bħala benefiċjarji tal-kura tas-saħħa;

64. Jenfasizza l-importanza tal-istħarriġ globali fil-bini tal-evidenza fir-rigward tas-Saħħa elettronika;

65. Jirrakkomanda li l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), jiġbru data diżaggregata skont il-ġeneru dwar sejbiet inizjali rigward l-aċċessibilità u l-impatt ta' sistemi u għodda tas-Saħħa elettronika, u jitlob li jittieħdu passi għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tas-Saħħa elettronika;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

66. Ifakkar fil-ħtieġa li l-Pjan ta' Azzjoni futur dwar is-Saħħa elettronika jiżgura l-prinċipji ewlenin li ġejjin:

— li jiġi ottimizzat l-infiq fil-kura tas-saħħa fi żminijiet ta' kriżi ekonomika;

— li jissaħħu u jiġu promossi l-applikazzjonijiet u s-soluzzjonijiet għall-iżvilupp tas-suq;

— li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-kura tas-saħħa u tal-isptarijiet;

67. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika kull sentejn analiżi tal-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika fl-Istati Membri individwali, fejn turi kif din l-għodda ġiet immodifikata b'modi innovattivi sabiex tagħti liċ-ċittadini sistemi tal-kura tas-saħħa effiċjenti u, fid-dawl ta' dan, tistabbilixxi, fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni, indikaturi effettivi għall-kejl tal-progress u tal-impatt tal-azzjonijiet ippjanati, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lil diskriminazzjoni potenzjali jew inugwaljanzi fl-aċċess li jistgħu jaffettwaw lill-konsumaturi u lill-pazjenti.

68. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Istati Membri.

**It-Tlieta 14 ta’ Jannar 2014**

P7_TA(2014)0011

## Il-kriżi alimentari, il-frodi fil-katina alimentari u l-kontroll tagħha

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Jannar 2014 dwar il-kriżi alimentari, il-frodi fil-katina alimentari u l-kontroll tagħha (2013/2091(INI))**

(2016/C 482/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pjan ta’ azzjoni b’ħames punti [1] ppreżentat mill-Kummissjoni f’Marzu tal-2013 wara l-iskoperta ta’ netwerk kbir ta’ frodi fejn il-laħam taż-żiemel kien qed jiġi mgħoddi bħala laħam taċ-ċanga,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-benessri tal-annimali,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza tal-Ikel u jistabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà tal-ikel,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar l-għoti ta’ informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004,

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimal, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, [u] dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti (COM(2013)0265),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-11 ta’ Ottubru 2012 dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta’ interess f’erba’ aġenziji tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0434/2013),

A. billi l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE dwar l-ikel, skont ir-Regolament (KE) Nru 178/2002, jipprojbixxu l-kummerċjalizzazzjoni ta’ ikel mhux sikur kif ukoll prattiki frodulenti, l-adulterazzjoni ta’ ikel u kwalunkwe prattika oħra li tista’ tqarraq bil-konsumatur;

B. billi r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta’ informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-projbizzjoni ta’ reklamar u prattiki ta’ tikkettar qarrieqa;

C. billi l-qafas regolatorju fis-seħħ tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u l-katina alimentari s’issa pprovda livell għoli ta’ sikurezza tal-ikel għall-konsumaturi tal-UE; billi l-leġiżlazzjoni attwali madankollu għadha fraġli u mhux dejjem tista’ torbot fuqha, u għalhekk teżisti l-ħtieġa ta’ titjib prattiku;

[1] http://ec.europa.eu/food/food/horsemeat/plan_en.htm.

D. billi, fl-istess ħin, każijiet reċenti ta' frodi alimentari dgħajfu l-fiduċja tal-konsumatur fil-katina alimentari, u dan ħalla impatt negattiv fuq is-settur agroalimentari, minħabba li dawn l-iskandli jagħmlu ħsara lid-dehra ġenerali ta' dan is-settur ewlieni fl-ekonomija tal-UE; billi huwa importanti ħafna li tiġi akkwistata mill-ġdid il-fiduċja tal-konsumatur fil-prodotti agroalimentari Ewropej, kemm fl-UE u kemm lil hinn mill-fruntieri tagħha; billi jeħtieġ li jkun enfasizzat il-fatt li l-parti l-kbira tal-prodotti agroalimentari Ewropej huma ta' kwalità eċċellenti u għalhekk ħaqqhom li jkunu rikonoxxuti fil-livell internazzjonali;

E. billi t-trasparenza hija komponent ewlieni tal-approċċ adottat mill-Kummissjoni u l-Istati Membri lejn il-kontrolli tas-sikurezza tal-ikel;

F. billi s-settur agroalimentari huwa wieħed mill-ikbar setturi ekonomiċi fl-UE, li jipprovdi 48 miljun impjieg u għandu valur ta' EUR 715 biljun fis-sena;

G. billi l-każijiet individwali ta' frodi alimentari għandhom impatt negattiv fuq id-dehra tas-settur agroalimentari kollu;

H. billi l-liġi tal-UE dwar l-ikel hija dettaljata ħafna fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel u tinkludi kontrolli u testijiet għal residwi u kontaminazzjonijiet oħrajn tal-ikel u l-għalf, iżda, billi ma hemm l-ebda qafas fis-seħħ li b'mod speċifiku għandu fil-mira l-frodi alimentari għajr l-istipulazzjoni ġenerali li l-konsumaturi ma jistgħux jiġu mqarrqa;

I. billi jeżistu wkoll problemi fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali u teżisti ħtieġa li jkun hemm iktar kontrolli uffiċjali effettivi fuq l-ikel miksub mill-annimali f'kull stadju tal-katina alimentari;

J. billi ma teżisti l-ebda statistika dwar l-inċidenza ta' frodi alimentari fl-UE, u billi l-Kummissjoni għadha kif identifikat reċentement il-frodi alimentari bħala qasam ġdid ta' azzjoni;

K. billi l-każijiet reċenti ta' frodi jinkludu pereżempju l-kummerċjalizzazzjoni ta' laħam taż-żiemel bħala laħam taċ-ċanga u l-kummerċjalizzazzjoni ta' laħam minn żwiemel ittrattati bil-fenilbutażon mgħoddi bħala laħam taż-żiemel tajjeb għall-ikel, il-kummerċjalizzazzjoni ta' dqiq ordinarju bħala dqiq organiku, bajd minn tiġieġ mrobbija f'batteriji bħala bajd organiku, melħ tat-triq bħala melħ tal-ikel, l-użu ta' alkoħol kontaminat mill-metanol fl-ispirti, l-użu ta' xaħam kontaminat bid-diossina fil-produzzjoni tal-għalf tal-annimali u tikettar żbaljat ta' speċi ta' ħut u prodotti tal-frott tal-baħar;

L. billi l-frodi alimentari ġeneralment isseħħ fejn il-potenzjal li jitwettaq frodi alimentari u t-tentazzjoni għal dan huma għoljin u r-riskju li wieħed jinqabad u li jingħata sanzjonijiet huwa baxx;

M. billi l-katina tal-provvista alimentari hija ħafna drabi twila u kumplessa u tinvolvi ħafna operaturi ta' negozji tal-ikel u partijiet oħra; billi l-konsumaturi qed ikunu dejjem inqas konxji dwar il-mod kif qed jiġi prodott l-ikel tagħhom filwaqt li l-operaturi individwali ta' negozji tal-ikel mhux dejjem ikollhom jew jeħtiġilhom ikollhom stampa ġenerali tal-katina alimentari sħiħa;

N. billi l-frodi fuq skala enormi tal-ikliet tal-laħam taż-żiemel fl-Ewropa kollha huwa s-sintomu ta' sistema ta' provvista globalizzata inkontrollabli, ta' produzzjoni agroalimentari bi prezzijiet imnaqqsa u ta' sistema ta' tikkettar mhux kompluta;

O. billi l-kummerċjanti u l-intermedjarji fil-katina alimentari mhumiex dejjem reġistrati u ċċertifikati bħala operaturi ta' negozji tal-ikel; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri spiss ma jkunux ċerti min-numru ta' kummerċjanti mhux reġistrati li huma attivi;

P. billi wara każijiet ta' frodi alimentari serji, l-operaturi frodulenti ta' negozji tal-ikel li jkunu nstabu ħatja ta' reat ta' frodi xi drabi ma jitħallewx ikomplu joperaw mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; billi dawn in-negozji ftit wara jerġgħu jirreġistraw x'imkien ieħor u jkomplu n-negozju tagħhom bħal qabel; billi l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar negozji li jkunu nstabu ħatja ta' frodi jista' jtejjeb il-monitoraġġ ta' dawn in-negozji sabiex ma jitħallewx iwettqu attivitajiet frodulenti ġodda;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

Q. billi r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi tal-UE dwar l-ikel hija tal-Istati Membri u billi l-infurzar u l-kontroll huma għalhekk limitati l-aktar fil-livell nazzjonali, u b'riżultat ta' dan, il-ħarsa ġenerali transfruntiera fl-UE hija limitata jew inkella lanqas biss teżisti;

R. billi l-awtoritajiet nazzjonali għandhom it-tendenza li jiffukaw il-kontrolli tagħhom fuq is-sikurezza tal-ikel u ma jagħmlux il-frodi alimentari bħala prijorità, spiss minħabba nuqqas ta' kapaċità u riżorsi;

S. billi l-awtoritajiet kompetenti ta' xi Stati Membri għandhom unitajiet tal-pulizija speċjalizzati biex jiġġieldu kontra l-frodi alimentari; billi l-kontrolli f'xi Stati Membri huma delegati parzjalment lil korpi privati tal-kontroll; billi f'xi Stati Membri oħra l-kontrolli jitwettqu kompletament mill-awtoritajiet kompetenti;

T. billi s-Sistema ta' Twissija Bikrija għall-Ikel u l-Għalf hija għodda utli għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, pereżempju fil-każ tal-frodi reċenti fil-laħam taż-żiemel;

U. billi l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju (FVO) tal-Kummissjoni huwa responsabbli għall-kontroll tal-konformità mar-rekwiżiti ta' kwalità u ta' sikurezza tal-ikel tal-UE, u billi l-awditjar tiegħu jitħabbar tipikament bil-quddiem u jitħejja flimkien mal-awtoritajiet kompetenti; billi l-għadd ta' awditi kull sena huwa ristrett mill-kapaċità limitata tal-FVO; billi l-FVO indika li attwalment mhuwiex mgħammar jew imħarreġ biex jiffoka fuq il-frodi alimentari;

V. billi t-twissijiet dwar iż-żieda fin-numru ta' żwiemel maqtula f'ċerti Stati Membri kienu injorati totalment mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari mill-FVO;

W. billi l-Europol osserva żieda fin-numru ta' każijiet ta' frodi alimentari u jistenna li din it-tendenza tkompli, flimkien mal-involviment dejjem jikber ta' organizzazzjonijiet kriminali fil-frodi alimentari;

X. billi s-sistema ta' informazzjoni tal-Europol tista' tintuża mill-Istati Membri biex jikkondividu informazzjoni dwar investigazzjonijiet transfruntieri; billi l-Europol jista' jassisti lill-Istati Membri biss bil-kompetenza, l-għodda analitika u l-bażijiet ta' data tiegħu, fuq talba tagħhom; billi fil-każ ta' frodi fil-laħam taż-żiemel, għall-ewwel l-Istati Membri kienu qed isibuha bi tqila biex jaħdmu mal-Europol;

Y. billi mill-2011, il-Europol wettaq b'suċċess bosta operazzjonijiet OPSON fuq prodotti tal-ikel iffalsifikati u ta' standard baxx; billi f'dawn l-operazzjonijiet il-Europol jikkoopera mal-Interpol, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, pajjiżi mhux tal-UE kif ukoll ma' sħab privati;

Z. billi t-tikkettar tal-pajjiż jew tal-post tal-oriġini tal-laħam u tal-prodotti tal-laħam fih innifsu ma jevitax il-frodi; billi l-oriġini ta' prodott tal-ikel f'ċerti każijiet jiddetermina parzjalment il-prezz tal-prodott tal-ikel;

AA. billi l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles attwalment previsti mill-UE tista' twassal biex iddgħajjef il-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel;

AB. billi għandu jsir sforz ġdid sabiex il-frodi tiġi kkunsidrata f'kuntest ekonomiku kkaratterizzat mill-kriżi finanzjarja dinjija u minn dumping soċjali kemm fl-UE u kemm lil hinn mill-fruntieri tagħha;

AC. billi l-prattiki ta' kummerċ iservu biex titnaqqas drastikament il-kwalità, is-sikurezza u t-trasparenza u għandhom impatt fuq il-marġini tal-qligħ tas-settur kollu;

AD. billi l-prattiki ta' distribuzzjoni u l-użu ta' intermedjarji ta' distribuzzjoni huma sorsi ta' destabilizzazzjoni għas-swieq ta' produzzjoni billi jnaqqsu l-marġini tal-produtturi;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

***Frodi alimentari: ambitu u definizzjoni***

1. Jiddeplora l-fatt li l-ġlieda kontra l-frodi alimentari hija kwistjoni relattivament ġdida fuq l-aġenda Ewropea u li fil-passat qatt ma kienet prijorità ewlenija għal-leġiżlazzjoni u l-infurzar fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;

2. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt potenzjali li għandha l-frodi alimentari fuq il-fiduċja tal-konsumaturi, is-sikurezza tal-ikel, il-funzjonament tal-katina alimentari u l-istabilità tal-prezzijiet agrikoli, u jenfasizza l-importanza li l-fiduċja tal-konsumaturi Ewropej terġa' tinkiseb malajr;

3. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tagħti lill-frodi alimentari l-attenzjoni sħiħa li jisthoqqilha u tieħu l-passi kollha neċessarji sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi alimentari jsiru parti fundamentali mill-politika tal-UE;

4. Jenfasizza l-bżonn li jinkiseb aktar għarfien dwar l-iskala, l-inċidenza u l-elementi ta' każijiet ta' frodi alimentari fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru b'mod sistematiku data dwar każijiet ta' frodi u jiskambjaw l-aħjar prattiki sabiex jidentifikaw u jiġġieldu kontra l-frodi alimentari;

5. Jinnota li l-liġi tal-UE attwalment ma tipprovdix definizzjoni ta' frodi alimentari u li l-Istati Membri jadottaw metodoloġiji differenti għad-definizzjoni tagħha; jikkunsidra li definizzjoni uniformi hija essenzjali biex ikun żviluppat approċċ Ewropew fil-ġlieda kontra l-frodi alimentari; jenfasizza l-bżonn li tkun adottata b'mod rapidu definizzjoni armonizzata fil-livell tal-UE, abbażi ta' diskussjonijiet mal-Istati Membri, partijiet interessati rilevanti u esperti, li tinkludi elementi bħan-nuqqas ta' konformità mal-liġi dwar l-ikel u/jew l-iżgwidar tal-konsumatur (inkluża l-omissjoni ta' informazzjoni dwar il-prodott), l-intenzjoni u l-gwadann finanzjarju potenzjali u/jew il-vantaġġ kompetittiv;

6. Jenfasizza l-fatt li, minħabba n-natura tas-suq uniku tal-UE, f'ħafna każijiet il-frodi alimentari testendi lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri u ssir theddida għas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej kollha;

7. Jinnota li l-każijiet reċenti ta' frodi alimentari esponew tipi differenti ta' frodi alimentari, bħas-sostituzzjoni ta' ingredjenti ewlenin b'alternattivi orħos jew ta' kwalità aktar baxxa, it-tikkettar żbaljat b'rabta mal-piż, il-bejgħ ta' ikel ordinarju bħala ikel organiku, l-użu inġust ta' logos ta' kwalità li jindikaw l-oriġini jew il-benessri tal-annimal, it-tikettar ta' ħut tal-akkwakultura bħala ħut li nqabad fil-ħabitat naturali jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' varjetà ta' ħut inferjuri taħt isem ta' kategorija superjuri jew ta' speċi aktar għalja, u l-falsifikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel skadut;

8. Jindika li l-ikel li ħafna drabi huwa suġġett għal attivitajiet frodulenti jinkludi ż-żejt taż-żebbuġa, il-ħut, il-prodotti organiċi, il-qmuħ, l-għasel, il-kafè, it-tè, il-ħwawar, l-inbid, ċertu meraq tal-frott, il-ħalib u l-laħam;

9. Jinsab imħasseb dwar sinjali li jindikaw li n-numru ta' każijiet qed jiżdied u li l-frodi alimentari hija tendenza li qiegħda tikber li tirrifletti dgħufija strutturali fil-katina alimentari;

***Fatturi li jikkontribwixxu***

10. Jinnota li l-frodi alimentari ġeneralment isseħħ fejn il-gwadann finanzjarju potenzjali jkun għoli u riskju li wieħed jinqabad ikun baxx; jikkunsidra indifendibbli l-fatt li fl-UE l-frodi alimentari tħalli l-qligħ u li l-possibbiltajiet li wieħed jinqabad huma relattivament baxxi;

11. Jindika l-kumplessità u l-karattru transfruntier tal-katina alimentari flimkien man-natura prinċipalment nazzjonali ta' kontrolli, sanzjonijiet u infurzar, sitwazzjoni kkunsidrata li żżid ir-riskju ta' frodi alimentari; jemmen li traċċabilità aħjar tal-ingredjenti u l-prodotti fi ħdan il-katina alimentari sħiħa tgħin fil-ġlieda kontra l-frodi;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

12. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni kbira lill-kontrolli fuq il-prodotti impurtati minn pajjiżi terzi u l-konformità tagħhom mal-istandards tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf;

13. Jiġbed l-attenzjoni wkoll għal fatturi oħra li ħafna drabi huma kkwotati li jikkontribwixxu għall-frodi alimentari bħall-kriżi ekonomika attwali, il-miżuri ta' awsterità li jaffetwaw l-aġenziji ta' kontroll u l-pressjoni mis-settur tal-bejgħ bl-imnut u setturi oħrajn biex jipproduċu ikel b'mod dejjem aktar irħis;

***Tagħlimiet misluta u rakkomandazzjonijiet***

*Qafas istituzzjonali*

14. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi tim kontra l-frodi alimentari u jirrikonoxxi l-isforzi tal-Europol fil-ġlieda kontra l-frodi alimentari; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-iżvilupp ta' Laboratorju ta' Referenza tal-UE (EURL) għall-awtentiċità tal-ikel;

15. Jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni li torganizza konferenza dwar il-frodi alimentari fl-2014 sabiex trawwem is-sensibilizzazzjoni fost l-atturi rilevanti;

16. Jinsab konvint li spezzjonijiet indipendenti għal għarrieda huma essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tas-sikurezza u tat-tikkettar tal-ikel; jemmen għaldaqstant li spezzjonijiet għal għarrieda għandhom ikunu r-regola;

17. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex l-enfasi tal-awditjar tal-FVO tkun ukoll fuq il-frodi alimentari; jikkunsidra li l-FVO u l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu minn spezzjonijiet għal għarrieda regolari, indipendenti u mandatorji għall-identifikazzjoni ta' ksur intenzjonali biex tiġi żgurata l-osservanza tal-ogħla standards ta' sikurezza tal-ikel; jemmen li sabiex terġa' tinkiseb u tinżamm il-fiduċja tal-konsumatur, huwa importanti li jkun hemm approċċ trasparenti għal mod kif jitwettqu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet uffiċjali u li r-rapporti u r-riżultati tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar l-operaturi tal-ikel isiru pubbliċi;

18. Jiddispjaċih dwar l-użu u l-viżibbiltà limitati tar-rapporti u l-awditjar tal-FVO mill-Kummissjoni u l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi b'iktar ħeġġa r-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-FVO;

19. Jistieden lill-awtorità tal-baġit iżżid il-kapaċità u r-riżorsi tal-FVO u tat-tim tal-Kummissjoni kontra l-frodi alimentari;

20. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis fil-finanzjament fl-UE għall-korpi li jwettqu dawn il-kompiti essenzjali ta' monitoraġġ;

21. Jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni Ewropej jipprovdu lill-korpi ta' kontroll biżżejjed riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi;

22. Jenfasizza l-fatt li l-kontrolli u l-ispezzjonijiet effiċjenti għandhom jitwettqu b'tali mod li ma joħolqux piż amministrattiv żejjed għall-SMEs;

23. Jissuġġerixxi li ssir seduta annwali tal-FVO fil-Kumitat tal-ENVI tiegħu biex jiġi diskuss l-awditjar li jkun tlesta u li għandu jsir fil-futur qabel ma l-FVO jadotta l-programm ta' ħidma tiegħu għas-sena li ġejja;

24. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li tittieħed azzjoni adegwata rigward il-kwistjonijiet imqajma mill-FVO u li dawn jiġu indirizzati tajjeb;

25. Jinnota li kwalunkwe tibdil fil-proċess għar-rieżami u l-prijoritizzazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-FVO m'għandux jibdel il-proċess legali għall-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma tal-FVO;

26. B'mod iżjed speċifiku, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni fir-rigward tas-sejbiet tal-awditjar tal-FVO b'rabta ma' rekords frodulenti ta' trattament mediku tal-annimali destinati għall-qatla għall-esportazzjoni lejn l-UE, u biex jeskludu mill-introduzzjoni fis-suq tal-UE laħam u prodotti oħra tal-annimali minn pajjiżi terzi li fil-każ tagħhom ma jistax ikun hemm garanzija ta' konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel tal-UE;

27. Jinnota li l-Istati Membri ħafna drabi jbatu biex iħarrku b'suċċess operaturi frodulenti ta' negozji tal-ikel li joperaw fil-fruntieri tal-UE minħabba kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni; jiddispjaċih li l-Istati Membri ma jikkooperawx b'mod sistematiku mal-Europol f'każijiet transfruntieri ta' frodi alimentari iżda jaħdmu b'mod bilaterali;

28. Jirrikonoxxi l-importanza tal-informaturi biex jikxfu prattiċi frodulenti fis-settur alimentari; jistieden lill-Istati Membri joħolqu l-aħjar kundizzjonijiet sabiex l-informaturi jkunu jistgħu jiddenunzjaw prattiki malizzjużi b'mod sikur u anonimu;

29. Jemmen li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jgħarrfu lill-pubbliku, sakemm ikun possibbli u xieraq, bis-sejħa lura ta' prodotti u miżuri oħra meħuda mill-awtoritajiet kompetenti f'każijiet ta' frodi alimentari;

*Qafas leġislattiv*

30. Jikkunsidra li l-kontrolli uffiċjali m'għandhomx jiffukaw biss fuq kwistjonijiet ta' sikurezza tal-ikel iżda wkoll fuq il-prevenzjoni tal-frodi u r-riskju li l-konsumaturi jiġu mqarrqa; jilqa' l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni għal rieżami tal-kontrolli uffiċjali tinkorpora kontrolli addizzjonali fir-rigward ta' frodi alimentari f'każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġuni għalfejn jissuspettaw aġir frodulenti min-naħa ta' operatur;

31. Josserva li xi Stati Membri jiddelegaw parzjalment il-kontrolli lil korpi privati tal-kontroll; jenfasizza li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom dejjem jissorveljaw is-sistemi ta' kontroll u jivverifikaw, jiċċertifikaw u jiskrutinizzaw is-sistemi kollha ta' kontroll privat biex jiżguraw li huma konformi mal-istandards nazzjonali u internazzjonali bil-ħsieb li jagħmlu l-iskoperti tagħhom aċċessibbli għall-aġenziji pubbliċi;

32. Jirrifjuta kull pjan sabiex il-kompiti ta' spezzjoni jiġu ddelegati mill-awtoritajiet pubbliċi għall-operaturi ekonomiċi;

33. Jemmen li r-rwol tal-kummerċjanti u l-qafas leġiżlattiv applikabbli għal bejgħ bejn in-negozji għandhom ikunu ċċarati;

34. Jemmen li l-operaturi kummerċjali kollha li jipproċessaw, jinnegozjaw jew jaħżnu materja prima, ingredjenti tal-ikel jew prodotti tal-ikel fil-katina alimentari tal-bniedem, inklużi kummerċjanti u sidien ta' mħażen tal-friża, għandhom ikunu reġistrati bħala operaturi ta' negozji tal-ikel u jkunu suġġetti għal kontrolli;

35. Jemmen li l-operaturi ta' negozji tal-ikel għandhom ikunu kapaċi jindikaw is-sors minn fejn l-ikel jew l-ingredjenti jkunu joriġinaw, li jfisser li kull operatur ta' negozju tal-ikel fil-katina tal-produzzjoni għandu jerfa' s-sehem ta' responsabbiltà tiegħu għall-prodott finali;

36. Jirrikonoxxi l-importanza ta' tikkettar ċar u trasparenti bejn in-negozji, u bejn in-negozji u l-konsumaturi u jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-liġi tal-UE dwar l-ikel f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jitnaqqas ir-riskju ta' frodi alimentari;

37. Jitlob iktar sensibilizzazzjoni u sorveljanza aħjar tat-tikkettar tal-ikel iffriżat bejn in-negozji, u bejn in-negozji u l-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta dwar it-tikkettar obbligatorju tal-laħam u l-ħut li jindika jekk il-laħam u l-ħut kienx iffriżat, id-drabi li ġie ffriżat u għal kemm żmien;

38. Jemmen li għalkemm it-tikettar tal-pajjiż tal-oriġini mhuwiex minnu nnifsu mezz għall-ġlieda kontra l-frodi alimentari, dan jista' jgħin jiżgura traċċabilità aħjar tul il-katina tal-provvista alimentari, aktar relazzjonijiet stabbli bejn il-fornituri tal-laħam u dawk li jipproċessawh, aktar diliġenza fl-għażla tal-operaturi ta' negozji tal-ikel tal-fornituri u l-prodotti tagħhom, u aktar informazzjoni ta' min jorbot fuqha għall-konsumaturi, bir-riżultat li terġa' tiġi akkwistata l-fiduċja tal-konsumaturi;

39. Ifakkar li r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 jistipula li l-Kummissjoni se tadotta, sa Diċembru 2013, atti ta' implimentazzjoni dwar it-tikkettar mandatorju tal-pajjiż tal-oriġini, it-tikettar għal-laħam tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur kif ukoll it-tikkettar volontarju ta' ikel wara valutazzjoni tal-impatt;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr dawn l-atti ta’ implimentazzjoni dwar it-tikettar ta’ laħam frisk tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur, bi spunt mir-regoli diġà applikabbli għaċ-ċanga u l-vitella mhux ipproċessati, filwaqt li tiżgura li l-konsumaturi jkunu infurmati dwar il-post tat-twelid, tat-trobbija u tal-qatla tal-annimali, b’kunsiderazzjoni għas-sistemi nazzjonali u reġjonali eżistenti għall-indikazzjoni tal-oriġini tal-laħam;

41. Ifakkar barra minn hekk li l-Parlament diġà talab li jsir it-tikkettar tal-oriġini għal-laħam fil-prodotti tal-ikel ipproċessati, u li l-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq rapport dwar it-tikkettar mandatorju tal-oriġini għall-prodotti li fihom il-laħam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta malajr ir-rapport tagħha u tkompli bi proposti leġiżlattivi, filwaqt li tagħmel mandatorju l-indikazzjoni tal-oriġini tal-laħam f’ikel proċessat, b’kunsiderazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha u filwaqt li tevita spejjeż eċċessivi u piżijiet amministrattivi;

42. Jappella għal tikkettar aħjar tal-prodotti proċessati li fihom il-ħut, b’mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-oriġini tal-ħut u t-tekniki tas-sajd użati;

43. Jitlob lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-partijiet interessati u l-Istati Membri, iżżid l-isforzi tagħha biex tesplora l-ambitu u l-bżonn għall-introduzzjoni ta’ sistemi elettroniċi ta’ ċertifikazzjoni fil-katina alimentari li jistgħu jnaqqsu l-probabbiltà ta’ frodi abbażi ta’ ċertifikati stampati;

44. Jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi reġistru Ewropew ċentralizzat għall-passaporti taż-żwiemel sabiex jiġi evitat il-ħruġ frodulenti ta’ passaporti doppji;

45. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta’ qafas leġiżlattiv Ewropew li jirregola l-laħam li ġej minn annimali kklonjati;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodu ta’ traċċabilità u ta’ identifikazzjoni tal-laħam li ġej minn annimali kklonjati, pereżempju billi tiġi stabbilita bażi ta’ data internazzjonali li jkun fiha informazzjoni ġenetika dwar l-annimali kklonjati;

*Responsabbiltà korporattiva*

47. Iqis siewi li s-settur innifsu jiżviluppa b’mod proattiv u jutilizza l-inizjattivi kontra l-frodi tas-settur privat bħal pereżempju l-kontrolli għall-integrità tal-prodott, il-monitoraġġ proprju, l-analiżi, il-pjanijiet ta’ traċċar tal-prodott, l-awditjar u ċ-ċertifikazzjoni, u jilqa’ l-inizjattivi attwali bħall-Global Food Safety Initiative u l-Food Fraud Initiative fl-Università tal-Istat tal-Michigan; dan għandu jsir b’mod addizzjonali għas-sistema ta’ kontrolli uffiċjali għas-settur alimentari u mhux bħala sostituzzjoni għaliha;

48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw li jimponu obbligu legali fuq l-operaturi ta’ negozji tal-ikel biex jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-inċidenza ta’ każijiet ta’ frodi alimentari;

49. Jemmen li s-settur tal-bejgħ bl-imnut għandu responsabbiltà speċjali biex jiggarantixxi l-integrità tal-prodotti alimentari u biex jitlob mill-fornituri tiegħu katina ta’ provvista sikura; jemmen li hija fir-responsabbiltà tal-bejjiegħ bl-imnut li jiċċekja tal-anqas il-konformità formali mar-regoli dwar it-tikettar; jikkundanna l-pressjoni fuq il-produtturi primarji minn operaturi tal-bejgħ bl-imnut u operaturi oħra ta’ negozji tal-ikel biex jipproduċu b’mod dejjem aktar irħis, spiss askapitu tal-kwalità tal-oġġetti tal-ikel jew tal-ingredjenti;

50. Jinnota li l-operaturi ta’ negozji tal-ikel mhux dejjem ikunu jafu s-sors minn fejn joriġinaw l-ingredjenti li jużaw; jinnota f’dan ir-rigward li ktajjen tal-provvista qosra (lokali u reġjonali) jistgħu jiżguraw iżjed trasparenza u jistgħu jieħdu post il-ktajjen ta’ provvista twal u kkumplikati li kellhom rwol ewlieni fil-kriżi tal-frodi alimentari;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti leġiżlattivi skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, għal tikketta tal-“kummerċjalizzazzjoni lokali u bejgħ dirett” biex tgħin fil-promozzjoni tas-swieq ikkonċernati u tgħin lill-bdiewa jżidu l-valur tal-prodotti tagħhom;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

***Infurzar u kontrolli***

52. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, skont id-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, issegwi u timpedixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jibqgħu fis-suq taħt isem intenzjonalment żbaljat jew qarrieqi, billi dan ukoll għandu jitqies tip ta' frodi alimentari;

53. Huwa konvint li hemm bżonn ta' bidla fl-attitudni fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti, minn approċċ amministrattiv u veterinarju għal approċċ tal-pulizija, ibbażat fuq l-esperjenza tal-flying squad tal-Amministrazzjoni Alimentari Daniża u tal-Arma dei Carabinieri u l-Guardia di Finanza fl-Italja; jenfasizza li tali approċċ jiddependi mill-fatt li l-qrati indikati jkunu mogħnija b'imħallfin li għandhom kompetenza fil-liġi dwar l-ikel;

54. Jenfasizza li t-twettiq tal-kontrolli għandu jkun ibbażat fuq ir-riskju u jinkludi l-iżvilupp ta' profili ta' riskju u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà għal kull katina tal-provvista u prodott tal-ikel, bi spunt mill-istudji kontinwi akkademiċi li jikkombinaw l-għarfien fl-oqsma tal-awtentiċità alimentari u l-kriminoloġija, bħar-riċerka mill-Università ta' VU f'Amsterdam u l-Università ta' Wageningen;

55. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu jistimulaw il-programmi ta' riċerka u żvilupp Ewropej u nazzjonali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u metodi użati għall-identifikazzjoni ta' frodi alimentari, bħat-teknoloġija tas-sensers, l-analiżi tad-data u t-teħid tal-marki tas-swaba' tal-prodotti, u biex jiffaċilitaw id-dispożizzjoni kummerċjali tat-testijiet fuq perjodu ta' żmien qasir; jirrikonoxxi l-proġetti ta' riċerka Ewropej eżistenti dwar l-integrità u l-awtentiċità tal-ikel, bħal TRACE u AuthenticFood;

56. Jirrakkomanda li l-FVO u l-awtoritajiet nazzjonali jinkludu fl-awditjar tagħhom l-hekk imsejħa kontrolli tal-bilanċ tal-massa fuq il-flussi tad-dħul, tal-ħruġ u tal-iskart;

57. Iħeġġeġ it-titjib fil-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli li jinvestigaw il-frodi alimentari, b'hekk jgħinu lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra din il-problema; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tistabbilixxi b'urġenza sistema elettronika, ibbażata fuq is-Sistema ta' Twissija Bikrija għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) eżistenti kif suġġerit mill-Kummissjoni, biex tippermetti l-iskambju rapidu ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'każijiet ta' frodi alimentari; jappella għall-pubblikazzjoni ta' rapporti annwali li jelenkaw każijiet ta' frodi alimentari li jkunu ġew żvelati, b'analoġija mar-rapporti tal-RASFF;

58. Jappella għat-twaqqif ta' netwerk kontra l-frodi alimentari bħala mezz li jtejjeb il-koordinazzjoni bejn il-korpi Ewropej kompetenti (Europol, Eurojust, FVO), għal aktar prevenzjoni u identifikazzjoni effikaċi tal-frodi alimentari;

59. Jissuġġerixxi l-introduzzjoni tal-ittestjar tad-DNA bħala proċedura standard f'kontrolli għal għarrieda għad-determinazzjoni tal-ispeċi, b'mod speċjali fir-rigward ta' prodotti tal-laħam u l-ħut, u li tiġi stabbilita bażi ta' data ċentralizzata tad-DNA għal dan il-fini;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-lakuni fir-regoli eżistenti dwar is-sikurezza u t-traċċabbiltà tal-ikel marbuta mal-importazzjoni ta' ikel minn pajjiżi terzi, li jkollhom riskju ogħla ta' frodi alimentari;

61. Jinsisti li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles innegozjati mill-UE m'għandhomx jagħtu lok għal modifiki fil-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tas-sikurezza u tas-sigurtà alimentari jew għal tnaqqis fl-isforzi għall-infurzar ta' din il-leġiżlazzjoni;

62. Jemmen li r-riżultati tal-kontrolli għandhom isiru pubbliċi b'mod li jkun aċċessibbli għall-konsumaturi u li jistgħu jifhmuhom, pereżempju fil-forma ta' skema ta' klassifikazzjoni; huwa konvint li dan jaf jgħin lill-konsumaturi fit-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll jagħti inċentivi biex l-operaturi ta' negozji tal-ikel joperaw tajjeb;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

***Sanzjonijiet***

63. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-pieni sabiex tal-anqas tikkumpensa għall-vantaġġ ekonomiku stmat imfittex permezz tal-ksur, iżda jqis li din mhijiex dissważiva biżżejjed; jemmen li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pieni għall-frodi alimentari li jammontaw tal-anqas id-doppju tal-istima tal-ammont ta' vantaġġ ekonomiku mfittex permezz tal-attività frodulenti; iqis neċessarju, bħala deterrent żejjed, li l-Istati Membri jistabbilixxu pieni saħansitra ogħla, inklużi pieni tad-dritt kriminali, għal każijiet frodulenti fejn is-saħħa pubblika tiġi pperikolata intenzjonalment, jew f'każijiet ta' frodi li jinvolvu prodotti mmirati lejn konsumaturi vulnerabbli; jipproponi, barra minn hekk, li fl-eventwalità ta' offiżi ripetuti, ir-reġistrazzjoni tal-operatur ta' negozju tal-ikel tiġi rtirata;

64. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni m'għandhiex stampa ġenerali tas-sistemi nazzjonali differenti tas-sanzjonijiet għar-reati ta' frodi alimentari u tal-funzjonament ta' dawn ir-reġimi ta' sanzjonijiet ibbażati fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tikseb din l-istampa ġenerali mill-aktar fis possibbli;

65. Jappella għal kunsiderazzjoni tal-benessri tal-annimali u għal pieni aktar stretti f'każ li ma jiġux rispettati r-regoli rilevanti;

66. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data mill-Istati Membri u tirraporta dwar ir-reġimi differenti fl-Istati Membri fir-rigward tat-tip u l-livell ta' sanzjonijiet għal reati ta' frodi alimentari u l-funzjonament tar-reġimi ta' sanzjonijiet;

67. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw ukoll metodi oħra li jkollhom l-għan li jevitaw u jiskoraġġixxu l-frodi alimentari, bħat-tismija u l-għoti ta' fama ħażina permezz ta' reġistru Ewropew ta' operaturi ta' negozji tal-ikel li jkunu nstabu ħatja ta' frodi alimentari;

68. Jappella għall-estensjoni tar-reġimi attwali ta' traċċabilità u l-implimentazzjoni sistematika tal-possibilità ta' traċċabilità kontinwa prevista fir-Regolament bażiku (UE) Nru 178/2002, li tikkonċerna l-ikel u l-għalf, l-annimali li jservu għall-produzzjoni tal-ikel u s-sustanzi kollha l-oħra li jintużaw għal dan il-għan jew li huma intenzjonati li jinħadmu għall-produzzjoni tal-ikel jew l-għalf; jitlob li l-katina alimentari kollha fl-Ewropa, inklużi l-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar, il-bejgħ u d-distribuzzjoni tkun trasparenti u kompletament miftuħa għall-iskrutinju mill-kontrolluri, bil-ħsieb li jkun żgurat li l-prodotti tal-ikel frodulenti jkunu jistgħu jiġu identifikati malajr;

69. Jipproponi l-introduzzjoni ta' obbligu għal-laboratorji ta' riċerka kollha u l-persunal tagħhom li jirrappurtaw lill-awtoritajiet ta' sorveljanza kompetenti r-riżultati kollha tal-analiżi dwar l-ikel u l-għalf li jqajmu suspetti ta' frodi jew li huma rilevanti għall-ġlieda kontra l-frodi;

o

o o

70. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0012

# Spezzjonijiet tax-xogħol effikaċi bħala strateġija biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar spezzjonijiet tax-xogħol effikaċi bħala strateġija biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa (2013/2112(INI))**

(2016/C 482/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-preambolu u l-Artikoli 3 u 6 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 6, 9, 145, 151, 152, 153, 154, 156, 159 u 168 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 3, 27, 31, 32 u 33 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea tat-3 ta' Mejju 1996, b'mod partikolari l-Parti I u l-Parti II, l-Artikolu 3 tagħha,

— wara li kkunsidra l-istandards fundamentali tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar l-amministrazzjoni tax-xogħol u l-ispezzjoni tax-xogħol (il-Konvenzjonijiet 81 u 129), li huma parametru referenzjarju internazzjonali biex jiġi żgurat li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni 143 dwar il-ħaddiema migranti (1975) u d-dispożizzjonijiet supplementari tal-ILO dwar il-ħaddiema migranti, li jipprovdu għall-adozzjoni tal-miżuri kollha meħtieġa u adatti għas-soppressjoni taċ-ċaqliq klandestin tal-migranti għall-impjiegi u l-impjieg illegali tal-migranti; wara li kkunsidra wkoll id-dispożizzjonijiet rigward l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi, ċivili u penali fir-rigward tal-impjieg illegali tal-ħaddiema migranti,

— wara li kkunsidra l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-ILO fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (direttiva qafas) ([2]) u d-direttivi individwali tagħha,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Istati Membri, adottata fil-laqgħa tal-Kunsill tat-22 ta' April 1999 dwar il-Kodiċi ta' Kondotta għal kooperazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi fil-benefiċċji u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fuq livell transkonfinali u kontra x-xogħol mhux iddikjarat, u fir-rigward tal-kollokament transkonfinali tal-ħaddiema ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/85/KE tat-22 ta' Ottubru 1999 li temenda d-Direttiva 77/388/KEE rigward il-possibbiltà li tiġi applikata fuq bażi sperimentali rata mnaqqsa tal-VAT fuq servizzi li jinvolvu xogħol intensiv ([5]),

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70.
([2]) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.
([3]) ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9.
([4]) ĠU C 125, 6.5.1999, p. 1.
([5]) ĠU L 277, 28.10.1999, p. 34.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2007 bl-isem L-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat (COM(2007)0628),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2007 dwar ir-Riżultat tal-Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni "L-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol biex jintlaqgħu l-isfidi tas-seklu 21" (COM(2007)0627),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "EWROPA 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" (COM(2010)2020), u l-għan ewlieni tagħha li huwa li jiżdiedu l-livelli tal-impjiegi għal 75 % sal-aħħar tad-deċennju fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-istrateġija Ewropea 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar il-promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol biex tiffaċċja l-isfidi tas-seklu 21 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar ir-responsabbilità soċjali ta' impriżi li huma sottokuntratturi fil-katini ta' produzzjoni ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza wara n-nirien fil-fabbriki u t-tiġrif ta' bini reċenti fil-Bangladexx ([8]),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida Integrati għat-tkabbir u l-impjiegi (2008-2010) (COM(2007)0803),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-armonizzazzjoni tal-mezzi fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-impjieg illegali ([9]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 1996 dwar il-ġlieda kontra l-impjieg illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ([10]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) dwar l-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Speċjali dwar ix-xogħol mhux iddikjarat,

— wara li kkunsidra l-istudju "ICENUW – Implimentazzjoni tal-Kooperazzjoni f'Netwerk Ewropew kontra x-xogħol mhux iddikjarat" (2010),

---

([1]) ĠU L 168, 30.6.2009, p. 24.
([2]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 102.
([3]) ĠU C 9 E, 15.1.2010, p. 1.
([4]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 321.
([5]) ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 401.
([6]) ĠU C 313 E, 20.12.2006, p. 452.
([7]) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 176.
([8]) Testi adottati, P7_TA(2013)0230.
([9]) ĠU C 5, 10.1.1996, p. 1.
([10]) ĠU C 304, 14.10.1996, p. 1.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra l-istudju "CIBELES: Konverġenza tal-Ispettorati għall-bini ta' Sistema ta' Infurzar fuq Livell Ewropew",

— wara li kkunsidra l-istudju dwar "Il-metodi ta' kejl indirett tax-xogħol mhux iddikjarat fl-UE" (2010),

— wara li kkunsidra l-istudju dwar il-"Fattibilità li tiġi stabbilita pjattaforma Ewropea għall-kooperazzjoni bejn is-superviżuri tax-xogħol u korpi oħra rilevanti ta' monitoraġġ u infurzar bil-għan li jiġi evitat u miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat" (2010, Regioplan),

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2012, C-577/10, Il-Kummissjoni Ewropea v Ir-Renju tal-Belġju,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0458/2013),

A. billi l-ispezzjoni tax-xogħol għandha rwol essenzjali fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, billi tiżgura s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, tipprevjeni ksur tar-regoli tal-ħarsien tax-xogħol u tippromwovi tkabbir ekonomiku ġust u soċjalment responsabbli billi tikkontribwixxi biex il-pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jitħallsu verament, u b'hekk id-dħul mit-taxxi kif ukoll id-dħul tal-fondi tas-sigurtà soċjali jiżdiedu filwaqt li tiżgura li l-impjegati jkunu koperti għall-mard, għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u għall-pensjonijiet;

B. billi l-Istati Membri jużaw firxa ta' mudelli fit-twettiq ta' spezzjonijiet speċifiċi differenti tal-post tax-xogħol;

C. billi qed tiżdied il-ħtieġa ta' spezzjonijiet tax-xogħol fil-kuntest tal-istazzjonar ta' ħaddiema madwar l-Ewropa;

D. billi l-ispezzjoni tax-xogħol tiżvolġi rwol ewlieni biex jiġi żgurat li d-drittijiet isiru realtà billi tiżgura li l-liġijiet jiġu rispettati, li l-partijiet jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, u li l-inċidenti kif ukoll l-abbuż ikunu jistgħu jiġu evitati;

E. billi hemm il-ħtieġa li jissaħħu l-ispezzjonijiet tax-xogħol fl-SMEs u f'siti ta' kostruzzjoni żgħar;

F. billi r-responsabbiltà tal-kumpaniji multinazzjonali għall-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ħajja u s-saħħa tal-impjegati li jipproduċu l-oġġetti u jipprovdu s-servizzi, ma tispiċċax mal-bieb tal-ħanut jew mal-kanċell tal-fabbrika, u lanqas ma tista' tiġi ggarantita sempliċement permezz ta' ftehimiet dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR);

G. billi l-esternalizzazzjoni tax-xogħol permezz ta' sottokuntrattar u x-xogħol temporanju timplika ħafna drabi ħaddiema inqas kwalifikati u relazzjonijiet ta' impjieg inqas stretti, u dan jagħmilha iktar diffiċli li jiġi identifikat min hu responsabbli għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OHS);

H. billi x-xogħol mhux iddikjarat għandu konsegwenzi negattivi għall-ekonomiji tal-Istati Membri u għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-mudell soċjali Ewropew, ixejjen il-finanzjament u d-distribuzzjoni tal-benefiċċji soċjali u tas-servizzi pubbliċi, u jġiegħel lil dawk milquta biex kemm issa li qed jaħdmu kif ukoll meta jikbru jgħixu fl-inċertezza, fil-vulnerabbiltà u fil-faqar;

I. billi l-ispetturi tax-xogħol jiżvolġu rwol essenzjali fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, fil-prevenzjoni tal-abbużi u fil-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali;

J. billi waħda mill-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika kienet iż-żieda fl-ammont ta' xogħol, li tqiegħed aktar pressjoni fuq l-impjegati, speċjalment permezz ta' bidliet fis-sigħat ta' xogħol, u billi għalhekk iridu jiżdiedu l-isforzi ta' monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

K. billi kulma jmur qed ifeġġu relazzjonijiet ta' impjieg ġodda, li qed jagħmluha dejjem aktar diffiċli biex jiġu koperti bir-regolamenti eżistenti;

**It-Tlieta 14 ta’ Jannar 2014**

L. billi l-ħaddiema impjegati b’mod irregolari jbatu minn konsegwenzi negattivi sekondarji bħal nuqqas ta’ aċċess għall-informazzjoni, għal servizzi tas-saħħa u taħriġ okkupazzjonali, u r-restrizzjonijiet psikoloġiċi imposti mill-biża’ li jkollhom inċident jew li jinqabdu, li mbagħad jaffettwaw il-produttività tal-kumpaniji u l-ekonomija inġenerali, kif ukoll minn konsegwenzi fit-tul bħan-nuqqas tad-dritt għal pensjoni tal-anzjanità jew benefiċċji tal-pensjoni baxxi ħafna, li jwasslu għal riskju ogħla ta’ faqar;

M. billi x-xogħol mhux iddikjarat jgħawweġ il-kompetizzjoni fis-suq uniku peress li jippermetti lil ċerti kumpaniji jikkompetu b’mod inġust mal-oħrajn;

N. billi l-konsolidazzjoni ta’ suq komuni ġenwin hija marbuta intrinsikament mal-qerda ta’ kull forma ta’ dumping soċjali;

O. billi fil-preżent ix-xogħol mhux iddikjarat jammonta għal 18,8 % tal-PDG fl-UE 27 u għal aktar minn 30 % f’xi pajjiżi;

P. billi, f’ħafna Stati Membri, l-impjieg mhux iddikjarat għadu qiegħed jiżdied, anke bħala riżultat tal-kriżi;

Q. billi miżuri ta’ għoti ta’ informazzjoni dwar prattiki ħżiena (“whistleblowing”) huma meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-iskoperta ta’ abbużi u jiġi żgurat il-ħarsien tal-informatur, u billi l-UE u l-Istati Membri għandhom id-dmir li jipprovdu protezzjoni sħiħa għall-informaturi;

R. billi 168 000 ċittadin Ewropew imutu kull sena minħabba inċidenti jew mard marbuta max-xogħol, u 7 miljuni jindarbu f’inċidenti ([1]);

S. billi l-prevenzjoni tar-riskji hija indispensabbli sabiex titbaxxa r-rata ta’ inċidenti u ta’ mard marbuta max-xogħol; billi ġestjoni tajba tas-saħħa u tas-sikurezza okkupazzjonali għandha effett pożittiv kemm fil-livell nazzjonali u Ewropew kif ukoll għall-kumpaniji;

T. billi s-sistemi ta’ spezzjoni huma ftit jew wisq neqsin mill-persunal u l-finanzjament meħtieġa biex iwettqu spezzjonijiet tax-xogħol b’mod effettiv; billi, minħabba f’hekk, hemm ftit wisq ippjanar strateġiku tar-riżorsi umani għall-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol fl-UE, l-ammont ta’ persunal tagħhom qed jonqos b’mod kostanti f’ħafna pajjiżi u, fl-istess ħin, il-ħidma tal-ispetturi qiegħda ssir dejjem aktar kumplessa;

U. billi l-frammentazzjoni tas-suq tax-xogħol, flimkien mal-espansjoni mhux ikkontrollata u mhux regolata ta’ ċerti arranġamenti ta’ impjieg f’xi Stati Membri, qed tnaqqas il-livell tal-pagi b’mod sostanzjali u b’hekk toħloq sitwazzjoni li aktarx tkompli taggrava l-problema tax-xogħol mhux iddikjarat;

V. billi s-setturi li fihom huwa l-aktar komuni x-xogħol mhux iddikjarat huma dawk b’intensità għolja ta’ xogħol, bħas-settur tal-kostruzzjoni, tas-sigurtà, tas-servizzi tat-tindif u domestiċi, tal-akkomodazzjoni u l-kura, li huma kkaratterizzati minn kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol u tal-pagi;

W. billi hemm rabta mill-qrib bejn l-immigrazzjoni irregolari u x-xogħol mhux iddikjarat, peress li persuni li jgħixu fl-Ewropa illegalment ma jistgħux jidħlu għal relazzjonijiet ta’ impjieg normali u għalhekk mhumiex koperti minn kwalunkwe sistema ta’ protezzjoni;

X. billi ħaddiema li jagħmlu xogħol mhux iddikjarat ma għandhom l-ebda assigurazzjoni soċjali, tas-saħħa jew kontra l-inċidenti, u b’hekk qegħdin f’riskju akbar ta’ telf finanzjarju personali;

Y. billi l-ispezzjoni tax-xogħol fir-rigward ta’ servizzi u relazzjonijiet ta’ impjieg transkonfinali hija kwistjoni ta’ natura transkonfinali, u billi l-aċċess transkonfinali għad-dejta mhuwiex adegwat;

Z. billi ħafna impjegati li jagħmlu xogħol mhux iddikjarat isibu ruħhom f’dik is-sitwazzjoni mhux għax iridu huma iżda għax ikunu ġew sfurzati;

([1]) EU-OSHA.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

***I. Miżuri ta' spezzjoni fil-livell nazzjonali***

*Prinċipji għal spezzjonijiet effikaċi tax-xogħol*

1. Jenfasizza l-fatt li filwaqt li l-ispezzjoni tax-xogħol hija kompitu ta' servizz pubbliku li għandu jitwettaq biss minn korpi pubbliċi indipendenti, dan ma jfissirx li l-ispezzjonijiet tax-xogħol ma jistgħux ikunu assistiti mir-rappreżentanti tas-sħab soċjali; jemmen li għandha tiġi żgurata l-indipendenza tas-servizzi OHS vis-à-vis l-impjegatur; iqis, f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa okkupazzjonali, li l-monitoraġġ, it-twissija, l-għarfien espert dwar is-saħħa, u l-għoti ta' pariri tajbin relatati mas-saħħa jistgħu jsiru biss minn professjonisti indipendenti tas-saħħa u s-sikurezza; iqis bħala ta' dispjaċir li, f'ċerti Stati Membri, il-ġestjoni tal-OHS għadha qed issir mill-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem; jenfasizza li l-ispezzjoni u l-monitoraġġ tas-saħħa okkupazzjonali jeħtieġ isiru minn spetturi indipendenti mħarrġa fis-saħħa u s-sikurezza;

2. Jenfasizza l-importanza li jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għat-tisħiħ tal-mekkaniżmi tal-ispezzjoni tax-xogħol, u għall-finanzjament tagħhom permezz tal-Fondi Strutturali Ewropej, fid-dawl tal-valur miżjud ta' spezzjonijiet tax-xogħol effettivi fiż-żamma tal-koeżjoni soċjali u, b'mod ġenerali, fil-konsolidazzjoni tal-ġustizzja fuq il-post tax-xogħol;

3. Jirrimarka li l-ispettorati tax-xogħol għandhom rwol fundamentali x'jiżvolġu fil-prevenzjoni u l-monitoraġġ, u jgħinu wkoll fit-tijib tal-għarfien espert u l-għoti ta' informazzjoni fil-livell tal-kumpaniji; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-livelli tal-persunal u r-riżorsi disponibbli għall-ispettorati tax-xogħol tagħhom u jissodisfaw il-mira ta' spettur wieħed għal kull 10 000 ħaddiem, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ILO, kif ukoll jimponu penali aktar severi fuq l-impriżi li jonqsu milli jirrispettaw l-obbligi tagħhom fil-qasam tad-drittijiet fundamentali (is-salarji, is-sigħat ta' xogħol u l-OHS); iqis li l-penali f'dawn il-każijiet iridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi;

4. Ifakkar li l-kategoriji kollha ta' ħaddiema, sew impjegati u sew ħaddiema li jaħdmu għal rashom, irrispettivament mill-istatus, ir-relazzjoni tal-impjieg jew l-oriġini tagħhom, jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali tal-ispezzjoni u għandhom igawdu l-istess livell ta' protezzjoni; jenfasizza li tentattivi biex jiġi limitat l-ambitu tal-ispezzjonijiet tax-xogħol jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-impjegati, kif ukoll fuq id-drittijiet tagħhom;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb ir-rwol tal-ispettorati nazzjonali tax-xogħol, li jingħata taħriġ lill-persunal ta' livell għoli u li jiġu kkoordinati r-responsabbiltajiet tagħhom sabiex jintlaqgħu b'suċċess l-isfidi ġodda għall-ispezzjonijiet;

6. Iqis li l-ispezzjonijiet tax-xogħol jistgħu ikunu effettivi biss jekk l-awtoritajiet rilevanti jkunu ffinanzjati b'mod adegwat u jkollhom persunal biżżejjed; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' persunal li għandhom l-awtoritajiet tal-ispezzjoni fl-Istati Membri u n-nuqqas ta' taħriġ kontinwu, b'mod partikolari fuq kwistjonijiet li jaffettwaw l-Ewropa kollha; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' spezzjoni tagħhom, billi din għandha tkun parti essenzjali mill-pjanijiet nazzjonali b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika; jirrimarka li l-ispezzjonijiet tax-xogħol jiżvolġu rwol fundamentali billi jivverifikaw li l-leġiżlazzjoni fis-seħħ hija implimentata bis-sħiħ kif ukoll billi jiżguraw li ħaddiema partikolarment vulnerabbli huma koperti u mħarsa;

7. Jinnota l-ħtieġa ta' taħriġ uniformi għall-ispetturi tax-xogħol u ta' uffiċjali oħrajn f'dan il-qasam, bil-għan li jissaħħaħ l-infurzar tal-liġi tal-UE dwar ix-xogħol;

8. Jenfasizza li r-riformi finanzjarji li qed isiru f'ċerti Stati Membri m'għandhom, taħt l-ebda ċirkustanza, jirriżultaw fi tnaqqis fil-manodopera, fil-finanzjament, u fir-riżorsi infrastrutturali materjali u tekniċi tal-ispettorati tax-xogħol;

9. Jirrimarka li l-obbligi legali u t-talbiet tal-ħaddiema jidhru li huma ż-żewġ fatturi prinċipali li jimmotivaw lill-impjegaturi biex jintroduċu politiki ta' prevenzjoni ([1]);

10. Jemmen li, mingħajr valutazzjoni adegwata tar-riskji, huwa impossibbli li l-ħaddiema jkunu protetti tajjeb; jemmen li l-SMEs jeħtieġ jiġu megħjuna jistabbilixxu politiki ta' prevenzjoni tar-riskji; jenfasizza r-rwol pożittiv li għandhom l-inizjattivi sempliċi, mmirati u mingħajr ħlas, bħall-Valutazzjoni tar-Riskji interattiva Online (Online interactive Risk Assessment – OiRA) żviluppata mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA);

([1]) EU-OSHA, stħarriġ Esener, 2009.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

11. Ifakkar lill-Istati Membri li kollha kemm huma ffirmaw u rratifikaw il-Konvenzjoni Nru 81 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-ispezzjonijiet tax-xogħol; jistedinhom, għaldaqstant, jinfurzaw il-prinċipji tal-Konvenzjoni;

12. Jenfasizza li l-ispezzjonijiet tax-xogħol ikunu effettivi wkoll jekk isiru mingħajr preavviż, b'mod ripetut u għall-għarrieda; jirrimarka li biex il-penali jkunu effettivi għandhom ikunu mfassla b'tali mod li l-impjegaturi ma jkunux jistgħu jagħmlu gwadann billi jevadu l-ftehimiet dwar il-pagi jew il-liġijiet u r-regoli eżistenti;

13. Jirrimarka li r-riżultati tal-ispezzjonijiet tax-xogħol għandhom ikunu akkumpanjati minn skadenzi ċari għall-azzjoni sabiex l-abbużi jiġu evitati fil-ħin u l-vittma tingħata l-protezzjoni mill-bidu;

14. Jirrimarka li l-ispetturi tax-xogħol fl-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jwettqu spezzjonijiet fuq il-post stess, jużaw strumenti ta' spezzjoni intelliġenti u jaħdmu f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kollha rilevanti, għandu jkollhom mandat xieraq u jaħdmu b'mod independenti;

15. Jistieden lill-Istati Membri biex, fil-każ ta' abbużi skoperti mill-ispetturi tax-xogħol, jew meta l-informaturi jressqu każijiet ta' abbuż għall-attenzjoni tal-ispetturi tax-xogħol, jipproteġu lill-ħaddiema kkonċernati u lill-informaturi involuti, u jippermettulhom li jitolbu bla ħlas id-drittijiet tagħhom; jirrimarka li l-miżuri pertinenti kollha, bħad-dritt dirett jew kollettiv ta' lment, huma mezz effettiv għall-ħarsien tal-persuni affettwati u l-informaturi; jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri għall-ħarsien tal-informaturi u l-familji tagħhom sabiex tiġi ffaċilitata l-iskoperta tal-abbużi; jenfasizza li huwa importanti li l-ħaddiema migranti f'sitwazzjoni irregolari jiġu mħarsa u li dan għandu jkun wieħed mill-oqsma ta' tħassib; ifakkar lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, fil-Konvenzjoni dwar il-Ħaddiema Migranti (Dispożizzjonijiet Supplimentari) tal-ILO (Nru 143) tal-1975;

16. Jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw id-dispożizzjonijiet legali b'sanzjonijiet li jirriflettu s-serjetà tar-reat u jissanzjonaw b'mod dissważiv in-nuqqas ta' rispett tal-kundizzjonijiet tax-xogħol; jenfasizza li r-riċerka indikat b'mod ċar li, f'termini ta' titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-ogħla impatt jinkiseb b'miżuri ta' prevenzjoni b'saħħithom u kkoordinati tajjeb flimkien ma' spezzjonijiet minn kmieni, fost l-oħrajn billi l-impjegaturi jingħataw informazzjoni u parir jew billi l-ħaddiema mhux iddikjarati jiġu reġistrati b'mod retroattiv;

17. Jirrimarka li sistema ta' netwerking elettroniku tal-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali kollha rilevanti, bħall-"Crossroads Bank for Social Security" tal-Belġju ([1]), li jagħmilha aktar faċli għalihom li jiskambjaw id-dejta, hija strument utli biex l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol jingħataw aċċess għad-dejta li jeħtieġu biex jagħmlu l-ispezzjonijiet;

18. Jenfasizza li l-ispezzjonijiet tax-xogħol jiffaċċjaw ċerti sfidi fir-rigward tal-ispezzjonijiet li jikkonċernaw ħaddiema migranti u ħaddiema stazzjonati mill-UE u minn pajjiżi terzi; jenfasizza li, sabiex l-ispezzjonijiet tax-xogħol ikunu effettivi, huwa importanti li l-ispezzjonijiet tax-xogħol ikunu konxji biżżejjed mis-sitwazzjonijiet b'riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità; jirrimarka li s-sistemi elettroniċi nazzjonali għall-prereġistrazzjoni obbligatorja ta' ħaddiema barranin mill-impjegaturi, jistgħu jiffaċilitaw l-ispezzjonijiet tax-xogħol b'mod sostanzjali;

19. Jirrimarka li s-sħab soċjali għandhom rwol importanti x'jiżvolġu, skont il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, fir-rigward tat-tfittxija għall-iżgurar tal-konformità mar-regolamenti eżistenti; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil u l-formulazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali tal-ispezzjoni tax-xogħol u fl-ispezzjonijiet tax-xogħol infushom;

20. Iħeġġeġ il-ħolqien ta' spettorati settorjali tripartitiċi addizzjonali li jirrappreżentaw lill-gvern, lill-ħaddiema u lill-impjegaturi u, bħala inizjattiva pilota, jitlob li dawn jidħlu fis-seħħ f'dawk l-Istati Membri bl-ogħla livelli ta' xogħol mhux iddikjarat;

21. Jinnota li jsiru inqas spezzjonijiet tax-xogħol f'lokalitajiet rurali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-reġjuni rurali jkunu koperti b'mod xieraq;

22. Jirrimarka li huwa komuni li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' impjegati b'kuntratti ta' terminu fiss ikunu inqas adegwati minn dawk ta' impjegati permanenti; jinnota li, għall-ispezzjoni effikaċi tal-impjieg bil-kuntratt, għandhom jiġu estiżi d-drittijiet tal-ispetturi biex jispezzjonaw il-kumpaniji li jkunu qed jipprovdu x-xogħol, u l-ispezzjonijiet għandhom ikopru l-konformità mar-regoli dwar il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll l-applikazzjoni tal-paga minima meta

([1]) http://www.ksz.fgov.be/en/international/page/content/websites/international/aboutcbss.html.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

mitlub mil-liġi tal-Istat Membru jew mill-ftehimiet kollettivi nazzjonali; jinsisti li l-prevenzjoni ta' problemi tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol għandha tingħata l-istess grad ta' attenzjoni fis-settur privat u f'dak pubbliku; jirrimarka li l-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni huwa obbligatorju; jiddikjara li għandu jkun possibbli li l-ħaddiema fuq kuntratti temporanji jsiru jafu dwar id-drittijiet tagħhom, inklużi d-drittijiet dwar ir-rati tal-paga, permezz ta' servizz online jew sit elettroniku;

23. Jesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni ta' ħaddiema agrikoli staġjonali, ħafna drabi minn pajjiżi terzi; jemmen li l-ispezzjonijiet tax-xogħol f'dan is-settur qed jiżdiedu; jirrimarka li l-impjieg fis-settur huwa fil-parti l-kbira kkaratterizzat minn taħlita ta' xogħol iddikjarat u mhuwiex;

24. Jirrimarka li filwaqt li l-ħaddiema li jipprovdu servizzi fid-dar, ħafna drabi jaħdmu mingħajr ma jkunu rreġistrati, jew igawdu inqas drittijiet minn ħaddiema oħrajn, ħafna drabi din is-sitwazzjoni ma taqax taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-ispezzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 189 u, b'konformità ma' din il-konvenzjoni, jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri għall-ispezzjonijiet tax-xogħol, l-infurzar u l-penali, bir-rispett dovut għall-karatteristiċi speċjali tax-xogħol domestiku, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali; jenfasizza li, b'kompatibilità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali, dawn il-miżuri għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li skonthom jista' jingħata aċċess għad-djar, bir-rispett dovut għall-privatezza;

25. Jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni speċifika ta' dawk li jaħdmu mid-dar u tat-teleħaddiema li, waqt ix-xogħol fid-dar jew barra mill-post tax-xogħol regolari, jistgħu wkoll ikunu soġġetti għal abbużi tal-liġi tax-xogħol meta l-impjegaturi jonqsu milli jwettqu l-obbligi legali tagħhom lejn dawn il-ħaddiema;

26. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-settur tat-trasport li, minħabba l-karattru mobbli tiegħu, jista' joħloq sfidi addizzjonali għall-ispettorati tax-xogħol; jitlob li l-ispettorati tax-xogħol ikunu mgħammra b'mezzi adegwati biex iwettqu spezzjonijiet effettivi f'dan is-settur;

27. Jiddeplora l-inċidenza kbira u problematika ta' impjieg indipendenti fittizju, speċjalment fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-ipproċessar tal-laħam, inkluż taħt arranġamenti għall-istazzjonar tal-ħaddiema; iħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu miżuri ta' spezzjoni xierqa biex jiġi miġġieled l-impjieg indipendenti fittizju, pereżempju billi jiġu stabbiliti kriterji biex jiġi ddeterminat x'jikkostitwixxi impjieg, sabiex l-ispetturi tax-xogħol ikunu jistgħu jiddistingwu bejn impjieg indipendenti fittizju u leġittimu; jiddikjara li, bil-għan li jiġi evitat l-impjieg indipendenti fittizju, għandhom jittieħdu miżuri li jippermettu lill-Istati Membri jintroduċu rekwiżiti jew miżuri ta' kontroll aktar wiesgħa;

*Xogħol mhux iddikjarat*

28. Jistieden lill-ispettorati nazzjonali tax-xogħol u lil awtoritajiet rilevanti oħra jfasslu pjanijiet ta' azzjoni għall-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, li jkopru l-forom kollha ta' abbuż fil-kuntest ta' ħaddiema impjegati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom; jenfasizza li x-xogħol mhux iddikjarat, jekk ma jkunx ittrattat kif għandu jkun, jista' jkun ta' theddida għall-kapaċità tal-UE li tilħaq il-miri tax-xogħol tagħha għal aktar impjiegi u impjiegi aħjar, u għal tkabbir aktar b'saħħtu;

29. Jesprimi tħassib serju dwar il-vulnerabbiltà estrema tal-ħaddiema migranti bi status irregolari jew mhux awtorizzat, peress li hemm ir-riskju li jiġu sfruttati f'xogħol mhux iddikjarat ta' standards baxxi, b'pagi baxxi u sigħat twal tax-xogħol f'ambjenti tax-xogħol mhux sikuri; jenfasizza li kwalunkwe kooperazzjoni bejn l-ispetturi tax-xogħol u l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni għandha tkun limitata għall-identifikazzjoni ta' impjegaturi abbużivi, u m'għandhiex twassal għal sanzjonijiet kontra l-ħaddiema migranti kkonċernati jew għat-tkeċċija tagħhom, peress li dan effettivament ixejjen l-isforzi biex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat;

30. Iqis li fejn l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol ikunu responsabbli biex jittrattaw ħaddiema migranti u stazzjonati, il-programmi ta' taħriġ għall-ispetturi tax-xogħol għandhom jinkludu moduli speċifiċi dwar dawn il-kwistjonijiet kif ukoll dwar ix-xogħol mhux iddikjarat u t-traffikar tal-bnedmin, peress li dawn il-kwistjonijiet huma marbutin mill-qrib ma' xulxin, u għandhom jinkludu wkoll moduli lingwistiċi, meta jkun rilevanti;

31. Iqis li l-penali jkunu effettivi biss jekk l-impjegaturi ma jkunux jistgħu jagħmlu gwadann meta jimpjegaw ħaddiema b'mod illegali għaliex, jekk jagħmlu hekk, it-telf tagħhom ikun ferm akbar mill-ispejjeż li jidħlu għalihom meta jimpjegaw ħaddiema reġistrati;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

32. Jagħraf li teżisti tendenza ta' aktar impjieg indipendenti fittizju, ta' servizzi ta' esternalizzazzjoni u ta' sottokuntratti, li tista' twassal għal żieda fl-impjiegi prekarji u għal aktar deterjorament tal-livelli ta' ħarsien li diġà huma baxxi għall-ħaddiema mhux iddikjarati; jemmen li sistemi ta' responsabbiltà ġenerali tal-kuntrattur jistgħu jservu bħala għodod utli biex tiżdied il-konformità mal-istandards tax-xogħol matul il-proċess kollu tal-produzzjoni, u li għandha tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' sistemi bħal dawn fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jirrikonoxxi li l-kontrolli mill-ispetturi tax-xogħol jibqgħu essenzjali;

*Ħarsien tax-xogħol – saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol*

33. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema biex jiġu implimentati r-regoli dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol meta l-impjegati jagħmlu xogħol mhux iddikjarat; jenfasizza li d-dritt għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol japplika għal kull impjegat u għal kull persuna li taħdem għal rasha, u li t-titjib fl-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti se jagħti sustanza lil dak id-dritt; jissuġġerixxi li l-Istati Membri jistudjaw il-possibbiltà li joffru eżami mediku kunfidenzjali għall-ħaddiema kollha, bla ħlas, darba fis-sena jew darba għal kull kuntratt, sabiex tingħatalhom protezzjoni bażika;

34. Jirrakkomanda penali aktar stretti għall-kumpaniji li jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tad-drittijiet bażiċi tal-impjegati, u jqis li dawn il-penali għandu jkollhom effett ta' deterrent u dissważiv biżżejjed biex jiżgura li l-impjegaturi ma jagħmlu ebda gwadann billi jevadu r-regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tal-impjieg u tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw li fis-sistemi ta' stabbiliment ta' sanzjonijiet tagħhom jagħmlu l-livell tal-multi proporzjonali għall-ħsara kif ukoll jiżguraw li dan ikun ogħla mill-gwadann magħmul mit-tidwir mar-regoli;

35. Jirrimarka li l-istrateġija Ewropa 2020 tiġbed l-attenzjoni fuq il-ħtieġa ta' aktar nisa fis-suq tax-xogħol, u jqis li l-ispetturi tal-post tax-xogħol għandu jkollhom għarfien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel;

36. Jitlob li dawn il-penali japplikaw ukoll għall-kumpaniji li jinstab li jkunu qed ipoġġu fuq lista sewda ħaddiema minħabba l-attivitajiet tagħhom bħala rappreżentanti tat-trade unions jew tas-saħħa u s-sikurezza;

37. Jitlob li l-awtoritajiet nazzjonali superviżorji fil-qasam tan-negozju jkunu appoġġjati fl-implimentazzjoni ta' sistema effiċjenti tal-protezzjoni tax-xogħol fil-livell tal-kumpaniji, speċjalment f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-ispezzjonijiet ikunu mmirati aktar mill-qrib biex jiġu identifikati soluzzjonijiet prattiċi u fattibbli għan-nuqqasijiet fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

38. Japprova l-ħidma utli li l-Kumitat ta' Livell Għoli ta' Spetturi tax-Xogħol (Senior Labour Inspectors' Committee – SLIC) qiegħed jagħmel biex iqarreb il-kulturi nazzjonali lejn xulxin; jitlob it-tisħiħ tar-riżorsi u tal-kompetenzi tiegħu; jitlob kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn is-SLIC u l-Kumitat Konsultattiv tal-Lussemburgu; huwa tal-fehma li l-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għandu jiġi aġġornat b'mod regolari dwar żviluppi fl-Istati Membri fil-qasam tal-ispettorati tax-xogħol u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

39. Huwa tal-fehma li dawn l-aspetti tas-saħħa u s-sikurezza għandhom jitqiesu wkoll fl-istrateġija tal-UE li jmiss dwar is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol; jitlob li l-ispezzjonijiet tax-xogħol jintensifikaw il-miżuri mmirati tajjeb ta' prevenzjoni u edukazzjoni maħsuba biex jiżdied l-għarfien tar-regoli u l-proċeduri dwar is-saħħa u s-sikurezza fost iċ-ċittadini; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħaġġlu l-implimentazzjoni tar-REACH, u b'mod partikolari s-sostituzzjoni tas-sustanzi kimiċi li huma l-aktar ta' tħassib; iqis li l-mard relatat max-xogħol għandu jitqies fil-prijoritizzazzjoni ta' dawn is-sustanzi;

## *II. Rakkomandazzjonijiet għal politika fil-livell Ewropew*

*Skambju transkonfinali ta' informazzjoni aktar mgħaġġel u effiċjenti*

40. Iqis li kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali u s-sħab soċjali hija importanti fl-isforz biex jintemm id-dumping soċjali u tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tinħoloq Pjattaforma Ewropea għall-ispetturi tax-xogħol; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tistabbilixxi Pjattaforma Ewropea għall-ispetturi tax-xogħol dwar xogħol mhux iddikjarat fi ħdan il-Eurofound, b'mandat – bħala kompitu addizzjonali għall-aġenzija – li torganizza x-xogħol tal-Pjattaforma u tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba, tipprovdi informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u komparattiva, ittejjeb il-kooperazzjoni transkonfinali u tidentifika u żżomm rekord ta' kumpaniji tal-isem (letter-box companies) u operati simili;

41. Jistieden lill-Kummissjoni biex, f’kooperazzjoni mas-sħab soċjali u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, mingħajr ħsara għall-prinċipju ta’ sussidjarjetà, tiddedika riżorsi umani adegwati għal każijiet fuq livell transkonfinali ta’ abbuż tar-regoli tal-ħarsien tax-xogħol u ta’ xogħol mhux iddikjarat – b’kompitu li jinkludi, fost l-oħrajn, l-identifikazzjoni ta’ kumpaniji tal-isem u l-kontroll ta’ fornituri ta’ servizzi transnazzjonali – u tiżviluppa programmi ta’ taħriġ kontinwu għall-ispettorati fl-UE kollha li jindirizzaw sfidi bħalma hu l-impjieg indipendenti fittizju u l-istazzjonar, l-identifikazzjoni ta’ modi ġodda ta’ evażjoni tar-regoli u l-organizzazzjoni ta’ kontrolli transkonfinali; jirrakkomanda, barra minn hekk, li l-ispettorati nazzjonali jwettqu spezzjonijiet transkonfinali okkażjonali u konġunti, b’mod partikolari fil-inħawi qrib iż-żoni tal-fruntieri;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-benefiċċji li tiġi introdotta, u – jekk ikun xieraq – titqiegħed għad-dispożizzjoni, kard Ewropea tas-sigurtà soċjali li ma tistax tiġi ffalsifikata, jew dokument elettroniku ieħor validu fl-UE kollha, fejn tiġi maħżuna d-dejta kollha meħtieġa biex tiġi vverifikata r-relazzjoni tal-impjieg tad-detentur, bħal dettalji dwar l-istatus tas-sigurtà soċjali u s-sigħat tax-xogħol, u li tkun soġġetta għal regoli stretti tal-protezzjoni tad-dejta, b’mod partikolari fejn tiġi pproċessata dejta personali sensittiva fir-rigward tal-privatezza; jenfasizza, għalhekk, l-importanza li qabel u matul l-iżvilupp ta’ kard bħal din, jiġi eżaminat bir-reqqa l-impatt tagħha fuq il-privatezza;

43. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq proġett pilota għal mekkaniżmu Ewropew immirat għat-twissija bikrija għall-ksur ta’ regoli tal-ħarsien tax-xogħol u każijiet ta’ xogħol mhux iddikjarat, li jippromwovi l-iskambju rapidu bejn l-Istati Membri u li jkun akkumpanjat minn lista sewda sabiex b’mod aktar effettiv jiġi evitat fi stadju bikri l-ksur tar-regoli tal-protezzjoni tax-xogħol; ifakkar li dan il-mekkaniżmu ta’ twissija bikrija jista’ jiġi orjentat fuq is-sistema eżistenti Ewropea ta’ twissija rapida għall-protezzjoni tal-konsumatur (RAPEX); jenfasizza li l-ksur tar-regoli jeħtieġ jiġi dokumentat bir-reqqa, permezz ta’ reġistrazzjoni sistematika tar-riżultati tal-ispezzjonijiet, sabiex tkun tista’ tittieħed azzjoni mmirata kontra l-abbużi;

44. Iqis li kooperazzjoni akbar kif ukoll skambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri fil-glieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat jista’ joffri valur miżjud Ewropew sinifikanti; jenfasizza li dan jirfed b’mod utli l-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE dwar ix-xogħol mhux iddikjarat, jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki u jtejjeb il-koordinazzjoni bejn l-ispettorati tax-xogħol minn pajjiżi differenti;

45. Jirrimarka li, f’ċerti sitwazzjonijiet transkonfinali, ġie ristrett ħafna d-dritt tal-awtoritajiet nazzjonali tal-ispezzjoni li jwettqu spezzjonijiet f’kumpaniji barranin, u li dan ipperikola kemm il-ħarsien tal-ħaddiem kif ukoll l-assigurazzjoni ta’ kundizzjonijiet ekwi; jitlob li l-informazzjoni dwar l-istazzjonar ta’ ħaddiema, pereżempju ċ-ċertifikati tal-istazzjonar A1, ma tkunx retroattiva, u li dawn jiddaħħlu f’reġistru fil-livell tal-UE li għandu jikkumplimenta reġistri nazzjonali eżistenti u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet fl-UE kollha sabiex jiġi ffaċilitat il-kontroll, fil-livell nazzjonali, tar-relazzjonijiet tal-impjieg fost il-ħaddiema stazzjonati fuq bażi multilingwi; jafferma li, f’dan ir-rigward, skambju transkonfinali aktar effiċjenti tal-informazzjoni bejn il-bosta awtoritajiet kompetenti huwa ta’ importanza kbira; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ispezzjonijiet tax-xogħol jistgħu jagħmlu użu mid-dritt tagħhom ta’ spezzjonijiet indipendenti nondiskriminatorji f’sitwazzjonijiet transkonfinali, irrispettivament mill-post fejn tkun stabbilita l-kumpanija;

46. Jirrimarka, b’rabta mal-applikazzjoni tad-direttiva dwar l-istazzjonar ta’ ħaddiema, li d-dokumenti għandhom jiġu tradotti, irrispettivament mit-tul tagħhom, meta dan ikun mitlub fil-qafas ta’ spezzjoni;

*Inizjattivi leġiżlattivi ġodda fil-livell tal-UE*

47. Jenfasizza n-nuqqas ta’ enfasi, fid-direttivi eżistenti dwar is-sigurtà soċjali u tal-impjieg, dwar titjib fl-implimentazzjoni u dwar ir-rwol tal-ispettorati tax-xogħol; iqis li d-direttivi eżistenti jeħtieġ jiġu rieżaminati u riveduti fil-fond, jekk ikun hemm bżonn, u li l-kwistjoni tal-infurzar għandha tiġi indirizzata aħjar fil-liġi Ewropea dwar ix-xogħol; jilqa’, f’dan il-kuntest, l-istandards minimi ta’ spezzjoni fid-direttivi marbuta ma’ ċerti gruppi ta’ ħaddiema proposti mill-Kummissjoni; jenfasizza li r-rwol tal-ispettorati tax-xogħol, u tas-sħab soċjali, jeħtieġ jiġi kkunsidrat fi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà soċjali u mal-impjieg, b’mod li jippermetti protezzjoni effettiva;

48. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu l-introduzzjoni volontarja ta’ standards ogħla tax-xogħol mill-kumpaniji permezz tat-twaqqif ta’ sistema ta’ “tikketti soċjali” bla ħlas li jkunu rikonoxxuti fil-livell nazzjonali jew tal-UE;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

49. Jirrimarka li f'ċerti Stati Membri hemm tfal taħt l-14-il sena li diġà qegħdin jaħdmu; iqis li jeħtieġ jissaħħaħ ir-rwol tal-ispetturi tax-xogħol u jiżdiedu l-kampanji kontra t-tħaddim tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni sabiex, fil-livell tal-UE, tintroduċi kampanji għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-ħaddiema migranti żgħażagħ;

50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet proċedurali u d-drittijiet tal-infurzar, bħal dawk indikati fil-proposta għal direttiva dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema, ikunu disponibbli għall-ħaddiema kollha;

51. Iqis bħala importanti, fir-rigward ta' ħaddiema mobbli, li l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol – u, fejn applikabbli, l-organizzazzjonijiet tal-impjegati – għandhom ikunu jistgħu jwettqu spezzjonijiet f'kull sitwazzjoni li huma jqisu li jkun hemm bżonn; josserva li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu introdotti kontrolli effikaċi u mekkaniżmi ta' monitoraġġ fit-territorju tagħhom sabiex jikkontrollow u jimmonitorjaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet u r-regoli stabbiliti fid-direttivi rilevanti;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal u tipprovdi lill-Istati Membri b'linji gwida dwar l-aħjar prattiki, u tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom, sabiex huma jkunu kapaċi jagħmlu skrutinju u kontroll tal-attivitajiet tal-aġenziji tax-xogħol temporanju b'mod aktar effikaċi; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom iżidu l-ispezzjonijiet komprensivi tagħhom fuq l-aġenziji tax-xogħol temporanju, u għandhom jikkunsidraw li jintroduċu miżuri li bihom dawn il-kumpaniji jkunu soġġetti għal obbligi ta' ċertifikazzjoni u rappurtar;

53. Jistieden lill-Kummissjoni biex, mingħajr ħsara għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, tipproponi green book li fuqu jissejjes ir-rwol tal-ispetturi tax-xogħol u li jistabbilixxi standards Ewropej għall-ispezzjonijiet tax-xogħol u rekwiżiti ta' taħriġ uniformi f'dan il-qasam, filwaqt li jqis id-differenzi bejn is-swieq tax-xogħol nazzjonali;

54. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika modi aħjar kif tindirizza sitwazzjonijiet ta' dumping soċjali fl-UE u tipproponi strumenti xierqa f'dan ir-rigward; jirrimarka li l-politika tal-kompetizzjoni hija implimentata fuq livell Ewropew;

o

o o

55. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0013

# Il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpaniji

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpaniji (2013/2127(INI))**

(2016/C 482/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2012 bl-isem "Pjan ta' Azzjoni: Id-dritt soċjetarju Ewropew u l-governanza korporattiva – qafas legali modern għal azzjonisti aktar impenjati u kumpaniji sostenibbli" (COM(2012)0740),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2002 dwar qafas għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati (COM(2002)0364) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-5 ta' Ġunju 2003 dwarha ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fl-Ewropa ([2]),

— wara li kkunsidra l-istudju mitlub mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpaniji ([3]), li ġie ppubblikat f'Settembru 2012,

— wara li kkunsidra r-Rapport PEPPER IV, bl-isem "Benchmarking of employee participation in profits and enterprise results in the member and candidate Countries of the European Union" (Parametru referenzjarju tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-profitti u r-riżultati tal-intrapriżi fil-pajjiżi membri u kandidati tal-Unjoni Ewropea), li ġie ppubblikat f'Ottubru 2009 mill-Università Ħielsa ta' Berlin,

— wara li kkunsidra r-Rapport PEPPER IIII, bl-isem "Promotion of employee participation in profits and enterprise results in the New Member and Candidate Countries of the European Union" (Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-profitti u r-riżultati tal-intrapriżi fil-pajjiżi membri u kandidati tal-Unjoni Ewropea), li ġie ppubblikat f'Ottubru 2006 mill-Università Ħielsa ta' Berlin,

— wara li kkunsidra r-Rapport PEPPER II tal-Kummissjoni tat-8 ta' Jannar 1997 bl-isem "Promotion of participation by employed persons in profits and enterprise results (including equity participation) in Member States" (Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' persuni impjegati fil-profitti u r-riżultati tal-intrapriżi (inkluża l-parteċipazzjoni fil-kapital) (COM(1996)0697),

— wara li kkunsidra r-Rapport PEPPER I, bl-isem "Promotion of employee participation in profits and enterprise results" (Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-profitti u r-riżultati tal-intrapriżi), li ġie ppubblikat f'Marzu 1991 mill-Kummissjoni u l-Istitut Universitarju Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proġett pilota tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tas-sjieda u l-parteċipazzjoni tal-impjegati ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tat-18 ta' Diċembru 2003 tal-grupp ta' livell għoli ta' esperti indipendenti dwar ostakoli transnazzjonali għat-tkabbir tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati f'intrapriżi transnazzjonali,

---

([1]) ĠU C 68 E, 18.3.2004, p. 429.
([2]) ĠU C 51, 17.2.2011, p. 1.
([3]) IP/A/EMPL/ST/2011-02 – PE 475.098.
([4]) MARKT/2013/019/F 2013/S 077-128533

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Att dwar is-Suq Uniku II – Flimkien għal tkabbir ġdid" (COM(2012)0573),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "L-Implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi: Trasferiment tan-Negozju – Kontinwità bis-saħħa ta' bidu ġdid", tal-14 ta' Marzu 2006 (COM(2006)0117),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 dwar informazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema, l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-ristrutturar ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0465/2013),

A. billi l-iskemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati (PFI) jistgħu joffru benefiċċji finanzjarji diretti li jmorru lil hinn mill-istrutturi ta' remunerazzjoni bażiċi maqbulin, permezz ta':

— kondiviżjoni tas-sjieda, li toffri lill-impjegati d-dritt li jgawdu l-benefiċċji tas-suċċess tal-kumpanija filwaqt li jipparteċipaw fir-responsabbiltà u r-riskji marbuta ma' deċiżjonijiet strateġiċi;

— kondiviżjoni tal-profitti, kemm jekk fil-forma ta' flus kontanti, ishma jew benefiċċji, li tista' tippremja s-suċċess jew il-prestazzjoni eċċezzjonali, iżżid l-introjtu tal-ħaddiema u tagħti spinta lill-kapaċità tal-infiq tagħhom, b'effett konsekwenzjali ekonomiku dirett fuq l-ekonomija lokali;

B. billi l-impjegati jħabbtu wiċċhom ma' riskju doppju meta l-impjegatur jintlaqat minn kriżi: min-naħa, ir-riskju li jitilfu l-impjieg u l-introjtu tagħhom u, min-naħa l-oħra, ir-riskju li jitilfu l-kapital investit fil-kumpanija;

C. billi hemm tliet mudelli ewlenin tal-PFI li kumpanija tista' tagħżel minnhom: kondiviżjoni tal-profitt (fi flus kontanti, differita jew f'ishma), sjieda ta' ishma individwali mill-impjegati (ishma tal-impjegati jew opzjonijiet fuq l-ishma) u pjanijiet ta' sjieda ta' ishma għall-impjegati (ESOPs); billi l-PFI tista' tkun fil-forma ta' ishma jew flus kontanti;

D. billi l-mudell PFI l-aktar adattat se jiddependi ta' spiss fuq id-daqs u l-istat tal-kumpanija, b'mod partikolari fuq jekk hijiex ikkwotata jew le;

E. billi l-PFI, partikolarment fil-forma ta' ESOPs jew sjieda parzjali, tista' sservi bħala ammortizzatur, billi tippermetti li bonuses jew forom oħra ta' ħlas jew premju supplementari jkunu amministrati fi trusts minn partijiet terzi, u b'hekk tifrex ir-riskju tal-investiment fost l-azzjonisti prinċipali tal-kumpanija u tiżgura wkoll li l-ħaddiema jkollhom portafoll ta' ishma mfaddla;

F. billi l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fil-kumpanija tagħhom timplika għadd ta' riskji potenzjali għall-ħaddiema; billi l-parteċipazzjoni finanzjarja ma għandhiex tintuża biex tevita l-konformità mal-liġi tax-xogħol, jew bħala mezz biex jitnaqqsu d-drittijiet soċjali u tax-xogħol miksuba jew biex tkun applikata pressjoni bil-ħsieb li tiżdied il-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol;

G. billi jekk l-impjegati jakkwistaw mis-sidien tal-kumpanija tagħhom id-dritt ta' prijorità ta' akkwiżizzjoni maġġoritarja, u għalhekk jistgħu jieħdu f'idejhom kumpaniji f'diffikultà finanzjarja, huma jistgħu jfittxu li jissalvagwardjaw l-impjiegi tagħhom stess u din il-proċedura tista' tnaqqas l-inċertezza dwar l-impjieg kontinwu tagħhom meta jkun hemm il-possibbiltà ta' akkwiżizzjoni maġġoritarja minn kumpaniji oħra; billi s-sjieda tal-impjegat tista' tindirizza problemi ta' suċċessjoni tal-kumpaniji, minħabba li kumpanija ta' spiss tingħalaq jew tinbiegħ għal razzjonalizzazzjoni jew għeluq possibbli meta s-suċċessjoni ma tkunx possibbli; billi din il-proċedura tista' tkun ta' għajnuna b'mod partikolari għall-SMEs u l-mikrointrapriżi fl-iżgurar tal-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet kummerċjali sostenibbli; billi dawn il-vantaġġi jistgħu jiġu żgurati biss bil-parteċipazzjoni tal-ħaddiema;

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0005.

H. billi l-ESOP huwa eżempju ta' mudell effettiv ta' akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-impjegati għal kumpaniji mhux ikkwotati fejn entità intermedjarja tintuża sabiex ikunu akkwistati l-ishma f'isem l-impjegati; billi l-impjegati mhumiex esposti għal riskji addizzjonali peress li l-akkwist huwa ffinanzjat minn kondiviżjoni tal-profitt, jew self li jitħallas lura mill-kondiviżjonijiet tal-profitt, li huwa apparti mis-salarji tal-impjegati;

I. billi l-kunċett Spanjol ta' *sociedades Laborales* huwa eżempju tal-aħjar prattika ta' skema tal-PFI għall-mikrointrapriżi; billi jippermetti wkoll li l-persuni qiegħda jagħżlu li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad tagħhom bħala somma sħiħa sabiex ikunu jistgħu jibdew kumpanija ġdida jew jirrikapitalizzaw waħda eżistenti;

J. billi l-PFI tnaqqas il-perspettiva għal żmien qasir, tippromwovi s-sostenibbiltà u l-perspettiva għal żmien twil f'teħid tad-deċiżjonijiet strateġiku mill-meniġers u tista' żżid l-interess tal-impjegati f'impenn fit-tul u li jfittxu soluzzjonijiet innovattivi fil-proċess ta' produzzjoni; billi l-PFI jista' għalhekk iwassal stabbilità, żvilupp u tkabbir waqt li jitnaqqsu r-riskji ta' espansjoni żejda li jwasslu għat-telf ta' impjiegi; jikkunsidra li dawn l-effetti jistgħu jissaħħu b'istituzzjonijiet ta' involviment tal-ħaddiema stabbli u operattivi;

K. billi l-iskemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja jinkoraġġixxu investiment fit-taħriġ, billi dawn iżidu l-probabbiltà ta' kumpaniji li jżommu fit-tul lill-ħaddiema li jkollhom il-kompetenzi;

L. billi l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpanija tagħhom u, fejn xieraq, il-parteċipazzjoni assoċjata tal-ħaddiema fit-teħid tad-deċiżjonijiet, tista' tikkontribwixxi għal titjib fis-sodisfazzjon tax-xogħol kif ukoll fil-prestazzjoni u l-motivazzjoni ġenerali tal-ħaddiema; billi din tista' wkoll tħeġġeġ impjegati biex jiżviluppaw sens ta' sjieda u fehim aħjar tal-kumpanija tagħhom kif ukoll issaħħaħ ir-rispett reċiproku bejn l-impjegati u l-impjegaturi;

M. billi l-fatt li l-impjegati jiġu inkoraġġati jiżviluppaw sens ta' sjieda u responsabbiltà jżid is-sens ta' inklużjoni tagħhom u l-probabbiltà li l-impjegaturi tagħhom joqorbu lejhom u jifhmu t-tħassib, il-perspettivi u l-ideat tagħhom;

N. billi l-istabbiliment tal-PFI jista' jgħin biex tingħata spinta lill-produttività, titjieb il-prestazzjoni, jiġi appoġġjat l-allinjament tal-interessi tal-impjegati u l-azzjonisti u jiġi attirat u jinżamm persunal fundamentali;

O. billi l-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-maniġment permezz ta' drittijiet tal-vot, id-dritt li jkunu preżenti jew forom oħra ta' governanza tista' ttejjeb il-ġestjoni u l-fluss ta' informazzjoni u tgħin lill-impjegati jkollhom fehim aħjar tas-sitwazzjoni meta l-kumpanija tagħhom tiffaċċja sfidi u abbiltà akbar biex jaċċedu għal premjijiet meta l-kumpanija tkun sejra tajjeb;

P. billi fil-mudelli tal-PFI li jużaw entità intermedjarja, din l-entità tista' teżerċita d-drittijiet tal-vot jew forom oħra ta' governanza f'isem l-impjegati u tippermetti rappreżentanza kollettiva;

Q. billi l-iskemi tal-PFI jista' jkollhom rwol sinifikanti fl-involviment addizzjonali tal-ħaddiema fil-proċessi ta' informazzjoni, ta' konsultazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet matul ristrutturar;

R. billi l-PFI hija affettwata mir-regoli tat-tassazzjoni nazzjonali, u billi mhuwiex xieraq li jiġi żviluppat mudell komprensiv "wieħed għal kulħadd" għall-PFI fil-livell tal-UE: billi l-kumpanija individwali u l-ħaddiema tagħha jridu jiddeċiedu bir-reqqa dwar il-PFI filwaqt li jqisu l-kuntest nazzjonali u settorjali usa'; billi, ġabra ta' linji gwida bażiċi tista' tikseb il-fiduċja tal-pubbliku u tgħin lill-PFI tikseb ir-riżultati tagħha;

S. billi l-PFI tista' ma tkunx adattata għall-kumpaniji jew l-impjegati kollha u għalhekk qabel ma titwettaq tali skema għandu jkun hemm konsiderazzjoni bir-reqqa;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

***Ostakoli għall-adozzjoni tal-PFI fl-UE***

1. Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-ostakoli transnazzjonali li jiffaċċjaw kemm il-kumpaniji li joffru skemi lill-impjegati f'diversi Stati Membri, kif ukoll l-impjegati, li għalihom it-tassazzjoni doppja tista' tirrappreżenta ksur tad-dritt tal-libertà ta' moviment;

2. Jinnota d-differenzi fost l-Istati Membri fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji tas-sigurtà soċjali fuq id-dħul għall-parteċipazzjoni finanzjarja;

3. Jenfasizza li f'ċerti każi jista' jkun utli li jkun hemm il-konverġenza gradwali ta' skemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja eżistenti u l-leġiżlazzjoni nazzjonali relatata sabiex fil-futur l-impjegaturi jkunu jistgħu joffru skemi fl-istess forma jew f'forma simili fl-Istati Membri kollha fejn għandhom l-impjegati;

4. Jinsisti li n-nuqqas ta' informazzjoni dwar skemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja eżistenti jista' jiġi kkumpensat billi tiżdied il-kwantità ta' informazzjoni li tippermetti paragun fil-livell internazzjonali, fatt li jnaqqas l-ispejjeż kemm għall-kumpaniji l-kbar kif ukoll għall-SMEs, filwaqt li jippermettilhom joffru skemi ta' parteċipazzjoni tal-impjegati li jissodisfaw il-ħtiġijiet partikolari tagħhom;

5. Jenfasizza n-nuqqas ta' miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jiffavorixxu l-iżvilupp ta' skemi tal-PFI; jinnota, f'dan ir-rigward, id-differenzi bejn il-pajjiżi tal-UE-15 ([1]) u tal-UE-13 ([2]) fir-rigward tal-livelli ta' parteċipazzjoni tagħhom fi skemi tal-PFI; jirrikonoxxi r-rabta bejn l-introduzzjoni ta' miżuri leġiżlattivi fil-livell nazzjonali favur skemi tal-PFI u l-għadd ta' impjegati li jipparteċipaw fi skemi bħal dawn ([3]);

***Kwistjonijiet ta' tassazzjoni***

6. Jenfasizza li hi meħtieġa aktar trasparenza fl-iskemi nazzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegati u speċjalment meta jiġi kkalkolat il-piż tat-taxxa effettiv fl-UE-28 sabiex jiġu evitati t-taxxa doppja u d-diskriminazzjoni;

7. Jinnota li qafas ta' mudell Ewropew għall-parteċipazzjoni tal-impjegati ma għandux ikun prevalenti fuq ir-regoli tat-tassazzjoni nazzjonali;

8. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu inċentivi ta' tassazzjoni, bi qbil mal-prinċipji tal-aħjar prattika, meta jippromovu skemi għas-sjieda tal-impjegati;

9. Jinnota li inċentivi tat-taxxa mmirati b'mod preċiż jistgħu jżidu l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati f'diversi Stati Membri u anke jgħinu fit-tkabbir ekonomiku;

10. Huwa tal-fehma, għaldaqstant, li l-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta linji gwida dwar it-tassazzjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati;

***Rakkomandazzjonijiet***

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw miżuri xierqa biex jinkoraġġixxu l-kumpaniji jiżviluppaw u joffru b'mod volontarju skemi tal-PFI, miftuħin għall-impjegati kollha fuq bażi mhux diskriminatorja, b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni speċifika tal-SMEs u l-mikrointrapriżi; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-iskambji tal-aħjar prattika f'dan ir-rigward;

12. Huwa tal-fehma li l-Parteċipazzjoni Finanzjarja tal-Impjegati (PFI) tista' tkun ukoll forma ta' benefiċċju għall-impjegat, permezz ta' parteċipazzjoni f'kapital jew bonds speċifiċi, skont il-prodott finanzjarju użat u t-tip ta' kumpanija kkonċernata;

13. Jemmen li kwalunkwe miżura li tirrigwarda l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fl-introjtu tal-kumpanija għandha tkun sostenibbli fuq terminu twil u abbażi tal-prinċipji ta' parteċipazzjoni volontarja, tal-ugwaljanza fost il-ħaddiema u ta' diliġenza dovuta, speċjalment għall-SMEs; jenfasizza l-fatt li, minkejja li l-UE tirrikonoxxi l-utilità ta' skemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati, dan il-qasam mhuwiex kompetenza tal-Unjoni;

([1]) L-Istati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni qabel l-1995.
([2]) L-Istati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni wara l-1995.
([3]) "Employee financial participation in companies' proceeds" (Il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpaniji) (PE 475.098), p. 36.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu s-sħab soċjali, skont il-liġijiet nazzjonali u l-prattiki, l-organizzazzjonijiet tas-sjieda tal-impjegati u l-partijiet interessati aktar mill-qrib fi djalogu bejn dawk li jfasslu l-politika, l-impjegaturi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, fil-livelli rispettivi filwaqt li tkun irrispettata l-awtonomija tas-sħab soċjali f'negozjar kollettiv, sabiex jiġi żgurat li eżempji eżistenti tal-aħjar prattika jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp ta' politiki biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-PFI mill-impriżi;

15. Jantiċipa r-riżultati tal-proġett pilota, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' Ċentru Virtwali tal-PFI u l-Kalkolatur ta' Rata Fiskali Effettiva CETREPS; jistieden lill-Kummissjoni toffri ideat lill-Istati Membri dwar il-parteċipazzjoni ta' mekkaniżmi fid-dawl ta' dan il-proġett pilota;

16. Iqis b'interess 29 reġim fakultattiv potenzjali bħala qafas legali uniku fakultattiv miftuħ għall-impjegati fl-UE kollha, li jirrispetta l-oqsma ta' kompetenza tal-Istat Membru dwar il-liġi fiskali u tax-xogħol, f'termini ta':

(a) grupp ta' mudelli sempliċi, elementari u bażiċi żviluppati minn eżempji tal-aħjar prattika għal kull tip u daqs ta' kumpanija,

(b) approċċ ibbażat fuq is-suq fejn ir-reġim uniku jużawh biss il-kumpaniji li jsibuh utli,

(c) li jippermetti d-differenzi fil-kultura legali tal-Istati Membri billi r-reġimi nazzjonali jibqgħu jeżistu b'mod parallel,

(d) li jtejjeb it-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni sabiex tkun iffaċilitata l-implementazzjoni ġusta fi Stati Membri differenti,

(e) l-applikabbiltà fil-livell nazzjonali u/jew tal-UE meta jkun meħtieġ u li ma jkunx ristrett għal kumpaniji transkonfinali, b'kunsiderazzjoni għall-kwistjonijiet ta' taxxa kif ukoll ir-riskju finanzjarju għall-impjegati ([1]);

17. Jemmen li, valutazzjoni tal-impatt fuq 29 reġim għandha tgħin biex jiġu vvalutati possibbiltajiet dwar kif jinħolqu kundizzjonijiet indaqs u biex ma tiġix ostakolata l-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi;

18. Jinnota li s-sjieda tal-impjegati trawwem koeżjoni soċjali tant meħtieġa u sservi ta' addizzjoni importanti għal governanza korporattiva sostenibbli; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li tittieħed prekawzjoni fil-promozzjoni tal-iskemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja sabiex il-pagi ma jiġux sostitwiti minn sistemi ta' qsim tal-profitti;

19. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati rilevanti, għalhekk, biex ikomplu jippromwovu l-adeżjoni "mal-approċċ modulari";

20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni tal-impatt indipendenti fuq '29 reġim' bħal dan għall-PFI u jantiċipa l-inklużjoni ta' informazzjoni dwarha fir-rapport interim tal-Kummissjoni;

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex, wara l-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt indipendenti u f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-sjieda tal-impjegati, l-Istati Membri u, fejn xieraq, is-sħab soċjali, tqis li tiżviluppa sett ta' linji gwida bażiċi għal skemi tal-PFI ta' suċċess li jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) isegwu objettiv: il-kumpaniji għandhom jiddeterminaw l-objettivi ta' skema tal-PFI sabiex jagħżlu liema mudell huwa l-aktar xieraq għalihom u biex ikollhom l-aħjar ċans li jiksbu r-riżultat mixtieq; qabel l-introduzzjoni, l-iskemi tal-PFI għandhom ikunu suġġetti għal konsultazzjoni mill-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom; il-ftehimiet kollettivi m'għandhomx jiddgħajfu minn ftehimiet dwar skemi tal-PFI;

(b) flessibbli fit-tħaddim u ta' natura volontarja: il-PFI taħdem b'mod differenti f'setturi differenti, f'kumpaniji ta' qisien u tipi differenti, u fi Stati Membri differenti; id-deċiżjoni li tkun żviluppata u implimentata skema tal-PFI għalhekk għandha ssir fil-livell tal-kumpanija fid-dawl tad-dritt u l-prattika nazzjonali eżistenti, u b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija;

---

([1]) "Employee financial participation in companies' proceeds" (Il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpaniji) (PE 475.098), p. 16.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

(c) addizzjonali/kumplimentari għar-remunerazzjoni kuntrattwali: kwalunkwe mudell tal-PFI għandu jkun żieda mal-paga bażika u d-drittijiet kuntrattwali ta' ħaddiem, mhux sostitut għal dawn id-drittijiet;

(d) ta' natura volontarja għall-impjegati: il-PFI hija mezz li bih l-impjegati huma offruti għażla dwar kif jibbenefikaw minn relazzjoni finanzjarja aktar mill-qrib mal-impjegatur tagħhom; fl-aħħar mill-aħħar din trid tkun fakultattiva għal ħaddiem individwali biex jagħżel jidħolx fiha jew le, iżda trid tkun ukoll disponibbli għall-ħaddiema kollha, inkluż il-ħaddiema part-time, tal-kumpanija mingħajr diskriminazzjoni sabiex tinkiseb inklużjoni ġenwina;

(e) negozjati mis-sħab soċjali: meta l-prattiki u t-tradizzjonijiet nazzjonali jinkludu s-sħab soċjali fil-livell tal-kumpaniji, l-iskemi tal-PFI għandhom jiġu negozjati mis-sħab soċjali rilevanti, fuq bażi lokali, kumpanija b'kumpanija jew mifruxa fuq il-kumpanija kollha, sabiex jitfasslu skont il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kumpanija u l-forza tax-xogħol tagħha; dawn l-iskemi m'għandhomx jiddiskriminaw kontra impjegati talli jappartjenu għal trejdjunijin jew għal kwalunkwe raġuni oħra ta' diskriminazzjoni elenkata fl-Artikolu 10 tat-TFUE;

(f) informazzjoni ċara: tali informazzjoni trid tingħata lill-impjegati dwar ir-riskji u d-drittijiet marbutin mal-għażla li jidħlu fi skema tal-PFI inkluż kwalunkwe perjodu tal-vestiment: id-deċiżjoni li jissieħbu fi skema tal-PFI għandha tkun ibbażata fuq il-kunsens informat ta' impjegat, mogħti bl-għarfien sħiħ tad-drittijiet tagħhom, l-obbligi u r-riskji sottostanti kif ukoll l-effetti tat-taxxa meta jissieħbu fi skema u l-kundizzjonijiet li japplikaw meta jħallu l-kumpanija jew l-iskema fi kwalunkwe ċirkustanza;

(g) involviment fil-governanza: impjegatur għandu, skont l-iskema, jistieden ħaddiem jew ħaddiema biex ikunu direttament involuti fil-governanza ta' kumpanija; meta dan ikun il-każ, id-drittijiet u r-reponsabbiltajiet għandhom ikunu definiti b'mod ċar u konġunt;

(h) jekk il-mudell miftiehem ikun il-kondiviżjoni tas-sjieda, tkun preferuta sjieda kollettiva ta' ishma – pereżempju fi trust; f'dan il-mudell, l-ishma għandhom ikunu allokati b'tali mod li ma jiżdidux id-differenzi eżistenti fil-paga;

(i) huwa imperattiv li tinħareġ assigurazzjoni biex tiġi mħarsa l-parteċipazzjoni tal-ħaddiem mill-insolvenza tal-kumpanija;

(j) għandu jkun dejjem ikkunsidrat l-impatt fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi meta jintlaħaq ftehim dwar skemi tal-PFI;

(k) trasparenza: l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija kkonċernata u l-informazzjoni dwar r-riskji marbuta għandhom ikunu disponibbli għall-ħaddiema kkonċernati l-ħin kollu;

22. Ifakkar li, kif indikat fil-perjodu ta' qabel il-kriżi finanzjarja, il-politiki ta' remunerazzjoni li jinkoraġġixxu mġiba eċċessivament riskjuża mill-impjegati jistgħu jikkompromettu l-amministrazzjoni tajba u effikaċi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, tal-fondi ta' investiment u ta' kumpaniji oħrajn fis-settur finanzjarju;

23. Iħeġġeġ lis-sħab soċjali jkomplu jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw opportunitajiet ġodda u innovattivi għall-PFI fil-livelli rilevanti;

24. Jemmen li, biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni finanzjarja bl-għan li tinħoloq forma ġdida ta' finanzjament tal-kumpanija u l-impjegati jkunu jistgħu jintrabtu aktar mal-impriża li timpjegahom, l-impjegaturi għandhom jingħataw l-opportunità li joffru lill-impjegati forom ta' sottoskrizzjonijiet tal-kapital azzjonarju jew inkella titoli ta' dejn maħruġa speċifikament (bonds); hu tal-fehma li s-sottoskrizzjonijiet tal-kapital għandhom ikunu esegwiti b'mod volontarju mill-impjegati, li jaġixxu jew bħala individwi jew bħala grupp, kif ukoll mill-kumpanija;

25. Jirrikonixxi li s-suċċessjoni tan-negozju, il-finanzjament addizzjonali, iż-żamma tal-persunal u problemi karatteristiċi oħra tal-SMEs, jistgħu jittaffew minn pjanijiet ta' sjieda ta' ishma tal-impjegati; huwa tal-opinjoni li l-iskemi ta' parteċipazzjoni tal-impjegati f'intrapriżi żgħar u mikro jistgħu jiġu kkumbinati ma' miżuri tas-suq tax-xogħol, bħall-benefiċċji tal-qgħad, u għalhekk jgħinu biex jiġu riintegrati l-persuni qiegħda;

26. Jinnota li hemm nuqqas ta' informazzjoni u edukazzjoni dwar skemi possibbli ta' parteċipazzjoni tal-impjegati, speċjalment fost l-SMEs; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw aħjar il-kampanji ta' informazzjoni u jinkoraġġixxu t-trasferibbiltà transkonfinali tal-iskemi tal-aħjar prattika fost l-Istati Membri.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, mal-organizzazzjonijiet tas-sjieda tal-impjegati u mal-Kummissjoni, biex jużaw portali ta' informazzjoni waħdanin eżistenti – one-stop shops – aċċessibbli għall-impjegaturi u l-impjegati, jew jiżviluppaw oħrajn ġodda, biex jispjegaw il-benefiċċji u l-vantaġġi kif ukoll ir-riskji tal-PFI, l-inċentivi nazzjonali disponibbli u l-mudelli differenti li jeżistu, sabiex jippermettu lill-ħaddiema u l-impjegaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-iskemi tal-PFI u jsibu l-aħjar għażla għal ftehimiet fil-livell ta' kumpanija u jivvalutaw aħjar l-għażliet disponibbli għalihom u l-isfidi li jġib miegħu dħul fi skema tal-PFI; jissuġġerixxi li dawn il-portali ta' informazzjoni waħdanin għandhom ikunu marbuta jew inklużi f'korpi kompetenti jew awtoritajiet eżistenti fil-livell nazzjonali;

o

o o

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0014

## Protezzjoni soċjali għal kulħadd, inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-protezzjoni soċjali għal kulħadd, inklużi l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom (2013/2111(INI))**

(2016/C 482/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3(3) u 6(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 53 u mill-151 sal-157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5, 15, 16, 27, 31, 34, u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 1, 2, 3, 4, 11, 12, 13, 19 u 23 tal-Karta Soċjali Ewropea (Riveduta),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) Nru 102 (1952) dwar l-Istandards Minimi tas-Sigurtà Soċjali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-ILO Nru 117 (1962) dwar il-Politika Soċjali (għanijiet u standards bażiċi),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-ILO Nru 121 (1964) dwar il-Benefiċċji f'Każ ta' Korriment fuq il-Post tax-Xogħol; il-Konvenzjoni Nru 128 (1967) dwar il-Benefiċċji tal-Invalidità, l-Irtirar u s-Superstiti; il-Konvenzjoni Nru 130 (1969) dwar il-Kura Medika u l-Benefiċċji tal-Mard; il-Konvenzjoni Nru 168 (1988) dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi u l-Protezzjoni kontra l-Qgħad; u l-Konvenzjoni Nru 183 (2000) dwar ir-reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Maternità,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-ILO tal-2012 dwar is-sistemi Nazzjonali ta' Protezzjoni Soċjali,

— wara li kkunsidra r-Rapport Dinji tal-ILO dwar is-Sigurtà Soċjali (2010/11) dwar il-provvediment ta' kopertura fi żminijiet ta' kriżi u lil hinn ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-ILO ta' Novembru 2003 dwar il-Protezzjoni soċjali: Investiment kontinwu tul iċ-ċiklu tal-ħajja għall-ġustizzja soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ([3])

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([5]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-kriterji komuni rigward ir-riżorsi u l-għajnuna soċjali suffiċjenti fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali (92/441/KEE) ([6]),

([1]) http://www.ilo.org/global/publications/books/WCMS_142209/lang–en/index.htm
([2]) http://www.ilo.org/public/english/protection/download/lifecycl/lifecycle.pdf
([3]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1.
([5]) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
([6]) ĠU L 245, 26.8.1992, p. 46.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 1992 dwar il-konverġenza tal-objettivi u tal-politiki tal-protezzjoni soċjali (92/442/KEE) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni għall-modernizzazzjoni u t-titjib tal-protezzjoni soċjali ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-10 ta' Frar 2011 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali intitolat "SPC Assessment of the social dimension of the Europe 2020 Strategy" (il-Valutazzjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tad-dimensjoni soċjali tal-Istrateġija Ewropa 2020) ([3]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2012 intitolata "White Paper – Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli" (COM(2012)0055),

— wara li kkunsidra r-Rieżami tal-Kummisjoni tat-8 ta' Jannar 2013 intitolata "Employment and Social Developments in Europe 2012" (l-Iżviluppi fl-Impjiegi u fis-Soċjetà fl-Ewropa 2012) ([4]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Awwissu 2012 intitolata "Il-Protezzjoni Soċjali fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-Unjoni Ewropea" (COM(2012)0446),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2006 li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21 (COM(2006)0708),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-29 ta' April 2010 dwar "Tendenzi ġodda fil-qasam tal-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom: il-każ speċifiku tal-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom ekonomikament dipendenti" ([5]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Marzu 2013 dwar "L-abbuż mill-istatus ta' persuna li taħdem għal rasha" ([6]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (COM(2008)0639) u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ([7]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2009 (COM(2009)0545) u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar is-sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi għal ekonomija li qed tirkupra ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar kuntratti atipiċi, karrieri professjonali sikuri, flessigurtà u forom ġodda ta' djalogu soċjali ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-rwol tad-dħul minimu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni ta' soċjetà inklużiva fl-Ewropa ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2013 dwar l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ: soluzzjonijiet possibbli ([12]),

(1) ĠU L 245, 26.8.1992, p. 49.
(2) ĠU C 8, 12.1.2000, p. 7.
(3) http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/11/st06/st06655-re07.en11.pdf
(4) http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=7315
(5) ĠU C 18, 19.1.2011, p. 44.
(6) ĠU C 161, 6.6.2013, p. 14.
(7) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 23.
(8) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 112.
(9) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 39.
(10) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 304.
(11) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 8.
(12) Testi adottati, P7_TA(2013)0365.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar il-promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2007 li timmodernizza l-liġi tax-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-futur tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014–2020" ([7]),

— wara li kkunsidra l-istudju kkommissjonat mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali f'Mejju 2013 intitolat "Social protection rights of economically dependent self-employed workers" (id-drittijiet tal-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom li huma ekonomikament dipendenti) ([8]),

— wara li kkunsidra r-rapport imfassal apposta tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofund) tal-2013 intitolat "Self-employed or not self-employed? Working conditions of 'economically dependent workers'" (Timpjega lilek innifsek jew ma timpjegax lilek innifsek? Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-'ħaddiema ekonomikament dipendenti') ([9]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofund tat-2 ta' Marzu 2009 intitolat 'Self-employed workers: industrial relations and working conditions' (il-Ħaddiema li jaħdmu għal rashom: relazzjonijiet industrijali u kundizzjonijiet tax-xogħol) ([10]),

— wara li kkunsidra r-rapport komparattiv tal-Eurofund ta' April 2013 intitolat 'Social partners' involvement in unemployment benefit regimes in Europe" (l-involviment tas-sħab soċjali fir-reġim tal-benefiċċju tal-qgħad fl-Ewropa) ([11]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0459/2013),

A. billi l-aċċess għas-sigurtà soċjali huwa dritt fundamentali li, b'konformità mad-dritt Komunitarju, mad-dritt u mal-prattiki nazzjonali, huwa element ewlieni għall-mudell soċjali Ewropew billi l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-ILO) adottat rakkomandazzjonijiet dwar "is-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali" bil-għan li jiżguraw id-dritt fundamentali ta' kull individwu għas-sigurtà soċjali u għal livell ta' għixien diċenti;

B. billi s-sigurtà soċjali hija kompetenza nazzjonali, ikkoordinata fil-livell tal-UE;

C. billi l-protezzjoni soċjali tiffaċilita l-adattament ta' bidliet fis-suq tax-xogħol, tiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali, tiżgura l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol u tinvesti fir-riżorsi umani; billi s-sigurtà soċjali għandha effett ta' stabbilizzazzjoni tal-ekonomija u għandha funzjoni kontroċiklika li tista' żżid d-domanda u l-konsum interni;

---

([1]) ĠU C 9 E, 15.1.2010, p. 1.
([2]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 321.
([3]) ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 401.
([4]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 65.
([5]) ĠU C 153 E, 31.5.2013, p. 57.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2013)0204.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2013)0266.
([8]) http://www.europarl.europa.eu/committees/en/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=92570
([9]) http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1366.htm
([10]) http://www.eurofound.europa.eu/comparative/tn0801018s/tn0801018s.htm
([11]) http://www.eurofound.europa.eu/eiro/studies/tn1206018s/tn1206018s_3.htm

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

D. billi biex tiġi megħluba l-kriżi, ċerti Stati Membri naqqsu sew il-finanzi pubbliċi tagħhom fl-istess żmien li żdiedet id-domanda għas-sigurtà soċjali tagħhom minħabba żieda fin-numru ta' nies qiegħda; billi l-allokazzjonijiet tal-baġit nazzjonali għall-kopertura tas-sigurtà soċjali ġġebbdu aktar billi l-kontribuzzjonijiet naqsu wara t-telf ta' impjieg li laqat lil diversi persuni jew it-tnaqqis fis-salarji, u għalhekk il-mudell soċjali Ewropew verament tqiegħed fil-periklu;

E. billi l-kopertura tas-sigurtà soċjali f'ċerti Stati Membri tal-UE mhijiex xierqa u tista' tittejjeb; billi l-każijiet ta' abbuż tal-ħaddiema vulnerabbli fl-UE għadhom jiġru ta' spissi;

F. billi l-maġġoranza tal-mudelli tradizzjonali ta' protezzjoni soċjali, b'mod partikolari s-sigurtà soċjali u s-sistemi tal-liġi tax-xogħol, ġew ikkonċepiti biex jissalvagwardaw id-drittijiet soċjali u tax-xogħol tal-impjegati, jeżisti r-riskju li bil-forom il-ġodda tal-impjiegi li qed jiżviluppaw u biż-żieda fl-għadd ta' persuni li jaħdmu għal rashom, gruppi ġodda ta' ħaddiema jistgħu jiffaċċjaw livell anqas ta' protezzjoni soċjali;

G. billi n-nisa li jagħżlu li jsiru intraprendituri jindikaw, iktar ta' spiss mill-irġiel, li l-bilanċ aħjar bejn l-impjieg u l-ħajja u/jew ħtieġa ekonomika huma l-motivazzjoni prinċipali għad-deċiżjoni tagħhom;

H. billi n-nisa li jaħdmu għal rashom huma f'minoranza fost il-persuni li jaħdmu għal rashom, iżda huma iktar probabbli li jaqgħu fil-faqar;

I. billi nuqqas ta' aċċess għal drittijiet ta' pensjoni adegwata, benefiċċju għall-mard, liv imħallas u forom oħra ta' sigurtà soċjali jaggravaw id-diskrepanza tal-pagi bejn is-sessi għan-nisa li jaħdmu għal rashom, speċjalment wara li jirtiraw;

J. billi numru li qed jiżdied ta' dawk li jaħdmu għal rashom jew dawk li għandhom impjieg li jħallas ftit jew ftit li xejn, b'mod partikolari n-nisa, qed jaqgħu taħt il-linja tal-faqar iżda mhumiex uffiċjalment reġistrati bħala qiegħda;

K. billi jkun utli li tiġi stabbilita definizzjoni ċara ta' impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom fittizju u li jiġu impediti abbużi eventwali sabiex jiġi evitat il-ksur tad-drittijiet soċjali tal-ħaddiema, it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u r-riskju ta' dumping soċjali;

L. billi impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom falz huwa bażikament forma ta' evażjoni ta' kontribuzzjoni parzjali li hija diffiċli biex tinqabad u jimmina s-sostenibbiltà u l-adegwatezza ta' skemi ta' pensjoni, filwaqt li jċaħħadhom minn riżorsi vitali;

M. billi l-livelli tal-qgħad partikolarment għolja f'ħafna Stati Membri, aggravati mill-pressjoni kostanti li jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol (unità) qed iwasslu għal tendenzi nazzjonali u prattiċi fis-suq tax-xogħol li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ulterjuri u t-tkabbir ta' impjiegi ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom foloz;

N. billi t-tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawk il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom li mhumiex ekonomikament indipendenti mhuwiex radikalment differenti minn dak tal-impjegati, id-drittijiet tagħhom għas-sigurtà soċjali u għall-impjieg għandhom ikunu jixbhu aktar lil dawk tal-impjegati fejn ikun xieraq;

O. billi hawn nuqqas ta' informazzjoni u data affidabbli, preċiża u komparabbli dwar is-sitwazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-arranġamenti tas-sigurtà soċjali biex jiġu kkumbinati l-impjieg u l-kura fir-rigward tal-persuni li jaħdmu għal rashom;

P. billi fl-2012, l-impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom irrappreżenta aktar minn 15 % tal-impjieg totali fl-UE, filwaqt li f'xi każijiet mhuwiex l-għażla preferuta tal-persuna kkonċernata iżda aktar neċessità minħabba nuqqas ta' opportunitajiet oħra ta' xogħol jew arranġamenti tax-xogħol flessibbli biżżejjed biex jikkumbinaw ix-xogħol u l-kura għad-dipendenti; billi f'ħafna Stati Membri huwa diffiċli għal persuna li taħdem għal rasha biex takkwista drittijiet suffiċjenti għall-pensjoni, b'hekk iżżid ir-riskju ta' faqar fil-futur għal dawk ikkonċernati; billi dawk il-ħaddiema għal rashom ekonomikament dipendenti huma rarament organizzati fi trejdjunjin jew għandhom rappreżentanza trejdjunjonistika, anke jekk huma aktar probabbli li jkunu vittmi tal-ħinijiet tax-xogħol u abbużi oħra;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

***Siġurtà soċjali għal kulħadd***

1. Jenfasizza l-ħtieġa li kontinwament jiġu mtejba u mmodernizzati sistemi ta' protezzjoni soċjali fil-livell tal-Istati Membri sabiex tiġi żgurata protezzjoni soċjali b'saħħitha, sostenibbli u adegwata għal kulħadd, abbażi tal-prinċipji tal-aċċess universali u tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, kif ukoll il-kapaċità ta' reazzjoni flessibbli għall-bidliet demografiċi u żviluppi fis-suq tax-xogħol;

2. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-finanzjament responsabbli u sostenibbli fit-tul tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, b'mod partikolari f'perjodi ta' kriżi ekonomika, kif ukoll biex jiġi żviluppat l-aspett preventiv tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u jpoġġu aktar enfasi fuq l-attivazzjoni ta' miżuri, u ma jintesiex li wieħed mill-aktar fatturi importanti tal-investimenti soċjali hu li dawn jippermettu li jitqabblu l-għanijiet soċjali ma' dawk ekonomiċi u fuq perjodu twil jistgħu jikkontribwixxu għaż-żamma u l-iżvilupp tal-ekonomija; jikkunsidra, f'dan ir-rigward, li l-investimenti soċjali għandhom jitqiesu bħala investimenti u mhux infiq;

3. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li f'xi Stati Membri, il-popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu, ir-rati baxxi tat-twelid u s-swieq tax-xogħol li qegħdin jinbidlu, jistgħu jżidu l-urġenza għal ħtieġa ta' riforma fis-sistemi tas-sigurtà soċjali, inklużi l-pensjonijiet, sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tagħhom; jenfasizza l-fatt li, iktar ta' spiss mill-irġiel, in-nisa jwaqqfu l-karrieri tagħhom jew jieħdu impjiegi part-time biex jieħdu ħsieb it-tfal jew persuni dipendenti oħra, li jista' jirriżulta f'impatt negattiv fuq il-pensjoni tagħhom u jesponihom għal riskju akbar ta' faqar; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, iqisu dawn il-perjodi ta' waqfien mill-karriera bħala perjodi assigurati meta jiġu determinati d-drittijiet għall-pensjoni u l-kalkolu tagħhom; jenfasizza l-fatt li r-riformi għandhom jinvolvu s-sħab soċjali b'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali, kif ukoll il-partijiet interessati rilevanti, u għandhom jiġu kkomunikati kif xieraq liċ-ċittadini;

4. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-limitu nazzjonali ta' protezzjoni soċjali li jiżgura introjtu diċenti stabbilit minn kull pajjiż u l-aċċess għal benefiċċji soċjali bażiċi, b'mod partikolari f'każ ta' mard, qgħad, maternità, diżabbiltà u rtirar, eċċ. sabiex jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu strateġiji ta' żvilupp tas-sigurtà soċjali skont il-proposti tal-ILO;

5. Jenfasizza l-fatt li protezzjoni soċjali effettiva ta' kwalità għolja biżżejjed għandha tkun ibbażata fuq miżuri li jippromwovu l-parteċipazzjoni fl-impjiegi, li tikkontribwixxi għat-titjib fis-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u għat-titjib fil-produttività, li hija vantaġġ kompetittiv kbir; jisħaq fuq il-fatt li t-tnaqqis fil-livell tal-protezzjoni soċjali m'għandux jitqies bħala soluzzjoni li twassal għal żieda fil-livelli tal-impjiegi;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom kollha jkollhom aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja bir-ridistribuzzjoni tal-fondi nazzjonali u tal-UE eżistenti mill-ħaddiema li għandhom kuntratti permanenti biss għall-ħaddiema kollha, inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom, irrispettivament mit-tip ta' kuntratt tagħhom;

7. Jistieden lill-Istati Membru jagħmlu sforzi akbar biex jimplimentaw riformi strutturali u miżuri sabiex joħolqu impjiegi għaż-żgħażagħ u jiżguraw li dawn il-ħaddiema żgħażagħ ma jiġux diskriminati billi jiġu limitati d-drittijiet tagħhom għas-sigurtà soċjali; jistieden ukoll lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jiżguraw il-protezzjoni soċjali adegwata għaż-żgħażagħ fi skemi ta' taħriġ u ta' apprendistat maħsuba biex jipprovduhom bl-esperjenza tax-xogħol;

8. Jenfasizza li l-anzjani mhumiex piż ekonomiku u soċjali iżda, għall-kuntrarju, l-esperjenza miksuba tul ħajjithom u l-għarfien tagħhom huma ta' valur; jissuġġerixxi li, fil-kuntest tas-solidarjetà interġenerazzjonali, l-impjegati minn 60 sena 'l fuq għandhom jitħeġġu jibqgħu disponibbli fis-suq tax-xogħol bil-għan li jittrażmettu l-għarfien u l-esperjenza tagħhom lill-ġenerazzjonijiet suċċessivi;

9. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' kura għat-tfal u tal-edukazzjoni bi prezz raġonevoli u biex jiżguraw l-aċċess għal persuni li jaħdmu għal rashom għal servizzi pubbliċi u vantaġġi tat-taxxa jew soċjali rilevanti fil-qasam tal-kura għat-tfal;

10. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-possibbiltà għall-ħaddiema kollha, inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom u kwalunkwe konjuġi jew l-imsieħba tagħhom li jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħhom, li jħalltu r-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-kura, inkluż billi jaċċelleraw l-applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2010/41/UE tas-7 ta' Lulju 2010, u billi, fuq talba tagħhom, il-ħaddiem jingħataw il-flessibbiltà rigward il-ħin tax-xogħol, it-telexogħol u xogħol part-time għall-finijiet ta' kura tal-minorenni u l-persuni dipendenti;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħataw opportunitajiet għal aktar taħriġ u taħriġ mill-ġdid tal-impjegati, dawk li jaħdmu għal rashom u dawk li jiċċaqalqu minn impjieg għal impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, ineħħu l-ostakoli għal aktar taħriġ u taħriġ mill-ġdid, u jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd;

12. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jiffaċilitaw l-awtoorganizzazzjoni fost il-persuni li jaħdmu għal rashom, speċjalment in-nisa, biex tiżdied il-kapaċità tagħhom biex jiddefendu l-interessi kollettivi tagħhom;

13. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu sigurtà soċjali adegwata wkoll lill-gruppi l-aktar vulnerabbli bħal dawk qegħda, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-familji żgħażagħ, iż-żgħażagħ, l-anzjani u l-pensjonanti; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi soċjali jsiru aktar aċċessibbli għall-persuni l-aktar vulnerabbli kollha u l-persuni bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul, l-aktar fiż-żoni rurali u r-reġjuni żvantaġġjati;

14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fil-kompetenzi tagħhom, jieħdu miżuri biex jiġġieldu kontra kull xorta ta' diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluża dik kontra n-nisa, u biex jadottaw miżuri ta' protezzjoni soċjali sabiex jiżguraw li s-salarji tan-nisa u l-benefiċċji soċjali tagħhom, inkluż il-pensjonijiet, ma jkunux anqas minn dawk tal-irġiel li għandhom l-istess impjieg, u biex id-drittijiet tal-maternità jkunu żgurati, jieħdu miżuri biex jipprevjenu s-sensja inġusta ta' impjegati waqt it-tqala u biex jipproteġu lin-nisa u lill-irġiel b'responsabbiltajiet tal-kura minn sensja inġusta; jistieden lill-Kunsill biex iħaffef l-adozzjoni tad-direttiva dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fis-sikurezza u s-saħħa tal-impjegati waqt it-tqala, impjegati li welldu reċentament, u nisa li qed ireddgħu;

15. Jenfasizza li d-Direttiva 2010/41/UE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom tirrikjedi li l-Istati Membri jindirizzaw l-ostakoli kollha li jipprojbixxu lin-nisa u l-konjuġi jew l-imsieħba tagħhom rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali milli jibbenefikaw minn protezzjoni soċjali għal liema għandhom dritt taħt il-liġi nazzjonali;

16. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva b'reazzjoni għan-nuqqas ta' ħarsien soċjali fl-intrapriżi tal-familja żgħar u żgħar ħafna għall-membri tal-familja impjegati, inklużi l-konjuġi (l-imsieħba), bħala riżultat tat-termini ta' impjieg mhux ċari u informali tagħhom jew li jkunu jaħdmu għal rashom;

17. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jieħdu miżuri konkreti biex jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, billi jipprovdu dħul minimu xieraq u sistema ta' sigurtà soċjali, meta jitqiesu l-komunitajiet marġinalizzati u dawk fir-riskju ta' faqar, b'konformità ma' diversi prattiki nazzjonali, inkluż dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet kollettivi jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali;

18. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra x-xogħol mhux iddikjarat u prekarju, inklużi impjiegi part-time foloz, u jiżguraw protezzjoni soċjali xierqa għall-ħaddiema kollha; jiddeplora, barra minn dan, l-abbuż tal-kuntratti tax-xogħol atipiċi sabiex ma tkunx meħtieġa l-konformità mal-obbligi tal-impjieg u l-protezzjoni soċjali;

19. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-istituzzjonijiet differenti (l-ispettorati tax-xogħol, l-uffiċċji tat-taxxa, l-awtoritajiet muniċipali u s-servizzi tas-sigurtà soċjali) fuq livell nazzjonali u tal-EU, bħala mezz sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tax-xogħol tal-Unjoni, biex jitnaqqas xogħol mhux iddikjarat u jiġu solvuti b'mod aktar effettiv il-problemi kkawżati minn differenzi bejn id-dispożizzjonijiet regolatorji fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri differenti;

20. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-leġiżlazzjoni u tissorvelja l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, fejn meħtieġ fir-rigward tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, u jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri għall-fatt li ma jridux jiġu applikati miżuri diskriminatorji ta' protezzjoni soċjali għall-ħaddiema migranti tal-UE li jaħdmu fi Stat Membru ieħor; jemmen li l-ħaddiema migranti tal-UE għandhom igawdu minn drittijiet għas-sigurtà soċjali xierqa u jkollhom possibbiltà li jiġu assigurati b'mod xieraq meta jkunu jaħdmu fi Stat Membru ieħor; ħaddiema stazzjonati b'konnessjoni mal-moviment liberu tas-servizzi għandhom, qabel il-kollokament tagħhom, ikunu infurmati minn min iħaddimhom dwar il-paga u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71/KE;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiksbu bilanċ xieraq bejn is-sigurtà u l-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol, pereżempju permezz tal-implimentazzjoni globali tal-prinċipji ta' flessigurtà, u jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol billi jipprovdu kopertura soċjali adegwata għal dawk li qegħdin fi tranżizzjoni jew li huma impjegati b'kuntratt temporanju jew part-time, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ; jirrimarka li n-nuqqas ta' żgurar ta' flessigurtà jxekkel is-sostennibbiltà tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, il-kwalità tal-benefiċċji, il-qligħ u l-produttività tal-ħaddiema, l-ekonomija reali u l-koeżjoni soċjali u, riżultat ta' dan, jimmina l-Istrateġija UE 2020 għaż-żamma u ż-żieda tal-livelli tal-impjiegi;

22. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina, mill-perspettiva tal-Unjoni Ewropea, jekk, wara t-tibdiliet reċenti fil-liġijiet tax-xogħol fl-Istati Membri li riedu jżidu l-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol, tnaqqsitx is-sigurtà soċjali tal-impjegati u nkisrux il-prinċipji ta' flessibbiltà u ta' sigurtà;

23. Jappoġġa b'mod sħiħ l-istabbilment propost ta' tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi ewlenin soċjali u dawk dwar l-impjiegi, li tista' tkun l-ewwel pass fl-identifikazzjoni ta' parametri referenzjarji konkreti;

24. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi fil-proposti tagħha, fejn xieraq, l-erba' objettivi stabbiliti fl-aġenda tal-ILO dwar ix-xogħol diċenti, u fl-eżami annwali tat-tkabbir tikkunsidra l-miri stabbiliti fir-rakkomandazzjoni tal-ILO dwar is-sistemi ta' protezzjoni soċjali, sabiex il-ħaddiema kollha fl-Ewropa jkunu jistgħu jgawdu protezzjoni soċjali;

***Is-sigurtà soċjali tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom***

25. Jenfasizza li l-impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom jeħtieġ jiġi rikonoxxut bħala forma ta' impjieg li jippromwovi l-ħolqien ta' impjiegi u t-tnaqqis tal-qgħad, u li t-twessigħ tiegħu għandu jkollu miżuri xierqa ta' protezzjoni soċjali tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom kif iddefinit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri;

26. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw it-taħlita ta' impjiegi u r-responsabbiltajiet ta' kura billi l-ħaddiema jingħataw il-flessibbiltà fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol u l-post tax-xogħol sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn dawn ma jkollhom l-ebda għażla oħra għall-flessibbiltà ħlief li jagħżlu li jaħdmu għal rashom iżda jkunu dipendenti;

27. Jenfasizza l-ħtieġa li tkun disponibbli informazzjoni statistika aktar dettaljata u aġġornata minn dik disponibbli bħalissa, bil-għan li tkun tista' tintuża f'diversi aspetti ta' evalwazzjoni tal-importanza ekonomika tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u tal-gruppi differenti tagħhom; jitlob ukoll l-inklużjoni ta' mistoqsijiet dwar l-impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom fl-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea;

28. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-nuqqas ta' definizzjoni nazzjonali ċara ta' impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom iżid ir-riskju ta' impjiegi ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom foloz fost il-ħaddiema tal-UE u jista' jfixkel l-aċċess tagħhom għal sigurtà soċjali adegwata; josserva li l-istati differenti attribwiti mal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom fost l-Istati Membri jeħtieġu soluzzjonijiet li jwasslu għal koordinazzjoni aħjar tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom sabiex ma jiġix limitat il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iskambji bejn l-Istati Membri sabiex tipprovdi gwida dwar il-forom differenti tal-impjieg atipiku, inkluż tal-impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom, sabiex l-Istati Membri japplikaw tajjeb il-liġijiet relevanti dwar ix-xogħol u l-miżuri ta' protezzjoni soċjali għall-ħaddiema li jiġu impjegati b'dan il-mod; iqis li huwa meħtieġ li l-Istati Membri għandhom jidentifikaw ukoll b'mod ċar l-impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom falz, u jiġu mmultati dawk li jimpjegaw jekk jiġu identifikati u evidenzjati każijiet bħal dawn; jenfasizza, madankollu, li għandha tibqa' responsabbiltà legali tal-Istat Membru ospitanti li din l-attività tax-xogħol issir fit-territorju tiegħu biex jiddetermina l-istat tal-impjieg;

30. Jistieden lill-imsieħba soċjali Ewropej, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw il-kwistjoni ta' persuni li jaħdmu għal rashom li jkunu dipendenti u jsibu soluzzjonijiet prattiċi għal dan, b'mod partikolari f'dawk is-setturi fejn l-attivitajiet transkonfinali għandhom rwol importanti u fost gruppi vulnerabbli bħall-ħaddiema domestiċi u l-ħaddiema b'paga baxxa;

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom ma jsirx mezz li jimpedixxi lill-ħaddiema milli jibbenefikaw mis-sigurtà soċjali u tal-impjieg jew mezz għal min iħaddem biex jevita l-liġi tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali; jitlob ukoll li l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom m'għandhomx jiġu ragruppati mal-impjegati sabiex jinżammu l-vantaġġi tal-impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom u tal-attività ekonomika ta' din in-natura, u biex dan jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ispirtu imprenditorjali u tal-kwalità tas-servizzi;

32. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw, fejn meħtieġ, protezzjoni soċjali fir-rigward tal-irtirar, diżabbiltà, liv tal-maternità/paternità u qgħad sabiex dispożizzjonijiet ta' protezzjoni soċjali għall-impjegati li jaħdmu għal rashom jiġu adattati aħjar għall-ħtiġijiet ta' dawk il-ħaddiema;

33. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu u jappoġġaw l-assigurazzjoni kollettiva għal inċidenti u mard marbuta max-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-aċċess għal assigurazzjoni kollettiva u bbażata fuq is-solidarjetà u għal skemi ta' pensjoni għal persuni li jaħdmu għal rashom;

34. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għaċ-ċittadini kollha dwar id-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni soċjali kif ukoll biex jipprovdu informazzjoni xierqa għal dawk li jixtiequ jsiru ħaddiema li jaħdmu għal rashom dwar il-bidliet fil-protezzjoni soċjali tagħhom u l-liġi tax-xogħol applikabbli li tirriżulta minħabba din il-bidla fl-istat, kif ukoll bidliet fi drittijiet oħra u obbligi relatati mal-attività ekonomika; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u ħaddiema mobbli fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom f'konnessjoni mal-migrazzjoni, l-immigrazzjoni u xogħol transkonfinali;

35. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jlaqqgħu lis-sħab soċjali, b'konformità mal-prattiki nazzjonali, fi proċess ta' żvilupp u ta' modernizzazzjoni tal-protezzjoni soċjali u jiżviluppaw id-djalogu soċjali fil-livell tal-UE u nazzjonali; jistieden ukoll lis-sħab soċjali biex iqiegħdu l-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom fuq l-aġenda, sabiex jintroduċu dispożizzjonijiet adegwati għall-qafas dwar il-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, ibbażati fuq ir-reċiproċità u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, u janalizzaw jekk il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom għandhomx ikunu inklużi fin-negozjar kollettiv u kif għandu jsir dan, inklużi strateġiji speċifiċi dwar kif jiġi inkluż it-tħassib tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom f'każijiet fejn il-liġi nazzjonali ma tippermettix rappreżentanza trejdjunistika tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom; iħeġġeġ lill-imsieħba soċjali jagħmlu skambu tal-prattiki tajba bejn it-trejdjunjins u l-assoċjazzjonijiet professjonali dwar is-servizzi pprovduti lil ħaddiema li jaħdmu għal rashom, il-ġlieda kontra l-impjieg ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom falz, u l-organizzazzjoni tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom awtonomi;

o

o o

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0015

## Il-perjodu l-ġdid ta' Programmazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri tal-UE għal bidu effikaċi u f'waqtu tal-perjodu l-ġdid ta' Programmazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni (2013/2095(INI))**

(2016/C 482/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 174 et seq. tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (COM(2013)0246),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-Ħames Rapport ta' Koeżjoni tal-Kummissjoni u l-istrateġija għall-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2013 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-politika reġjonali tal-UE wara l-2013 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar is-sitwazzjoni attwali u sinerġiji futuri għal effikaċja akbar bejn il-FEŻR u Fondi Strutturali oħra ([4]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-futur tal-Fond Soċjali Ewropew ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta1-14 ta' Diċembru 2010 dwar governanza tajba fir-rigward tal-politika reġjonali tal-UE: proċeduri ta' assistenza u kontroll mill-Kummissjoni Ewropea ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-assorbiment tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni: tagħlimiet meħuda għall-politika ta' koeżjoni futura tal-UE ([7]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2011 bl-isem "Politika reġjonali li tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa 2020" (COM(2011)0017) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jmur magħha (SEC (2011)0092),

— wara li kkunsidra t-tmien rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tas-26 ta' Ġunju 2013 (COM(2013)0463),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2013 bit-titolu "Politika ta' Koeżjoni: Rapport Strateġiku 2013 dwar programm ta' implimentazzjoni 2007-2013", (COM(2013)0210), u u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jmur miegħu (SWD(2013)0129),

(1) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
(2) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 21.
(3) ĠU C 371 E, 20.12.2011, p. 39.
(4) ĠU C 390 E, 18.12.2012, p. 27.
(5) ĠU C 371 E, 20.12.2011, p. 41.
(6) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 23.
(7) *ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 22.*

— wara li kkunsidra d-dokument ta' Ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' April 2012 dwar 'Il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-Fondi Komuni tal-Qafas Strateġiku – elementi għall-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea dwar is-Sħubija' (SWD(2012)0106),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2012 dwar "Elementi għal Qafas Strateġiku Komuni 2014 sal-2020 – il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd", (SWD(2012)0061), il-partijiet I u II),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar ir-rwol u l-prijoritajiet tal-politika ta' koeżjoni fi ħdan l-istrateġija UE 2020 (CESE 994/2011 – ECO/291),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-Fondi tal-Qafas Strateġiku Komuni – elementi għal Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija (CESE 1396/2012 – ECO/330),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tat-22 ta' Mejju 2013 il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluż l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020 (CESE 1557/2013 – SOC/481),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-31 ta' Jannar sal-1 ta' Frar 2013 dwar "Pakkett leġislattiv dwar il-Politika ta' Koeżjoni wara l-2013" (2013/C 62/01),

— wara li kkunsidra l-EN abbozz ta' opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-7-9 ta' Ottubru 2013 dwar ir-rakkomandazzjonijiet għall-infiq aħjar (COTER-V-040)

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0007/2014),

A. billi l-Istati Membri huma fil-proċess ta' tħejjija għall-Ftehimiet ta' Sħubija tagħhom (PAs) u għall-Programmi Operattivi (POs) għall-perjodu ġdid ta' programmar 2014-2020;

B. billi l-ftehim finali dwar il-qafas legali għall-Fondi Strutturali u l-Investiment Ewropew huwa mistenni li jintlaħaq qabel tmiem l-2013;

C. billi r-Regolament għad-Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) jistipula regoli komuni għall-ħames Fondi tal-Unjoni Ewropea: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd;

D. billi l-politika ta' koeżjoni hija mmirata lejn tnaqqis tal-iżbilanċi li jeżistu bejn ir-reġjuni tal-UE permezz tal-finanzjament iffokat fuq it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

E. billi l-politika ta' koeżjoni tikkontribwixxi għall-kisba tal-miri Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

F. billi l-politika ta' koeżjoni, li tikkostitwixxi l-politika prinċipali għall-iżvilupp tal-UE, tikkontribwixxi biex għall-maġġoranza tal-Istati Membri tingħeleb il-kriżi ekonomika;

G. billi kull sforz possibbli għandu jsir biex jiżgura li l-konsenja u l-implimentazzjoni ta' programmi tal-Politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2014-2020 jiġu simplifikati kemm jista' jkun għall-awtoritajiet kollha u l-benefiċjarji;

***L-iżgurar ta' bidu effettiv u f'waqtu għall-perjodu ta' Programmazzjoni l-ġdid tal-Politika ta' Koeżjoni***

1. Jirrikonoxxi li l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni b'suċċess investa biljuni ta' euro fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda, appoġġa n-negozji innovattivi u żviluppa l-konnessjonijiet tat-trasport madwar l-UE matul l-aħħar snin;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

2. Jenfasizza, madankollu, il-fatt li d-differenzi bejn ir-reġjuni tal-UE għadhom jeżistu, u f'xi każijiet qed jikbru, u li l-investiment kontinwu fil-finanzjament tal-UE fuq livell lokali u reġjonali huwa importanti ħafna biex jiġi żgurat li l-appoġġ ikompli jilħaq żoni li huma fil-bżonn ta' riġenerazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali;

3. Jenfasizza l-fatt li l-politika ta' koeżjoni għandha, fost affarijiet oħra, tindirizza l-problema li qed tikber tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea;

4. Jenfasizza li fil-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali għaddejja bħalissa, il-finanzjament mill-politika ta' koeżjoni f'bosta Stati Membri huwa sors ewlieni ta' investiment pubbliku u dik hi sitwazzjoni li tista' teħtieġ il-flessibbiltà mill-parti tal-Istati Membri kkonċernati sabiex jerġgħu jhaddmu l-ekonomiji tagħhom. jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġi żgurat li l-Istati Membri u r-reġjuni huma f'pożizzjoni li jibdew jimplimentaw s-serje ġdida ta' finanzjament tal-politika ta' koeżjoni malajr kemm jista' jkun mal-bidu tal-2014;

5. Jilqa' l-adozzjoni tal-QFP għall-2014-2020 kif ukoll il-qafas ġuridiku għall-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li nkiseb eżitu sodisfaċenti bil-ħsieb li tiġi żgurata tnedija rapida u effikaċi tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida;

6. Ifakkar li l-livell ta' "impenji pendenti" (jew RAL, mill-Franċiż "reste à liquider") ammonta għal żewġ terzi ammonta tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni fl-aħħar tal-QFP 2007-2013; jinsisti fuq in-neċessità li tinsab soluzzjoni stabbli, li tippermetti li jiġi mmitigat ir-riskju li tiġi ostakolata l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni Ewropea minħabba nuqqas ta' pagamenti; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-regola N+3, filwaqt li hija essenzjali biex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-proġetti appoġġati mill-politika ta' koeżjoni, se jkollha impatt fuq l-akkumulazzjoni tar-RAL fis-snin li ġejjin, b'mod partikolari fil-każ ta' dewmien fit-tnedija tal-programmi l-ġodda;

7. Jinnota wkoll li apparti l-bidu effettiv u f'waqtu tal-perjodu ta' Programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni l-ġdid, l-iżgurar tal-kwalità tal-PAs u Programmi Operattivi jrid jingħata l-ikbar importanza biex ikun żgurat li l-fondi qed jintużaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom fuq tul ta' żmien;

8. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar l-importanza tar-rieżami u tar-reviżjoni obbligatorji tal-QFP li jmiss qabel it-tmiem tas-sena 2016, bil-għan li l-Kummissjoni u l-Parlament li jmiss ikunu jistgħu jerġgħu jivvalutaw il-prijoritajiet politiċi tal-UE, jadattaw il-QFP, jekk hemm bżonn, għall-isfidi l-ġodda u jqisu bis-sħiħ il-projezzjonijiet makroekonomiċi l-aktar reċenti

***Ir-Regolament għad-dispożizzjonijiet Komuni***

9. Jilqa' t-titjib li sar għar-regolament li se jintroduċi approċċ aktar b'saħħtu u aktar integrat għall-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni permezz tal-Qafas Strateġiku Komuni; jirrikonoxxi li dan huwa vitali biex ikun żgurat li l-proġetti jkollhom effett akbar u jipproduċu riżultati tanġibbli; jistieden lill-Istati Membri jintroduċi saħansitra iktar miżuri li jissimplifikaw il-burokrazija u l-amministrazzjoni tal-programmi; jemmen li dan għandu jwassal għal implimentazzjoni bla xkiel ta' dawn il-programmi u użu effiċjenti tal-fondi;

10. Jilqa' l-proposti sabiex jintroduċi miżuri ta' simplifikazzjoni matul iċ-CPR bil-ħsieb li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi; iqis li kieku l-proċess isir aktar sempliċi għall-applikanti, il-benefiċjarji u l-awtoritajiet amministrattivi jitjieb il-valur miżjud għall-finanzjament tal-UE;

11. Jirrikonoxxi li l-politika ta' koeżjoni tista' tagħti kontribut vitali biex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020 u għalhekk jenfasizza l-importanza tal-allinjament tal-politika ta' koeżjoni mal-miri tal-Ewropa 2020 permezz tal-konċentrazzjoni tematika fuq numru limitat ta' objettivi; jenfasizza li dan l-approċċ iħalli biżżejjed flessibbiltà sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet lokali u reġjonali;

12. Jenfasizza l-importanza tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti bħala mod biex jikkomplementaw l-għanijiet tal-istrateġija tat-tkabbir tal-Ewropa 2020 billi jiffoka fuq l-identifikazzjoni u l-massimizzazzjoni tal-oqsma ta' saħħa kompetittiva, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u l-integrazzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni permezz ta' sħubijiet fl-UE kollha;

13. Jenfasizza l-fatt li, filwaqt li miżuri ta' kondizzjonalità diġà jeżistu fil-politika ta' koeżjoni, il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss se jkun immirat li jtejjeb l-effettività tal-finanzjament billi jagħmel il-finanzjament kundizzjonali fuq il-konformità ma' ċerti kriterji; hu tal-opinjoni li l-politika ta' koeżjoni hija politika li tappoġġa l-koeżjoni bejn ir-reġjuni li m'għandhiex tkun garanzija għal politiki tal-UE oħrajn immirati lejn riformi makroekonomiċi fl-Istati Membri;

14. Jirrimarka li sakemm wieħed jadatta għall-bidliet introdotti miċ-CPR jista' jikkawża xi dewmien fit-tħejjija tal-PAs u l-POs;

***Progress fl-Istati Membri***

15. Jenfasizza l-fatt li huwa ċar li l-Istati Membri fit-tħejjijiet tagħhom huma fi stadji differenti ħafna; jirrikonoxxi li, filwaqt li xi Stati Membri qed jagħmlu progress tajjeb u ssottomettew l-abbozz PAs tagħhom lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni, oħrajn għadhom aktar lura f'dan il-proċess;

16. Jirrimarka li, b'mod ġenerali, dawk l-Istati Membri l-ġodda (UE12) li esperjenzaw parti mill-programmi 2000-2006 u kull programm tal-2007-2013 huma avvanzati sew fit-tħejjijiet meta mqabbla ma' wħud mill-UE15;

17. Jenfasizza l-fatt li xi Stati Membri qed jaffaċċjaw tnaqqis sinifikanti fil-baġits tagħhom tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss filwaqt li f'oħrajn hemm dibattitu kontinwu dwar id-distribuzzjoni tal-baġits fl-Istati Membri; jirrikonoxxi li dawn iż-żewġ kwistjonijiet jistgħu jikkawżaw dewmien fit-tħejjijiet;

18. Jenfasizza l-fatt li l-Istati Membri li qegħdin jagħmlu progress tajjeb bi preparazzjonijiet għall-fażi ta' finanzjament tal-politika ta' koeżjoni li jmiss ressqu l-abbozz tal-PAs tagħhom u l-OPs lill-Kummissjoni għall-osservazzjonijiet informali f'Ġunju jew Lulju 2013;

19. Jirrikonoxxi li ħafna mill-Istati Membri li jkollhom prestazzjoni tajba bdew il-proċess ta' tħejjija mill-2010 billi stiednu partijiet interessati rilevanti biex jikkontribwixxu għad-diskussjonijiet dwar il-formulazzjoni tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet; jilqa', għalhekk, l-isforzi magħmula biex il-proċess ta' tħejjija jibda kmieni kemm jista' jkun u jemmen li dan iheġġeġ b'mod ċar tħejjija akbar;

20. Jenfasizza li l-preparazzjonijiet avvanzati huma dipendenti fuq li l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet ikollhom kapaċità biżżejjed li jinvestu ħin u flus fil-preparazzjonijiet u li joħolqu biżżejjed persunal disponibbli fi stadju bikri;

21. Jirrikonoxxi li dawn il-preparazzjonijiet avvanzati kienu jfissru li f'xi każijiet l-evalwazzjoni ex-ante u l-valutazzjonijiet strateġiċi tal-impatt ambjentali (SEIA) saru fil-ħin, u dan jippermetti li l-abbozzi jiġu emendati f'Settembru u Ottubru 2013, abbażi tar-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet;

22. Jirrikonoxxi li xi Stati Membri għaddew minn bidliet fil-gvern li jistgħu jimpedixxu l-preparazzjonijiet għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; jenfasizza l-fatt li, f'każijiet bħal dawn, il-vantaġġi li jkollok sistemi fis-seħħ li jiżguraw li l-ħidma kollha amministrattiva tkompli irrispettivament mill-bidliet fil-gvernijiet huma vitali għall-preparazzjonijiet kontinwi;

23. Jirreferi wkoll għall-bżonn ta' preparazzjonijiet għal fondi tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu infurzati f'livell politiku sabiex jiżguraw li l-finalizzazzjoni tal-AP hija prijorità għall-gvernijiet;

***Progress ma' Ftehimiet ta' Sħubija u Programmi Operattivi***

24. Jirrimarka li xi Stati Membri qed jippjanaw li jibdlu l-kontenut tal-Programmi Operattivi tagħhom; jilqa' l-fatt li ċerti Stati Membri ddeċidew li jaqilbu għal programmi multifinanzjati jew inaqqsu l-għadd ta' Programmi Operattivi fil-livell reġjonali;

25. Jinnota li l-ammont ta' kontroll u koordinazzjoni allokat lill-amministrazzjonijiet reġjonali mill-gvern ċentrali jvarja ħafna skont l-istruttura organizzattiva fid-diversi Stati Membri, xi reġjuni jkunu estremament attivi u li jkollhom kontroll kważi komplet ta' bosta aspetti tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni u tar-rappreżentanza fil-PAs; jirreferi għal, f'dan ir-rigward, għall-Kodiċi ta' Kondotta, li jagħraf ir-rwol kruċjali tal-atturi lokali u reġjonali kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u li fih il-prinċipju ta' sħubija huwa salvagwardat fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni għall-2014-2020;

26. Jenfasizza l-fatt li d-dimensjoni lokali u reġjonali għandha titqies b'mod sħiħ; jenfasizza r-rwol importanti tar-reġjuni fl-għażla ta' oqsma ta' saħħa kompetittiva;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

27. Jenfasizza l-fatt li mod wieħed kif jiġi żgurat li l-approċċ għall-funzjonijiet tal-PAs fl-Istati Membri ma' amministrazzjonijiet devoluti huwa li fil-PAs jinkludu kapitoli separati mfassla mill-amministrazzjonijiet reġjonali; jenfasizza li dan l-approċċ jiżgura li l-amministrazzjonijiet li għandhom setgħat devoluti għall-Programmi ta' finanzjament Ewropew huma aktar involuti direttament fl-iżvilupp tal-PAs u li jkollhom l-għażla li jiżviluppaw l-ideat ta' programmazzjoni u l-mekkaniżmi tagħhom stess;

28. Jirrikonoxxi, madankollu, li dan jista' jkollu impatt fuq l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri kollha;

29. Jindika li l-koordinazzjoni effiċjenti hi meħtieġa fil-livell tal-Istati Membri biex jilħqu l-iskadenzi għall-preparazzjoni tal-Programmi Operattivi li jirriflettu l-ħtiġijiet ta' żvilupp lokali u reġjonali, peress li r-responsabbiltà għall-kontenut u l-amministrazzjoni tal-Programmi Operattivi għandha tkun, fejn applikabbli, tal-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali, b'konformità mal-organizzazzjoni interna ta' kull Stat Membru, jekk il-PAs għandhom jiġu konklużi fil-ħin;

30. Jirrikonoxxi, madankollu, li tnaqqis fil-Programmi Operattivi fil-livell reġjonali jinvolvi ġestjoni sostanzjali u l-bidla organizzattiva u jista' jġib miegħu riskju akbar ta' dewmien fil-bidu minħabba l-bidliet ikkawżati mill-komplessità tal-implimentazzjoni tal-Programmi Operattivi flimkien mal-programmazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali differenti;

31. Jinnota li l-Kummissjoni hija konxja dwar l-interess konsiderevoli fi programmi multifinanzjati, kif previst fir-Regolament għad-Dispożizzjonijiet Komuni, fejn ħafna Stati Membri qed jippjanaw li jkollhom tal-inqas programm multifinanzjat wieħed fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020; jenfasizza, d'dan ir-rigward, li dan l-approċċ għandu jittieħed bl-iktar mod effiċjenti possibbli u m'għandux iwassal għal intoppi jew dewmien; jirrikonoxxi li l-isfondi istituzzjonali differenti fl-Istati Membri huma rikonoxxuti fir-Regolament għad-Dispożizzjonijiet Komuni u huma previsti sabiex jakkomodaw każijiet speċifiċi; jenfasizza l-fatt li l-livelli reġjonali u lokali huma l-aħjar livelli biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-iżvilupp u biex jiġu implimentati programmi mill-qrib taċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet, l-impriżi u l-awtoritajiet konċernati;

32. Jirrikonoxxi li l-kapaċità biex tipprepara l-PAs u l-Programmi Operattivi fi stadju avvanzat tiddependi fuq jekk l-Istati Membri jagħmlux analiżi preliminari suffiċjenti tas-sitwazzjoni tal-pajjiż u tax-xejriet futuri; jenfasizza li dan se jiżgura li l-fondi tal-UE jagħtu kontribut aktar effettiv biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti għall-pajjiż;

33. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel pubbliku l-istat ta' tħejjija tal-Ftehimiet ta' Sħubija tal-Istati Membri, pereżempju permezz ta', sommarju għal kull Stat Membru li jkun fih informazzjoni dwar l-istat tal-preparazzjonijiet tiegħu, il-kontenut propost u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati rilevanti biex l-Istati Membri u l-awtoritajiet l-oħra jkunu jistgħu jitgħallmu minn prattiki u approċċi tajba;

***Lezzjonijiet mill-2007-2013***

34. Jenfasizza l-fatt li għal ħafna Stati Membri, it-trasferiment ta' metodi u mekkaniżmi mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għall-perjodu ta' wara l-2013 se jkun kwistjoni ewlenija; jenfasizza li l-iżgurar li l-proġetti li għaddejjin ikomplu jkunu effettivi filwaqt li qed jiġu żviluppati proġetti ġodda huwa wkoll sfida;

35. Jirrikonoxxi li għal ħafna Stati Membri l-preparazzjonijiet ħadu żmien itwal milli kien mistenni fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013; jenfasizza li din hija xi ħaġa li bosta amministrazzjonijiet setgħu jirrimedjaw billi jiġi żgurat li l-PAs u l-POs ġodda huma mogħtija b'mod aktar f'waqtu;

36. Iqis li l-eżempji pprovduti mill-Istati Membri juru biċ-ċar li l-koordinazzjoni bejn il-miżuri differenti, il-Programmi Operattivi u l-fondi jridu jiġu mtejba u li l-involviment tal-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet reġjonali u s-sħab soċjali u ekonomiċi jeħtieġ li jkunu msaħħa;

37. Jirrikonoxxi li l-problemi komuni identifikati fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti kellhom inklużi prijoritajiet li kienu definiti b'mod wiesa' wisq; jitlob, għalhekk, għal approċċ aktar strateġiku u konsistenti għall-prijoritajiet fil-futur, b'inqas prijoritajiet mmirati lejn objettivi speċifiċi;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

38. Jilqa' l-fatt li, fuq il-bażi ta' esperjenzi ta' suċċess mir-rawnd ta' finanzjament preċedenti, l-Istati Membri qed ifittxu biex itejbu l-ingranaġġ ta' finanzjament mis-settur privat sabiex jifthu sorsi alternattivi ta' finanzjament biex jikkomplementaw metodi ta' finanzjament tradizzjonali; jenfasizza li, fi żmien ta' limitazzjoni fiskali qawwija u ta' tnaqqis tal-kapaċità tas-self min-naħa tas-settur privat, użu akbar ta' strumenti finanzjarji innovattivi jista' jrawwem is-sħubiji pubbliċi privati, jikseb effett ta' multiplikatur mal-baġit tal-UE, jillibera sorsi alternattivi ta' finanzjament u jiggarantixxi fluss importanti ta' fondi għal investimenti reġjonali strateġiċi; jenfasizza, għalhekk, l-importanza tal-istabbiliment ta' regoli ċari għall-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi, bħal self, garanziji u investimenti ta' ekwità, bħala kumplimenti għall-għotjiet biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi, l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet edukattivi;

### *Effikaċja tal-fondi*

39. Jindika li huwa ċar mill-esperjenzi ta' programmi ta' ffinanzjar preċedenti li l-iżgurar ta' impatt pożittiv, fit-tul għall-fondi huwa importanti ħafna; jinsisti, barra minn hekk, fuq l-importanza tal-kwalità ta' programmi u l-oġġettività tal-infiq;

40. Jenfasizza l-fatt li l-enfasi fuq approċċ immirat għal riżultati ssemma minn bosta Stati Membri bħala mira għall-preparazzjoni tal-fażi ta' finanzjament li jmiss; jilqa' l-eżempji mogħtija minn xi Stati Membri dwar modi kif jista' jittieħed approċċ aktar effiċjenti biex jiddefinixxu minn qabel ir-riżultati mistennija sabiex jippermettu li l-finanzi jkunu mmirati lejn proposti biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

41. Jenfasizza li l-koordinazzjoni bejn l-oqsma ta' politika u r-rikonoxximent tal-prijoritajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali nazzjonali u reġjonali huma kkwotati bħala importanti ħafna minn ħafna Stati Membri; hu tal-opinjoni li, fejn applikabbli, il-programmi operattivi għandhom iqisu l-objettivi ta' żvilupp fil-livell lokali u reġjonali; jindika li l-ħolqien ta' sinerġiji bejn id-diversi sorsi ta' finanzjament tal-UE u l-baġits tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom jiġu mħeġġa sabiex tiżdied l-effikaċja tal-investiment fis-settur pubbliku fl-UE;

### *Sinerġiji ma' politiki u strumenti oħra*

42. Iqis li huwa essenzjali li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-potenzjal għall-allinjament bejn il-fondi kollha koperti miċ-CPR;

43. Huwa mħeġġeġ mill-fatt li xi Stati Membri qed jikkunsidraw l-iżvilupp tal-użu ta' strumenti ġodda bħall-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD), Investimenti Territorjali Integrati (ITIs) u Pjanijiet ta' Azzjoni Konġunta (JAPs); jifhem li hemm, madankollu, l-istrumenti l-ġodda ma ntlaqgħux bl-istess mod minn kulħadd u li l-analiżi tal-pjanijiet attwali tal-Istati Membri wriet li s-CLLD se jkun implimentat b'mod usa' mill-ITIs, speċjalment l-EARDF meta mqabbel mal-FEŻR peress li s-CLLD ilu jeżisti għal żmien itwal fil-programm tal-EARDF kif ukoll minħabba l-fatt li l-ITIs huma strument ġdid li se jeħtieġ ftit żmien biex jitpoġġa fil-prattika kif jixraq; jirrikonoxxi li wieħed għad irid jara kif it-tħejjijiet tal-bidu se jissarrfu biex dawn l-istrumenti jiġu implimentati bis-sħiħ;

44. Iqis lill-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità bħala mod eċċellenti sabiex titħeġġeġ parteċipazzjoni bottom-up minn bosta atturi fil-komunità, ibbażat fuq is-suċċess passat tal-programm LEADER fl-iżvilupp rurali; jistieden lill-Istati Membri u r-reġjuni jagħmlu użu mill-opportunitajiet offruti mill-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità;

45. Jirrikonoxxi l-Pjanijiet ta' Azzjoni Konġunta bħala pass pożittiv lejn il-ġestjoni msejsa fuq ir-riżultati, b'konformità ma' waħda mill-objettivi globali tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2013;

### *Simplifikazzjoni*

46. Jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati metodi ta' preparazzjoni u l-implimentazzjoni aktar sempliċi għall-proġetti u mill-indikazzjonijiet huwa mħeġġeġ li dan qiegħed jintlaħaq mill-Istati Membri;

47. Jilqa' l-enfasi fuq is-semplifikazzjoni fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni; jinnota, madankollu li fir-realtà jaf ikun diffiċli li jkun hemm semplifikazzjoni minħabba d-differenzi li għad baqa' bejn il-fondi introdotti permezz tar-regolamenti speċifiċi għall-fondi;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

48. Jilqa' l-passi pożittivi fid-direzzjoni tas-simplifikazzjoni u aktar trasparenza fil-ġestjoni tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment; jindika li proċess ta' applikazzjoni simplifikat għall-benefiċjarji, b'informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar il-proċesura u l-possibbiltahiet ta' finanzjament, ġie identifikat minn bosta Stati Membri bħala aspett importanti ta' preparazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020; jilqa' dan bħala mod kif jiġi żgurat li l-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti jimxu sewwa, flimkien ma' burokrazija mnaqqsa għall-applikanti; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jagħmlu skambju tal-aqwa prattiki bl-għan ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri, u, filwaqt li jagħrfu li regoli stringenti dwar il-kontrolli u l-awditjar huma meħtieġa, jiżguraw li huma proporzjonali sabiex ma jżidux piż żejjed;

49. Jirrikonoxxi li l-e-koeżjoni tista' tkun vitali biex jitnaqqsu l-intoppi u tiġi żgurata s-semplifikazzjoni u jilqa' r-referenza għall-użu tagħha ta' xi Stati Membri; jemmen li dan jista' wkoll jagħti kontribut sinifikanti għall-preparazzjoni għal programmi ta' finanzjament futuri;

***Sħubija***

50. Jenfasizza li l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-formulazzjoni tal-PAs għandu jinvoli l-kollaborazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fl-ippjanar, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' finanzjament tal-politika ta' koeżjoni tal-UE; jemmen li l-prinċipju ta' governanza fuq diversi livelli huwa indispensabbli għall-ġestjoni effikaċi tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jkunu involuti b'mod sħiħ l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet interessati fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi; jenfasizza l-importanza tal-iżgurar ta' fluss tal-informazzjoni adegwat, u l-miżuri tal-bini tal-kapaċità u appoġġ tekniku għal dawn l-awtoritajiet, sabiex tiġi ffaċilitata u titjieb il-kontribuzzjoni tagħhom fl-istadji kollha ta' dan il-proċess;

51. Jilqa' l-involviment akbar tal-partijiet interessati kollha rilevanti, ir-rappreżentanti lokali u reġjonali, l-NGOs, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali, in-negozji privati u l-universitajiet, kif muri mill-eżempji mogħtija mill-Istati Membri; jemmen li l-iżvilupp b'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u partijiet interessati oħra li jirrappreżentaw perspettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali differenti huwa importanti;

52. Jenfasizza li l-iżgurar ta' sħubija ta' suċċess jista' jinvolvi kemm approċċ "bottom-up" u kemm dak "top-down"; jirrimarka li l-approċċ "bottom-up", li jinvolvi diskussjonijiet estensivi ma' rappreżentanti mit-tielet setturi, dawk pubbliċi u privati, kien mogħti bħala eżempju minn Stat Membru wieħed li qiegħed jagħmel progress tajjeb fit-tħejjijiet tiegħu;

53. Jenfasizza l-fatt li dawn l-approċċi "bottom-up" u "top-down" jiżguraw li l-istrateġiji nazzjonali li jindirizzaw is-sitwazzjoni soċjali, ekonomika u ambjentali inklużi flimkien mal-involviment estensiv fil-livell reġjonali u lokali; jilqa' dan il-mod effettiv li jiggarantixxi li r-rekwiżiti strateġiċi jintlaħqu filwaqt li fl-istess ħin jinvoli kemm jista' jkun il-partijiet interessati rilevanti fil-preparazzjonijiet;

***Konklużjonijiet***

54. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq dwar il-qafas ġuridiku għall-politika ta' koeżjoni flimkien mal-konklużjoni tan-negozjati dwar ir-Regolament għad-Dispożizzjonijiet Komuni u tal-QFP;

55. Jirrikonoxxi l-importanza tal-governanza f'diversi livelli fl-istadji ta' preparazzjoni u jinnota li xi wħud mit-tħejjijiet aktar avvanzati ġew ibbażati fuq id-djalogu vitali mal-partijiet interessati fil-livell reġjonali u lokali;

56. Jenfasizza l-istedina tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jistinkaw biex jiżguraw li l-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operattivi mħejjija jkunu tal-aqwa kwalità possibbli; jinnota li dan se jgħin biex jiġu ġġenerati proposti ta' proġetti ta' kwalità mmirati lejn objettivi strateġiċi biex jiżguraw li l-finanzjament tal-UE jkollu l-akbar impatt possibbli;

57. Jirrealizza li l-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali attivi u infurmata tajjeb li jikkomunikaw mal-Kummissjoni jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-avvanz fil-preparazzjonijiet; jirrakkomanda bil-qaww, għalhekk, li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jkollhom fluss stabbli ta' informazzjoni, bħal dettalji ta' atti ta' implimentazzjoni futuri;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

58. Jirrakkomanda li l-Istati Membri li qed ibatu minn dewmien gravi għandhom isegwu b'mod rigoruż ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni; jenfasizza l-fatt li l-Kummissjoni għandha żżid l-appoġġ tagħha biex tiżgura li l-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operattivi ta' dawn l-Istati Membri jiġu miftiehma mill-aktar fis possibbli; jinnota, għaldaqstant, li rieżami tal-progress tal-Istati Membri waqt l-istadji tat-tħejjija jgħin biex jonqos id-dewmien; jinnota wkoll li waqt il-fażi ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tgħin lil dawk l-Istati Membri li għadhom lura;

o

o o

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0016

## L-Iskart tal-Plastik fl-Ambjent

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar strateġija Ewropea għall-iskart tal-plastik fl-ambjent (2013/2113(INI))**

(2016/C 482/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (id-Direttiva dwar l-Imballaġġ),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (RoHS),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' skart,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar strateġija effettiva tal-materja prima għall-Ewropa ([1]),

([1]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 21.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Frar 2012 intitolata "Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa" (COM(2012)0060),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2011 intitolata "Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza – Inizjattiva ewlenija taħt l-Istrateġija Ewropa 2020" (COM(2011)0021), u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Mejju 2012 dwar Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020" (COM(2011)0244) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' April 2012 dwar "L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020" ([2]),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar Strateġija Ewropea għall-Iskart tal-Plastik fl-Ambjent (COM (2013)0123),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm ta' Azzjoni Ġenerali tal-Unjoni għall-Ambjent sal-2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0453/2013),

A. billi l-iskart tal-plastik mhuwiex indirizzat speċifikament mil-leġiżlazzjoni tal-UE u mhux meqjus bħala parti mill-fluss ġenerali ta' skart minkejja l-karatteristiċi partikolari tiegħu; billi dan it-tip ta' skart ma għandux jibqa' jitqies biss bħala żibel iżda minflok għandu jitqies bħala riżorsa;

B. billi l-materjali tal-plastik qed isiru dejjem aktar diversi u l-użu tagħhom qed jiżdied, u dan iwassal għal volumi akbar ta' skart u għal kombinazzjoni li qed tiżdied ma' materjali u komposti oħra; billi l-plastik jakkumula fi kwantitajiet kbar (huwa stmat li hemm total ta' 80 MT f'wiċċ l-ilma fl-Oċean Atlantiku u f'dak Paċifiku) u jippersisti fl-ambjent għal mijiet ta' snin, filwaqt li joqtol il-ħajja tal-baħar, jikkaġuna reazzjonijiet tossiċi u jirrilaxxa interferenti endokrinali, sustanzi li huma karċinoġeni, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni, nanopartiċelli u sustanzi niġġiesa organiċi persistenti fl-ekosistemi u għaldaqstant fil-katina alimentari; billi fl-2010 biss, tqiegħdu 95,5 biljun basket tal-plastik fis-suq tal-UE, li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu maħsuba biex jintużaw darba biss, filwaqt li huma ristretti jew ipprojbiti f'ħafna pajjiżi;

C. billi nuqqas ta' implimentazzjoni u infurzar tajba tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart mill-Istati Membri, nuqqas ta' miri relevanti u mekkaniżmi tal-prezzijiet, domanda interna insuffiċjenti għal materjali riċiklati, rimi illegali, esportazzjonijiet illegali u ħżin mhux xieraq, u l-ipproċessar u t-trasport tal-iskart tal-plastik wasslu għal ħsara globali sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, inkluża l-ħajja tal-baħar, u għal żieda fl-esportazzjonijiet ta' skart, li rriżultaw f'telf ta' materjali u ta' impjiegi fl-UE;

D. billi projbizzjoni fuq ir-rimi tal-iskart tal-plastik mhijiex waħedha se twassal għall-irkupru mixtieq tal-materja prima jekk il-kwantitajiet konċernati jittieħdu l-inċineraturi minflok;

E. billi, fil-każ tal-iskart tal-plastik, l-enfasi għandha titqiegħed fuq il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni, filwaqt li l-produtturi jiġu mħeġġa jagħżlu materjali alternattivi u aktar sostenibbli meta jiddiżinjaw il-prodotti tagħhom;

F. billi l-ekoinnovazzjoni u d-disinn fil-prodotti tal-plastik huma kruċjali għall-kompetittività Ewropea, jgħinu lill-industrija tadatta għall-pressjonijiet ta' prezzijiet tar-riżorsi għoljin u l-iskarsezza tal-materjali, u jiżviluppaw Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali (KETs) għal soċjetà sostenibbli;

([1]) ĠU C 264 E, 13.9.2013, p. 59.
([2]) ĠU C 258 E, 7.9.2013, p. 99.

G. billi l-UE tista' tibbenefika f'termini ta' ħolqien tal-impjiegi u tkabbir minn sforz robust għal bidla, permezz ta' aktar riċiklaġġ, lejn ekonomija ċikolari minn nieqa sa nieqa bbilanċjata, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u mhux tossika, ibbażata fuq il-kunċett ta' skart mhux perikoluż bħala riżorsa ta' materja prima; billi l-potenzjal ekonomiku għar-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik attwalment huwa ferm ogħla mit-33 % miksub fir-rigward tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik u mill-25 % miksub fir-rigward tal-iskart tal-plastik totali, u billi rati għoljin ta' riċiklaġġ jistgħu jgħinu meta jkun hemm nuqqas ta' materja prima;

H. billi l-industrija tal-plastik fl-UE tħaddem madwar 1,6 miljun ruħ;

I. billi l-istrateġija Ewropa 2020 titlob tkabbir, intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

1. Jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni u jagħraf il-bżonn għal miżuri speċifiċi dwar l-iskart tal-plastik fil-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll għal implimentazzjoni u infurzar iktar uniformi, konsistenti u rigorużi tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart, b'mod speċifiku rigward il-ġerarkija tal-iskart: prevenzjoni, użu mill-ġdid, riċiklaġġ, u rkupru, u b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri li għadhom mhux qed jilħqu l-objettivi u l-miri eżistenti;

2. Iqis li l-ippjanar strateġiku jista' jservi bħala l-punt ta' tluq għal ġestjoni effikaċi tal-iskart;

3. Jenfasizza li sabiex l-approċċ tal-UE għall-flussi tal-iskart u l-ekonomija ċirkolari jsir aktar konsistenti fil-qafas tal-"kontroll tal-idoneità" tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ bħalissa, u peress li madwar 40 % tal-iskart tal-plastik jiġi mill-imballaġġ u l-iktar minn prodotti li jintużaw darba filwaqt li d-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-unika waħda b'mira speċifika għall-ġbir tal-iskart tal-plastik, jeħtieġ b'urġenza li dik id-Direttiva tiġi riveduta u li jiġu proposti normi dwar l-iskart tal-plastik li jmorru lil hinn mir-regoli u l-istandards dwar il-prodotti; iqis li biex tikseb dan, u meta tfassal proposti futuri, il-Kummissjoni għandha żżomm f'moħħha l-fatt li l-iskart tal-plastik mhuwiex materjal omoġenju, u li l-flussi tal-iskart tal-plastik huma magħmula minn għadd ta' materjali, addittivi u komposti tal-plastik ta' tipi differenti li jeħtieġ li jiġu pproċessati b'modi differenti; jinnota, madankollu, li għalkemm l-imballaġġ tal-plastik jgħin biex tinżamm il-kwalità u tittawwal il-konservabbiltà tal-prodotti, mhuwiex dejjem neċessarju għall-konservazzjoni tal-prodotti;

4. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tal-plastik qabel kollox għandu jkollha l-għan li dan l-iskart jitnaqqas, u għalhekk għandha tiġi riveduta biex tinkludi:

— miri vinkolanti għall-ġbir, is-separazzjoni (li tista' tilħaq il-livell ambizzjuż ta' 80 %) u r-riċiklaġġ tad-diversi flussi tal-iskart tal-plastik (pereżempju l-WEEE, il-vetturi li m'għadhomx jintużaw, l-imballaġġ, l-iskart agrikolu, l-iskart tal-bini, eċċ.) u kriterji mandatorji għar-riċiklabbiltà (li jiċċaraw id-distinzjonijiet bejn ir-riċiklaġġ mekkaniku/organiku u l-irkupru/inċinerazzjoni); l-għan għandu jkun mira progressiva u ambizzjuża għal plastik riċiklat li ma fihx addittivi perikolużi li m'għadhomx jitħallew jintużaw fi prodotti ġodda, għan li għandu jintlaħaq sal-2020; xi Stati Membri jkollhom bżonn perjodi ta' tranżizzjoni biex matulhom jilħqu l-objettivi stabbiliti fil-livell Ewropew;

— l-armonizzazzjoni fl-UE kollha ta' kriterji għall-ġbir, is-separazzjoni u l-ġestjoni ġenerali tal-iskart, bl-għan li jinħolqu kundizzjonijiet indaqs skont il-ġerarkija tal-iskart, inkluża t-tneħħija ta' ostakli tekniċi, regolatorji, amministrattivi u finanzjarji għar-riċiklaġġ;

— tikkettar speċifiku tal-materjali sabiex il-konsumaturi jiġi infurmati rigward ir-riċiklabbiltà mekkanika jew organika tal-prodotti, flimkien ma' indikazzjonijiet għall-konsumaturi dwar kif iżidu s-separazzjoni u r-riċiklaġġ; u

— kriterji għas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba jew b'ħajja qasira b'materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw u iktar durabbli;

5. Jaqbel li l-iskart tal-plastik għandu jiġi trattat bħala riżorsa ta' valur billi jiġu promossi l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru u billi jiġi permess il-ħolqien ta' ambjent tas-suq xieraq; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti sal-2014 biex, sal-2020, jitneħħa gradwalment ir-rimi f'miżbliet ta' skart riċiklabbli u rkuprabbli, madankollu mingħajr ma tinċentivizza, b'riżultat ta' dan, l-opzjoni tal-irkupru tal-enerġija askapitu tar-riċiklaġġ, u filwaqt li tiżgura li l-kriterji dwar l-effiċjenza ambjentali jiġu applikati għall-opzjonijiet kollha; jikkunsidra li, flimkien mal-miri msemmija hawn fuq għar-riċiklaġġ, huwa għalhekk essenzjali li jiġu introdotti miżuri xierqa li jiskoraġġixxu l-inċinerazzjoni ta' plastik riċiklabbli, kompostabbli

u bijodegradabbli, sabiex jiġi ottimizzat iċ-ċiklu tal-ħajja ta' kull tip ta' plastik waqt li tiġi rrispettata l-ġerarkija tal-iskart; jirrimarka li dan għandu wkoll jaqleb tendenza ta' nuqqas ta' sostenibbiltà li s'issa pprivileġġat l-użu ta' prodotti verġni fuq dawk riċiklati u iktar għaljin; jenfasizza li r-riċiklabbiltà u l-irkuprabbiltà tal-prodotti għandhom jitqiesu sa mill-fażi tad-diżinn; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri relatati mad-diżinn li jtejbu l-impatt ambjentali ġenerali tal-prodotti, li jipprevjenu l-iskart eċċessiv u li jippromwovu s-swieq tar-riċiklaġġ; jemmen li fi kwalunkwe każ l-oġġetti tal-plastik għandhom jiġu ddiżinjati biex tiġi massimizzata d-durabbiltà, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott; jirrimarka li fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar l-iskart tal-plastik, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-istabbiliment ta' spezzjonijiet aktar estensivi fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' skart fil-miżbliet sal-2020, kif ukoll iż-żieda tal-kontrolli fil-faċilitajiet tal-inċinerazzjoni;

6. Iħeġġeġ li l-iskart tal-plastik jintuża għall-irkupru tal-enerġija biss f'każijiet meta l-possibbiltajiet l-oħra kollha jkunu ġew eżawriti u meta t-teknoloġija użata tinkludi s-sistemi ta' purifikazzjoni meħtieġa għall-prevenzjoni tad-dannu ambjentali u tal-ħsara lis-saħħa tal-bniedem;

7. Jemmen li l-plastiks l-aktar perikolużi, dawk li l-evidenza xjentifika turi li huma l-iktar ta' tfixkil għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent (bħall-mikroplastiks u l-plastiks ossobijodegradabbli) u dawk li fihom metalli tqal u sustanzi oħrajn li jistgħu wkoll jagħmlu l-proċessi ta' riċiklaġġ iktar diffiċli, għandhom jitneħħew gradwalment mis-suq jew jiġu pprojbiti għalkollox, malajr kemm jista' jkun qabel l-2020 sabiex jiġi żviluppat suq għall-materjali riċiklati li reġgħu ntużaw, u jemmen li l-ġbir separat ta' dawn għandu jiġi implimentat minufih; f'dan il-qafas, jemmen li s-sostituzzjoni ta' materjali u addittivi tal-plastik perikolużi għandha tiġi appoġġata, anke permezz tal-estensjoni tal-lista ta' sustanzi ristretti fir-RoHS; jemmen ukoll li, kif mitlub minn maġġoranza ta' ċittadini u konsumaturi Ewropej ([1]), l-użu ta' basktijiet tal-plastik li jintużaw darba, għandu jitnaqqas radikalment u meta possibbli għandu jitneħħa gradwalment, u li huwa importanti li tiġi indirizzata l-isfida tal-prevenzjoni tal-iskart permezz ta' azzjoni iktar effiċjenti biex jiġi indirizzat il-konsum żejjed u r-rimi irresponsabbli ta' prodotti li jintużaw darba;

8. Jirrimarka li, f'dinja fejn ir-riżorsi naturali, inkluża l-art li tinħadem, huma dejjem aktar skarsi, is-sostenibbiltà tfisser il-konsum ta' anqas riżorsi f'termini assoluti, u mhux sempliċement s-sostituzzjoni ta' riżorsa b'oħra; jenfasizza li fil-każ tal-plastiks bijodegradabbli, ibbażat fuq prodotti bijoloġiċi u kompostabbli, għandhom jiġu adottati miżuri xierqa biex dawn jiġu promossi, bil-kundizzjoni li l-produzzjoni tagħhom ma tħallix impatt negattiv fuq il-produzzjoni agrikola għall-konsum mill-bnedmin u mill-annimali jew fuq l-ambjent; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu żviluppati l-istandards Ewropej diġa rikonoxxuti (i.e. CEN 13432) sabiex tkun tista' ssir differenzjazzjoni aktar ċara bejn prodotti tal-plastik degradabbli, bijodegradabbli u kompostabbli flimkien mal-għoti ta' informazzjoni aktar ċara dwar il-karatteristiċi, ir-riċiklabbiltà u l-potenzjal ta' użu mill-ġdid tagħhom, lill-konsumaturi kif ukoll lil min jirriċikla u lill-operaturi ta' faċilitajiet ta' ġestjoni tal-iskart;

9. Jitlob li jsir aktar investiment pubbliku u privat fir-riċerka u t-teknoloġija mmirata biex jinstabu plastiks iktar sostenibbli (i.e. li jikkunsmaw anqas materja prima filwaqt li jinżammu l-istess kwalià, riutilizzabbiltà u riċiklabbiltà) u biex jiġu integrati aħjar diversi tipi ta' plastik fi proċessi ta' produzzjoni u attivitajiet ta' riproċessar, mingħajr ma tiġi affettwata l-kwalità tal-materjali; jikkunsidra li teknoloġiji ġodda huma meħtieġa wkoll għat-titjib tal-proċessi ta' bijodegradazzjoni tal-plastik, metodi ta' separazzjoni tal-iskart, proċessar u riċiklaġġ mekkaniku, irkupru ta' prodotti tal-plastik mill-oċeani, ekodisinn u imballaġġ intelliġenti; jemmen li għal dan il-għan, Orizzont 2020 jista' joffri opportunitajiet biex ikun hemm reazzjoni għal dan il-bżonn importanti tas-soċjetà u li l-vantaġġi jkunu mifruxin, kemm għall-ambjent kif ukoll għaċ-ċittadini, mill-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda (pereżempju separazzjoni bi standards għoljin li titwettaq mill-bnedmin) għat-tnaqqis tal-iskart fil-baħar u riskji relatati mas-saħħa; jenfasizza li dan jista' joffri l-opportunità partikolarment liż-żgħażagħ biex jieħdu sehem f'oqsma ġodda ta' attività u b'hekk jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol; jirrimarka li l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tista' tiffranka EUR 72 biljun fis-sena, iżżid il-

([1]) Consultation on options to reduce the use of plastic carrier bags and options to improve the requirements of biodegradability in Directive 94/62/EC on packaging and packaging waste and the visibility of biodegradable packaging products to consumers – statistics: http://ec.europa.eu/environment/waste/packaging/pdf/statistics_consultation.xls

fatturat annwali tas-settur tal-UE għall-ġestjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart bi EUR 42 biljun u toħloq aktar minn 400 000 impjieg sal-2020; jenfasizza li fondi oħrajn tal-UE jistgħu jikkontribwixxu wkoll b'mod sinifikanti għall-iżvilupp ta' infrastruttura ta' ġbir u riċiklaġġ jekk ikunu konsistentement b'konformità mal-ġerarkija tal-iskart fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart;

10. Huwa favur miżuri li jinkoraġġixxu r-riċiklaġġ tal-plastik bħala l-aqwa opzjoni biex jintlaħqu l-miri ambjentali; jitlob li iktar offerti ta' akkwist pubbliku, fosthom dawk tal-istituzzjonijiet Ewropej, jinkludu domandi ċari rigward ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik kif ukoll li jiffavorixxu l-użu tal-plastik riċiklat meta jkun possibbli;

11. Jemmen li għandhom jittieħdu passi aktar ambizzjużi kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-esportazzjonijiet illegali u r-rimi ta' skart tal-plastik, inklużi infurzar iktar strett tar-regolamenti tal-UE dwar il-vjeġġi, kif ukoll skemi ta' monitoraġġ u spezzjoni iktar stretti fil-portijiet u l-faċilitajiet kollha tat-trattament tal-iskart, immirati għal trasferimenti illegali suspettati u għall-ġlieda kontra l-esportazzjoni ta' skart biex jerġa' jintuża (l-aktar vetturi li m'għadhomx jintużaw u WEEE), u biex jiġi żgurat li l-esportazzjonijiet imorru biss lejn il-faċilitajiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' ġestjoni tajba mil-lat ambjentali kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart; jinnota li l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi, għandhom rwol x'jiżvolġu fil-prevenzjoni tal-esportazzjonijiet illegali u fit-tnaqqis sinifikanti tal-iskart tal-plastik fl-ambjent; barra minn hekk jemmen li l-UE għandha tippromwovi approċċ ta' ġestjoni tal-iskart koerenti fil-forums, il-ftehimiet u l-istituzzjonijiet internazzjonali kollha possibbli; jenfasizza li l-UE għandha tmexxi inizjattiva globali għall-monitoraġġ u t-tnaqqis sinifikanti tar-rimi ta' skart fl-oċeani; jikkunsidra essenzjali wkoll li jkun hemm aċċess għal data affidabbli u komparabbli dwar flussi tal-iskart, flussi lejn l-Ewropa u 'l barra mill-Ewropa, volumi u sistemi ta' ġestjoni;

12. Jemmen li l-finanzjament tal-infrastruttura tar-riċiklaġġ tal-iskart għandu jieħu prijorità fuq il-finanzjament tar-rimi u l-inċinerazzjoni tal-iskart, iżda għandu naturalment iqis ukoll il-ħtiġijiet ta' kull komunità individwali; iħeġġeġ lill-muniċipalitajiet u lill-awtoritajiet lokali Ewropej, lill-industrija tal-plastiks, u lis-settur tar-riċiklaġġ u l-ġestjoni tal-iskart biex jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jimmotivaw u jinċentivizzaw liċ-ċittadini u lill-impriżi biex jadottaw kunċett ta' ekonomija ċirkolari fir-rigward tal-iskart tal-plastik, l-ewwel permezz ta' dibattitu wiesa' dwar l-obsolenza ppjanata, bil-promozzjoni ta' skemi faċli u effikaċi ta' separazzjoni, ġbir, użu mill-ġdid u riċiklaġġ u bl-istabbiliment ta' punti ta' ġbir xierqa għall-iskart tal-plastik, speċjalment f'żoni kostali u ambjentalment vulnerabbli, u dan kollu f'termini ta' prijorità għandu jibda minn dawk iż-żoni li l-Istati Membri ddikjaraw bħala żoni protetti u/jew parks nazzjonali; jemmen ukoll li jistgħu jagħtu kontribut kbir favur l-armonizzazzjoni ta' attivitajiet ta' ġestjoni tal-iskart tal-plastik madwar l-Ewropa billi jaqblu fuq standards u prattiki komuni; jistieden lill-awtoritajiet reġjonali biex jikkooperaw fl-ippjanar tal-ġestjoni tal-iskart integrat meta dan ikun kemm ambjentalment kif ukoll finanzjarjament vijabbli, u biex jippromwovu b'mod partikolari l-istabbiliment ta' "ċentri ta' ġbir agrikoli" għall-flussi ta' skart tal-plastik mill-agrikoltura (eż. plastiks tas-serer);

13. Huwa favur, bl-għan li titħeġġeġ is-sensibilizzazzjoni, azzjonijiet konkreti u kampanji bħall-istabbiliment ta' Jum Ewropew għall-iskart tal-plastik, meta ċ-ċittadini jkunu jistgħu jirritornaw kwalunkwe volum ta' skart tal-plastik f'punti determinati minn qabel, pereżempju bi tpattija ta' kumpens monetarju xieraq, bħala mezz li jiżgura l-provvista ta' plastik riċiklabbli u li jżid is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riċiklaġġ u l-effiċjenza fir-riżorsi; jikkunsidra li dan l-avveniment jista' jinkludi wkoll attivitajiet ta' tindif mill-komunità (eż. tal-bajjiet), bħala kontribut simboliku għat-trażżin tat-tniġġis mill-iskart tal-plastik; jitlob li jinħolqu sinerġiji bejn dan it-tip ta' avveniment u l-kampanja "Let's do it", il-Ġimgħa Ewropea għat-Tnaqqis tal-Iskart u l-"Clean-up Day" li jmiss; jilqa' l-proġett pilota MARELITT tal-Kummissjoni għat-tneħħija tal-iskart tal-baħar mill-erba' ibħra reġjonali tal-Ewropa u għat-tnaqqis tal-impatt ambjentali, ekonomiku, soċjali u fuq is-saħħa tal-iskart tal-plastik fil-baħar; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni żżid id-djalogu tagħha mal-pajjiżi terzi, bħal dawk b'ilmijiet territorjali fil-Baħar l-Iswed, sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-iskart tal-plastik fil-baħar b'mod iżjed effettiv;

14. Jenfasizza li qabel ma jiġu implimentati inizjattivi ġodda fl-oqsma tal-politika ambjentali, l-ekoinnovazzjoni, il-ġestjoni tal-iskart u l-bijoekonomija fil-livell tal-UE għandhom jitwettqu valutazzjonijiet sodi tal-impatt, fosthom tal-konsegwenzi soċjali tagħhom u l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol iġġenerati, b'mod partikolari fir-rigward tal-potenzjal għall-ħolqien tal-impjiegi u l-ħtieġa li jiġi introdott taħriġ inizjali u vokazzjonali sabiex jinħolqu impjiegi ħodor;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

15. Ifakkar li l-Istati Membri, filwaqt li jirrikonċiljaw il-kwistjonijiet ekonomiċi u ambjentali, għandhom jappoġġaw inizjattivi li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' setturi bl-akbar potenzjal ta' impjieg għal xogħol diċenti u, b'mod partikolari, li jgħinu fit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità sostenibbli f'ekonomija anqas intensiva fl-użu tar-riżorsi, b'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020; jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jikkordinaw dispożizzjonijiet tas-servizzi pubbliċi ma' miri u objettivi ambjentali sabiex jilħqu diversi objettivi u jistimulaw impjiegi ħodor fil-proċess;

16. Iqis l-identifikazzjoni tal-bżonnijiet futuri tas-suq tax-xogħol, u r-rekwiżiti għal ħiliet futuri, bħala prijorità; jenfasizza l-ħtieġa għal strateġiji għat-tqabbil tal-ħiliet tal-ħaddiema mal-bżonnijiet futuri tas-suq tax-xogħol; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-fatt li – sabiex jiġu indirizzati l-isfidi mit-tranżizzjoni għal ekonomija anqas intensiva fl-użu tar-riżorsi – jinħtieġu livelli xierqa ta' taħriġ u ħiliet biex l-ekoinnovazzjonijiet jiffjorixxu u biex il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tiġi implimentata b'mod korrett; jirrakkomanda li l-Istati Membri jintegraw il-mudell tal-ekonomija ċirkolari fl-iskemi ta' taħriġ professjonali tagħhom; jinnota li t-taħriġ jista' jtejjeb l-istatus ipperċeput tax-xogħol fis-settur tar-riċikalġġ, u jista' jgħin fit-titjib taż-żamma tal-persunal u tal-prattiki tas-saħħa u s-sikurezza; ifakkar f'dan il-kuntest li, bil-promozzjoni tat-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, il-Fond Soċjali Ewropew jista' jgħin biex tiġi ssodisfata d-domanda għal impjiegi sostenibbli u ta' kwalità fl-industriji anqas intensivi fl-użu tar-riżorsi, b'konformità mal-Pakkett għall-Investiment Soċjali ppreżentat mill-Kummissjoni fi Frar tal-2013;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0017

# Il-marka ta' kwalità reġjonali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-marka reġjonali: lejn l-aħjar prassi fl-ekonomiji rurali (2013/2098(INI))**

(2016/C 482/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 174 et seq. tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistabbilixxu l-objettiv ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jispeċifikaw liema strumenti finanzjarji strutturali jridu jintużaw sabiex jinkiseb dan l-objettiv,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39 tat-TFUE li jistipula l-objettivi tal-politika agrikola komuni,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0456/2013),

A. billi l-kunċett tal-iżvilupp territorjali ħa importanza miżjuda fis-snin reċenti, b'mod partikolari bħala riżultat tal-inklużjoni ta' referenza aktar espliċita għalih fit-Trattat ta' Lisbona;

B. billi l-politika Ewropea għall-iżvilupp rurali, li hija t-tieni pilastru tal-PAK, kienet uffiċjalment rikonoxxuta fil-kuntest tar-riforma tal-Aġenda 2000; billi dik ir-riforma tat lill-politika għall-iżvilupp rurali status li jmur lil hinn mill-politika soċjali u strutturali implimentata sempliċiment bħala żieda mal-politika tas-swieq agrikoli;

C. billi l-qafas tar-regolament futur tal-politika reġjonali jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw ippjanar u programmazzjoni integrati bħala sforz li jippermetti aktar konsistenza bejn il-programmi pluriennali implimentati fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni kif ukoll il-FAEŻR (u l-Fond Ewropew għas-Sajd) permezz tal-użu ta' qafas strateġiku komuni, li jevita d-duplikazzjoni tal-finanzjament u inizjattivi doppji, isegwi l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020, u stabbilit fi ftehim ta' sħubija mfassal mill-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab ekonomiċi u soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; billi l-miżuri u l-inizjattivi favur l-iżvilupp tat-territorji, partikolarment dawk rigward żoni rurali, iridu konsegwentement jiddaħħlu f'approċċ globali u transsettorjali;

D. billi l-fruntiera bejn l-urban u r-rurali qed tisfuma u l-agrikoltura periurbana qed tespandi; billi huwa importanti li bħala żieda mal-politika għall-iżvilupp rurali, il-politika reġjonali tkun imfassla wkoll biex tindirizza ż-żoni rurali, sabiex hemmhekk tappoġġja proġetti innovattivi u formattivi.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

E. billi l-istrumenti tal-iżvilupp rurali disponibbli għall-Istati Membri fir-regolament għall-iżvilupp rurali fis-seħħ joffru bosta possibilitajiet tal-iżvilupp għal dawn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, u billi dawn il-possibilitajiet mhumiex użati biżżejjed mill-programmi attwali ta' żvilupp rurali minħabba n-nuqqas ta' riżorsi baġitarji;

F. billi r-regolament għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għall-iżvilupp rurali se jestendi l-miżuri disponibbli għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri li jappoġġjaw il-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità, il-firxa ta' koperazzjoni bejn l-atturi territorjali biex ikunu rkuprati r-riżorsi kollha fil-forma ta' prodotti u servizzi ta' kwalità, it-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, kif ukoll il-miżuri ta' innovazzjoni u d-diversifikazzjoni ekonomika fiż-żoni rurali;

G. billi l-inklużjoni mtejba tal-produtturi primarji fil-katina tal-ikel permezz ta' sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità, il-promozzjoni tal-bejgħ fis-swieq lokali u r-rotot tal-provvista qosra kienet stabbilita bħala prijorità għall-iżvilupp rurali fis-snin 2014-2020;

H. billi, fil-kuntest tal-iżvilupp rurali, l-approċċ "LEADER" jiġbor bl-aħjar mod il-kunċett tal-kooperazzjoni bejn persuni ta' natura differenti filwaqt li jżomm, madankollu, f'post ċentrali l-attività agrikola u billi l-persuni involuti jistgħu jaqsmu proġett territorjali bbażat fuq is-setturi bil-għan li jenfasizza l-fatturi speċifiċi u l-aħjar prattiki ta' żona omoġenja determinata;

I. billi l-għażla tal-metodi u t-tip ta' appoġġ li għandhom jiġu implimentati fil-programmi ta' żvilupp rurali għandha titħalla fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom, jekk huma jagħżlu programmazzjoni reġjonali; billi l-Istati Membri huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeterminaw l-enfasi xierqa ta' programmi bħal dawn fil-livell nazzjonali jew reġjonali;

J. billi jistgħu jintużaw metodi li, permezz ta' approċċi komuni, jimmobilizzaw u jinvolvu l-atturi pubbliċi u privati relevanti kollha, irrispettivament mil-livelli li fihom ikunu attivi, bil-għan li tiġi żviluppata kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' żoni u jiġi sfruttat il-potenzjal kollu għal kull territorju abbażi ta' proġett komuni, fejn għandha tingħibed l-attenzjoni, b'mod partikolari f'dan il-każ, għall-importanza tal-assoċjazzjonijiet ta' żvilupp lokali, l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi u l-kooperattivi, li jistgħu jaġixxu bħala sħab privileġġjati bl-għan li jkun hemm aċċess għal swieq lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali;

K. billi l-programmi ta' żvilupp rurali kemm ta' suċċess kif ukoll komprensivi jista' jkollhom impatt pożittiv konkret fuq ir-rati tal-impjieg u l-kompetittività tan-negozji fiż-żoni rurali, u b'hekk jitnaqqsu r-riskji ta' qgħad jew li minħabba d-dħul rurali baxx l-abitanti jgħixu fil-faqar kbir;

L. billi l-marki territorjali ta' eċċellenza jistgħu jikkontribwixxu fir-reżiljenza u l-iżvilupp ta' ekonomiji territorjali, partikolarment fir-reġjuni l-aktar vulnerabbli, ir-reġjuni muntanjużi u r-reġjuni l-aktar imbiegħda, filwaqt li jikkoordinaw settijiet ta' prodotti (alimentari u dawk li mhumiex) u servizzi ta' kwalità intrinsikament marbuta ma' xulxin, profondament ankrati fl-ispeċifiċitajiet ta' kull territorju u partikolarment il-wirt tagħhom (storiku, kulturali, ġeografiku eċċ); billi miġbura flimkien f'settijiet dawn il-prodotti u s-servizzi huma uniċi u jiġġeneraw dħul fil-livell territorjali filwaqt li joħolqu opportunitajiet ġodda fis-swieq lokali u internazzjonali u jistgħu jaġixxu wkoll bħala "umbrella" għall-promozzjoni tar-reġjuni bħala destinazzjonijiet turistiċi; billi l-għan ta' dawn il-marki (branding) territorjali huwa li jidentifika dawk it-territorji li ħadmu flimkien biex joħolqu sħubiji u sinerġiji komuni sabiex jisfruttaw ir-riżorsi tagħhom fuq tul ta' żmien twil, iħeġġu l-produtturi lokali/reġjonali u jistimulaw l-ekonomiji tagħhom, li huwa vitali għall-kwalità tal-ħajja fil-kampanja u l-iżvilupp ibbilanċjat taż-żoni rurali u urbani; billi m'għandhomx jiġu mfixkla mat-tikketti ta' kwalità (denominazzjoni protetta tal-oriġini (DPO), indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) u Speċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti (STG)) użati għal prodotti tal-ikel, li bihom barra li jkunu inkompatibbli, ikunu bil-maqlub għal kollox kumplimentari; billi għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' dawn l-iskemi kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE u jgħinu biex itejbu l-kompetittività tal-ekonomiji rurali filwaqt li fl-istess ħin iżidu l-opportunitajiet tal-impjieg;

M. billi s-sistema tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini (DPO) u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) hija waħda effiċjenti li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp rurali u territorjali permezz tal-ħolqien u d-distribuzzjoni tal-valur miżjud, bl-azzjoni kollettiva tal-produtturi u l-partijiet interessati kollha u bil-mod kif jippromwovu r-reġjun inkwistjoni fis-swieq lokali, reġjonali u internazzjonali; billi, għaldaqstant, il-marka reġjonali fl-ebda każ m'għandha tissostitwixxi jew b'xi mod tagħmel ħsara lis-sistema tad-DPO-IĠP;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

N. billi miżuri biex jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-interazzjoni fil-livell lokali u reġjonali bejn is-settur primarju u dak terzjarju jistgħu jiggarantixxu l-iżvilupp sostenibbli tas-settur agrikolu u tat-turiżmu fl-UE;

O. billi teżisti l-ħtieġa li tinħoloq u tiġi applikata għodda effettiva ta' kummerċjalizzazzjoni li tagħti spinta lill-kompetittività tal-prodotti reġjonali, tħeġġeġ lill-produtturi lokali u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' identità reġjonali mhux biss rigward l-agrikoltura iżda wkoll f'oqsma oħra;

1. Jilqa' l-approċċ integrat għal żvilupp territorjali stabbilit fir-regolament dwar il-qafas strateġiku komuni għall-fondi tal-UE; jinnota l-ħtieġa għal koordinazzjoni u koerenza bejn il-fondi differenti tal-UE bħala mod biex jiġi garantit żvilupp territorjali armonjuż, sostenibbli u bbilanċjat;

2. Jinnota li l-iżvilupp territorjali huwa espliċitament inkluż fl-objettivi tal-PAK, li jikkumplimenta żewġ objettivi oħra, b'mod partikolari s-sigurtà tal-ikel u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-ġlieda kontra t-tisħin globali;

3. Jenfasizza li r-reġjuni agrikoli għandhom rwol multifunzjonali li jinvolvi mhux biss l-iżvilupp agrikolu iżda wkoll attivitajiet ekonomiċi u soċjali oħra marbuta mal-bini ta' kapaċitajiet lokali fir-rigward ta' ħiliet, għarfien u investiment fl-individwazzjoni u l-kontroll tal-assi lokali u l-potenzjali u r-riżorsi ta' valur u moħbija kollha;

4. Jilqa' l-kunċett ta' "żvilupp lokali mmexxi mill-komunità" u jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw dan il-kunċett u jneħħu kwalunkwe ostaklu li jista' jkun hemm bejn id-dipartimenti ministerjali u korpi amministrattivi oħra involuti fil-ġestjoni ta' dan l-approċċ innovattiv il-ġdid; jenfasizza li l-proċeduri amministrattivi ma għandhomx ikunu ta' piż, u lanqas joħolqu spejjeż addizzjonali għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru;

5. Jistieden lill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali tagħhom biex jippromwovu forom aktar dinamiċi ta' governanza parteċipattiva li jippermettu l-implimentazzjoni ta' proġetti komuni ta' żvilupp territorjali, li jkunu kapaċi jkopru s-setturi ekonomiċi kollha, inkluż it-turiżmu u, fis-settur tal-agrikoltura, l-industriji tal-ikel u dawk li mhumiex tal-ikel, bħal proġetti tal-katina tal-provvista reġjonali (li jikkonċernaw ktajjen tal-provvista qosra, ktajjen tal-ikel, biċċeriji lokali, produzzjoni tal-metan minn proġetti ta' bijogass mill-bijomassa agrikola, kimika ekoloġika, materjal ibbażat fuq il-prodotti bijoloġiċi eċċ…), b'attenzjoni partikolari fuq mikronegozji u negozji ġodda li jkunu għadhom kemm fethu, abbażi tar-rikonoxximent gradwali tal-identità ta' kull territorju, kif definit u infurmat mill-wirt tiegħu; jinnota li dawn il-forom ta' governanza huma bbażati fuq sħubiji kumplessi bejn l-atturi u l-korpi, li l-ħidma tagħhom trid tkun ikkoordinata madwar il-kunċett tal-marka ta' eċċellenza territorjali; għalhekk, jistieden lill-Istati Membri biex joħolqu pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar prattiki, billi jintużaw b'mod partikolari l-għodod ipprovduti mill-approċċ LEADER għal programmi ta' żvilupp rurali;

6. Jinnota li koordinazzjoni eqreb tal-atturi lokali tista' tgħin l-ekonomiji rurali, speċjalment fir-reġjuni l-aktar vulnerabbli, inkluż ir-reġjuni muntanjużi, u fl-aktar distanti fosthom, bħar-reġjuni l-aktar imbiegħda; jenfasizza li t-territorji jistgħu jibbenefikaw minn organizzazzjoni aħjar bil-għan li jiġi identifikat il-potenzjal sħiħ li joffru r-riżorsi tagħhom (inklużi r-riżorsi moħbija), fl-interessi tal-atturi kollha marbutin flimkien permezz ta' relazzjoni ta' interdipendenza u ta' solidarjetà (jiġifieri dawk involuti fis-settur agrikolu, artiġjanali, turistiku, patrimonjali, u jinkludi l-organizzazzjonijiet, l-assoċjazzjonijiet u l-kmamar tal-kummerċ tal-produtturi, eċċ…); jinnota li r-raġuni ta' din il-koordinazzjoni strateġika hija li jkun hemm aċċess għal riżorsi billi jinkludu u jmorru lil hinn minn approċċ settorjali jew skont industriji uniċi u minflok jitolbu l-użu ta' approċċi territorjali li jiġġeneraw qligħ ġdid fil-livell territorjali permezz tal-kummerċjalizzazzjoni ta' settijiet ta' prodotti u servizzi kumplementari li jirriflettu l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull territorju; jistipula f'dan ir-rigward li din il-governanza territorjali għandha tappoġġja b'mod qawwi l-ħolqien, l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-promozzjoni tal-prodotti agrikoli u tal-ikel koperti mill-iskemi ta' kwalità eżistenti, ibbażati fuq il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u fl-istess ħin mal-promozzjoni ta' servizzi ta' kwalità (li ma jibbenefikawx minn rikonoxximent Ewropew uffiċjali), bi promozzjoni msaħħa reċiproka tal-prodotti agrikoli u tas-servizzi, u l-partijiet kollha li juru s-solidarjetà sabiex jitħeġġu l-prodotti u s-servizzi kollha miż-żona lokali tagħhom stess;

7. Għalkemm il-marka ta' kwalità territorjali hija intenzjonata biex tmexxi proċess ta' ħolqien tal-valur territorjali li jfittex li jiġbor il-prodotti u s-servizzi f'perspettiva ta' identità u responsabbiltà soċjali, u li jikkomplementa, billi jifforma parti sħiħa magħquda u jiġġenera sinerġiji mal-iskemi eżistenti tal-marki ta' kwalità marbuta mal-oriġini tal-prodotti tal-ikel, jinnota li dan it-tip ta' marka jmur lil hinn billi jkun japplika b'mod globali għall-prodotti, l-oġġetti u s-servizzi kollha ta' territorju partikolari u għall-mudell ta' ġestjoni tal-impriżi, l-istituzzjonijiet u l-atturi lokali f'dak it-territorju;

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

8. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi forom ta' assoċjazzjoni bejn reġjuni differenti u sħubija transsettorjali, sabiex ikunu kompetittivi; jagħraf ir-rwol ta' korpi rappreżentattivi, bħal assoċjazzjonijiet, fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew li jagħtu lok għall-promozzjoni ta' marki reġjonali u jtejbu u jsaħħu l-viżibbiltà li tkun qed tikber tar-reġjun; jitlob li tingħata iktar attenzjoni lill-inizjattivi ta' marki reġjonali bħala tema komuni possibbli fil-kooperazzjoni territorjali Ewropea u l-inizjattivi ta' finanzjament Ewropew, u bħala għodda li tirrappreżenta investiment fil-vitalità fit-tul tal-kompetittività tar-reġjun;

9. Iqis li l-marka ta' kwalità reġjonali trid tgħin biex jinżamm l-immaġni tal-Ewropa bħala destinazzjoni ta' kwalità għolja għat-turiżmu, fuq il-bażi ta' diversi oqsma tat-turiżmu reġjonali, bħall-agrituriżmu, it-turiżmu rurali, l-ekoturiżmu, it-turiżmu kulinari, kif ukoll il-wirt industrijali, storiku, naturali u kulturali, u li tinkludi wkoll r-rotot taċ-ċikliżmu li jiġu kkombinati mat-trasport pubbliku; jenfasizza li bħalissa ma teżisti l-ebda marka Ewropea għal servizzi assoċjati ma' post partikolari li tista' tippermetti lill-konsumaturi li jidentifikaw prodott turistiku ta' kwalità; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, li tingħata assistenza fl-introduzzjoni ta' dinamika relatata mal-kwalità fis-settur turistiku, b'mod partikolari b'rabta mat-turiżmu rurali u l-impriżi żgħar; iqis li din tista' tgħin biex tipprovdi alternattiva għas-setturi tradizzjonali bħall-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem; iqis li kull marka ta' kwalità marbuta ma' post speċifiku trid tirrifletti sett ta' speċifikazzjonijiet li jipprovdu garanzija ta' kwalità u trid tirrispetta u tibni fuq marka eżistenti, bħad-denominazzjonijiet tal-prodotti tal-ikel, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni fir-rigward ta' prodotti agrikoli b'tikketta ta' kwalità tal-UE;

10. Iqis li inizjattivi bħan-netwerk EDEN (Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza) jippromwovu l-kompetittività, jgħinu sabiex ikun hemm turiżmu sostenibbli u ta' kwalità għolja f'reġjun, permezz tal-potenzjal ta' impriżi mikro u żgħar, u jikkontribwixxu għall-involviment tal-istituzzjonijiet lokali, l-istabbiliment ta' sħubijiet u d-diversifikazzjoni tal-parteċipanti fil-ħolqien tal-marka ta' kwalità reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi forom differenti ta' turiżmu li jinvolvu attivitajiet rurali f'miżuri u programmi relatati bħal EDEN, Calypso, eċċ.; jinsisti li jeħtieġ li l-attivitajiet turistiċi rurali jiġu promossi permezz ta' azzjonijiet u ta' programmi mmirati;

11. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżguraw li l-programmi futuri ta' żvilupp rurali jipprovdu miżuri xierqa u riżorsi suffiċjenti biex jiffaċilitaw governanza tajba u forom sostenibbli tal-governanza territorjali billi jimmobilizzaw u jsaħħu l-miżuri bbażati fuq l-operati kollettivi: miżuri li jirrigwardaw il-kooperazzjoni, (inkluż dwar sistemi ta' produzzjoni sostenibbli), il-koordinazzjoni, l-iskambji, in-netwerks, l-innovazzjoni, it-taħriġ, l-għaqda ta' produtturi fi gruppi, il-promozzjoni, l-informazzjoni u l-investiment, previsti fir-regolamenti l-ġodda dwar l-iżvilupp rurali; jistieden lill-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL), fil-qafas tal-Programm LEADER+, sabiex jipprovdu l-appoġġ neċessarju biex jitwaqqfu netwerks ta' kooperazzjoni li jobtu flimkien il-produtturi lokali u reġjonali, il-fornituri ta' servizzi u l-istituzzjonijiet kulturali, bħal universitajiet, libreriji u ċentri ta' riċerka, sabiex jippermettu li l-aspetti kulturali u storiċi tat-territorji jkunu sintetizzati f'marka reġjonali li kapaċi toħloq rabta fit-tul bejn it-taħriġ, ir-riċerka u l-produzzjoni, li jirriżultaw ukoll fil-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli;

12. Jispeċifika li programmi bħal dawn għandhom ikunu multisettorjali, mingħajr ma jiżvijaw, madankollu, mill-importanza prevalenti tal-attività agrikola, u li dawn għandhom jiġu vvalutati mill-awtoritajiet tal-ġestjoni responsabbli għall-pjanijiet ta' żvilupp;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jiġu rikonoxxuti u mħeġġa forom ġodda ta' kooperazzjoni għal żoni rurali, madwar il-marka ta' eċċellenza territorjali, bl-għajnuna ta' għodod li jinsabu fir-riforma tal-PAK bħall-inizjattiva tal-Unjoni LEADER, l-għodod ta 'assistenza teknika u ta' netwerking, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (IEP), in-netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali, kif ukoll kull għodda u riżorsa oħra li jistgħu jkunu meħtieġa; dawn il-forom ġodda ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni oġġettiva tas-sinerġiji reġjonali, billi jqisu d-dimensjoni soċjali, ekonomika u ambjentali, is-sostenibilità, id-diversità tal-atturi ekonomiċi u soċjali (inklużi dawk mis-settur tat-turiżmu) involuti fil-promozzjoni tal-identità territorjali u s-sett ta' prodotti u servizzi speċifiċi li jistgħu jiġu żviluppati f'kull territorju, sabiex jinħoloq u jinżamm valur miżjud;

14. Iqis li, fil-kuntest ta' dawn il-forom ġodda ta' kooperazzjoni territorjali, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jużaw il-miżuri kollha ta' żvilupp rurali marbutin ma' politika ta' kwalità għal prodotti tal-ikel, bil-għan li jiġi żviluppat b'mod partikolari l-bejgħ fi swieq lokali u ktajjen tal-provvista qosra u titjieb is-sostenibilità kif ukoll l-għarfien ta' metodi ta' produzzjoni, filwaqt li jiġu rispettati għal kollox ir-regoli tal-UE u mingħajr ma jiġu affettwati, imfixkla jew imdgħajfa l-

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

iskemi Ewropej eżistenti tal-kwalità, bħad-denominazzjoni protetta tal-oriġini (DPO), l-indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) u l-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti (STG); iqis li, fis-settur tal-ikel agrikolu, il-marka ta' eċċellenza territorjali għandha tkun illimitata għall-promozzjoni ta' skemi tal-kwalità DPO-IĠP-STG kull fejn jeżistu jew għall-appoġġ tal-ħolqien tagħhom fejn għadhom ma jeżistux; jistieden lill-Kummissjoni, filwaqt li jqis il-proliferazzjoni ta' tikketti multipli u marki reġjonali rigward il-prodotti tal-ikel fl-Ewropa, biex tfassal inventarju tal-marki b'fatturi reġjonali speċifiċi, sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibilità ta' effetti negattivi fuq l-iskemi ta' kwalità; jinnota li l-kunċett tal-marka reġjonali għandu jiġi definit b'mod ċar, filwaqt li titqies l-esperjenza pożittiva tal-marki ta' kwalità diġà eżistenti (DPO, DOC, IĠP), u jiġu definiti strateġiji koordinati sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet u trikkib li jirriżultaw minn approċċ komuni konġunt, ibbażat fuq qafas li għandu jiġi definit fil-livell tal-UE;

15. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0022

## Futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ASEAN (2013/2148(INI))**

(2016/C 482/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-qafas legali prinċipali għar-relazzjonijiet mal-ASEAN, jiġifieri l-Ftehim ta' Kooperazzjoni ASEAN-KEE, iffirmat f'Marzu tal-1980 ([1]),

— wara li kkunsidra n-negozjati li għaddejjin u/jew il-konklużjonijiet tas-seba' Ftehmiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-ASEAN, jiġifieri l-Brunej Darussalam, l-Indonesja, il-Malasja, il-Filippini, Singapor, it-Tajlandja u l-Vjetnam,

— wara li kkunsidra n-negozjati dwar Ftehmiet ta' Kummerċ Ħieles mal-Malasja, it-Tajlandja u l-Vjetnam u l-konklużjoni tal-FTA tal-UE u Singapor,

— wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE 'Sħubija Ġdida max-Xlokk tal-Asja' ta' Lulju tal-2003, (COM(2003)0399), li tidentifika t-tisħiħ tar-relazzjonijiet ta' kummerċ u investiment reġjonali mal-ASEAN kif ukoll id-djalogu f'oqsma speċifiċi tal-politika bħala prijoritajiet ewlenin,

— wara li kkunsidra s-seba' Sħubija Parlamentari Asja-Ewropa (ASEP) u t-22 Samit ASEAN,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Nurimberga dwar is-Sħubija Msaħħa tal-UE mal-ASEAN ta' Marzu tal-2007 u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Novembru tal-2007,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Bandar Seri Begawan biex tissaħħaħ l-Isħubija Msaħħa tal-UE mal-ASEAN (2013-2017) adottata fil-Brunej Darussalam fis-27 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk (TAC) f'Phnom Penh fit-12 ta' Lulju 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra d-9 Samit tal-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM) li saret fi Vientiane, Laos f'Novembru tal-2012,

— wara li kkunsidra l-Fondazzjoni Asja-Ewropa (ASEF), stabbilita fi Frar tal-1997 biex tipprovdi forum għal djalogu non-governattiv,

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Appoġġ għall-Integrazzjoni Reġjonali UE-ASEAN (APRIS), il-programm ta' Sapport Reġjonali ta' Integrazzjoni ASEAN (ARISE), u l-Istrument ta' Djalogu Reġjonali tal-UE u l-ASEAN (READI) b'appoġġ għall-armonizzazzjoni tal-politiki u r-regolamenti fis-setturi relatati mhux kummerċjali,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni Konġunta tal-UE u l-Istati Uniti dwar ir-Reġjun tal-Asja-Paċifiku tat-12 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra t-twaqqif tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet Asjatiċi tax-Xlokk (ASEAN) fit-8 ta' Awwissu 1967,

— wara li kkunsidra l-Blueprint tal-Komunità Ekonomika tal-ASEAN miftiehma fl-2007 u l-Karta tal-ASEAN adottata fl-2008,

— wara li kkunsidra l-ewwel Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN tat-18 ta' Novembru 2012, it-twaqqif tal-Kummissjoni Intergovernattiva dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN (AICHR) u l-ewwel djalogu bejn l-AICHR u r-Rappreżentattant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea (UE) stabbilit reċentement, Stavros Lambrinidis, fit-8 ta' Mejju 2013,

---

([1]) ĠU C 85, 8.4.1980, p. 83.
([2]) ĠU L 154, 15.6.2012, p. 1.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra l-14-il samit ASEAN li sar fl-2009 u l-istabbilment ta' pjan direzzjonali għal Komunità ta' suq ASEAN ewlieni (Ekonomika), il-Komunità ta' Politika u Sigurtà ASEAN u l-Komunità Soċjo-Kulturali ASEAN,

— wara li kkunsidra t-22 samit tal-ASEAN li sar fil-Brunej bejn l-24 u l-25 ta' April 2013,

— wara li kkunsidra s-7 samit tal-Asja tal-Lvant (EAS) li sar f'Phnom Penh fl-20 ta' Novembru 2012 mill-mexxejja ta' 17-il pajjiż fl-ASEAN, iċ-Ċina, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel (ASEAN+3), l-Indja, l-Awstralja u n-New Zealand (ASEAN+6) u l-Istati Uniti,

— wara li kkunsidra l-Ftehim tal-ASEAN dwar il-Ġestjoni tad-Diżastri u r-Reazzjoni għall-Emerġenzi (AADMER),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta maħruġa fit-tmien laqgħa tal-Ministri ASEAN għall-Benessri u l-Iżvilupp Soċjali tas-6 ta' Settembru 2013 f'Phnom Pen bi preparazzjoni għas-samit ASEAN skedat għal Ottubru 2013 u d-dispożizzjoni li tinsab fiha li l-aċċess għall-protezzjoni soċjali huwa dritt bażiku tal-bniedem,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet reċenti tiegħu dwar l-istati membri tal-ASEAN, partikolarment dawk tal-11 ta' Settembru 2013 dwar in-negozjati għal ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni UE-Malasja ([1]), tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar is-sitwazzjoni tal-Musulmani Rohingya ([2]), tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus ([3]), tat-18 ta' April 2013 dwar il-Vjetnam, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni ([4]) u tas-7 ta' Frar 2013 dwar il-Laos: il-każ ta' Sombath Somphone ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet reċenti tiegħu dwar l-istati membri tal-ASEAN, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2011 dwar ġlied fuq il-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Kambodja ([6]), tas-7 ta' Lulju 2011 dwar l-Indoneżja, inklużi attakki kontra l-minoranzi ([7]), tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-Burma: it-tmexxija tal-elezzjonijiet u l-ħelsien tal-mexxejja tal-oppożizzjoni Aung San Suu Kyi ([8]), tal-20 ta' Mejju 2010 dwar is-sitwazzjoni fil-Burma/Mjanmar ([9]), tal-20 ta' Mejju 2010 dwar is-sitwazzjoni fit-Tajlandja ([10]), tas-26 ta' Novembru 2009 dwar is-sitwazzjoni fil-Laos u l-Vjetnam ([11]) , u tal-5 ta' Frar 2009 dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati Burmani fit-Tajlandja ([12]),

— wara li kkunsidra l-'Prinċipji Gwida dwar in-Neogzju u d-Drittijiet tal-Bniedem: li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja", adottat fis-16 ta' Ġunju 2011 mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0441/2013),

A. billi l-ASEAN bħalissa hija waħda mill-organizzazzjonijiet reġjonali emerġenti l-aktar importanti fid-dinja, f'termini kemm ta' żvilupp ekonomiku kif ukoll ta' dinamika ġeopolitika;

B. billi l-Karta tal-ASEAN, iffirmata f'Novembru tal-2007, tistabbilixxi personalità legali u qafas legali u istituzzjonali għall-ASEAN, inkluż il-ħolqien tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (CPR) li jappoġġa u jikkoordina l-ħidma tal-ASEAN;

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0367.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0286.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0245.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2013)0189.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2013)0058.
([6]) ĠU C 188 E, 28.6.2012, p. 57.
([7]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 201.
([8]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 120.
([9]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 154.
([10]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 152.
([11]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 76.
([12]) ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 144.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

C. billi l-Komunità Ekonomika tal-ASEAN għandha l-għan li toħloq suq intern għal 600 miljun persuna sal-2015, li se jagħmel lill-ASEAN, bl-operaturi ekonomiċi kompetittivi u d-domanda interna li qed tikber malajr, kumparabbli ma' swieq oħra kbar fid-dinja, bħall-UE, l-Istati Uniti, iċ-Ċina, il-Ġappun, u l-Indja u, konsegwentement, sieħeb ekonomiku b'saħħtu fis-suq reġjonali u internazzjonali; billi xi stati membri tal-ASEAN se jaffaċċjaw sfidi f'dan il-proċess f'termini ta' kompetittività, stabilità soċjali u t-tisħiħ u l-iżvilupp tal-komponenti soċjali tal-proċess ta' integrazzjoni;

D. billi l-isforzi tar-ristrutturar ekonomiku tal-istati membri tal-ASEAN wara l-kriżi finanzjarja Asjatika tal-1997 kienu ta' għajnuna biex b'mod ġenerali juru reżistenza tajba kontra l-kriżi ekonomika globali preżenti;

E. billi fl-1993 il-Forum Reġjonali tal-ASEAN (ARF) kien stabbilit … biex joħloq djalogu u konsultazzjoni dwar kwistjonijiet politiċi u ta' sigurtà u biex jikkontribwixxi għall-bini tal-fiduċja u d-diplomazija preventiva fir-reġjun Asja-Paċifiku;

F. billi l-aħħar samit tal-ASEAN sejjaħ għad-denuklearizzazzjoni tal-peniżola Koreana u ħeġġeġ lill-istati li għandhom armi nukleari biex jaċċedu għall-protokoll tat-Trattat dwar Żona Ħielsa mill-Armi Nukleari fl-Asja tax-Xlokk; billi s-samit iddiskuta wkoll il-parteċipazzjoni futura possibbli tat-Timor tal-Lvant fl-ASEAN;

G. billi ċ-Ċina qed iżżid ir-rabtiet ekonomiċi tagħha mal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja; billi xi stati membri tal-ASEAN saħħu l-kooperazzjoni mal-Istati Uniti dwar is-sigurtà marittima; billi r-Russja tikkunsidra l-Asja bħala parti importanti tal-istrateġija internazzjonali tagħha; billi l-pajjiżi tal-ASEAN għad għandhom rwol importanti fil-preservazzjoni tal-paċi u l-istabilità fir-reġjun; billi l-UE u l-ASEAN għandhom tħassib komuni dwar it-tilwim territorjali mhux solvut fil-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina u għandhom interess sinfikanti fiż-żamma tal-paċi, tal-istabilità, tar-rispett għal-liġi internazzjonali u, speċjalment, il-Karta tan-NU u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-1982. jappoġġa l-Prinċipji b'Sitt Punti ta' Lulju 2012 dwar il-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina u l-Linji Gwida għall-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni dwar l-Imġiba tal-Partijiet fil-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina tal-2011, li jinkoraġġixxu riżoluzzjoni permezz ta' mezzi paċifiċi;

H. billi d-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN tibqa' tagħti l-awtonomija lill-pajjiżi individwali sabiex joħolqu l-istrumenti legali tagħhom għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tipprovdi lir-reġjun kollu b'qafas ġenerali komuni għad-difiża tal-istess drittijiet;

I. billi fit-8 ta' Novembru 2013, it-Tifun Haiyan għamel ħerba fil-Filippini, fejn qered bliet sħaħ u ħalla numru li għadu mhuwiex magħruf – possibilment eluf – ta' nies mejta u miljuni bla dar; billi din it-tempesta, li kienet l-aktar tempesta qawwija li qatt ġiet irreġistrata li laqtet il-kosta, tista' turi l-periklu serju ta' kundizzjonijiet tat-temp estremi li qed isiru aktar frekwenti;

J. billi l-livelli għoljin ta' tniġġis ikkawżati mid-duħħan minn nirien prinċipali tal-foresta fir-reġjun, qed ikollhom konsegwenzi ambjentali ewlenin u jistgħu jikkostitwixxu sfida mhux tradizzjonali għas-sigurtà;

K. billi l-UE u l-ASEAN jikkondividu l-objettiv politiku tal-promozzjoni tal-benessri, il-kooperazzjoni u l-paċi fir-reġjuni rispettivi u mad-dinja;

L. billi l-Pjan ta' Azzjoni Bandar Seri Begawan tal-2012 bejn l-UE u l-ASEAN għandu l-għan li jagħti attenzjoni aktar strateġika lill-kooperazzjoni fuq it-tliet pilastri tal-ASEAN, kif ukoll lill-kooperazzjoni kulturali u tal-iżvilupp, u jkollu laqgħat regolari fil-livelli ministerjali u tal-uffiċjali għolja;

M. billi fid-dawl tan-negozjati li għaddejjin dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) bejn l-UE u l-Malasja, it-Tajlandja u l-Vjetnam kif ukoll il-konklużjoni tal-FTA bejn l-UE u Singapor u l-objettiv fuq terminu twil ta' FTA bejn ir-reġjuni, qed isir dejjem aktar urġenti li jiġi żviluppat qafas ta' politika aktar komprensiv mas-sħab tal-ASEAN;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

1. Huwa tal-fehma li l-ASEAN, bħala attur ekonomiku reġjonali u globali ewlieni, jista' jkollha rwol importanti biex tippromwovi ordni dinjija paċifika u multilaterali; jixtieq jara l-kapaċitajiet istituzzjonali, ekonomiċi u politiċi tal-ASEAN jiżviluppaw aktar;

2. Jinkoraġġixxi lill-ASEAN tkompli t-triq tal-integrazzjoni politika u ekonomika tagħha, notevolment il-pjan ASEAN ambizzjuż għall-Komunità Ekonomika sal-2015, inkluż il-liberalizzazzjoni tas-suq intern tax-xogħol tagħha, li tista' tkun ta' benefiċċju kbir għall-pajjiżi kollha involuti;

3. Jifraħ lill-mexxejja tal-ASEAN dwar il-progress sinifikanti li qed jinkiseb fil-proċess ta' integrazzjoni reġjonali, li jidher aktar bit-twaqqif futur tal-Komunità Ekonomika tal-ASEAN; jemmen li dawn l-iżviluppi pożittivi għandhom jitqabblu mat-tisħiħ tad-dimensjoni parlamentari tagħha u jistieden lill-mexxejja tal-ASEAN biex jikkunsidraw rikonoxximent ta' Karta formali tar-rwol tal-Assemblea Inter-Parlamentari tal-AESAN (AIPA) bħala parti integrali tal-ASEAN stess;

4. Jenfasizza l-potenzjal ekonomiku kbir tar-reġjun tal-ASEAN u jinkoraġġixxi l-istati tal-ASEAN u l-impriżi nazzjonali u barranin li joperaw fil-pajjiżi tal-ASEAN jaġixxu skont il-prinċipji tar-responsabilità soċjali korporattiva, jirrispettaw b'mod attiv l-istandards prinċipali tax-xogħol tal-ILO u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, jippromwovu protezzjoni adegwata tal-impjieg u aċċess għal kundizzjonijiet ta' xogħol diċenti, u jistabbilixxu ambjent li jwassal aktar għall-iżvilupp tat-trejdjunjins u l-attivitajiet tagħhom; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħin fl-iżvilupp ta' miżuri li jżidu l-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi internazzjonali u lokali;

5. Iqis li l-Istati tal-ASEAN għandhom javvanzaw lejn fażi ġdida ta' żvilupp ekonomiku u soċjali inklużiv, fejn tingħata attenzjoni partikolari għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali, tax-xogħol u dawk ekonomiċi tal-popli tagħhom bil-għan li jiggarantixxu soċjetajiet iktar ugwali u ġusti; iqis li għal dan il-għan jeħtieġ li ż-żieda fil-ġid ekonomiku tagħhom tkun għas-servizz tat-tisħiħ tan-netwerks ta' protezzjoni u sigurtà soċjali; iħeġġeġ ugwalment lill-UE ittejjeb il-kooperazzjoni tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem sabiex tikkontribwixxi biex il-Kummissjoni Intergovernattiva dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN (AICHR) tkun effettiva għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

6. Jenfasizza li l-UE u l-ASEAN għandhom valuri komuni, kif ukoll interessi politiċi u ekonomiċi komuni, li għandhom jibqgħu jiġu żviluppati bi prijorità għolja u jiġu aġġornati għal livell ta' sħubija strateġika; jilqa' l-fatt li bħala rikonoxximent tal-importanza ta' din ir-relazzjoni, is-SEAE qed jikkunsidra b'mod attiv il-ħatra ta' Kap ta' Delegazzjoni tal-UE għall-ASEAN; jistenna li dan jirriżulta f'koordinazzjoni aħjar bejn il-Kapijiet ta' Delegazzjoni tal-UE fi stati membri tal-ASEAN u l-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE u jwessa' l-kredibilità u l-viżibilità politika tal-UE; jistieden lill-VP/RGĦ u l-Kummissjoni jipproponu strateġija mġedda, aktar komprensiva għax-Xlokk tal-Asja;

7. Jemmen li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jaħdmu fuq approċċ komuni u koerenti għar-reġjun ASEAN, filwaqt li jappoġġjaw u jikkumplimentaw lil xulxin u permezz ta' dan l-UE tkun tista' tiżviluppa preżenza ekonomika u politika aktar b'saħħitha fir-reġjun; jemmen li huwa importanti li tiżdied il-preżenza tar-rappreżentanti tal-UE u l-Istati Membri fil-livelli kollha fil-fora reġjonali u nazzjonali tal-ASEAN;

8. Jirrakkomanda li l-Unjoni għandha tagħmel sforz sabiex iżżid l-għarfien pubbliku f'dawn il-pajjiżi dwar il-fatt li l-politika barranija tagħixxi bħala setgħa regolatorja li tfittex li tippromwovi l-integrazzjoni reġjonali, permezz tad-djalogu politiku, il-ftehimiet preferenzjali għall-kummerċ u l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon in-negozjati tas-seba' Ftehmiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri individwali tal-ASEAN, li se jkunu l-punti ewlenin għall-approfondiment tar-relazzjonijiet reċiproċi u jenfasizza l-ħtieġa għal negozjati aċċellerati mal-bqija tal-membri tal-ASEAN; jitlob ratifika malajr tal-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni (PCAs) eżistenti; jemmen, madankollu, li l-PCAs ma' Stati Individwali m'għandhomx jostakolaw ir-relazzjoni globali bejn l-UE u l-ASEAN;

10. Jappoġġa t-tisħiħ tad-dimensjoni parlamentari tar-relazzjoni; iqis li t-twaqqif ta' assemblea interparlamentari formali Ewro-ASEAN se jkompli jtejjeb ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Membri tal-ASEAN ladarba l-kundizzjonijiet ikunu adattati u jista' jipprovdi wkoll forum għal skambju multilaterali biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet globali b'mod aktar komprensiv. jissuġġerixxi wkoll il-ħolqien ta' rabtiet bejn is-Sotto-Kumitat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kummissjoni Intergovernattiva dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN (AICHR); jemmen li l-Uffiċċju għall-Promozzjoni tad-Demokrazija Parlamentari jista' jipprovdi għajnuna fil-bini ta' kapaċità lill-Assemblea Inter-Parlamentari tal-ASEAN (AIPA) filwaqt li jsaħħaħ ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll tal-AIPA fl-ASEAN; -{}-

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

11. Jenfasizza l-benefiċċji ta' żieda ta' laqgħat konġunti ta' livell għoli u tal-kollaborazzjoni u l-fehim reċiproki fil-fora multilaterali, bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha, l-FMI u d-WTO;

12. Jenfasizza li l-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM) u s-Sħubija Parlamentari Asja-Ewropa (ASEP), bħala l-mezzi eżistenti għad-dijalogu bejn l-UE u l-ASEAN, għandhom jiġu aġġornati fuq il-livell tal-gvern u parlamentari u estiżi b'mod ulterjuri;

13. Jappoġġa lill-ASEAN biex tiżviluppa l-ispazju tagħha fi ħdan l-interessi ekonomiċi u tas-sigurtà kunfliġġenti taċ-Ċina, tal-Ġappun u tal-Istati Uniti; jixtieq li l-UE tkun sieħeb politiku attiv għall-ASEAN fl-insegwiment tagħha ta' soluzzjonijiet mhux militari għall-isfidi tas-sigurtà u ġeostrateġiċi importanti, billi taqsam l-esperjenza tal-UE fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti u s-soluzzjoni ta' tilwim fil-ġestjoni ta' tilwim territorjali u fil-fruntieri, sabiex tissaħħaħ il-paċi u l-istabbiltà reġjonali;

14. Huwa mħasseb dwar l-iżviluppi reċenti fil-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina u jilqa' l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni dwar l-Imġiba tal-Partijiet fil-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina, bil-għan li tinstab soluzzjoni paċifika u ta' benefiċċju reċiproku għat-tilwim fil-fruntiera marittima fiż-żona;

15. Jinkoraġġixxi lill-Unjoni tikkontribwixxi biex jittaffew it-tensjonijiet ġeopolitiċi reġjonali permezz ta' relazzjoni mill-qrib mal-ASEAN, li tikkonsisti f'tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' soluzzjoni tal-kunflitti;

16. Jinnota l-isforzi li saru dwar il-miżuri kontra l-piraterija mill-Istati tal-ASEAN u jilqa' r-rapporti li sa issa huma pożittivi; jenfasizza n-natura kritika u kumplessa tar-rotot ta' tbaħħir marittimi fiż-żona għall-ekonomija dinjija u l-vulnerabbiltà tagħhom u jikkunsidra li dan għandu jkun tħassib permanenti fl-isforzi tal-UE fir-reġjun;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u s-SEAE ikomplu jipprovdu assistenza għall-isforzi għall-bini tal-kapaċità tas-Segretarjat tal-ASEAN u tal-istituzzjonijiet tal-ASEAN, billi jserħu fuq l-esperjenzi tal-UE; jissuġġerixxi li l-programm tal-UE' (ARISE) ta' 'Appoġġ għall-Integrazzjoni Reġjonali tal-ASEAN għandu jkompli jipprovdi tali assistenza;

18. Jinkoraġġixxi li jiġu appoġġati ż-żjarat transreġjonali tal-artisti kulturali u jħeġġeġ lill-Istati Membri jinkoraġġixxu kopertura usa' tar-reġjun tal-ASEAN fil-midja mmexxija mill-istat u fl-edukazzjoni u biex iżidu l-preżenza tagħhom fir-reġjun permezz ta' istituti kulturali jew mezzi oħra, li jistgħu jwessgħu u japprofondixxu r-rabtiet kulturali mal-pajjiżi tal-ASEAN u jtejbu u jippromwovu l-għarfien u d-djalogu kulturali reċiproki;

19. Jemmen li huwa opportun li tiġi kkunsidrata l-organizzjoni ta' sena "kulturali" bit-tema tinbidel kull sena, fejn pajjiż tal-UE ikun jista' jiġi ppreżentat fi stat membru tal-ASEAN, u bl-istess mod, pajjiż tal-ASEAN ikun preżentat fl-Ewropa;

20. Jilqa' l-fatt li l-UE issa hija l-akbar sieħeb fil-kooperazzjoni xjentifika mal-maġġoranza tal-istati membri tal-ASEAN, jissuġġerixxi li l-programm tar-riċerka u tal-innovazzjoni tal-Kummissjoni, Orizzont 2020, għandu jkun promoss b'mod aktar attiv mal-istituzzjonijiet xjentifiċi fir-reġjun;

21. Jenfasizza r-rwol importanti ta' programmi ta' skambju li jiffaċilitaw il-mobilità taż-żgħażagħ, bħall-Erasmus, għall-kooperazzjoni interkulturali ta' studenti u riċerka bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri tal-UE u tal-ASEAN; jissuġġerixxi li jitwaqqfu ċentri ta' studju ASEAN u ċentri ta' studju Ewropej u tal-UE fl-universitajiet tal-ASEAN u li jikbru l-possibiltajiet għal lawrji konġunti; jemmen li jeħtieġ li l-UE tespandi l-programmi universitarji bl-Ingliż biex ikun iffaċilitat l-aċċess għall-istudenti Asjatiċi fl-universitajiet Ewropej, filwaqt li r-riċerkaturi tal-UE jiġu megħjuna jissieħbu fi programmi ta' riċerka fl-Asja inkluż b'kooperazzjoni man-Netwerk Universitarju tal-ASEAN (AUN);

22. Jissuġġerixxi, b'mod partikolari permezz tal-użu tal-Istrument il-ġdid tas-Sħubija, li għandhom jittieħdu passi biex jiġu intensifikati skambji regolari u proċessi ta' tagħlim reċiproki, pereżempju dwar soċjetajiet multikulturali u strutturi statali demokratiċi tal-21 seklu; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi d-drittijiet tal-minoranzi u jiġu promossi l-ugwaljanza tas-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, u biex jitjiebu l-ħajjiet tat-tfajliet u n-nisa, l-istandards soċjali u tax-xogħol, inkluż billi jiġi abbolit ix-xogħol furzat u tat-tfal, tiġi promossa l-protezzjoni adegwata tal-impjieg u l-aċċess għal kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti, u jiġu żviluppati sistemi ta' benessri statali sostenibbli u komprensivi, sistemi legali u ta' sigurtà, kooperazzjoni ekonomika u miżuri adegwati oħrajn;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

23. Jinsisti dwar l-importanza li jiġu żviluppati kuntatti bejn il-persuni u jfaħħar ix-xogħol tal-Fondazzjoni Asja-Ewropa (ASEP), li l-funzjoni ewlenija tagħha hija li tiżviluppa rabtiet bejn soċjetajiet ċivili fiż-żewġ reġjuni; jistieden lill-UE tieħu rwol attiv u istituzzjonali aktar prominenti minn dak ta' sempliċi membru;

24. Jitlob li tiġi mnedija inizjattiva tal-ġemellaġġ tal-belt sabiex ikunu kollegati r-reġjuni fl-Ewropa u l-Asja, li kellhom ftit skambji sa issa;

25. Jissuġġerixi li l-UE żżid il-kooperazzjoni interreġjonali tagħha mal-ASEAN dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' diżastri u kriżijiet, dwar sfidi prinċipali bħall-iżvilupp sostenibbli fl-oqsma tas-sigurtà tal-ikel, il-ġestjoni tar-riżorsi (inkluż l-użu tal-ilma u tar-riżorsi marittimi, anke fis-subreġjun ta' Mekong) u l-investiment agrikolu, l-appoġġ għall-bdiewa żgħar, l-urbanizzazzjoni, il-konnettività u t-trasport, kif ukoll it-tibdil fil-klima, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u t-tranżizzjoni enerġetika, it-turiżmu, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

26. Jinnota li l-faqar għadu problema fil-pajjiżi tal-ASEAN u jaffettwa b'mod partikolari lin-nisa, il-persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni, iż-żoni rurali u l-gruppi etniċi jew reliġjużi minoritarji; jara l-ħtieġa, għalhekk, li titjieb id-distribuzzjoni tal-ġid u tkun promossa l-ġustizzja soċjali fil-livelli kollha, u jqis li għad hemm il-ħtieġa għal strateġija tal-UE ġdida li tippromwovi l-iżvilupp u tiġġieled kontra l-inugwaljanza f'dawn il-pajiżi, inkluż billi tipprovdi aċċess għall-finanzjament permezz tal-mikrokrediti; jemmen li tali strateġija għandha tkun ibbażata b'mod partikolari fuq il-prinċipji li ġejjin: il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, l-effettività fit-tul tal-għajnuna, il-prijorità għall-ħtiġijiet soċjali bażiċi, b'mod partikolari s-saħħa u l-edukazzjoni, u l-parteċipazzjoni tal-atturi nazzjonali, inklużi l-parlamenti nazzjonali, l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għall-iżvilupp u s-soċjetà ċivili;

27. Jenfasizza l-fatt li l-UE għandha tipprovdi assistenza għall-bini tal-kapaċità tal-Kummissjoni Intergovernattiva dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN, kif ukoll assistenza teknika lill-Kumitat tal-ASEAN dwar in-Nisa u t-Tfal;

28. Qed jistenna b'ħerqa titjib fil-kooperazzjoni u t-tqarrib reċiproku dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem bħal-libertà ta' espressjoni u tal-midja, il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, inkluż għat-trejdjunjins, u jqis li l-UE u l-ASEAN għandhom l-oqsma tagħhom fejn hemm lok għal titjib, pereżempju rigward it-trattament tal-migranti u l-minoranzi;

29. Jistenna li r-reviżjoni tat-Termini ta' Referenza tal-Kummissjoni Intergovernattiva dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN se tipprovdi opportunità biex jissaħħaħ ir-rwol tagħha; jistieden lill-ASEAN tiżviluppa standards u regoli li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħha; jenfassiza li l-obbligi tal-Istati Membri tal-ASEAN skont il-liġi internazzjonali jieħdu post kwalunkwe dispożizzjoni konfliġġenti f'din id-Dikjarazzjoni; jissuġġerixxi wkoll li fil-futur għandhom jiġu żviluppati mekkaniżmi reġjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim u sanzjonijiet f'każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fuq l-istess linji bħal dawk li jeżistu f'reġjuni oħra, bħall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; jappoġġa titjib fil-kooperazzjoni dwar it-tħassib reċiproku rigward id-drittijiet tal-bniedem;

30. Iħeġġeġ lill-UE taġġorna l-assistenza u l-kooperazzjoni tagħha fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni billi, fost l-oħrajn, tinkoraġġixxi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Korruzzjoni;

31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tgħin lill-pajjiżi tal-ASEAN sabiex ikomplu jitnaqqsu d-differenzi bejn il-pajjiżi u tappoġġahom fit-triq tal-integrazzjoni politika, ekonomika u istituzzjonali f'livell reġjonali, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lill-pajjiżi l-inqas żviluppati (il-Kambodja, il-Laos u l-Mjanmar);

32. Iħeġġeġ l-attivazzjoni tal-Linji Gwida dwar il-Politika dwar l-Art tal-UE tal-2004 biex ikun miġġieled l-ikkapparrar tal-art; jenfasizza, b'mod partikolari, l-fatt li d-donaturi għandhom jipparteċipaw fil-politiki dwar l-art li huma mmirati lejn id-difiża u t-tisħiħ tal-agrikoltura tal-familja fuq skala żgħira;

33. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għad-deċiżjoni tal-istati membri tal-ASEAN li jiddikjaraw lill-ASEAN bħala żona ħielsa mill-armi nukleari u jemmen li oħrajn għandhom isegwu l-eżempju tagħhom;

34. Jesprimi tħassib dwar il-politika ambjentali, b'mod partikolari r-rata ta' qtugħ illegali ta' sigar, il-ħruq u l-ismog riżultanti li għandu impatt sinifikanti negattiv, anki bejn il-fruntieri tal-ASEAN; jiddispjaċih dwar il-fatt li l-politika dwar il-bijokarburanti tal-UE tikkontribwixxi għall-espansjoni rapida tal-produzzjoni taż-żejt tal-palm, li twassal għall-esproprjazzjoni u/jew l-inkorporazzjoni negattiva taż-żoni rurali foqra fi pjantaġġuni ta' palm taż-żejt; iqis, għalhekk, li

huwa essenzjali li jiġu appoġġati, fi ħdan il-kuntest ta' għajnuna għall-iżvilupp, id-dritt tan-nies foqra fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal riżorsi tal-art; jinkoraġġixxi sforzi aktar b'saħħithom għall-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità, ifaħħar ix-xogħol taċ-Ċentru tal-Bijodiversità ASEAN u jistenna aktar kooperazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima;

35. Iħeġġeġ lill-istati membri tal-ASEAN jilħqu ftehim li jiffaċilita l-prevenzjoni, il-ġlieda u l-koordinazzjoni tan-nirien il-kbar, devastanti għall-ambjent; iħeġġeġ lill-Indoneżja tirratifika l-ftehim tal-2002 dwar in-nirien u t-tniġġis fir-reġjun;

36. Jenfasizza li l-UE għandha tintensifika d-djalogi politiki u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet bħad-drittijiet fundamentali, inklużi dawk ta' minoranzi etniċi u reliġjużi, u kwistjonijiet simili, u tipproteġi l-libertà ta' espressjoni u l-fluss ħieles ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' tħassib komuni relatati mal-istat tad-dritt u l-kwistjonijiet tas-sigurtà, bħall-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali, il-korruzzjoni, l-evażjoni tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u t-traffikar ta' persuni u drogi, u l-ġlieda kontra t-terrożmu, in-nonproliferazjoni, id-diżarmament, is-sigurtà marittima u s-sigurtà ċibernetika;

37. Jinsab imħasseb dwar l-isfidi urbani, li jirriżultaw mill-iżvilupp ekonomiku, li qed jaffaċċjaw il-pajjiżi tal-ASEAN, inkluż il-ġestjoni tal-flussi migratorji minn żoni rurali għall-bliet, l-ippjanar urban u l-provvista tal-infrastrutturi u s-servizzi bażiċi, il-ġlieda kontra l-kwartieri fqar u l-possibbiltà tal-użu ta' enerġiji nodfa u rinovabbli biex jiġi miġġieled it-tniġġis; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkollabora mal-pajjiżi tal-ASEAN dwar strateġiji li jindirizzaw dawn il-problemi;

38. Jipproponi appoġġ għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali b'mod speċjali fir-rigward tal-fluss ħieles ta' oġġetti, servizzi u investiment, il-mobilità ta' ħaddiema tas-sengħa biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni fil-ġestjoni tad-diżastri u tal-kriżijiet, is-sigurtà u l-ġlieda kontra l-faqar u l-kwistjonijiet tal-migrazzjoni;

39. Ifakkar li huwa importanti wkoll l-appoġġ lis-settur privat, li qed jikber, billi jiġu msaħħa d-djalogu bejn il-kumpaniji Ewropej u Asjatiċi u l-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u privat dwar kwistjonijiet finanzjarji, ta' investiment, ekonomiċi u kummerċjali, inkluż l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs Ewropej u l-aċċess għas-suq tagħhom, u l-kriżi finanzjarja globali li għaddejja; jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-UE u l-ASEAN f'dan ir-rigward;

40. Jinnota li għal diversi membri tal-ASEAN esportazzjonijiet tat-tessuti lejn l-UE jirrappreżentaw settur importanti u jfakkar li l-għoti tal-GSP u l-GSP+ huwa marbut mal-implimentazzjoni ta' standards bażiċi tax-xogħol u tal-ILO u konvenzjonijiet internazzjonali prinċipali oħrajn li huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli;

41. Jistieden lill-mexxejja tal-istati membri tal-ASEAN jappoġġaw l-objettiv tal-UE li tipparteċipa f'Samits tal-Asja tal-Lvant futuri, wara l-adeżjoni tal-UE mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk;

42. Jilqa' l-proċess tal-paċi u r-riformi demokratiċi fil-Burma/il-Mjanmar, li jiftaħ tieqa storika ta' opportunità għal relazzjonijiet UE-ASEAN imsaħħa ferm; jibqa' partikolarment imħasseb, madankollu, dwar is-sitwazzjoni tal-minoranzi etniċi; iħeġġeġ lill-Gvern Burman u l-ġirien tal-ASEAN tiegħu, b'mod speċjali fir-rigward tar-Rohingyas, jagħmlu kull sforz possibbli biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u d-drittijiet taċ-ċittadini tagħhom;

43. Jilqa' r-ratifika tal-Kambodja u l-Filippini tal-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) u jappella lill-istati membri kollha tal-ASEAN biex jagħmlu l-istess; jappella wkoll lill-Istati Membri kollha tal-ASEAN isegwu x-xejra dinjija lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt; jinkoraġġixxi lill-membri tal-ASEAN biex jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni;

44. Ifaħħar l-Indoneżja u l-Filippini għall-impenn attiv tagħhom fl-Isħubija ta' Gvern Trasparenti (Open Government Partnership) (OPG) u l-impenn li wrew biex joħolqu aktar trasparenza tal-gvern u integrità pubblika; jissuġġerixxi li l-bqija tal-pajjiżi tal-ASEAN ifittxu li jissieħbu mal-OPG u jiżviluppaw Pjanijiet ta' Azzjoni propji tagħhom b'kooperazzjoni mill-qrib u siewja ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lokali;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

45. Jesprimi tħassib, madankollu, li f'ħafna pajjiżi tal-ASEAN il-każijiet tal-ħtif tal-art, tal-impunità għal dawk b'konnessjoni mal-elit li tmexxi u tal-korruzzjoni qed jipperikolaw il-progress ekonomiku u soċjali enormi li ġie miksub fir-reġjun;

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lis-SEAE, il-Kunsill u lill-Kummissjoni, l-Assemblea Interparlamentari ASEAN (AIPA), is-Segretarjat tal-ASEAN u l-gvernijiet u l-parlamenti tal-istati membri tal-ASEAN.

P7_TA(2014)0031

## Il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi (2013/2747(RSP))**

(2016/C 482/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni ta' April 2013 tal-Kummissjoni tan-NU għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali, approvata mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU f'Lulju 2013, li tħeġġeġ lill-Istati Membri tan-NU biex "iqisu t-traffikar illeċitu tal-fawna u l-flora selvaġġi bħala reat serju meta jkunu involuti gruppi tal-kriminalità organizzata", sabiex b'hekk ipoġġuha fuq l-istess livell bħat-traffikar tal-bnedmin u t-traffikar tad-droga,

— wara li kkunsidra l-investigazzjoni mwettqa mill-Interpol u mill-IFAW (il-Fond Internazzjonali għall-Benessri tal-Annimali) dwar il-kummerċ onlajn tal-avorju fl-UE, li nnutat li l-infurzar tal-liġi fir-rigward tal-kriminalità onlajn marbuta mal-organiżmi selvaġġi għadu fil-bidu tiegħu u talbet l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni speċifika għall-kummerċ elettroniku li tirregola l-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi fl-UE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2013 dwar l-objettivi strateġiċi tal-UE għas-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), li se ssir f'Bangkok (it-Tajlandja) mit-3 sal-14 ta' Marzu 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-eżitu tal-laqgħa msemmija hawn fuq tal-Konferenza tal-Partijiet (CoP 16), fejn il-partijiet qablu dwar għadd ta' azzjonijiet konkreti kontra l-kaċċa illegali u t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi, inklużi d-Deċiżjonijiet 16.39-16.40 u d-Deċiżjonijiet 16.78-16.83,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni CITES, implimentata fl-Unjoni Ewropea permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ([2]), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Nru 155 (2011) tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni ta' Bern dwar il-qtil, il-qbid u l-kummerċ illegali tal-għasafar selvaġġi, adottata fit-2 ta' Diċembru 2011, u l-Pjan Direzzjonali sussegwenti tal-Kummissjoni dwar l-eliminazzjoni tal-qtil, il-qbid u l-kummerċ illegali tal-għasafar (12/2012),

— wara li kkunsidra l-inizjattivi reċenti meħuda mill-Istati Uniti, il-Filippini u l-Gabon biex jeqirdu l-ħażniet ta' stokkijiet ta' avorju illegali tagħhom sabiex joħolqu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar id-domanda ikbar għall-avorju u l-livelli ikbar ta' kummerċ u kaċċa illegali, bl-għan li jieħdu azzjoni deċiżiva kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi,

— wara li kkunsidra l-istqarrija konġunta tas-26 ta' Settembru 2013 magħmula minn 11-il kap ta' stat ta' meded tal-iljunfanti Afrikani, bħala parti mill-impenn għall-azzjoni tal-Inizjattiva Globali Clinton għas-Shubija biex jiġu Salvati l-Iljunfanti tal-Afrika, li tħeġġeġ pajjiżi oħra "jiddikjaraw jew jerġgħu jinfurzaw moratorji nazzjonali fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni kummerċjali kollha u l-bejgħ u x-xiri domestiku ta' nejbiet tal-iljunfanti u prodotti tal-avorju sakemm il-popolazzjonijiet tal-iljunfanti selvaġġi ma jibqgħux iżjed mhedda mill-kaċċa illegali",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar "il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu (rapport finali)" ([4]), u b.mod partikolari l-paragrafu 127 tagħha, u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar "il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu (rapport intermedju)" ([5]),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0047.
([2]) ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2013)0444.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2013)0245.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra l-eżitu tas-sessjoni ta' ħidma dwar il-kriminalità internazzjonali marbuta mal-orġaniżmi selvaġġi li għamel il-Kumitat tiegħu għall-Ambjent, is-saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel fis-27 ta' Frar 2013 fi Brussell,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2013 dwar il-krimimalitá marbuta mal-organiżmi selavaġġi (O-000123/2013 – B7-0529/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selavaġġi, inklużi l-kaċċa u t-teħid illegali ta' organiżmi selvaġġi, it-tranżitu ta' prodotti u derivattivi illegali ta' organiżmi selvaġġi, u l-bejgħ u l-użu illegali ta' dawk il-prodotti fil-pajjiżi konsumaturi issa tirrappreżenta negozju kriminali organizzat b'mod transnazzjonali b'fatturat annwali ta' mill-inqas USD 19-il biljun, u issa hija r-raba' l-ikbar attività illegali fid-dinja, wara t-traffikar tad-droga, il-falsifikazzjoni u t-traffikar tal-bnedmin;

B. billi t-traffikar illeċitu tal-organiżmi selvaġġi spiss jinvolvi netwerks kriminali organizzati b'mod transnazzjonali u jintuża bħala sors ta' dħul għal dawn in-netwerks u għal gruppi ribelli militanti;

C. billi l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi tikkostitwixxi theddida għall-benesseri tal-annimali individwali u għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet tal-annimali u l-pjanti kkonċernati, u tpoġġi f'riskju l-ekosistemi lokali b'mod ġenerali;

D. billi l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi saret theddida serja għas-sigurtà, l-istabilità politika, l-ekonomija, l-għajxien lokali, ir-riżorsi naturali u l-wirt kulturali ta' ħafna pajjiżi; billi l-livell ta' azzjoni meħtieġ biex jiġi indirizzat b'mod effettiv dan it-theddid ta' spiss jissupera l-mandat uniku tal-aġenziji għall-infurzar tal-liġi ambjentali jew dwar l-organiżmi selvaġġi, jew ta' pajjiż jew reġjun waħdu;

E. billi t-traffikar illeċitu tal-organiżmi selvaġġi mhux biss huwa theddida ewlenija għas-sigurtà, l-istat tad-dritt u l-iżvilupp tal-komunitajiet lokali fejn ir-riżorsi tal-organiżmi selvaġġi qed jonqsu, imma wkoll għall-paċi u s-sigurtà tan-nazzjonijiet u r-reġjuni fejn jinsabu dawk il-komunitajiet, kif ukoll għal żvilupp globali sostenibbli;

F. billi l-indirizzar tal-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi jirrikjedi reazzjoni globali kkoordinata fl-ogħla livell politiku u bejn l-aġenziji tal-infurzar fil-livell internazzjonali u f'dak nazzjonali, kif ukoll użu effikaċi ta' għodda biex jissaħħu s-sistemi tal-ġustizzja kriminali u l-infurzar tal-liġi;

G. billi sakemm id-domanda għall-prodotti tal-organiżmi selvaġġi tibqa' għolja u l-isforz tal-infurzar ikun baxx, il-kummerċ legali se jkompli jservi bħala kopertura għall-kummerċ illegali u se jkompli jżid il-kaċċa illegali;

1. Jenfasizza li l-UE hija suq sinifikanti kif ukoll rotta ta' tranżitu għall-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li skont l-estimi tal-Europol id-dħul iġġenerat mit-traffikar ta' speċijiet fil-periklu jammonta għal bejn EUR 18-il biljun u EUR 26 biljun kull sena, filwaqt li l-UE hija s-suq primarju ta' destinazzjoni fid-dinja;

2. Jenfasizza li l-għan tas-CITES huwa li tiżgura li l-kummerċ internazzjonali fl-annimali u l-pjanti selvaġġi ma jkunx theddida għas-sopravivenza tal-ispeċijiet fl-ambjent naturali tagħhom;

3. Huwa allarmat mill-fatt li l-kummerċ illegali ta' prodotti tal-organiżmi selavaġġi fuq l-internet biss ġie stmat, fir-Rapport tal-Global Financial Integrity ta' Frar 2011 bit-titolu "Transnational Crime in the Developing World", li jammonta għal USD 10 biljun fis-sena;

4. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rabtiet dejjem jiżdiedu bejn il-persuni u l-flus marbuta mal-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi u forom oħra ta' attività kriminali organizzata, inklużi t-traffikar tad-drogi u l-armi, il-korruzzjoni u l-frodi, kif ukoll il-militanza u t-terroriżmu;

5. Huwa mħasseb dwar il-fatt li gruppi tal-kriminalità organizzata, speċjalment dawk b'kapaċitajiet ta' kuntrabandu, isibu t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi attraenti minħabba n-nuqqas ta' kapaċità u ta' infurzar u implimentazzjoni tal-liġi, u minħabba l-profitti għoljin u l-penalitajiet dgħajfa;

6. Jenfasizza li jekk l-UE u l-Istati Membri tagħha jixtiequ jkollhom rwol mexxej fil-protezzjoni tal-ispeċijiet fil-periklu, jeħtieġ li mhux biss tiġi żgurata, bħala kwistjoni ta' urġenza, il-promozzjoni attiva u ambizzjuża ta' negozjati internazzjonali, iżda jeħtieġ ukoll li jinħolqu l-qafas legali l-aktar xieraq u l-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni li se jiżguraw li l-lakuni kollha li jikkontribwixxu għal dan il-kummerċ illegali jintemmu mal-fruntieri tal-Unjoni;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

7. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kriminalitá marbuta mal-organiżmi selvaġġi tista' tkun theddida serja għall-istat tad-dritt u għall-iżvilupp sostenibbli;

8. Huwa konxju li l-fenomenu tal-kaċċa illegali ta' diversi speċijiet ta' fawna selvaġġa jseħħ anke fit-territorju tal-UE, u li attwalment għad hemm qtil, teħid, qbid u kummerċ ta' speċijiet rari, partikolarment protetti u anke speċijiet fil-periklu elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-Ħabitat) u fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE (id-Direttiva dwar l-Għasafar);

***Azzjoni fi ħdan l-UE***

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi, mingħajr dewmien, pjan ta' azzjoni tal-UE kontra l-kriminalità u t-traffikar marbuta mal-organiżmi selvaġġi, inklużi riżultati u skedi ta' żmien ċari;

10. Jenfasizza li l-UE hija destinazzjoni ta' tranżitu ewlenija għall-prodotti illegali tal-organiżmi selvaġġi, kif enfasizzat f'rapport reċenti maħruġ minn TRAFFIC ([1]), u għalhekk qiegħda f'pożizzjoni privileġġata biex tikkontrolla dan il-kummerċ;

11. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu moratorji fuq l-importazzjoni kummerċjali, l-esportazzjonijiet u l-bejgħ u x-xiri domestiku ta' nejbiet tal-iljunfanti u tal-prodotti tal-avorju maħduma u mhux maħduma kollha sakemm il-popolazzjonijiet tal-iljunfanti selvaġġi ma jibqgħux aktar mhedda mill-kaċċa illegali;

12. Jistieden lill-Istati Membri jingħaqdu ma' Partijiet għas-CITES oħra fl-għoti ta' sinjal ċar kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi u d-domanda għall-prodotti illegali tal-organiżmi selvaġġi billi jeqirdu l-ħażniet ta' stokkijiet tagħhom ta' avorju illegali;

13. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/425/KE li tidentifika sett ta' azzjonijiet għall-infurzar tar-Regolament (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom; jirrakkomanda li l-Istati Membri jipprovdu għall-konfiska fil-pront ta' kwalunkwe kampjun maqbud biex jimplimentaw aħjar is-CITES u jipproteġu l-benessri tal-annimali ħajjin;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tqabbad lill-Kumitat Permanenti tas-CITES rigward id-Deċiżjoni 16.47 tal-CoP 16 dwar id-dispożizzjonijiet għas-simplifikazzjoni tad-disponiment tal-kampjuni nnegozjati b'mod illegali u konfiskati biex tiżgura approċċi kkoordinati għall-iskambju tal-informazzjoni u t-treġġigħ lura d-dar malajr tal-annimali ħajjin ikkonfiskati;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu l-ġudikatura fl-UE permezz ta' sensibilizzazzjoni, kapaċità u riżorsi msaħħa sabiex jiġi żgurat li l-prosekuzzjonijiet ta' traffikar illeċitu ta' organiżmi selvaġġi jitwettqu b'mod effikaċi u bil-pieni massimi previsti mil-liġi, u li dawk li jwettqu reat b'rabta mal-organiżmi selvaġġi jirċievu pieni li jkunu proporżjonati mal-gravità tar-reat; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tissimplifika l-armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru 2007/425/KE sabiex jiġi evitat li l-Istati Membri bl-anqas pieni jiġu sfruttati bħala punt ta' dħul ta' preferenza;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex timmonitorja u tissorvelja bir-reqqa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, minħabba li anke llum il-ġurnata, f'ċerti Stati Membri għadhom ma ġewx previsti sanzjonijiet kriminali effikaċi, li huma previsti wkoll mid-Direttiva għal min joqtol, jeqred, jippossjedi jew jieħu kampjuni ta' speċijiet ta' fawna u flora selvaġġi protetti;

17. Jitlob, abbażi tal-istess tħassib espress fir-riżoluzzjoni tan-NU ta' Mejju 2013 li tinkludi r-reati kontra l-foresti, li jiġu eżaminati l-istrumenti eżistenti tal-UE dwar il-kummerċ illegali tal-injam u atti oħra relatati mal-foresti, sabiex jiġi determinat jekk humiex adegwati u effikaċi biżżejjed biex ilaħħqu mal-għadd kbir ta' kummerċ illegali rreġistrat attwalment fl-Unjoni;

18. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li attwalment, fl-UE, għad hemm differenzi enormi bejn id-l-Istati Membri fir-rigward tas-sistema ta' sanzjonijiet kontra min jinnegozja, jieħu, jaqbad jew jippossjedi kampjuni ta' organiżmi selvaġġi protetti; jinnota li din id-diversità ta' trattament fost l-Istat Membri fir-rigward tal-pieni spiss ikollha impatt negattiv fuq l-effettività tas-sistemi ta' monitoraġġ u l-effiċjenza ta' dawk responsabbli għall-monitoraġġ f'kull Stat Membru;

([1]) http://ec.europa.eu./environment/cites/pdf/Overview%20significant%20seizures.pdf

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

19. Jitlob sanzjonijiet xierqa għal każijiet ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 338/97, biex jiskoraġġixxu l-kriminalitá marbuta mal-organiżmi selvaġġi, u biex jitqies ukoll il-valur tas-suq u l-valur ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet involuti fir-reat, kif ukoll l-ispejjeż imġarrba; jitlob l-iżvilupp ta' sistema li tipprovdi għall-aġġornament u l-aġġustament regolari tal-ammonti tal-pieni;

20. Jenfasizza l-fatt li d-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali tarmonizza d-definizzjonijiet ta' kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi madwar l-Unjoni kollha; jinnota, barra minn hekk, li d-direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ sanzjonijiet kriminali effikaċi, proporzjonati u dissważivi, u għalhekk iħeġġiġhom biex jistabbilixxu mingħajr dewmien livelli ta' sanzjonijiet xierqa għall-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħtu appoġġ lit-taħriġ dedikat għall-katina kollha tal-infurzar taħt l-istrumenti finanzjarji eżistenti rilevanti;

22. Jistieden lill-Istati Membri biex jużaw l-istrumenti rilevanti kollha, kemm dawk Ewropej kif ukoll dawk domestiċi, kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u jiżguraw il-konfiska tal-assi fil-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi;

23. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jikkonformaw mar-riżoluzzjoni ta' April 2013 tal-Kummissjoni tan-NU għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali billi jaġġornaw il-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex jiżguraw li t-traffikar illeċitu ta' fawna u flora selvaġġi bl-involviment tal-gruppi tal-kriminalità organizzata jkun definit reat kriminali kastigabbli b'sentenza sa erba' snin ħabs jew iżjed, sabiex il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali tkun tista' tintuża bħala l-bażi għall-kooperazzjoni internazzjonali u l-assistenza legali reċiproka;

24. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet stipulati fil-"Proġett WEB", investigazzjoni INTERPOL/IFAW fil-kummerċ onlajn tal-avorju fl-UE;

25. Huwa konxju li l-kaċċa, mhux sostenibbli u bla etika, għat-trofej ikkaġunat tnaqqis fuq skala kbira f'dawk l-ispeċijiet fil-periklu elenkati fl-Appendiċi I u II tas-CITES, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġaw reviżjoni eventwali tad-dispożizzjonijiet legali tal-UE li jirregolaw l-importazzjoni ta' trofej tal-kaċċa fl-Istati Membri u jirrikjedu permessi għall-importazzjoni ta' trofej tal-ispeċijiet kollha elenkati fl-Anness B tatat-test rilevanti;

26. Jinnota l-problemi li ġew dokumentati ta' annimali maqbuda fis-selvaġġ li jiddaħħlu fis-sistema legali permezz tal-użu ta' dispożizzjonijiet ta' natura inqas ristrettiva dwar trobbija ta' annimali fil-magħluq; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa d-Deċiżjonijiet 16.63-16.66 tal-CoP 16 dwar kampjuni mrobbija fil-magħluq, u biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal studju li jevalwa t-tħassib dwar speċijiet iddikjarati bħala mrobbija fil-magħluq u għall-iżvilupp ta' gwida għall-ispezzjoni tal-faċilitajiet;

27. Jitlob li tiġi stabbilita Unità kontra l-Kriminalità marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi fi ħdan il-Europol, li jkollha setgħat u responsabilitajiet transazzjonali kif ukoll riżorsi umani suffiċjenti u kwalifikati u finanzjament adegwat, bl-għan li l-informazzjoni u l-analiżi jiġu ċċentralizzati filwaqt li l-investigazzjonijiet jiġu kkoordinati, b'riżultat li jkun hemm iktar investigazzjonijiet konġunti u approċċ strateġiku iktar ikkoordinat; jitlob l-ottimizzazzjoni u t-tisħiħ tal-kollegament bejn il-korpi ta' spezzjoni lokali fl-Istati Membri ma' dawk internazzjonali sabiex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u b'hekk jiżdiedu l-effettività u l-effiċjenza tal-ħidma tal-ispetturi lokali;

28. Jistieden lill-Istati Membri, għal dan il-fini, biex jistabbilixxu t-Task Force Nazzjonali għas-Sigurtà Ambjentali (NEST) irrakkomandata mill-Interpol, u biex jidħlu f'operazzjonijiet ikkoordinati permezz tal-Unità kontra l-Kriminalità marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi fi ħdan il-Europol;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-riżorsi dedikati għas-CITES fi ħdan is-servizzi ikunu suffiċjenti biex jippermettu li l-UE jkollha rwol ta' tmexxija, fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tal-Emenda ta' Gaborone fis-CITES;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jużaw l-istrumenti ta' kummerċ u żvilupp tagħhom biex jistabbilixxu programmi dedikati, biex isaħħu l-implimentazzjoni tas-CITES u jipprovdu riżorsi għall-bini ta' kapaċità kontra l-kaċċa u t-traffikar illegali, b'mod partikulari billi jappoġġaw, isaħħu u jespandu inizjattivi ta' infurzar bħalma huma l-ASEAN-WEN

(ASEAN Wildlife Enforcement Network), il-HA-WEN (Horn of Africa Wildlife Enforcement Network), l-LATF (Lusaka Agreement Task Force) u l-PAPECALF (Plan d'Action sous-régional des pays de l'espace COMIFAC pour le renforcement de l'application des législations nationales sur la faune sauvage 2012 – 2017), li għandhom l-għan li jistabbilixxu ċentri reġjonali ta' kompetenza u jipprovdu mudelli għall-kooperazzjoni kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi;

31. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jaħdmu b'mod proattiv sabiex jagħmlu liċ-ċittadini Ewropej konxji mill-fatt li l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi mhix kwistjoni li tikkonċerna biss kontinenti oħra, imma iktar minn hekk hi kwistjoni urġenti li tikkonċerna l-pjaneta tagħna u l-ekosistema tagħna b'impatt politiku, ekonomiku u soċjali fuq il-komunitajiet madwar id-dinja;

*Azzjoni internazzjonali*

32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinkludu l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi bħala prijorità fl-ipprogrammar tal-istrumenti finanzjarji għall-għajnuna għall-iżvilupp, kemm fl-ipprogrammar tematiku kif ukoll f'dak reġjonali;

33. Jilqa' l-fatt li l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi ġiet "aġġornata" għall-istess livell tal-kriminalità organizzata internazzjonali serja bħat-traffikar tal-bnedmin u d-drogi wara r-Riżoluzzjoni tal-UNCCPCJ tas-26 ta' April 2013, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jużaw il-politika ta' kummerċ u żvilupp tagħhom biex jiżguraw li l-ftehim internazzjonali jiġi implimentat bis-sħiħ; jinnota li fost il-prijoritajiet tal-UE għat-68 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2013, għad hemm l-idea li jiżdiedu l-isforzi kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi u l-qtugħ illegali tas-siġar u tiġi promossa governanza mtejba;

34. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu l-almu tagħhom, fis-CITES u fid-djalogu bilaterali mal-pajjiżi konsumaturi, biex jiżguraw l-għeluq tas-swieq legali paralleli, internazzjonali u domestiċi, li qed jistimulaw id-domanda għall-ispeċijiet f'riskju sinifikanti bħall-iljunfanti, ir-rinoċeronti u t-tigri;

35. Jinnota li hemm mekkaniżmi disponibbli taħt is-CITES għall-Partijiet mhux konformi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, biex jużawhom sal-limitu sħiħ tagħhom, jekk dan ikun iġġustifikat;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu Fond Fiduċjarju, jew faċilità simili, skont l-Artikolu 187 tar-regolament finanzjarju rivedut applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, bl-għan li jiġu ssalvagwardjati ż-żoni protetti u jiġu miġġielda t-traffikar u l-kaċċa illegali tal-organiżmi selvaġġi, bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi;

37. Jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw bil-qawwi l-Konsorzju Internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-Kriminalità marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi (ICCWC), li jinkludi s-CITES, l-Interpol, il-UNODC (Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità), il-Bank Dinji u l-Organizzazzjoni Doganali Dinjija, inkluż permezz tal-għoti ta' riżorsi finanzjarji u kompetenza speċjalizzata, sabiex jiġi ffaċilitat il-bini tal-kapaċità mill-gvernijiet u l-iskambju ta' informazzjoni u ta' intelligence, u jiġi appoġġat l-infurzar u l-konformità mill-membri tal-ICCWC;

38. Jilqa' l-fatt li fl-aħħar summit tal-G-8 (li sar f'Lough Erne, l-Irlanda ta' Fuq f'Ġunju 2013) ġie deċiż li tittieħed azzjoni biex jiġi indirizzat it-traffikar illegali tal-ispeċijiet tal-organiżmi selvaġġi protetti jew fil-periklu u jiġi offrut appoġġ politiku u prattiku lil dawk l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali li jmexxu l-isforzi biex titjieb il-kapaċità tal-pajjiżi li jimmonitorjaw u jikkontrollaw il-fruntieri tagħhom u biex jindirizzaw il-fatturi li jiffaċilitaw bħall-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata transnazzjonali u t-traffikar illeċitu, li jxekklu l-governanza u l-istat tad-dritt u f'xi każijiet jipprovdu sors importanti ta' finanzjament għat-terroristi;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex, permezz tal-ħidma tagħha mal-istati ta' medda Afrikani u Asjatiċi, tassisti lil dawk il-pajjiżi biex isaħħu l-politiki u l-oqfsa legali tagħhom, iżidu l-kapaċità tal-infurzar tal-liġi, jiżviluppaw sistemi ġudizzjarji effikaċi u jsaħħu l-mekkaniżmi biex jindirizzaw il-korruzzjoni, sabiex jiġġieldu aħjar il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi fil-livelli lokali, nazzjonali u reġjonali, inkluż bl-appoġġ u l-finanzjament tal-applikazzjoni ta' inizjattivi bħalma hi l-ġabra ta' strumenti tal-ICCWC;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-politiki u l-oqfsa legali, iżidu l-kapaċità għall-infurzar tal-liġi, jindirizzaw il-ħtiġijiet tat-teknoloġija tal-intelligence u jiżviluppaw sistemi ġudizzjarji effikaċi jiġġieldu aħjar il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi fil-livelli lokali, nazzjonali u reġjonali, fost l-oħrajn billi jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' inizjattivi bħalma hi l-ġabra ta' strumenti tal-ICCWC u t-taħriġ ta' prosekuturi speċjalizzati fil-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta strateġiji reġjonali ta' infurzar tal-liġi fir-rigward tal-organiżmi selvaġġi u netwerks li jkunu interkonnessi permezz ta' mekkaniżmu globali ta' koordinazzjoni, inter alia billi tappoġġa l-Programm dwar il-Kriminalità Ambjentali tal-Interpol, l-istabbiliment tan-NESTs u l-integrazzjoni tagħhom mal-korpi reġjonali tal-infurzar bħat-Task Force tal-Ftehim ta' Lusaka, il-HA-WEN, is-SAWEN (South Africa Wildlife Enforcement Network) u l-ASEAN-WEN;

42. Jinnota d-domanda għolja u li dejjem qed tiżdied għall-prodotti illegali marbuta mal-organiżmi selvaġġi miċ-Ċina u x-Xlokk tal-Asja, u jenfasizza l-ħtieġa li din il-kwistjoni titqiegħed fuq l-aġenda tad-djalogu bejn l-UE u l-Asja, fl-ogħla livell politiku; jappoġġa, b'rabta ma' dan, bħala pass sinifikanti, il-ftehim iffirmat f'Lulju 2013, mill-Kummissarju Potocnik u l-Viċi Ministru Ċiniż għall-Amministrazzjoni tal-Forestrija tal-Istat, Zhang Jianlong, dwar sforzi komuni kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi, u jixtieq jara li dan il-ftehim jiġi implimentat b'mod sħiħ;

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jesploraw il-kwistjonijiet mal-Unjoni Afrikana, in-NEPAD (is-Sħubija Ġdida għall-Iżvilupp tal-Afrika), l-AMCEN (il-Konferenza Ministerjali Afrikana dwar l-Ambjent), u l-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, fil-qafas tas-Summit Afrika UE 2014 li ġej, sabiex jidentifikaw oqsma ta' azzjoni kollaborattiva dwar din l-isfida globali għall-Istrateġija Konġunta UE-Afrika 2014-2020;

44. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi l-kwistjoni tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi fil-kooperazzjoni transatlantika, bl-għan li tiżviluppa approċċ komuni li jiggarantixxi reġimi legali effikaċi li jipprevjenu l-prodotti nnegozjati illegalment milli jidħlu fis-swieq Ewropej u Amerikani u li ttejjeb il-kanali tal-komunikazzjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u r-regolamenti kummerċjali;

45. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw l-isforzi fil-pajjiżi ewlenin biex jaħdmu mal-ministeri kollha biex ifasslu u jimplimentaw kampanji b'riċerka tajba dwar it-tnaqqis fid-domanda u jiżguraw investiment adegwat fit-tul għall-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' għajxien alternattiv għall-komunitajiet lokali l-eqreb tal-organiżmi selvaġġi kkonċernati li jikkontribwixxi b'mod evidenti għall-irkupru u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-organiżmi selvaġġi u biex jinvolvu lill-komunitajiet fl-operazzjonijiet kontra l-kaċċa illegali;

47. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw liġijiet u politiki effikaċi li jiddiswadu l-konsum ta' prodotti derivati minn speċijiet ta' organiżmi selvaġġi vulnerabbli, biex jedukaw lil-konsumaturi dwar l-impatt tal-konsum tagħhom ta' speċijiet ta' organiżmi selvaġġi, u biex jipprovdu informazzjoni adegwata dwar il-konsegwenzi u l-perikli inerenti fit-tixrid bla kontroll ta' ċerti speċijiet aljeni madwar l-ekosistemi indiġeni;

o

o o

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-segretarjat tas-CITES, l-Interpol, l-Europol, il-UNDOC, il-Bank Dinji u l-Organizzazzjoni Dinjina Doganali.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0032

# Ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà (2013/2006(INI))**

(2016/C 482/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 173 tat-Titolu XVII tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (li kien l-Artikolu 157 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea), li jkopri l-politika industrijali tal-UE u jirreferi, fost affarijiet oħra, għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku – Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali" (COM(2012)0582),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2012 għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (COM(2012)0710).

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2011 għal regolament li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (2014 – 2020) (COM(2011)0834),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Lulju 2012 intitolata "L-Istrateġija tal-kompetittività sostenibbli fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-intrapriżi tiegħu" (COM(2012)0433),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2008 bit-titolu "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir. Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (COM(2008)0394),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2008 bit-titolu "L-inizjattiva tas-swieq tal-materja prima – nilħqu l-ħtiġijiet kritiċi tagħna għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-Ewropa" (COM(2008)0699),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020: Unjoni tal-Innovazzjoni" (COM(2010)0546),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi" (COM(2011)0571),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2011 bit-titolu "Industrial policy: Reinforcing competitiveness" (COM(2011)0642),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2011 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050" (COM(2011)0885),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Frar 2012 bit-titolu "Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa" (COM(2012)0060),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2012 bit-titolu "Azzjoni għall-istabbiltà, għat-tkabbir u għall-impjiegi" (COM(2012)0299),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 2012, bit-titolu "Strateġija Ewropea għat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ – Pont għat-tkabbir u l-impjiegi" (COM(2012)0341),

([1]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2013 bit-titolu "Green Paper: Il-finanzjament fuq terminu twil tal-ekonomija Ewropea" (COM(2013)0150),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2013 bit-titolu "Green Paper – Qafas għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija sal-2030" (COM(2013)0169),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2008 bit-titolu "L-inizjattiva tas-swieq tal-materja prima – nilħqu l-ħtiġijiet kritiċi tagħna għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-Ewropa" (COM(2008)0699) – (SEC(2008)2741),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-26 ta' Settembru 2012 bit-titolu "Competitiveness of the European high-end industries" (SWD(2012)0286),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 li jakkumpanja l-komunikazzjoni dwar "A Stronger European Industry for Growth and Economic Recovery Industrial Policy Communication Update" (SWD(2012)0297),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "European Competitiveness report 2012. Reaping the benefits of Globalisation" (SWD(2012)0299),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-11 ta' April 2013 bit-titolu "Industrial relations in Europe 2012" (Ir-relazzjonijiet industrijali fl-Ewropa 2012) (SWD(2013)0126),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ġunju 2013 bit-titolu "Is-segwitu tal-Kummissjoni tal-Konsultazzjoni 'TOP TEN' tal-SMEs dwar ir-Regolamentazzjoni tal-UE" (COM(2013)0446),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew tas-17 ta' April 2013 intitolata "Strateġija tal-kompetittività sostenibbli fis-settur tal-kostruzzjoni u l-intrapriżi tiegħu" ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-20 ta' Marzu 2013 intitolata "L-involviment u l-parteċipazzjoni tal-impjegati bħala pedamenti essenzjali ta' governanza korporattiva tajba u approċċi bbilanċjati biex tingħeleb il-kriżi" ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2010 dwar l-investiment fl-iżvilupp ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju (SET-Plan) ([3]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli ġdida ([4]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali ([5]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar Politika Industrijali għall-Era Globalizzata ([6]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar strateġija effettiva tal-materja prima għall-Ewropa ([7]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 dwar Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza ([8]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2012 bit-titolu "L-Att dwar is-Suq Uniku: Il-Passi li Jmiss għal Tkabbir" ([9]),

---

(1) ĠU C 198, 10.7.2013, p. 45
(2) ĠU C 161, 6.6.2013, p. 35.
(3) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 84.
(4) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 6.
(5) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.
(6) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 131.
(7) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 21.
(8) ĠU C 264 E, 13.9.2012, p. 59.
(9) ĠU C 332 E, 15.11.2013, p. 72.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar "L-SMEs: kompetittività u opportunitajiet kummerċjali" ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2012 dwar l-impatti ambjentali tal-attivitajiet ta' estrazzjoni ta' gass tax-shale u ta' żejt tax-shale ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2012 dwar l-aspetti industrijali u enerġetiċi u aspetti oħra tal-gass u ż-żejt tax-shale ([3]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, futur bl-enerġija ([4]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 dwar Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050 ([5]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar sfidi u opportunitajiet attwali għall-enerġija rinnovabbli fis-suq intern Ewropew tal-enerġija ([6]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar strateġiji reġjonali għaż-żoni industrijali fl-Unjoni Ewropea ([7]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar l-akkomodazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea ([8]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-kontribut tal-kooperattivi biex tingħeleb il-kriżi ([9]),

— wara li kkunsidra d-dibattitu tiegħu tal-4 ta' Frar 2013, b'segwitu għad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, dwar l-irkupru tal-industrija Ewropea fid-dawl tad-diffikultajiet attwali (2013/2538(RSP)),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-3 208 laqgħa tal-Kunsill Kompetittività tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2012 bit-titolu "A stronger European industry for growth and economic recovery",

— wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "EU industrial structure 2011 – Trends and Performance" tal-2011 li sar f'isem il-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport li joħroġ minn stħarriġ tal-inizjattivi tal-UE 2020 bit-titolu "An Industrial Policy for the Globalisation Era", li sar f'April 2013 f'isem il-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2013 dwar "Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku. Aġġornament dwar il-Komunikazzjoni tal-Politika Industrijali" ([10]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' April 2013 bit-titolu "Industrija Ewropea aktar b'saħħitha għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku" ([11]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0464/2013),

(1) Testi adottati, P7_TA(2012)0387.
(2) Testi adottati, P7_TA(2012)0443.
(3) Testi adottati, P7_TA(2012)0444.
(4) Testi adottati, P7_TA(2013)0088.
(5) ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 75.
(6) Testi adottati, P7_TA(2013)0201.
(7) Testi adottati, P7_TA(2013)0199.
(8) Testi adottati, P7_TA(2013)0246.
(9) Testi adottati, P7_TA(2013)0301.
(10) ĠU C 327, 12.11.2013, p. 82.
(11) ĠU C 139, 17.5.2013, p. 11.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

A. billi l-industrija Ewropea qed taffaċċja kriżi bla preċedent u għandha wkoll diversi żvantaġġi li jxekklu l-kompetittività tagħha;

B. billi ċ-ċifri mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea huma ambizzjużi iżda kundizzjonali, minħabba li huma marbutin ma' diversi fatturi li għadhom identifikati ħażin;

C. billi l-industrija Ewropea għandha rwol ewlieni u hija parti importanti mis-soluzzjoni għal din il-kriżi;

D. billi l-kompetituri industrijali tal-Ewropa ilhom snin jiżviluppaw strateġiji industrijali b'saħħithom,

E. billi l-UE teħtieġ strateġija biex tindirizza l-kriżi ekonomika u finanzjarja u tagħti bidu għal dinamika ekonomika ġdida;

F. billi l-Kummissjoni għandha tiġi mfaħħra talli impenjat ruħha f'politika industrijali bil-komunikazzjoni tagħha bil-għan li torganizza bidla fir-rotta industrijali;

G. billi l-futur komuni tal-Ewropa bħala destinazzjoni industrijali jinsab f'offensiva favur il-modernizzazzjoni li ssaħħaħ iċ-ċentri tal-innovazzjoni u telimina n-nuqqasijiet fl-iżvilupp ta' reġjuni dgħajfa industrijalment u strutturalment;

H. billi t-tnaqqis fid-disponibbiltà ta' kreditu jillimita l-investimenti, u dan jostakola l-innovazzjoni kif ukoll l-adozzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti ġodda; Billi politika industrijali fl-Ewropa għalhekk teħtieġ arkitettura finanzjarja robusta li tippromwovi l-investimenti;

I. billi l-kundizzjonijiet ta' finanzjament fin-Nofsinhar tal-Ewropa huma aktar riġidi u b'hekk jinħtieġu soluzzjonijiet ta' finanzjament imfassla apposta;

J. billi l-Istati Membri għandhom jiġu ggwidati minn metodi ta' ristrutturar industrijali li taw prova ta' suċċess fl-Ewropa u f'pajjiżi oħra fid-dinja;

K. billi l-Kummissjoni rrimarkat li l-industriji tal-UE jistgħu jiksbu lura l-attrattiva tagħhom minħabba t-tnaqqis mistenni fid-differenzjali tal-pagi globali;

L. billi l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ġenerali aħjar għal politika industrijali Ewropea jfisser it-twettiq u l-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-UE fi ħdan ekonomija tas-suq soċjali;

M. billi l-ewwel prijorità tal-Ewropa għandha tkun li ssalvagwardja s-setturi tal-manifattura u n-know-how, filwaqt li l-industrija tiġi megħjuna terġa' tikseb il-kompetittiva tagħha f'livell dinji;

N. billi l-ispejjeż tal-enerġija għall-industrija u d-differenzi li qed jiżdiedu tal-prezzijiet tal-enerġija bejn l-Ewropa u l-pajjiżi industrijalizzati l-oħra (b'mod partikolari l-Istati Uniti) se jkollhom rwol ikbar jekk it-tendenzi attwali ma jiġux indirizzati b'mod adegwat;

O. billi fid-dawl tal-isfidi globali huwa essenzjali li l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi tkun fil-bażi tat-tiġdid industrijali Ewropew jekk l-industrija Ewropea għandha l-ħsieb li żżomm il-kompetittività tagħha fil-futur;

P. billi l-UE teħtieġ approċċ ta' politika industrijali li jgħaqqad flimkien il-kompetittività, is-sostenibbiltà u xogħol deċenti sabiex jiġu indirizzati l-isfidi kbar tas-soċjetà;

Q. billi huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza tal-politika tal-enerġija, tal-klima, dik ambjentali, industrijali u kummerċjali tal-UE sabiex jinsab bilanċ bejn l-objettivi tal-politika tal-klima u tal-protezzjoni tal-ambjent u l-objettivi tar-RISE;

R. billi fl-aħħar għexieren ta' snin il-produttività tax-xogħol żviluppat b'mod ħafna aktar mgħaġġel mill-produttività tar-riżorsi, filwaqt li l-istimi juru li x-xogħol jirrappreżenta inqas minn 20 % tal-ispejjeż ta' produzzjoni, waqt li r-riżorsi jirrappreżentaw 40 %;

S. billi l-UE għandha fi ħdanha kapaċità ta' innovazzjoni enormi b'sitt Stati Membri tal-UE fost l-ewwel 10 mill-50 pajjiż l-aktar innovattivi fid-dinja;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

T. billi l-politika industrijali għandha dimensjoni soċjali qawwija li taffettwa l-livelli kollha tas-soċjetà;

U. billi politika industrijali Ewropea teħtieġ forza tax-xogħol b'saħħitha, filwaqt li bħala medja 7 % biss tal-forza tax-xogħol b'ħiliet baxxi ġiet imħarrġa;

***Strateġija ta' "Qawmien mill-Ġdid tal-Industrija għal Ewropa Sostenibbli" (RISE): prinċipji, objettivi u governanza***

1. Jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq il-politika industrijali (PI), peress li tali enfasi hija essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività, u tiżgura prosperità fuq terminu ta' żmien twil, filwaqt li ssolvi l-problema tal-qgħad, meta jitqies li l-industrija toħloq impjieg wieħed minn kull erbgħa, u tipprovdi impjieg għal madwar 34 miljun ruħ; jissottolinja l-fatt li l-PI għandha tindirizza d-dgħufijiet komparattivi fl-ekonomija tal-UE, sew jekk huma nuqqas ta' investiment fir-R&Ż, l-iżvilupp ta' prezzijiet tal-enerġija, burokrazija żejda jew diffikultà fl-aċċess għall-finanzi; jinnota li l-industrija hija responsabbli għal 80 % tan-nefqa fil-qasam tar-R&Ż u li kważi 75 % tal-esportazzjonijiet Ewropej jikkonsistu f'merkanzija industrijali; jenfasizza li l-industrija hija responsabbli għal parti kbira mill-ħolqien ta' valur fl-ekonomija, filwaqt li kull impjieg fl-industrija joħloq madwar żewġ impjiegi addizzjonali fis-setturi tal-provvista u s-servizzi;

2. Jenfasizza li l-qawwa u l-importanza industrijali futuri tal-Unjoni Ewropea jinsabu fil-Qawmien mill-Ġdid ta' strateġija tal-Industrija għal Ewropa Sostenibbli (RISE) li tfittex innovazzjoni teknoloġika, kummerċjali, finanzjarja, ambjentali u soċjali favur it-tielet rivoluzzjoni industrijali li tinkludi strateġija ta' effiċjenza li terġa' tindustrijalizza l-Ewropa, isaħħaħ l-industrija Ewropea b'mod globali u taġixxi bħala rispons għall-isfidi soċjali li qed jiżdiedu; jargumenta li l-istrateġija RISE tista' toħloq swieq ġodda, inter alia għal prodotti u servizzi ġodda u innovattivi, mudelli kummerċjali u imprendituri u intrapriżi kreattivi, impjiegi ġodda u xogħol deċenti, u b'hekk iġġib magħha tiġdid industrijali b'dinamiżmu ekonomiku, fiduċja u kompetittività; jemmen li waħda mill-prijoritajiet prinċipali hija li jinżammu setturi tal-produzzjoni b'saħħitjom u n-know-how u li s-swieq miftuħa, id-disponibilità ta' enerġija u materja prima kif ukoll l-innovazzjoni, l-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija u l-effiċjenza fir-riżorsi huma pilastri ewlenin ta' tali strateġija għall-kompetittività; jinnota li infrastruttura affidabbli orjentata lejn il-futur għat-trasport, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija kif ukoll it-telekomunikazzjonijiet huma wkoll ta' importanza kbira;

3. Iqis li l-istrateġija RISE trid tkun integrata f'ekonomija ekoloġika u ekonomija soċjali tas-suq f'konformità mal-prinċipji tal-imprenditorija, il-kompetizzjoni ġusta, il-mira fuq żmien twil ta' internalizzazzjoni tal-esternalitajiet, politiki finanzjarji sodi u regolamenti ta' qafas ekonomiċi b'kuxjenza ambjentali; isostni li l-politika industrijali għandha tkun koerenti ma' viżjoni ggwidata mill-innovazzjoni, is-sostenibilità u l-kompetittività, li jsaħħaħ is-setturi tal-manifattura u n-know-how kif ukoll l-ekonomija ċirkolari; jinnota r-rwol kruċjali li għandhom l-industrija u l-kumpaniji bħala promoturi tas-sostenibilità kif ukoll l-importanza tat-trasparenza fil-katini tal-provvista;

4. Jenfasizza li l-istrateġija RISE teħtieġ aġenda għal żmien qasir sabiex issalvagwrdja l-bażi tal-manifattura u n-know-how, biex jiġu indirizzati l-isfidi urġenti f'uħud mis-setturi (bħall-kapaċità żejda ta' produzzjoni, ir-ristrutturar u l-kompetizzjoni inġusta) kif ukoll pjan direzzjonali u qafas fuq terminu twil ibbażat fuq approċċ b'objettivi u miri ċari u stabbli, indikaturi bbażati fuq ix-xjenza u approċċ ta' ekonomija b'ċiklu tal-ħajja u ċirkolari li joħloq u jipprovdi inċentivi biex l-investimenti jiġu diretti lejn il-kreattività, il-ħiliet, l-innovazzjoni, it-teknoloġiji ġodda, u jippromwovi l-modernizzazzjoni, is-sostenibilità u l-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Ewropa, permezz ta' politika konxja mill-katina tal-valur li tkopri intrapriżi ta' kull daqs, tagħti attenzjoni dovuta lill-industriji bażiċi u twassal għaż-żamma tal-katina ta' produzzjoni fl-Ewropa; iqis li tali modernizzazzjoni għandha tinbena fuq iż-żewġ industriji ewlenin u setturi ġodda tal-industrija u li għandha tkun indirizzata lejn it-tkabbir f'konformità ma' prinċipji ta' żvilupp sostenibbli;

5. Jenfasizza li l-politika industrijali tinkorpora l-oqsma kollha tal-politika li għandhom impatt fuq l-industrija; jirrikonoxxi li l-PI għandha tindirizza l-isfidi kbar tas-soċjetà u tal-ambjent stabbiliti fl-istrateġija u l-għanijiet tal-Ewropa 2020, kif ukoll il-miri, inklużi l-objettivi futuri dwar l-enerġija, ir-riżorsi, l-impjiegi u l-klima, u għandha tiġi integrata b'mod effettiv fil-proċess tas-Semestru Ewropew u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, sabiex jiġu stabbiliti l-prekundizzjonijiet meħtieġa għall-investiment u jinħolqu impjiegi tajba, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-komunikazzjoni tagħha dwar l-impenji tagħha favur il-PI sabiex terġa' tiġi stabbilita l-fiduċja tal-investituri, tal-ħaddiema u taċ-ċittadini fl-azzjoni Ewropea;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

6. Jinnota li s-sehem tal-industrija Ewropea fil-prodott domestiku gross Ewropew aggregat (PDG) niżel minn 20 % għal 15 % fi 15-il sena;

7. Jemmen li l-istrateġija RISE trid tkompli ssegwi miri industrijali ambizzjużi u realistiċi; jinnota li l-mira ewlenija ta' 20 % tkun teħtieġ li mill-anqas jinħolqu 400 000 impjieg industrijali ġdid kull sena; jappoġġja bil-qawwa l-mira ta' 20 % u jipproponi li għandha titqies bħala objettiv direzzjonali allinjat mal-objettivi 20/20/20 tal-UE;

8. Jemmen li dawn il-miri għandhom jirriflettu r-realtajiet industrijali ġodda bħall-integrazzjoni tal-manifattura u s-servizzi (manu-services) kif ukoll spostament lejn ekonomija mmexxija mid-dejta u lejn produzzjoni b'valur miżjud; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tivvaluta u tissostanzja x-xogħol tagħha fuq il-miri u tifformula mill-ġdid il-klassifikazzjoni tas-setturi industrijali;

9. Jenfasizza li l-attivitajiet tas-setturi industrijali jagħmluha possibbli li l-kriżi tiġi superata, mhux l-inqas billi l-ekonomija tas-servizzi fil-periferija tissaħħaħ;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenn tagħha li tipproduċi indikaturi għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-proċess ta' riindustrijalizzazzjoni; jenfasizza li dawn l-indikaturi għandhom mhux biss ikunu kwantitattivi iżda wkoll kwalitattivi, sabiex jiġi żgurat li dan il-proċess ikun sostenibbli u kompatibbli mal-protezzjoni tal-ambjent;

11. Jistenna li, b'implimentazzjoni xierqa, l-istrateġija RISE tkun tista' tagħti ħajja ġdida lill-industrija u terġa' ġġib il-manifattura lura fl-UE, filwaqt li tagħti attenzjoni lill-immaniġġjar tal-katina tal-provvista u wkoll tikkunsidra kulturi u domandi speċifiċi ta' manifattura reġjonali u lokali, filwaqt li ssaħħaħ setturi emerġenti importanti neċessarji għal ekonomija u soċjetà sostenibbli;

12. Jenfasizza li l-istrateġija RISE tirnexxi biss jekk tkun sostnuta minn qafas makroekonomiku adegwat, ċar u prevedibbli, billi jiġu evitati politiki kunfliġġenti, u mir-riżorsi baġitarji meħtieġa sabiex jiġi sfruttat l-investiment pubbliku u privat u tiġi promosa l-kompetittività globali tal-UE; jiddispjaċih li l-politika makroekonomika dominanti attwali fl-UE ma tipprovdix aċċess adegwat għal kapital għal investiment u innovazzjoni, speċjalment għall-SMEs, u għalhekk tmur kontra PI; jitlob, f'dan il-kuntest, strateġija ta' tkabbir intelliġenti u inklużiva Ewropea u jiddeplora t-tnaqqis li għamel il-Kunsill fl-intestatura 1A tal-Qafas Finanzjarji Pluriennali (QFP), b'mod partikolari fl-Orizzont 2020, COSME u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu b'mod sostanzjali s-setgħa finanzjarja ta' dawk il-programmi;

13. Jenfasizza li l-ħolqien ta' riżorsi proprji għall-baġit Ewropew jista' jkollu effett pożittiv fuq ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa;

14. Jenfassiza li l-PI tal-UE għandha tkun definita b'mod ċar, meta jitqies li bosta prattiki u xejriet differenti attwalment qed jiddominaw il-qasam tal-PI fi ħdan l-UE u fl-Istati Membri;

15. Ifaħħar l-approċċ trasversali tal-Kummissjoni lejn il-PI u jenfasizza l-importanza ta' approċċ ħolistiku li jkun kemm koerenti kif ukoll ikkoordinat f'setturi fejn l-oqsma kollha l-oħra tal-politika (bħall-kompetizzjoni, il-kummerċ, l-enerġija, l-ambjent, l-innovazzjoni, il-fondi strutturali, is-Suq Uniku eċċ.) jikkunsidraw l-għanijiet tal-istrateġija RISE; ifakkar, f'dan ir-rigward, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA), li tagħti prova li azzjoni b'suċċess, integrata u innovattiva hija possibbli fil-qasam tal-PI, u li tiġġenera t-tkabbir u l-impjiegi, tippromwovi l-integrazzjoni tagħha stess u hija ta' natura li tippromwovi s-sħubija soċjali; isostni li l-istrateġija RISE għandha tkun ibbażata fuq kunċett tal-PI orizzontali pjuttost milli vertikali; jemmen li, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lill-industriji bażiċi, miżuri settorjali għandhom jappoġġjaw il-katini tal-valuri u r-raggruppamenti ta' attivitajiet b'potenzjal ta' tkabbir għoli u għandhom ikunu konnessi ma' speċjalizzazzjoni settorjali li tippromwovi teknoloġija għolja u strateġiji b'valur għoli miżjud kif ukoll l-innovazzjoni, il-ħiliet, l-intraprenditorija, l-impjiegi u l-kreattività; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-istrateġiji settorjali fl-industriji tal-vetturi bil-mutur (Cars 2020) u l-azzar (pjan ta' azzjoni għall-azzar) u jitlob lill-Kummissjoni tadotta miżuri adattati biex jiġu implimentati l-istrateġiji; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiffukaw suffiċjentement fuq setturi li għandhom know-how robust u grad għoli ta' investiment fir-R&Ż u fil-ħolqien ta' valur miżjud inkluża l-innovazzjoni tal-proċess;

16. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiffoka fuq il-valur miżjud tal-produzzjoni industrijali Ewropea fil-katini tal-produzzjoni dinjin fuq bażi ta' settur b'settur, biex tiddetermina kemm huma b'saħħithom l-għeruq tal-industriji differenti f'diversi Stati Membri u tistabbilixxi b'mod aktar effettiv strateġija komuni biex tiddefendi l-interessi industrijali Ewropej;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

17. Huwa tal-fehma li l-UE teħtieġ taħlita intelliġenti ta' industrija privata u istituzzjonijiet pubbliċi biex tissaħħaħ il-formazzjoni ta' katini ta' valur miżjud fl-UE;

18. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni futura se tkun waħda mill-politiki ewlenin tal-UE li jrawmu l-innovazzjoni industrijali permezz ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti bħala respons għall-isfidi marbutin mal-enerġija sostenibbli, it-tibdil fil-klima u l-użu effiċjenti tar-riżorsi kemm materjali kif ukoll umani; huwa tal-fehma, għaldaqstant, li l-appoġġ mill-politika ta' koeżjoni futura u l-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej huwa ta' importanza ċentrali għar-riindustrijalizzazzjoni tal-UE u r-reġjuni tagħha permezz ta' politika industrijali ġenwinament moderna – inklużiva, sostenibbli, effiċjenti fl-enerġija u kompetittiva ħafna; jitlob li jkun hemm koordinament u sinerġiji aħjar bejn il-politika ta' koeżjoni u l-programmi tal-Orizzont 2020 sabiex jitwaqqfu inkubaturi reġjonali ta' innovazzjoni u tkun massimizzata l-innovazzjoni fil-livell reġjonali;

19. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-PI jrid ikollha struttura ta' governanza effettiva u integrata li tinkludi s-sorveljanza tal-attivitajiet; ifakkar ir-rakkomandazzjoni tal-PE fir-rapport Lange dwar l-industrija biex tiġi stabbilita task force permanenti tal-Kummissjoni dwar il-PI magħmula mid-direttorati ġenerali relevanti li tikkunsidra l-input tal-partijiet interessati u tikkoordina u tissorvelja l-implimentazzjoni; jenfasizza li l-Parlament għandu jkun regolarment infurmat dwar l-iżviluppi tal-PI u jitlob lill-Kummissjoni biex kull sena tirrapporta lill-Parlament dwar il-progress tal-istrateġija RISE u safejn l-ambizzjonijiet tagħha qed jintlaħqu bl-għodod disponibbli; jipproponi li t-task forces għal-linji ta' azzjoni ta' prijorità wkoll jippubblikaw rapport annwali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tistudja u tidentifika l-kapaċità żejda u l-isfidi ta' ristrutturar li l-industrija Ewropea u setturi partikolari jiffaċċaw bil-għan li jitfasslu soluzzjonijiet fuq perjodu qasir u jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja kwalunkwe delokalizzazzjoni barra l-pajjiż tal-manifattura Ewropea; jenfasizza li l-istrateġija RISE teħtieġ alleanza ta' u sħubija ma' partijiet interessati mill-industrija minn setturi differenti (inklużi l-SMEs), mit-trejdjunjins, minn fost l-akkademiċi u mis-soċjetà ċivili, bħal gwardjani tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet mhux governattivi; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ tal-Artikolu 173(2) tat-Trattat biex tressaq 'il quddiem l-istrateġija RISE u tqassam ir-riżorsi tagħha b'mod aktar effettiv; jidika l-importanza li jitjieb il-mod li bih l-Unjoni tikkomunika l-PI tagħha lill-pubbliku u b'mod partikolari liż-żgħażagħ sabiex tkun promossa l-importanza tal-industrija Ewropea, l-impjiegi tagħha u l-għarfien tagħha;

20. Isostni li l-istrateġija RISE għandha tkun immirata lejn il-ħolqien ta' ambjent attraenti u kompetittiv fl-Ewropa li jagħti bidu għall-flussi ta' investiment fl-UE kollha u r-reġjuni tagħha, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Ewropa, sabiex issaħħaħ mill-ġdid it-tkabbir, b'mod partikolari permezz ta' sepċjalizzazzjonijiet intelliġenti u l-formazzjoni ta' raggruppamenti, inklużi raggruppamenti transnazzjonali u reġjonali kif ukoll netwerks kummerċjali bħal dawn;

21. Ifaħħar il-ħidma tal-Viċi President Tajani fil-koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-PI mal-Kunsill tal-Kompetittività; jirrikonoxxi li PI għal strateġija RISE għandha tifforma bażi komuni għall-UE iżda jenfasizza li għandha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali differenti u tkun ikkoordinata mal-PI tal-Istati Membri; jappoġġja l-idea ta' Kunsill tal-Kompetittività aktar b'saħħtu li, f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni vertikali tal-politiki fuq livell Ewropew, reġjonali u tal-Istati Membri; josserva, fost l-oħrajn, li regolamentazzjoni intelliġenti u burokrazija mnaqqsa huma prekundizzjonijiet essenzjali għat-tkabbir industrijali;

22. Jemmen li l-livelli territorjali differenti għandhom ikunu involuti b'mod sħiħ u jaġixxu b'mod ikkoordinat fil-proċess ta' industrijalizzazzjoni mill-ġdid, fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet, il-potenzjal u l-qawwiet għall-industrija fit-territorji tagħhom kif ukoll fl-istimolu tal-iżvilupp tal-SMEs; jirrimarka li l-SMEs huma l-aktar vittmi tal-kriżi li ntlaqtu ħażin, anki jekk dawn huma ta' valur minħabba li għandhom id-daqs u r-reattività suffiċjenti biex jindirizzaw il-bidliet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu programmi speċifiċi ta' appoġġ u għajnuna għall-SMEs u jgħinu lill-SMEs isiru l-industriji futuri fl-oqsma tagħhom; jilqa' l-ħidma mwettqa mill-Kumitat tar-Reġjuni kif ukoll il-ħidma tal-Kummissjoni fir-rigward ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għas-simplifikazzjoni tal-finanzjament mill-UE lejn l-objettivi ta' Ewropa 2020;

23. Jistieden lill-Istati Membri, fil-każ ta' bidliet eventwali fit-Trattati, biex iwaqqfu politika industrijali komuni b'ambizzjoni u b'mezzi komparabbli għall-Politika Agrikola Komuni, li tkun tinkludi djalogu ġenwin nazzjonali biex jaqsmu strateġija komuni permezz ta' riżorsi finanzjarji sostanzjali u għodod finanzjarji u regolatorji simili għal dawk tal-oqsma kummerċjali ewlenin oħra li jinkludu, pereżempju, għodda monetarja jew regoli dwar l-għajnuniet statali mfassla għall-ħtiġijiet tal-industrija tagħna, filwaqt li jibqgħu fid-dritt internazzjonali.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

24. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tinteressa ruħha fil-produtturi, b'mod partikolari dawk industrijali, u mhux biss fil-konsumaturi;

25. Jiddeplora l-assenza mill-proposta tal-Kummissjoni ta' kwalunkwe miżura kontra d-dumping tal-pagi u d-dumping soċjali u dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati u r-ristrutturar;

***Offensiva favur l-Innovazzjoni, l-Effiċjenza u t-Teknoloġija Sostenibbli***

26. Jenfasizza l-fatt li strateġija għall-innovazzjoni, l-effiċjenza u t-teknoloġija ġdida, inkluża t-teknoloġija għas-sostennibbiltà, flimkien mal-mudelli kummerċjali ġodda, il-kreattività u l-manifattura avvanzata għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw mill-ġdid u jimmodernizzaw il-bażi industrijali tal-UE, billi jżidu l-kompetittività prinċipali reġjonali u globali; jemmen li jeħtieġ li tiġi promossa l-innovazzjoni fil-kamp kollu, meta jitqiesu l-partijiet interessati kollha li jvarjaw minn innovazzjoni shop-floor u innovazzjoni mhux teknika għal R&Ż ta' teknoloġija avvanzata fil-laboratorji tar-riċerka; josserva, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-involviment tal-impjegati b'mod proattiv fil-proċess ta' innovazzjoni li jistimula kumpaniji innovattivi li huma l-mexxejja f'termini ekonomiċi, soċjali u ambjentali; jenfasizza l-ħtieġa tal-ħolqien ta' ambjent favorevoli u jqis li huwa fundamentali li jiġu żgurati kundizzjonijiet li fl-ambitu tagħhom in-negozji jistgħu joperaw u jkunu kompetittivi; iqis li huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-bażi tal-għarfien tal-Ewropa, titnaqqas il-frammentazzjoni billi tiġi promossa l-eċċellenza fix-xjenza u l-edukazzjoni, jinħolqu kundizzjonijiet għat-trasformazzjoni ta' ideat tajbin fi prodotti kummerċjabbli u jiżdied l-aċċess għall-finanzjament minn negozji innovattivi, jinħoloq ambjent favur l-innovazzjoni u jitneħħew l-inugwaljanzi soċjali u ġeografiċi billi jiġu reklamati l-benefiċċji ta' innovazzjoni fl-Ewropa kollha; jenfassizza, f'dan il-kuntest, li għandu jiġi kkunsidrat b'mod partikolari r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-innovazzjoni ("Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni tal-2013"), li juri kif l-innovazzjoni taffettwa t-titjib tal-kompetittività dejjiema u li jipprovdi valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni, u jindika s-saħħiet u d-dgħufijiet relattivi tas-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom;

27. Jemmen li l-fondi tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jaġixxu bħala katalisti u għandhom jintużaw f'sinerġija ma' diversi strumenti nazzjonali kif ukoll fondi Ewropej, nazzjonali u reġjonali; ifakkar il-mira tar-R&Ż ta' 3 % b'żewġ terzi ġejjin mis-settur privat; jappoġġja l-istabbiliment ta' shubijiet pubbliċi-privati (PPPs) skont Orizzont 2020 u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura effett ta' lieva suffiċjenti għall-investiment mis-settur privat;

28. Jilqa' l-parti ta' 4 % mill-fondi li se jiġu implimentati permezz ta' strument iddedikat għall-SMEs skont il-programm Orizzont 2020;

29. Jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq l-ekodisinn, ir-riċiklabbiltà bi speċifikazzjonijiet minn nieqa sa nieqa, il-kriterji ġodda ta' sostenibbiltà għall-prodotti u l-metodi ta' kostruzzjoni u l-effiċjenza fir-riżorsi fil-kunċett ta' ekonomija ċirkolari; jitlob li l-abbozz tal-leġiżlazzjonijiet u l-istudji dwar l-użu effiċjenti ta' riżorsi jqisu l-vijabilità ta' dan tal-aħħar skont il-kriterji ta' effiċjenza, profittabilità u effetti fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi aktar il-mentalità li tqis "iċ-ċiklu tal-ħajja" permezz tal-politika integrata dwar il-prodotti (IPP) li tikunsidra ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-prodott (l-approċċ minn nieqa sa nieqa);

30. Jilqa' l-linji ta' azzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll il-PPPs possibbli; madankollu, jinsab imħasseb li l-iżviluppi ta' big data u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni mhumiex inklużi b'mod adegwat; jistieden lill-Kummissjoni tintegra dawn l-iżviluppi b'mod xieraq; iqis li s-servizzi broadband huma importanti għall-iżvilupp tal-industrija tal-UE u jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku tal-UE u fl-impjiegi, u għalhekk il-promozzjoni tal-investiment fil-faċilitajiet ta' broadband sabiex jintlaħqu netwerks ta' broadband u fibra ta' kapaċità għolja fin-netwerks ta' aċċess għandha tkompli tkun waħda mill-prijoritajiet tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja l-formazzjoni ta' raggruppamenti minn naħa għall-oħra tal-linji ta' azzjoni, filwaqt li tippromwovi s-sinerġiji u l-effetti konsekwenzjali bejniethom;

31. Jenfasizza r-rwol ewlieni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fit-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli, li tinvolvi aspetti bħal dematerjalizzazzjoni, ekosorveljanza, effiċjenza fit-trasport u l-loġistika, servizzi–e u l-kura tas-saħħa; jilqa' l-Istrateġija Industrijali Ġdida Ewropea għall-Elettronika li għandha l-għan li tirdoppja l-produzzjonijiet taċ-ċippi elettroniċi tal-UE għal 20 % tal-produzzjoni globali; jinsisti li ssir iżjed promozzjoni tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni f'setturi industrijali tradizzjonali u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi diġitali ġodda li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi ta' żvilupp sostenibbli;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

32. Jilqa' l-linja ta' azzjoni dwar il-manifattura avvanzata; jemmen li din tibbenefika minn PPPs bħal SPIRE; jemmen li t-tnedija ta' Komunità dwar l-Għarfien u l-Innovazzjoni sal-2016 fil-qasam tal-manifattura ta' valur miżjud hija prijorità; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-esperjenzi tal-EPEC (iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza Esperta fuq il-PPPs tal-BEI) fil-PPPs li ġejjin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq ukoll sinerġiji fil-manifattura avvanzata bejn Stati Membri u istituzzjonijiet industrijali u tar-riċerka; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra safejn in-Netwerk Nazzjonali għall-Innovazzjoni fil-Manifuttura tal-Istati Uniti jista' jservi bħala mudell;

33. Jilqa' l-linja ta' azzjoni dwar il-grilji intelliġenti u jemmen li din tibbenefika mill-estensjoni fl-iskop tagħha u jiżdiedu aktar proposti; jirrakkomanda li xogħolha għandu wkoll jinkludi l-aspetti ta' infrastruttura adegwata tal-enerġija, ħażna u kapaċità ta' riżerva tal-enerġija msemmijin mill-Kummissjoni, bħal grilja tal-elettriku b'effiċjenza għolja b'interkonnetturi li tgħin fit-tlestija tas-suq intern għall-enerġija u kapaċi timmaniġġja sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħal enerġija mir-riħ kif ukoll infrastruttura diġitali ta' teknoloġija avvanzata;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi politika ta' raggruppamenti u netwerk ta' raggruppamenti fil-forma ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari fil-ktajjen tal-valur, bejn il-kumpaniji, il-fornituri, il-fornituri tas-servizzi, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka konnessi li wkoll jistimulaw ħolqien organiku ta' ragguppamenti "minn isfel għal fuq" biex iwieġbu għall-ħtiġijiet tan-negozju u/jew tar-riċerka; jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti raggruppamenti transnazzjonali, b'mod partikolari sabiex ikunu strutturalment integrati reġjuni aktar dgħajfa fil-katina tal-valur industrijali Ewropea, abbażi ta' kompetizzjoni fl-Unjoni kollha sabiex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi/reġjuni sottorappreżentati u tiżgura t-trasferiment tal-għarfien fil-komunitajiet tar-riċerka mill-Istati Membri kollha; jemmen li dan huwa aspett kruċjali li għandu jkun integrat fil-politiki industrijali reġjonali; josserva li l-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari biex tappoġġja raggruppamenti eżistenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timplimenta raggruppamenti dwar l-effiċjenza tar-riżorsi permezz tal-Pjan ta' Azzjoni ambjentali li jmiss għall-SMEs;

35. Jilqa' l-istrateġija għal teknoloġiji abilitanti essenzjali fejn l-UE għandha l-potenzjal li tikseb vantaġġ kompetittiv qawwi u l-potenzjal li żżidu minħabba l-bażi ta' riċerka b'saħħitha li għandha, però jemmen li hemm bżonn sforz akbar rigward l-isfruttament ta' riżultati sabiex jitwassal dan il-vantaġġ; jappoġġja l-azzjonijiet proposti biex jittejbu l-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-politiki u l-istrumenti, inklużi l-Orizzont 2020, il-BEI, il-Fondi Strutturali tal-UE u fondi pubbliċi u privati oħra; jilqa' l-inizjattivi li jsaħħu l-azzjonijiet speċifiċi għar-raggruppamenti relatati mal-KETs u ż-żieda fil-kooperazzjoni transreġjonali; jistieden lill-Kummissjoni tevita li tistabbilixxi għeluq għal konsorzji individwali jew kumpaniji individwali; josserva li l-iffinanzjar ta' infrastruttura ta' riċerka għandu jkun għall-benefiċċju u l-użu ta' bosta atturi;

36. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ in-netwerks ta' komunikazzjoni fuq l-eżempju tal-proġetti tal-bliet intelliġenti, permezz ta' kooperazzjoni bejn ir-reġjuni, l-ibliet u żoni lokali, sabiex jamministraw is-servizzi komuni, jipproduċu u jikkunsmaw l-enerġija b'mod effiċjenti, filwaqt li jinċentivaw interventi ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid tal-enerġija li jippromwovu, pereżempju, il-kostruzzjoni ta' bini b' teknoloġija avvanzata u konsum baxx ta' enerġija;

37. Josserva l-orjentazzjoni predominanti ta' "spinta teknoloġika" lejn il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Kummissjoni; jemmen li hemm bżonn ġenerali biex jissaħħu l-miżuri u l-attivitajiet ta' domanda tas-suq li jkunu jistgħu b'mod effettiv idaħħlu s-soluzzjonijiet fis-swieq;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tgħaqqad għodod ta' politika mil-lat tal-provvista mal-lat tad-domanda permezz tal-ħolqien ta' Shubija għal Innovazzjoni (bħal bliet intelliġenti, it-tixjiħ attiv jew il-materja prima) u l-iżvilupp ta' "suq pilota" bl-għan li ssir promozzjoni tal-adozzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda fis-suq li jissodisfaw il-bżonnijiet tas-soċjetà;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija li tiżgura li l-Ewropa tiġbed talenti barranin filwaqt li fl-istess ħin iżżomm relazzjonijiet mal-ogħla talenti Ewropej; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni mal-komunitajiet espatrijati mill-UE, filwaqt li jiġu mħeġġa jużaw l-għarfien u l-kuntatti tagħhom għal opportunitajiet ta' negozju fl-UE;

40. Huwa tal-fehma li l-inċentiv ta' forom ta' turiżmu sostenibbli marbuta mal-konsum ta' produzzjonijiet lokali jkun kapaċi jagħti spinta lill-irkupru ta' attivitajiet agrikoli u artiġjanali kif ukoll it-tixrid ta' intrapriżi żgħar fil-lokalitajiet u jista' jservi ta' mutur ekonomiku sinifikanti b'tali mod li jiffavorixxi l-irkupru ekonomiku, li fl-istess ħin jiżgura mmaniġġjar korrett tal-ambjent, protezzjoni tal-kulturi u salvagwardja tal-bniedem, il-prevenzjoni ta' żbilanċi idroġeoloġiċi;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

41. Iqis li x-xjenzi tal-ħajja huma settur strateġiku tal-Unjoni Ewropea minħabba l-potenzjal innovattiv tagħhom, ir-rwol tagħhom fil-produzzjoni industrijali Ewropea, l-importanza tagħhom f'termini ta' impjiegi diretti u indiretti li joħolqu u l-abbiltà tagħhom għall-esportazzjoni ta' prodotti barra l-UE;

42. Jemmen li sabiex tiżviluppa l-politika industrijali tagħha l-UE trid tagħmel għażliet politiċi u tikkonċentra l-isforzi tagħha fuq setturi strateġiċi li jindirizzaw l-isfidi soċjali filwaqt li jibnu fuq l-għarfien Ewropew; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, tiżviluppa aġenda strateġika għall-industrija Ewropea tax-xjenzi tal-ħajja kif spjegat fil-komunikazzjoni tagħha intitolata “Industrija Ewropea Aktar B'saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali”;

***It-tlestija tas-suq intern u l-ftuħ ta' swieq esterni għall-istrateġija RISE***

43. Jenfasizza li s-Suq Uniku Ewropew għandu rwol ċentrali bħala s-suq lokali għall-industrija Ewropea u li hemm bżonn ta' żvilupp ta' strateġija fis-suq intern xprunata mid-domanda sabiex tippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, b'hekk tgħin fil-ħolqien ta' swieq ġodda, mudelli ta' negozji u setturi industrijali; jenfasizza li dan huwa partikolarment pertinenti waqt il-pubblikazzjoni tar-riżultati tar-R&Ż fis-swieq; jenfasizza li regoli u standards prevedibbli fis-suq intern – applikati b'mod effikaċi fl-Istati Membri – jgħinu biex jipprovdu lill-kumpaniji bi prospettiva stabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jlestu b'urġenza s-suq uniku għall-prodotti, għall-enerġija, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, il-prodotti ekoloġiċi (kif stabbilit mill-Kummissjoni fl-inizjattiva tagħha) u l-kapital ta' riskju kif ukoll biex jiġi żgurat il-moviment ħieles tar-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija; jirrimarka li n-nuqqas ta' tlestija tas-suq intern huwa ostaklu għat-tkabbir u jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju biex tivvaluta l-impatt tal-kriżi fuq is-suq intern u tindirizza l-inugwaljanza tal-ispejjeż fl-UE li jistgħu jwasslu għal żvantaġġi għall-kumpaniji Ewropej meta mqabbla ma' kompetituri f'pajjiżi terzi; iwissi dwar il-periklu ta' tfixkil fil-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri fi ħdan it-territorju tal-UE minħabba l-frammentazzjoni tas-suq intern; jitlob lill-UE tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha fl-oqsma tal-liġi tax-xogħol u l-benefiċċji tat-taxxa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi l-użu tal-marka “Magħmul fl-Ewropa” biex issaħħaħ is-suq uniku u l-prodotti ta' oriġini Ewropea;

44. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa pjan ta' azzjoni orizzontali biex tagħti spinta lid-domanda għal prodotti u servizzi innovattivi; jistieden lill-Kummissjoni tippersisti fl-istudju tal-ħajja tal-prodotti sa mill-fażi ta' materja prima sal-fażi ta' riċiklaġġ, bil-għan li tavvanza 'l quddiem u tistabbilixxi parametri referenzjarji ta' effiċjenza għall-prodotti li jqisu l-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż u l-potenzjal ta' innovazzjoni;

45. Jenfasizza li l-akkwist pubbliku għandu jixpruna l-innovazzjoni; jirrimarka li l-akkwist pubbliku huwa parti integrali tal-politika industrijali tas-sħab fil-kummerċ tal-Unjoni Ewropea; jemmen li l-linji gwida tal-għajnuna mill-istat għandu jkollhom l-għan li jagħtu spinta lill-kompetittività industrijali tal-UE anke b'kont meħud tal-aħjar prattiki u eżempji tajba mis-sħab fil-kummerċ tal-UE, jippromwovu l-kooperazzjoni Ewropea u jkunu miftuħa għall-miżuri politiki li jtejbu l-innovazzjoni; jemmen li l-istandardizzazzjoni u l-ekotikkettar, kif ukoll ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji, inkluż għall-oġġetti importati, għandhom rwol importanti biex jagħtu spinta fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprijoritizza attivitajiet li jappoġġjaw l-istandardizzazzjoni u l-interoperabiltà għall-prodotti emerġenti ġodda, servizzi u teknoloġiji bħala pilastru għall-kompetizzjoni interna Ewropea u opportunitajiet ta' kummerċ internazzjonali;

46. Jirrikonoxxi li s-sorveljanza tas-suq hija pilastru kruċjali biex is-sigurtà u l-kwalità jkunu żgurati fi ħdan is-suq intern; jilqa' l-pakkett propost mill-Kummissjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti u s-sorveljanza tas-swieq, billi jenfasizza l-importanza li jista' jkollha l-indikazzjoni tal-oriġini, mhux biss għall-konsumaturi, imma wkoll fl-għan ta' politika kummerċjali, interna u esterna, aktar trasparenti; jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta s-saħħa u l-effikaċja tal-internet fil-ħidma tagħha dwar is-sorveljanza tas-suq, billi tippermetti lin-nies jipparteċipaw billi jipprovdu rispons ikkwalifikat dwar il-prodotti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-protezzjoni tal-konsumatur li tiffunzjona sew fl-Unjoni Ewropea;

47. Jenfasizza li t-tlestija tas-suq uniku diġitali hija element importanti fl-istrateġija industrijali tal-UE; itenni l-importanza għall-SMEs li jiddiġitalizzaw is-suq intern u l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku fis-suq intern; jemmen li s-suq diġitali u t-teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni joffru opportunità ta' żvilupp industrijali li għad irid jiġi sfruttat bis-sħiħ u li l-Ewropa għandha għarfien qawwi tiegħu; jenfasizza l-ħtieġa kbira tal-adattament tal-politika ta' standardizzazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-UE mal-iżviluppi tas-suq u tal-politika, li se jwasslu għall-kisba tal-għanijiet tal-politika Ewropea li teħtieġ l-interoperabilità bħan-negozju elettroniku, il-kummerċ elettroniku, it-trasport elettroniku ta' merkanzija u s-sistemi intelliġenti tat-trasport, eċċ.;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

48. Jenfasizza li t-tlestija tas-suq uniku diġitali għandu jkun element importanti fl-istrateġija industrijali tal-UE; jenfasizza li għandu jiġi applikat qafas regolatorju ekwivalenti lis-swieq online u offline sabiex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta u l-protezzjoni tal-konsumaturi;

49. Jilqa' r-rikonoxximent mill-Kummissjoni Ewropea ta' definizzjoni tal-industriji kulturali u kreattivi ta' kwalità għolja bħala settur ekonomiku li jkopri s-sezzjonijiet tas-swieq għal prodotti u servizzi ta' kwalità għolja u jirrifletti l-karatteristiċi speċifiċi bħad-dimensjoni kulturali u ta' kreattività tal-prodott jew tas-servizz, il-prestiġju tal-prodott, il-proprjetà intellettwali, il-kwalità tal-manifattura, id-disinn u l-innovazzjoni, u l-mod li bih il-prodotti u s-servizzi huma kkummerċjalizzati jew irreklamati; jistieden lill-Kummissjoni tagħraf in-natura speċifika ta' eċċellenza tal-professjonijiet fi ħdan l-industriji Ewropej, li jammontaw għal numru sostanzjali ta' impjiegi fl-Ewropa u li huma bbażati fuq erba' kriterji: il-kreattivita, l-eċċellenza, l-għarfien espert u t-tagħlim matul il-karriera;

50. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġja l-kompetittività tas-settur ta' kwalità għolja, li jammonta għal 3 % tal-PDG fl-UE u aktar minn 1,5 miljun impjieg dirett u indirett u jistedinha biex timplimenta miżuri li jindirizzaw ir-riskju ta' nuqqas ta' ħiliet fis-settur sabiex jitharsu l-metodi tal-produzzjoni u l-għarfien espert li huma speċifikament Ewropej;

51. Josserva li l-industrija tal-azzar Ewropea taħdem b'50 % tal-kapaċità tagħha u li l-produzzjoni Ewropea tal-azzar waqgħet b'25 % mill-2008;

52. Josserva li s-settur Ewropew tal-karozzi, li fl-2007 pproduċa 16-il miljun karozza, mhux se jirnexxilu jipproduċi 12-il miljun karozza fl-2013;

53. Iqis li, meta titqies il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali ta' bħalissa, l-investiment pubbliku u privat huwa essenzjali bħala parti mill-istrateġija ġenerali għat-tkabbir sostenibbli; jappoġġja, f'dan is-sens, ir-riforma globali fir-reġim tal-assistenza statali, permezz tal-applikazzjoni ta' approċċ b'bażijiet aktar soċjali u ekonomiċi u permezz ta' flessibilità akbar tar-regoli ta' kompetizzjoni kif stabbilit fl-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE; itenni l-importanza li jittieħed akkont akbar tal-kwalità u tal-effikaċja tan-nefqa pubblika.

54. Jenfasizza li l-politika industrijali għandha tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti tal-politika tal-kompetizzjoni sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jitrawmu swieq kompetittivi;

55. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tevalwa safejn ir-rifjut minn grupp li jopera globalment li jċedi sit li ddeċieda li jagħlaq lil grupp potenzjali ieħor jew entità pubblika għal użu pubbliku temporanju, huwa f'konformità mal-liġi tal-kompetizzjoni Ewropea;

56. Jieħu nota tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riforma tas-suq intern għall-prodotti industrijali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li dawn l-istandards relevanti jkunu kompatibbli mas-suq;

57. Jirrikonoxxi l-kampanja tal-Kummissjoni dwar regolamentazzjoni intelliġenti mfassla biex tnaqqas il-piżijiet lill-industrija mingħajr ma xxekkel l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni, li tinkludi l-valutazzjonijiet tal-impatti, il-verifika tal-kompetittività, il-kontrolli tal-adegwatezza u t-test tal-intrapriżi żgħar u medji, b'mod partikolari fir-rigward tal-intrapriżi mikro u l-intrapriżi żgħar u medji, u jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' stabbiltà regolatorja sabiex tinkoraġġixxi l-investiment; jemmen li piż burokratiku u politiki konfliġġenti huma ħafna drabi barriera biex tittejjeb il-kompetittività tal-kumpaniji industrijali u jqis li x-xogħol biex jitnaqqsu dawn il-piżijiet għandu jkun ta' prijorità fuq l-aġenda politka, u jistenna bil-ħerqa proposti mill-Kummissjoni dwar dan is-suġġett b'objettivi konkreti; jappoġġja l-koerenza regolatorja, l-approċċ regolatorju trasversali u l-prijoritizzazzjoni kif ukoll it-titjib fil-verifika tal-kompetittività li għandu jkun parti integrali u obbligatorja skont il-linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt; jistieden lill-Istati Membri jużaw it-test tal-intrapriżi żgħar u medji u tat-titjib tal-verifika tal-kompetittività fuq livell nazzjonali wkoll; jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tevalwa l-effett kumulattiv ta' leġiżlazzjoni fis-settur tal-azzar u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar il-metodoloġija kif ukoll tidentifika s-setturi l-oħra li jistgħu jibbeneffikaw minn dan l-approċċ;

58. Jinkoraġġixxi l-isfruttament ulterjuri tal-potenzjal tal-proċedura ta' notifika 98/34/KE, u jissuġġerixxi li l-Istati Membri jintroduċu l-verifika tal-kompetittività fil-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa fl-istadji tat-tfassil tal-proċessi leġiżlattivi nazzjonali, fil-qasam aktar wiesa' tat-'Test tas-Suq Uniku' li ntalab fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-governanza tas-Suq Uniku;

**L-Erbgħa 15 ta’ Jannar 2014**

59. Jitlob għall-implimentazzjoni rapida tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar sabiex ikunu appoġġjati l-intrapriżi żgħar u medji Ewropej; josserva l-importanza tan-Netwerk Enterprise Europe biex ikunu appoġġjati l-intrapriżi żgħar u medji fil-kummerċ transkonfinali fl-UE; jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġjati n-negozji ż-żgħar u jiġu mgħejjuna biex jinbidlu f’intrapriżi ta’ daqs medju u li l-intrapriżi żgħar u medji jinbidlu f’atturi akbar, sabiex il-kompetittività globali tagħhom tkun iffaċilitata wkoll; jiġbed l-attenzjoni għall-benefiċċju ekonomiku li jiġu żviluppati wkoll rabtiet bejn il-kumpaniji fl-istess settur, bħall-industrija tad-difiża, sabiex jiksbu ekonomiji ta’ skala u jaqsmu proġetti industrijali komuni;

60. Iqis aċċess tal-SMEs li jkun aħjar, aktar rapidu u jiswa anqas, għall-proċeduri tal-antidumping, bħala fundamentali biex jitħarsu b’mod aktar effettiv minn prattiki kummerċjali inġusti min-naħa ta’ sħab kummerċjali; jistieden lill-UE tqis dan il-punt meta tkun qed teżamina mill-ġdid l-istrumenti tagħha ta’ difiża kummerċjali;

61. Jistieden lill-UE ssaħħaħ il-produzzjoni industrijali tagħha billi tipprovdi informazzjoni aktar preċiża lill-konsumaturi, billi trendi obbligatorja l-ispeċifikazzjoni tal-provenjenza tal-prodotti tal-UE u ta’ prodotti importati minn pajjiżi terzi u billi tinforza r-rispett tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-ikel Ewropej fil-pajjiżi terzi;

62. Jenfasizza li l-iżvilupp teknoloġiku huwa settur sensittiv u vulnerabbli; jemmen li d-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali (DPI) huma komponent essenzjali ta’ ekonomija bbażata fuq l-għarfien u ta’ politika industrijali soda li jistgħu jrawmu l-innovazzjoni u r-riċerka, u jsaħħu l-industrija Ewropea; jilqa’ f’dan ir-rigward, il-ħolqien ta’ privattiva unitarja tal-UE u jistieden lill-Istati Membri jimplimentawha mingħajr dewmien; jemmen li l-proċedura li wasslet għall-ħolqien tagħha għandha tinżamm bħala eżempju tal-aħjar prattika fil-kuntest tat-tisħiħ tal-integrazzjoni aktar mill-qrib tal-industrija u s-suq intern; jinsab imħasseb li r-reġim attwali tad-DPI spiss ma jwettaqx il-missjoni tiegħu li jwassal għall-innovazzjoni; jemmen li żieda fit-trasparenza u prattiki ta’ ġestjoni u liċenzjar innovattivi jistgħu jġibu soluzzjonijiet tas-suq aktar rapidi; jilqa’, f’dan il-kuntest, ix-xogħol mibdi mill-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-protezzjoni tad-DPI, partikolarment biex jittrattaw b’mod determinat l-iffalsifikar u l-ispjunaġġ industrijali; jenfasizza li hemm bżonn ta’ strutturi ta’ governanza u fora ġodda għall-protezzjoni tad-DPI fil-livell internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi strateġija għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali fuq livell Ewropew;

63. Jenfasizza l-importanza tal-infurzar tad-DPI fl-ambjent fiżiku u f’dak diġitali għat-tkabbir u l-ħolqien ta’ impjiegi fl-industriji Ewropej; jilqa’, f’dan ir-rigward, ir-riforma li għadha għaddejja tas-sistema tal-marki kummerċjali tal-UE, li għandha l-potenzjal li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-marki kummerċjali online, offline u fis-suq intern kollu kemm hu;

64. Jappoġġja r-riforma attwali tas-sistema tal-liġi tal-marki kummerċjali li se tagħti spinta lill-protezzjoni tal-marki kummerċjali onlajn, offlajn u fis-suq intern kollu kemm hu u fil-qafas tal-kummerċ internazzjonali;

65. Jilqa’ l-għarfien tal-problema tal-“patent thickets” (massa kumplessa ta’ privattivi) u l-“patent ambushes” (“imbuskati” ta’ privattivi); jappoġġja l-emendar tas-sistema regolatorja biex jitrawmu arranġamenti ta’ liċenzjar reċiproku u ta’ pula ta’ privattivi favur il-kompetizzjoni;

66. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni li se tippermetti lill-kumpaniji Ewropej jimmanifatturaw mediċini ġeneriċi u bijosimili fl-UE waqt il-perjodu taċ-Ċertifikat Kumplementari ta’ Protezzjoni għall-Mediċamenti (ĊKP), wara li tkun skadiet il-protezzjoni tal-privattivi, bil-għan li jħejju għall-varar immedjat wara l-iskadenza taċ-ĊKP jew jesportaw lejn pajjiżi fejn ma hemm fis-seħħ l-ebda privattiva jew ĊKP; jemmen li tali dispożizzjonijiet jistgħu jgħinu sabiex tiġi evitata l-esternalizzazzjoni tal-produzzjoni u sabiex jitrawwem il-ħolqien ta’ impjiegi fl-UE, kif ukoll biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta’ kompetizzjoni bejn il-kumpaniji Ewropej u l-kompetituri tagħhom f’pajjiżi terzi;

67. Jenfasizza li r-relazzjonijiet esterni għandhom implikazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-ambitu tal-ftehimiet iffirmati taħt l-awspiċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u li, meta jkunu qed jiżviluppaw id-dimensjoni esterna tal-politika industrijali, l-UE u l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar pożizzjonijiet komuni sabiex jiżguraw li jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta’ kompetizzjoni fuq livell globali;

68. Jibed l-attenzjoni lejn il-fatt li fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tas-7 ta’ Frar 2013 bit-titolu “L-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur” ([1]), il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà impenjat ruħha li tiżviluppa u li tippromwovi riżorsi industrijali u teknoloġiċi għall-qasam taċ-ċibersigurtà;

([1]) JOIN(2013)0001 – 7.2.2013.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

69. Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej fis-suq dinji; jinnota l-importanza ta' strateġija tal-kummerċ tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' kompetizzjoni akbar min-naħa tas-sħab kummerċjali tal-UE, torganizza mill-ġdid il-politika tal-kummerċ tagħha biex tiżgura li l-politika tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni tal-Unjoni tkun kompatibbli mal-objettivi tal-politika industrijali Ewropea u li ma tipperikolax il-potenzjal innovattiv u kompetittiv tal-kumpaniji Ewropej; jitlob lill-Kummissjoni, flimkien mal-VP/RGħ, tiżviluppa strateġija għall-inklużjoni ta' uffiċċji għall-SMEs fil-missjonijiet tal-UE; jinnota li dawn l-uffiċċji għall-SMEs għandhom iqisu x-xogħol tal-kmamar tal-kummerċ u għandhom jintegraw il-lezzjonijiet meħuda miċ-ċentri tan-negozju Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni tagħhom b'appoġġ għall-kumpaniji Ewropej fis-swieq barranin; jistedinhom jagħtu prijorità b'mod partikolari lil strumenti maħsuba biex jgħinu lill-SMEs u biex jiċċentralizzaw l-informazzjoni għall-SMEs billi jistabbilixxu punti uniċi ta' servizz fl-UE kollha; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel it-test imtejjeb tal-kompetittività parti mill-valutazzjonijiet tal-impatt tal-ftehimiet ta' kummerċ u tal-impatt kumulattiv tagħhom;

70. Jinnota li kulma jmur l-ispejjeż ambjentali li ġġarrab l-industrija Ewropea qed iwasslu biex l-industrijalisti Ewropej jinvestu barra mill-Unjoni Ewropea;

71. Jenfasizza l-importanza ta' standards ambjentali u soċjali fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali u r-relazzjonijiet kummerċjali multilaterali sabiex jiġi stabbilit kummerċ ġust u ekwu u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali; jistieden lill-Kummissjoni, meta tkun qed tiffirma ftehimiet kummerċjali ġodda jew tirrevedi dawk eżistenti, tiżgura li l-operaturi kemm ġewwa u kemm barra mill-UE jiġu fuq livell indaqs; jenfasizza li l-UE għandha tieħu passi reali biex tqajjem kwistjonijiet ta' tgħawwiġiet speċifiċi li huma ta' ħsara għall-interessi industrijali Ewropej, u li għandha ddaħħal gradwalment il-prinċipju tar-relazzjonijiet kummerċjali reċiproċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku u ttejjeb il-kapaċità ta' rispons, ħwejjeġ li jistgħu jgħinu fil-ftuħ tas-swieq;

72. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-livell baxx tas-salarji u tal-protezzjoni ambjentali għadu element importanti ħafna tal-kompetizzjoni internazzjonali u li huwa neċessarju b'mod urġenti li jiġi segwit allinjament 'il fuq ta' dawn l-istandards sabiex l-UE tkun tista' verament tirriindustrijalizza; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tinnegozja impenji vinkolanti fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-protezzjoni tal-ambjent fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ma' pajjiżi terzi;

73. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni li jiġu mmodernizzati l-istrumenti ta' difiża kummerċjali tal-UE, li huma elementi kruċjali tal-politika industrijali; jittama li din il-modernizzazzjoni tkun tista' ttejjeb l-effettività tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għal dan il-għan, ma ddgħajjifx dawk l-istrumenti, la de jure u lanqas de facto, iżda għall-kuntrarju ssaħħaħhom sabiex tipproteġi l-impriżi Ewropej ta' kull daqs b'mod aktar effikaċi, u malajr kemm jista' jkun, kontra prattiki kummerċjali illegali jew inġusti;

74. Ifakkar fil-ħtieġa li, kulfejn dan ikun iġġustifikat miċ-ċirkostanzi, jintużaw l-istrumenti ta' difiża kummerċjali kontra pajjiżi li ma jirrispettawx ir-regoli tal-kummerċ internazzjonali jew il-kundizzjonijiet tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles konklużi mal-Unjoni, u jitlob li l-aċċess tal-SMEs għall-proċeduri tal-antidumping jiġi iffaċilitat, isir aktar malajr u irħas sabiex ikunu jistgħu jipproteġu ruħhom aħjar kontra l-prattiki inġusti;

75. Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol ewlieni mwettaq mir-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżgurar tal-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej fis-swieq dinjija u jenfasizza l-ħtieġa li l-kumpaniji Ewropej isiru kapaċi jantiċipaw aħjar il-ħtiġijiet tas-swieq ta' pajjiżi terzi sabiex iwieġbu għad-domanda dinjija;

76. Iqis li huwa essenzjali, bħala parti mill-isforzi biex tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-industrija tagħha, li l-UE tgħammar lilha nfisha bil-għodda biex:

— issegwi politika aktar attiva ta' antidumping u tieħu azzjoni xierqa b'reazzjoni, inter alia, għas-sussidji tal-esportazzjoni inġusti stabbiliti minn ċerti pajjiżi terzi,

— timplimenta politika ġenwina fir-rigward tar-rata tal-kambju li tħares l-interessi kummerċjali Ewropej,

— tiddefendi l-prinċipju ta' "kummerċ ġust", li huwa bbażat fuq ir-rispett reċiproku għal standards soċjali, ambjentali, kulturali u tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-kummerċ internazzjonali;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

77. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb b'mod sinifikanti l-valutazzjonijiet tagħha tal-ftehimiet kummerċjali, b'mod partikolari l-istudji dwar l-impatt li jsiru, billi tqis il-kwistjoni tal- kompetittività industrijali u twettaq studji ex-post, kif ukoll analiżijiet tal-effett kumulattivi tal-ftehimiet kollha li diġà huma konklużi jew li qed jiġu nnegozjati; jenfasizza l-importanza tal-impenn tas-Shubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) għar-realizzazzjoni tal-objettivi tar-riindustrijalizzazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi Ewropej, u li għandu l-potenzjal li jissimplifika u jżid l-esportazzjoni tal-prodotti industrijali Ewropej, itejjeb il-kompetittività tal-industrija billi jgħolli l-istandards internazzjonali tal-produzzjoni u jnaqqas il-ispejjeż tal-importazzjoni tal-materja prima u tal-materja pproċessata għall-kumpaniji tal-manifattura; jinsisti li t-TTIP, l-istess bħal fil-każ ta' ftehimiet kummerċjali oħra, għandha tinkludi kapitolu iffukat fuq tali kwistjonijiet tal-enerġija bħalma huma dawk li jistgħu jaffettwaw is-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni biex, permezz tat-tneħħija tat-tariffi, tagħmel possibbli aċċess aħjar għas-suq b'konnessjoni mas-servizzi u l-investimenti, issaħħaħ il-kooperazzjoni regolatorja, tiżgura t-titjib tar-regoli tal-akkwist pubbliku u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, u ssegwi dawn l-objettivi b'mod attiv fil-politika tal-kompetizzjoni u b'konnessjoni mal-enerġija u l-komoditajiet; jenfasizza l-bżonn li r-regolamenti jiġu simplifikati kif ukoll li l-piżijiet regolatorji u amministrattivi jitnaqqsu kif maħsub mit-TTIP, li għandha tiġu implimentata taħt il-konsiderazzjoni u l-protezzjoni stretti ta' standards soċjali u ambjentali għolja u tad-drittijiet tal-impjegati; jenfasizza l-fatt li l-konklużjoni eventwali tat-TTIP se toħloq il-prospett ta' spazju ekonomiku wiesa' li imbagħad isaħħaħ ir-relazzjonijiet tal-UE u jservi bħala multiplikatur għall-investiment dirett barrani (IDB) fl-UE;

78. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-eżempju tal-Istati Uniti li tippermetti lit-trejdjunjins iressqu lmenti kummerċjali, minħabba li t-tgħawwiġ tal-kummerċ jista' jolqot b'mod negattiv lill-industrija u għalhekk lill-ħaddiema u tipproponi miżuri simili għall-UE;

79. Jenfasizza li għandha tissaħħaħ il-katina tal-valur miżjud industrijali fl-Ewropa permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali ġodda, ta' ftehimiet ta' investiment ġodda u ta' ftehimiet ġodda dwar il-proprjetà intellettwali, jiġifieri li għandu jiġi diġà, f'dan ir-rigward, integrat orjentament strateġiku li jimxi mal-mandat li se jingħata;

80. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija ta' esportazzjoni Ewropea għar-riżorsi u t- teknoloġiji effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u servizzi korrispondenti li tinkludi d-diplomazija tal-istandardizzazzjoni biex jiġi żgurat li l-istandards Ewropej jiġu promossi fid-dinja kollha;

81. Jirrimarka li l-istandards u r-regolamenti tekniċi għandhom rwol kruċjali sabiex jiġi ggarantit li l-UE tkun fuq quddiem nett fis-setturi innovattivi, inklużi t-teknoloġiji ekoloġiċi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tistabbilixxi standards u regoli tekniċi internazzjonali fis-setturi innovattivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, ittejjeb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ewlenin – inklużi l-pajjiżi emerġenti – bil-ħsieb li jiġu stabbiliti standards u regoli tekniċi komuni;

***Finanzjament u Rinaxximent Industrijali***

82. Jirrikonoxxi l-eżistenza ta' limitazzjonijiet fuq is-self mill-banek u l-impatt negattiv tagħhom, b'mod partikolari fuq l-SMEs; jiddeplora l-fatt li dawn il-limitazzjonijiet jaffettwaw ukoll l-istrumenti ta' finanzjament ipprovduti mill-Unjoni Ewropea u jemmen li l-Kummissjoni għandha titlob lill-intermedjarji finanzjarji li huma responsabbli mill-amministrazzjoni ta' dawk l-istrumenti iressqu rapporti annwali; jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament fit-tul; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-robustezza u l-kredibilità tas-settur bankarju tal-UE permezz ta' Basel III, unjoni bankarja u l-MES; jenfasizza l-importanza tas-sħab internazzjonali tagħna li wkoll qed jimplimentaw ir-regoli ta' Basel III; jirrimarka li l-investimenti fl-industrijali huma investimenti fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-qafas leġiżlattiv u finanzjarju ħalli jagħmluh aktar ċar u aktar prevedibbli u b'hekk jinkoraġġixxu investiment fl-industrija;

83. Jemmen li jeħtieġ li jiġu investigati toroq alternattivi u kreattivi ġodda ta' finanzjament b'mod partikolari fir-rigward tal-finanzjament privat u l-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma; jinnota li l-promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju wkoll għandha rwol importanti f'dan ir-rigward u li l-litteriżmu finanzjarja għandu jiġi integrat fil-kurrikuli tal-iskejjel;

84. Jenfasizza l-importanza ta' riżorsi finanzjarji għall-kumpaniji li jkunu għadhom qed jiġu stabbiliti u l-SMEs sabiex l-intraprendituri jkollhom ir-riżorsi biex iġibu ideat innovattivi fis-suq;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

85. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li toħloq strumenti finanzjarji konġunti mal-BEI u jinnota li din l-inizjattiva ġiet approvata waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2013; jilqa' wkoll il-fatt li l-Kummissjoni u l-BEI kellhom il-ħsieb li lill-Kunsill Ewropew, qabel il-laqgħa tiegħu ta' Ottubru 2013, iressqulu rapport komprensiv dwar l-applikazzjoni tagħhom fejn jispjegaw l-objettivi kwantitattivi, l-istrumenti u kalendarju;

86. Jitlob lill-Kunsill, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-BEI, jispeċifika mingħajr dewmien il-parametri għad-disinn ta' dawn l-istrumenti bil-għan li jinkiseb effett ta' lieva importanti; jenfasizza li dawn l-istrumenti għandhom jibdew jaħdmu qabel it-tmiem tal-2013;

87. Jilqa' ż-żieda kapitali tal-BEI u l-linji gwida tiegħu li għadhom kif ġew ippubblikati marbuta ma standard ġdid tal-prestazzjoni fir-rigward tal-emissjonijiet (EPS) ta' 550 gramma ta' $CO_2$ kull kilowatt hour (g/kWh); jemmen li l-BEI jista' jgħin biex jittaffew il-problemi marbuta mal-frammentazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE; jitlob lill-BEI ikompli jinvestiga l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' kreditu mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-industrija; jistieden lill-BEI jimplimenta l-pjan tiegħu li jżid l-attività kreditizja fl-UE b'aktar minn 50 % bejn l-2013 u l-2015;

88. Jinnota li s-sussidarjetà thalli l-bieb miftuħ għal varjetà wiesgħa ta' politiki fiskali u self, kif ukoll arranġamenti ta' sissidju madwar l-Ewropa kollha;

89. Jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga kif is-suq tat-titoli abbażi ta' assi kif ukoll formuli alternattivi ta' finanzjament bis-superviżjoni prudenzjali xierqa jistgħu jiġu ingranati biex jiġi ffaċilitat il-finanzjament għall-SMEs; jinnota r-rwol li l-banek għall-iżvilupp tan-negozji u l-infrastruttura jista' jkollhom fl-investiment f'bonds koperti strutturati maħruġa mill-banek, billi jgħaqqdu tali investiment ma' żieda fl-objettivi ta' self lill-SMEs; jilqa' l-proposta ta' sħubiji ta' self privat lill-privat fejn kumpanija tal-assigurazzjoni u bank jingħaqdu sabiex jipprovdu selfiet għal perjodu qasir u fit-tul;

90. Jemmen li huwa importanti li jiġu mrawma mudelli ġodda ta' finanzjament innovattiv għall-SMEs, speċjalment b'potenzjal għoli ta' tkabbir; jiġbed l-attenzjoni lejn l-inizjattivi ta' finanzjament kollettiv (crowd-funding) u l-pjattaformi elettroniċi li qed jiffjorixxu għas-self fl-Ewropa u lejn il-benefiċċji finanzjarji u mhux finanzjarji li dan il-finanzjament iġib għall-SMEs u l-intraprendituri bħalma hu l- provvediment ta' finanzjament biex jingħata bidu għal negozju, il-validazzjoni ta' prodotti, feedback tal-konsumatur, u struttura stabbli u impenjata ta' parteċipazzjoni azzjonarja; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ komunikazzjoni dwar il-finanzjament kollettiv (crowd-funding); jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas regolatorju effettiv għall-finanzjament kollettiv (crowd-funding) fuq bażi ta' massimu ta' EUR 1 miljun għal kull proġett li jindirizza wkoll il-kwistjonijiet rigward il-protezzjoni tal-investitur; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra tagħmel fondi limitati disponibbli għal servizzi ta' finanzjament kollettiv (crowd-funding), kif diġà sar minn xi Stati Membri;

91. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-ħolqien ta' swieq tal-bonds lokali għall-SMEs sabiex jiġi pprovdut finanzjament fit-tul adegwat, b'mod partikolari fir-reġjuni bi problemi ta' kreditu; jemmen li swieq tal-bonds lokali bħalma hi l-Borża ta' Stuttgart jistgħu jservi bħala mudell potenzjali;

92. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp ta' banek tal-investiment nazzjonali għall-SMEs u tippermetti lil dawk eżistenti jespandu l-operazzjonijiet tagħhom fi Stati Membri oħra u jsiru involuti fil-finanzjament ta' proġetti 'il barra mill-fruntieri nazzjonali tagħhom, billi tfassal linji gwida bil-ħsieb li jingħeleb il-fenomenu mifrux tal-kriżi tal-kreditu;

93. Jemmen li l-ħlasijiet tard huma sors ta' instabbiltà u telf ta' kompetittività għad-ditti, b'mod partikolari għall-SMEs; ifaħħar lil dawk l-Istati Membri li implimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar il-ħlasijiet tard u jitlob li tiġi implimentata għalkollox tagħha fl-UE kollha; jemmen li l-għajnuna u l-istrumenti finanzjarji Ewropejli huma disponibbli isofru minn nuqqas ta' għarfien fost l-operaturi ekonomiċi, speċjalment l-SMEs; jitlob li fl-UE kollha jiġu stabbiliti punti uniċi ta' servizz li jiċċentralizzaw l-informazzjoni għall-SMEs dwar il-finanzjament Ewropew disponibbli; jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti netwerks ta' assoċjazzjonijiet intermedjarji ta' intraprendituri u b'għanijiet mhux għall-qligħ għall-finijiet li jiġu stabbiliti u jingħataw lill-SMEs appoġġ, konsulenza u selfiet, bil-ħsieb li tiġi żviluppata l-intraprenditorija;

94. Jemmen li l-kompetizzjoni tat-taxxa mhux ġusta bejn l-Istati Membri mhijiex adegwata għall-iżvilupp ta' IP Ewropew b'saħħtu;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

95. Huwa favur koordinament aħjar tas-sistemi tat-taxxa tal-kumpaniji fl-UE permezz tal-introduzzjoni ta' bażijiet tat-taxxa armonizzati;

96. Jistieden lill-Kummissjoni tipproduċi studju komprensiv tal-fatturi tal-kompetittività mhux marbuta mal-prezz ta' attivitajiet industrijali fit-territorju tal-Unjoni Ewropea (iż-żminijiet tal-kunsinna, il-privattivi, il-kwalità tal-prodotti, is-servizz ta' wara l-bejgħ, il-kwalità tan-netwerks tal-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u tal-informatika, eċċ), hekk kif imqabbl regolarment ma' dawk f'reġjuni oħra tad-dinja.; jitlob li l-Kummissjoni tmexxi analiżi li tibqa' għaddejja tal-kompetittività makro-ekonomika fl-Unjoni Ewropea, b'referenza partikolari għan-netwerks tal-infrastruttura tat-trasport, l-enerġija u l-informatika, u tipproduċi studji dwar il-finanzjament fit-tul għall-infrastruttura ġdida jew eżistenti li huwa meħtieġ bil-għan li l-Unjoni Ewropea tibqa' kompetittiva;

97. Jenfasizza l-importanza ta' netwerks ta' kapital ta' riskju u ta' investituri informali, b'mod partikolari għan-nisa; jitlob l-implimentazzjoni fil-pront tal-portal online tal-intraprendituri nisa; jilqa' l-appoġġ tal-UE għall-istabbiliment ta' netwerks ta' investituri informali u inkubaturi; jilqa' b'mod partikolari l-istabbiliment ta' faċilità ta' ekwità taħt Orizzont 2020 u COSME biex tiġi appoġġjata ż-żieda fil-kwantità u l-kwalità tal-provvista ta' kapital ta' riskju; jemmen li l-Fond Ewropew tal-Investiment għandu rwol kruċjali x'jiżvolġi fl-iżvilupp tas-swieq tal-kapital ta' riskju, b'mod partikolari għall-varar ta' teknoloġiji ġodda; jemmen li d-distinzjoni għal finijiet ta' taxxa bejn l-ekwità u d-dejn għandha titneħħa;

98. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-effetti multiplikaturi tal-unitajiet ta' kompetenzi ewlenin b'referenza għall-produzzjoni tagħhom, il-ħolqien tal-valur u n-netwerks ta' impjiegi fl-ekonomija kollha bħala ħaġa sħiħa; jikkunsidra li l-unitajiet ta' kompetenzi ewlenin mhumiex neċessarjament definiti mid-daqs tagħhom imma jissodisfaw firxa ta' kriterji, bħal pereżempju enfasi internazzjonali, ċertu sehem minimu mis-suq domestiku u globali, R&Ż intensivi u kooperazzjoni ma' netwerk kbir ta' impriżi; jikkunsidra li dan it-tip ta' studju jista' fuq kollox jiġbed l-attenzjoni lejn l-interdipendenza tan-negozji industrijali u l-SMEs, u b'hekk jinvalida ċerti sterjotipi fir-rigward tal-bażi industrijali tal-ipproċessar;

### *Nattiraw il-ħiliet u l-forza tax-xogħol għal Rinaxximent Industrijali*

99. Hu tal-fehma li, sa mill-bidu tal-kriżi, madwar 5 500 intrapriża industrijali Ewropea ġiet "ristrutturata", li rriżulta fit-telf ta' xi 2,7 miljuni ta' impjiegi;

100. Jenfasizza li l-proġett RISE huwa opportunità għal xogħol stabbli b'impjiegi tajbin u paga deċenti; jenfasizza s-sħubija indispensabbli mal-partijiet interessati, b'mod speċjali s-sħab soċjali, il-kmamar u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, fil-kuntest tal-integrazzjoni taż-żgħażagħ fil-forza tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw id-djalogu soċjali wkoll fi ħdan il-fergħat tal-industrija u d-ditti; jemmen li l-involviment tas-sħab soċjali fl-aktar stadju bikri possibbli fi kwalunkwe proċedura ta' leġiżlazzjoni jkun ta' benefiċċju kbir; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tippromwovi r-rwol tas-sħab soċjali fil-livell tagħha, filwaqt li tqis kif dovut id-differenzi bejn id-diversi sistemi nazzjonali; Jistieden lis-sħab soċjali jidħlu fi djalogu fil-livell tal-UE kulfejn ikun possibbli;

101. Jinnota li l-proġett RISE se jirrikjedi aċċess aktar u aħjar għat-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja, taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni universitarja li jkunu jgħoddu għall-ġejjieni, enfasi qawwija fuq l-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), b'mod partikolari għan-nisa, u appoġġ għall-intraprenditorija; jappoġġja l-inklużjoni ta' tali suġġetti fil-kurrikuli tal-iskejjel; jappoġġa l-iżvilupp ta' skemi ta' taħriġ u apprentistat marbuta max-xogħol u xibka ta' sikurezza soċjali adegwata flimkien ma' politika tat-tieni ċans; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-programmi u l-istrumenti tal-UE, bħalma huma Orizzont 2020 u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), għandhom iwettqu rwol importanti;

102. Jikkunsidra li l-appoġġ għal forza tax-xogħol ikkwalifikata huwa vantaġġ kbir għall-Ewropa u mutur maġġuri għall-iżvilupp tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-appoġġ għall-edukazzjoni, bil-għan li jinħolqu ċentri tar-riċerka li jkunu fuq quddiem nett tal-eċċellenza akkademika internazzjonalment;

103. Jemmen li l-innovazzjoni tal-post tax-xogħol, l-iżvilupp tal-kompetenzi, ħaddiema kreattivi u awtonomi u x-xogħol f'tim huma assi importanti kemm fil-prestazzjoni kemm soċjali kif ukoll ekonomika tal-kumpaniji; jenfasizza li d-demokratizzazzjoni tas-suq tax-xogħol, inkluża l-parteċipazzjoni attiva mir-rappreżentanti tal-persunal u t-trejdjunjins, għandha bżonn titwessa'; jistieden lill-Istati Membri jew lill-korpi reġjonali kkonċernati joħolqu qafas għat-taħriġ li jibqa' għaddej, kemm jekk bħala dritt individwali għat-taħriġ jew skemi oħra, li jiżgura li l-ġabra ta' ħiliet tagħhom tibqa' pass 'il

quddiem mid-domanda li kulma jmur qed tikber fis-settur u tkun adattabbli għal suq ġdid jew, fil-każ ta' ħaddiema li jispiċċaw żejda, tkun trasferibbli għal settur industrijali ieħor; jinnota li min iħaddem u l-ħaddiema għandhom responsabbiltà kondiviża fi-rigward tat-tagħlim tul il-ħajja; jinnota, barra minn hekk, li l-informazzjoni u l-konsultazzjoni fuq il-post tax-xogħol huma dritt fundamentali stabbiliti fit-Trattat;

104. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali settorjali kkonċernati sabiex tfassal tbassir għall-futur medju u għat-tul dwar il-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol, pereżempju billi jinħolqu kunsilli Ewropej tal-ħiliet industrijali;

105. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-ħiliet elettroniċi fil-livelli edukattivi kollha u permezz tat-tagħlim tul il-ħajja minħabba li l-iżviluppi tal-ICT jista' jkollhom, fuq perjodu ta' żmien twil, impatt kbir fuq industriji li qed jikbru fis-setturi bħall-effiċjenza enerġetika, l-ippjanar ambjentali, l-objettivi tas-sigurtà u kapaċitajiet ta' komunikazzjonijiet oħra (eż. sistemi tat-trasport effiċjenti u intelliġenti, sistemi ta' komunikazzjoni bejn persuni, bejn persuni u magni u bejn il-magni);

106. Jenfasizza li s-saħħa fl-inġinerija u t-teknoloġija tal-informazzjoni ttejjeb ir-reżiljenza fl-impjieg; jistieden lill-Istati Membri bl-appoġġ tal-Kummissjoni jikkunsidraw li jistabbilixxu miri nazzjonali biex iżidu n-numru ta' studenti li jistudjaw suġġetti tal-iSTEM; jemmen li l-ħolqien ta' pjattaformi STEM nazzjonali, reġjonali u Ewropej għall-iskambju tal-aħjar prattika bejn ir-reġjuni, l-universitajiet u l-industrija, jista' jkun ta' benefiċċju fl-istabbiliment ta' miri STEM; iqis ukoll li l-pjattaformi Ewropej, jekk stabbiliti, jistgħu jkunu importanti biex jipprovdu koordinazzjoni u kooperazzjoni għall-pjattaformi nazzjonali fil-livell Ewropew; jenfasizza li l-ħiliet bażiċi tal-ICT għandhom ikunu mrawma fl-iskejjel u programmi ta' taħriġ vokazzjonali f'dan il-kuntest;

107. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw il-mudell tal-Istati Uniti għall-istabbiliment ta' Fondi College-to-Career (C2C) biex jinħolqu sħubijiet bejn l-industrija u l-universitajiet sabiex jitħarrġu żgħażagħ għall-impjiegi fl-industriji emerġenti; jinnota l-pjanijiet għall-istabbiliment ta' "Kulleġġi Tekniċi Universitarji" mas-sħab fl-industrija, kif diskuss fir-Renju Unit;

108. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-mobilità volontarja fost iż-żgħażagħ, bil-promozzjoni ta' Erasmus għal Kulħadd u t-tneħħija tal-ostakli eżistenti għall-apprendistati, l-iskemi ta' taħriġ u t-tiroċinji transkonfinali, u bit-tisħiħ tal-portabbiltà tal-pensjonijiet u d-drittijiet tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali madwar l-UE; jenfasizza li l-programm "Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ", b'mod partikolari, għandu jkun estiż b'mod sinifikanti;

109. Jissuġġerixxi l-immobilizzar tal-istrumenti finanzjarji u leġiżlattivi kollha disponibbli biex titħeġġeġ ir-rilokazzjoni tal-ekonomija, u jitlob li jinħolqu ċentri ta' informazzjoni biex jissensibilizzaw l-imprendituri rigward il-vantaġġi taż-żamma jew ir-rilokazzjoni tal-attività tagħhom fl-Ewropa, billi it-tqassir tal-ktajjen tal-provvista jista' jwassal biex tiġi stabbilita provvista lokali ta' prodotti u għal effiċjenza akbar għas-settur tal-manifattura filwaqt li jiġu żviluppati opportunitajiet ta' impjieg lokali; iħeġġeġ biex l-EURES jiġi sfruttat b'mod effiċjenti kemm jista' jkun sabiex isir użu mill-ħiliet tal-Ewropej żgħażagħ li jkunu qed ifittxu l-impjiegi; jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-direttiva dwar is-servizzi b'mod aktar effettiv u jeliminaw id-dumping soċjali;

110. Jissottolinja li l-edukazzjoni hija rekwiżit bażiku u għandha tkun aċċessibbli għal kulħadd, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni mill-iskola primarja sal-università;

111. Jenfasizza l-ħtieġa li titnaqqas ir-rata ta' tfal li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, u jenfasizza li dawk li jispiċċaw l-iskola jeħtieġu opportunitajiet ta' kollokamenti għal taħriġ, bħalma hu l-każ tal-"Garanzija ta' Taħriġ" Awstrijaka;

112. Jilqa' d-deċiżjonijiet biex jiġu implimentati l-Garanzija taż-Żgħażagħ u l-ambizzjonijiet warajha kif ukoll ir-rieda tal-Istati Membri biex jallokaw il-finanzjament biex jittrattaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ; jilqa' l-promozjoni ta' Alleanza għall-Apprendistati; jenfasizza li f'ċerti Stati Membri l-apprendistati ma jiffurmawx, sa ċertu punt, parti integrali mill-politika tal-impjieg; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa indikaturi komuni tal-investiment soċjali, speċjalment rigward il-qgħad taż-żgħażagħ; jistieden lill-industrija tilgħab parti attiva fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żagħżagħ fuq il-livelli nazzjonali rispettivi u toffri impjiegi ta' kwalità jew skemi ta' taħriġ liż-żgħażagħ fejn ikun possibbli, u toħloq tiroċinji ta' kwalità b'paga deċenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu l-iskemi ta' apprendistati aktar attraenti għall-kumpaniji permezz ta' varjetà ta' miżuri;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

113. Jenfasizza li Stati Membri b'sistemi ta' taħriġ vokazzjonali b'saħħithom kellhom swieq tax-xogħol relattivament robusti waqt il-kriżi; jistieden lill-Istati Membri kollha jeżaminaw u jintroduċu sistemi bħal dawn flimkien mas-sħab soċjali u partijiet interessati oħra rilevanti bħall-kmamar; jieħu nota tal-isfida tal-kompatibilità li dejjem tiżdied tas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) u s-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment tal-Krediti (ECTS); jenfasizza wkoll l-importanza tal-kapaċità ta' tqabbil u l-kompatibbiltà dejjem akbar bejn id-diversi sistemi ta' taħriġ vokazzjonali nazzjonali sabiex tiġi ffaċilitata l-mobilità fis-suq tax-xogħol fil-kategoriji rilevanti tal-impjiegi;

114. Jinnota li l-iskejjel tal-edukazzjoni teknika sekondarja u s-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali jwettqu rwol essenzjali u jappoġġja l-inizjattivi tal-Kummissjoni li jappoġġjaw l-iskambji transkonfinali bejn l-Istati Membri;

115. Jemmen li t-tisħiħ tal-immaġni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandha ssir mhux biss b'enfasi fuq il-valur intrinsiku tagħhom iżda wkoll billi dawn jiġu marbutin ma' tranżizzjoni possibbli għall-edukazzjoni universitarja jew edukazzjoni ogħla oħra; jinnota li dan jeħtieġ ukoll li l-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja jiksbu klassifika ta' livell ogħla fl-oqfsa ta' kwalità nazzjonali mill-Istati Membri; jinnota l-importanza li jiżdiedu l-kompetenzi edukattivi sabiex tiżdied il-kwalità tal-iżvilupp tal-manifattura ġdida, anke permezz ta' azzjoni Ewropea ta' omoġenizzazzjoni tal-politiki għar-riżorsi umani li tibda mit-taħriġ bażiku;

116. Jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, ifasslu u jimplimentaw programmi ta' gwida vokazzjonali għaż-żgħażagħ f'dixxiplini xjentifiċi u teknoloġiċi sabiex jippromwovu l-iżvilupp ta' ekonomija vijabbli u sostenibbli, u miżuri ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ekoloġiċi u ambjentali, kemm permezz tas-sistema tal-edukazzjoni formali u kemm fil-qafas tal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet lokali u reġjonali;

117. Jemmen li l-iżvilupp ulterjuri tal-libertà tal-moviment għall-ħaddiema, bl-użu ta' strumenti bħar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali u t-taħriġ tul il-ħajja, b'mod partikolari għall-ħaddiema vulnerabbli, għandu potenzjal kbir biex itaffi n-nuqqas ta' persunal kwalifikat u biex jippromwovi t-tkabbir inklużiv;

118. Jistieden lill-Istati Membri jniedu faċilitajiet ta' mikrokreditu għaż-żgħażagħ sabiex jippromwovu l-intraprenditorija;

119. Jistenna li l-miżuri u l-azzjonijiet li ttieħdu biex jippromwovu l-intraprenditorija fil-livell Ewropew jew nazzjonali japplikaw għat-tipi kollha ta' intrapriżi, kooperattivi, negozji tas-snajja', professjonijiet liberali u intrapriżi tal-ekonomija soċjali;

120. Jenfasizza li RISE għandha tkun iggwidata mill-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali", sabiex ikunu żgurati kemm l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-post tax-xogħol kif ukoll kundizzjonijiet ugwali għal impjegati fuq tipi differenti ta' kuntratt;

121. Jindika li kull sena, in-nisa jirrappreżentaw aktar min-nofs tal-għadd ta' gradwati minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fl-Ewropa; jisħaq fuq l-impatt pożittiv li jista' jkollhom il-ħiliet tan-nisa kwalifikati fuq l-impriżi, partikolarment, għat-tkabbir, il-produttività u l-kompetittività tal-industrija Ewropea; f'dan ir-rigward, jistieden lill-partijiet interessati fl-oqsma ekonomiku, edukattiv u soċjali, u lill-Kummissjoni, biex jippromwovu u jsaħħu r-rwol tan-nisa fis-setturi industrijali fl-Ewropa;

122. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi evitat l-iżbilanċ tradizzjonali bejn is-sessi fl-industrija; iqis li huwa importanti li jingħeleb l-iżbilanċ sabiex kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol, partikolarment minħabba l-isfidi demografiċi li taffaċċja l-UE;

123. Jirreferi għar-rwol importanti tal-ħaddiema nisa f'RISE; jenfasizza li l-assenza tal-perspettivi tas-sessi fil-politiki industrijali żżid l-inugwaljanza bejn is-sessi; iqis li huwa importanti li jingħeleb l-iżbilanċ tas-sessi preżenti sabiex kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol, abbażi tal-prinċipju ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-ħaddiema nisa mhumiex sottorappreżentati jew esklużi minn taħriġ, proġetti u programmi dwar it-trasformazzjoni ekoloġika u jenfasizza l-bżonn li jiġu integrati l-kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi; jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri li jwasslu għal bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol sabiex jimmassimizzaw l-opportunitajiet lin-nisa biex ikun hemm progress kontinwu u regolari fil-karriera;

124. Jinnota li t-trasformazzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mhux biss se toħloq impjiegi ġodda f'setturi ekonomiċi ġodda iżda tista' twassal ukoll għal telf tal-impjiegi f'attivitajiet inqas sostenibbli; jirrakkomanda, f'dan il-kuntest, li l-għodod għall-antiċipazzjoni f'waqtha tal-bidla jiġu stabbiliti u msaħħa sabiex jiggarantixxu tranżizzjoni mingħajr xkiel minn impjieg għall-ieħor;

125. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u tippromwovi s-sett ta' għodod għal politika tal-kumpanija sostenibbli (li jinkludi responsabbiltà soċjali korporattiva, rappurtar ta' sostennibbiltà, azzjonijiet biex jiġu promossi mudelli li jipproduċu emissjonijiet ta' karbonju baxx jew skart baxx);

126. Jenfasizza l-importanza tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanija, għodda ewlenija għal politika kummerċjali attenta għall-użu effiċjenti tar-riżorsi naturali, għall-aspetti soċjali dwar ir-relazzjonijiet mal-komunità, mal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom, mal-aspetti ekonomiċi dwar il-ġestjoni korretta tal-kumpanija;

127. Jistieden lill-Istati Membri, fi djalogu mas-sħab soċjali u l-partijiet interessati rilevanti, biex jikkunsidraw politiki biex is-sigħat tax-xogħol ikunu aktar flessibbli meta jkun hemm tnaqqis fir-ritmu ekonomiku;

128. Jipproponi li fl-aġenda ta' summit soċjali bi tliet partijiet għat-Tkabbir u l-Impjiegi previst mill-Artikolu 152 tat-TFUE, jiġi inkluż is-suġġett tal-inklużjoni tal-konverġenza tal-istandards soċjali minimi fil-katina tal-prezzijiet ta' kemm iqumu l-prodotti;

***Politika tar-riżorsi u tal-enerġija għal rinaxximent industrijali***

129. Jenfasizza l-fatt li r-riżorsi u l-enerġija huma ċentrali għal RISE, minħabba l-fatt li huma kruċjali għall-kompetittività internazzjonali; jenfasizza li d-disponibbiltà tal-materja prima hija ta' importanza kruċjali għall-possibbiltajiet ta' żvilupp tal-industrija Ewropea u jwissi li, mingħajr ċerta materja prima importanti, il-biċċa l-kbira tal-industriji strateġiċi Ewropej mhux se jkunu jistgħu jiżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod attiv jieħdu miżuri kontra spejjeż eċċessivi fil-qasam tar-riżorsi u l-enerġija; jappoġġja approċċ trijangolari ta' affordabbiltà-sostenibbiltà-aċċessibbiltà għat-tnejn li huma, li jinsisti fuq it-tliet dimensjonijiet kollha msemmija filwaqt li għandu bħala għan id-diżakkoppjament tat-tkabbir miż-żieda fl-użu tar-riżorsi; jenfasizza l-importanza tal-iżgurar ta' suq tal-enerġija kompetittiv u trasparenti li jevita l-iżbilanċi bejn l-Istati Membri u li jiffaċilita l-aċċess faċli għal enerġija sikura, sostenibbli, affidabbli u bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd; Jinnota l-bżonn ta' strateġija li tiffaċilita l-integrazzjoni tas-suq Ewropew tal-enerġija u l-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-enerġija;

130. Jilqa' l-Inizjattiva Ewropea tal-Materja Prima (RMI), is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar materja prima u l-pjan strateġiku ta' implimentazzjoni tagħha, kif ukoll il-Pjan Direzzjonali dwar l-Effiċjenza fir-Riżorsi; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-iskarsezza tar-riżorsi għal riżorsi kruċjali bħall-ilma u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem fuq l-istrateġija tal-materja prima tagħha fuq it-tliet pilastri tas-sħubijiet u l-kummerċ internazzjonali, tal-provvista tal-materja prima fl-UE, u l-effiċjenza, ir-riċiklar u l-użu mill-ġdid tar-riżorsi; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi l-għanijiet tal-politika tal-iskart fis-Semestru Ewropew u fir-rakkomandazzjonijiet skont il-pajjiż u l-programmi nazzjonali ta' riforma; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa ulterjorment il-parametri referenzjarji settorjali għall-effiċjenza fir-riżorsi, b'mod partikolari għal finijiet ta' akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni biex tintegra strateġija 3R (Reduce, Re-use, Recycle (Naqqas, Erġa' uża, Irriċikla)) u biex tistudja bir-reqqa proposti li jfittxu l-limitazzjoni ta' materja prima importanti; jenfasizza l-importanza ta' skema ta' ċertifikazzjoni globali għar-riċiklaġġ tal-ewwel trattament ta' skart perikoluż u għal materjali ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE); jirrimarka li f'xi Stati Membri jeżistu skemi ta' ġbir u riċiklaġġ rilevanti; jinnota li l-industriji estrattivi Ewropej għandhom fost l-ogħla standards fid-dinja u jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa fi żmien sentejn il-proposta biex jiġi stabbilit Istitut Ġeoloġiku Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ b'miżuri li jfittxu li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-għoti ta' liċenzji għall-estrazzjoni ta' materja prima fl-UE; jistieden lill-Istati Membri, l-industrija, l-istituti ġeoloġiċi u l-Kummissjoni biex jikkooperaw fl-immappjar tal-postijiet fejn tinsab il-materja prima;

131. Jenfasizza l-potenzjal tal-użu ta' ekonomija bbażata aktar fuq il-bijoloġija, peress li l-materja prima, pereżempju mill-foresti, jista' jkollha rwol importanti fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u fil-produzzjoni industrijali sostenibbli;

132. Jitlob għall-implimentazzjoni rapida tad-direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali bl-appoġġ ta' inċentivi finanzjarji xierqa; jitlob il-ħolqien ta' eżenzjoni sħiħa għall-iskemi kollha tal-effiċjenza enerġetika li l-Kummissjoni Ewropea ġiet innotifikata dwarha bħala parti mill-pjanijiet ta' azzjoni għall-effiċjenza enerġetika tal-Istati Membri; jemmen li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġiji ambizzjużi partikolarment biex jirrinnovaw l-istokk tal-bini eżistenti skont standards komuni stabbiliti; jenfasizza li strumenti finanzjarji jistgħu iħeġġu aktar aġenda ta' effiċjenza; jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem favur kriterji ta' appoġġ kosteffiċjenti għall-enerġija rinnovabbli; jisħaq fuq

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

il-fatt li provvista tal-enerġija affidabbli, sikura u li wieħed ikun jista' jaffordja hija essenzjali għall-kompetittività tal-industrija Ewropea; jisħaq fuq l-importanza ta' objettivi tal-klima ċari u fuq tul ta' żmien twil biex l-impriżi jkunu permessi jinvestu, partikolarment fl-industriji ħodor u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipproponi qafas legali u stabbli ta' azzjoni fuq tul ta' żmien medju u twil għall-politika tal-enerġija u tal-klima Ewropea sal-2030 sabiex jitħeġġeġ l-investiment fit-tnaqqis tal-karbonju, l-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli;

133. Jinnota li l-UE hija l-unika li għandha skema tal-kwoti tal-emissjonijiet u li, barra l-pajjiżi tal-UE, in-numru tal-pajjiżi li għadhom jaderixxu mal-Protokoll ta' Kyoto naqas b'inqas minn sitt pajjiżi li lanqas biss jirrappreżentaw 15 % tal-emissjonijiet globali tas-CO2, l-Unjoni Ewropea inkluża;

134. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija industrijali għall-enerġiji rinnovabbli li tkopri l-firxa sħiħa ta' attivitajiet ta' riċerka, inkluż il-finanzjament, sabiex ikun żgurat li tinżamm il-pożizzjoni ewlenija tal-UE fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli;

135. Iqis li l-industrija Ewropea, kif ukoll il-konsumaturi individwali, jistgħu jibbenefikaw minn infrastruttura tal-enerġija modernizzata bħalma huma l-grilji intelliġenti li jistgħu jgħinu biex jiġi massimizzat il-potenzjal enerġetiku indiġenu u biex jiġu integrati b'mod sħiħ is-sorsi rinovabbli fil-provvista tal-enerġija;

136. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li jkun hemm qafas stabbli għall-provvista tal-enerġija fid-deċennji li ġejjin, biex b'hekk tiġi ggarantita s-sigurtà tal-investimenti u jiġu żgurati miżuri biex tissaħħaħ il-kompetittività sostenibbli;

137. Jiġbed l-attenzjoni għall-iżviluppi attwali fil-prezzijiet tal-enerġija fid-dinja, li huma assoċjati mar-riżorsi mhux konvenzjonali ta' żejt u gass fl-Istati Uniti kif ukoll fil-Lvant Nofsani, u jinnota li prezzijiet tal-enerġija għoljin huma fattur importanti li jaffettwa l-kompetittività tal-industriji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi pprovduta analiżi tal-fatturi li jinfluwenzaw il-prezz tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis dan bħala magħmul fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha meta tfassal proposti futuri; jenfasizza li RISE jeħtieġ koerenza bejn il-politiki industrijali, tal-enerġija u tal-klima; jinnota li t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija fl-Istati Uniti ppermetta investimenti industrijali addizzjonali; jirreferi għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament dwar tali investimenti; jenfasizza r-rwol ferm importanti tal-industriji li jużaw ħafna enerġija, li jipproduċu materja bażika essenzjali; jenfasizza li dawn l-industriji huma suġġetti għar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju u li prekawzjonijiet speċjali huma għalhekk bżonnjużi biex jinżammu kompetittivi; jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq rakkomandazzjonijiet li jevitaw ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju;

138. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kummissjoni ma tennitx l-aderenza tagħha mal-prinċipju ta' prekawzjoni fir-rigward tas-setturi li jużaw teknoloġiji li ma wrewx li huma ħielsa mir-riskji;

139. Jenfasizza li l-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Ewropa qed iħallsu l-ogħla prezzijiet tal-gass fl-Ewropa, u b'hekk dan iħalli lill-industriji, b'mod partikolari l-industriji li jużaw ħafna enerġija, fi żvantaġġ kompetittiv filwaqt li jiżdied ukoll ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju;

140. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jerġgħu jikkunsidraw il-kundizzjonijiet għal kuntratti tal-enerġija fuq tul ta' żmien twil u jirrevedu l-kuntratti tal-gass ibbażati fuq mekkaniżmi ta' pprezzar tal-indiċjar taż-żejt u jersqu lejn ipprezzar aktar ibbażat fuq ċentri ta' attività b'kompetizzjoni akbar fis-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni biex tgħin ħalli jiġu skopruti possibilitajiet ta' negozjar mill-ġdid għal dawk il-kuntratti u tiġi ffaċilitata tranżizzjoni lejn alternattivi aktar flessibbli; b'hekk jissaħħu l-miri għal aċċess aħjar għall-gass għall-Istati Membri kollha;

***Strateġija RISE reġjonali b'attenzjoni partikolari fuq in-Nofsinhar tal-Ewropa***

141. Jappoġġja approċċ ta' politika industrijali multireġjonali li jagħti spinta lit-tkabbir sostenibbli fl-ekonomiji li qed jiċkienu u lil dawk l-aktar esposti għal riskji sinifikanti għall-bażi industrijali tagħhom; jinnota l-bżonn urġenti li jiġu implimentati miżuri ta' appoġġ għal dawk is-setturi industrijali l-aktar affettwati mill-kriżi u mill-kompetizzjoni internazzjonali; jappoġġja strateġija ta' valur miżjud għoli fl-integrazzjoni tal-ekonomiji reġjonali, speċjalment l-ekonomiji tan-Nofsinhar, f'katini ta' valur dinji; jemmen li l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti huma b'mod partikolari rilevanti f'dan il-kuntest u li s-saħħiet industrijali eżistenti jeħtieġ li jkunu promossi permezz ta' żieda fl-innovazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni; jemmen li b'mod parallel mal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi, hija meħtieġa strateġija ta' investiment għan-Nofsinhar;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

142. Jenfasizza li jrid jittejjeb is-self fl-Istati Membri fi kriżi u jsostni li jista' jiġi introdott programm ta' mikrokreditu ffinanzjat mill-BEI jew banek nazzjonali ta' żvilupp li jippermetti li l-SMEs jipproċessaw l-ordnijiet;

143. Jinnota li numru ta' reġjuni huma affettwati mill-pożizzjoni periferika tagħhom u li n-nuqqas ta' infrastrutturi xierqa u konnessi sew jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jkunu kompetittivi fis-suq intern u barra mill-Unjoni; jinnota li din hija partikolarment importanti għal ċerti żoni tan-Nofsinhar tal-Ewropa iżda li oħrajn bħaż-żoni tal-Lvant u tat-Tramuntana tal-Ewropa – fejn tinsab parti kbira mir-riżorsi naturali tal-Unjoni – ukoll jeħtieġu li jkunu kollegati aħjar mal-bqija tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi integrazzjoni infrastrutturali Ewropea sħiħa, speċjalment tal-ekonomiji tan-Nofsinhar, b'mod partikolari tal-ferrovija, l-enerġija u l-ICT, u jenfasizza l-ħtieġa li l-faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tingħata direzzjoni f'dan is-sens; jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropew u lill-Istati Membri biex jiggarantixxu livelli xierqa ta' finanzjament u proċeduri burokratiċi simplifikati sabiex itejbu l-PPP, il-finanzjament tal-proġetti u l-bonds tal-proġetti; jiddeplora l-fatt li l-Peninsula Iberika mhijiex integrata għal kollox fis-suq tal-ferroviji Ewropew u li, flimkien ma' partijiet tal-Ewropa tan-Nofsinhar u tal-Lvant, mhijiex integrata fis-suq tal-enerġija Ewropea;

144. Jindika li r-reġjuni tan-Nofsinhar għandhom potenzjal kbir għall-iżvilupp tas-settur strateġiku tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli; jitlob miżuri li jistimulaw is-swieq f'dawn ir-reġjuni, inklużi azzjonijiet li jinkoraġġixxu l-mikroġenerazzjoni mill-impriżi li jixtiequ jipproduċu l-elettriku tagħhom stess u jbiegħu l-enerġija li tifdal fil-grilja;

145. Jenfasizza li ż-żieda fid-diversità tal-provvista tal-enerġija u l-użu ta' riżorsi indiġeni, inkluża l-enerġija rinnovabbli, jista' jkollhom rwol sinifikanti fit-tixtil tal-ekonomiji tan-Nofsinhar; jinnota li l-pajjiżi tan-Nofsinhar jiddependu ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija, f'ċertu każijiet minn fornitur wieħed;

146. Jisħaq fuq l-importanza tal-infrastruttura tal-ICT, b'mod partikolari soluzzjonijiet flessibbli u mobbli, biex tippermetti li l-industrija tiżviluppa wkoll f'reġjuni periferali u b'popolazzjoni baxxa;

147. Jenfasizza l-importanza ta' mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u tar-replikazzjoni tas-suq; jilqa' proposti biex tiżdied il-kooperazzjoni, is-simbjożi industrijali u jiġu żviluppati netwerks ta' servizzi ta' konsulenza dwar l-effiċjenza fir-riżorsi; jemmen li l-isforzi għas-simbjożi industrijali jistgħu jgħinu sabiex jinħolqu aktar valur u effiċjenzi; jinnota li l-mudell tas-simbjożi industrijali tar-Renju Unit jista' jservi bħala mudell għal Stati Membri oħra;

148. Jenfasizza li t-trasformazzjoni ta' impriżi tal-kapital f'kooperattivi rnexxiet f'xi reġjuni u dan jiżgura b'mod effettiv approċċ aktar fit-tul, li jankrahom fl-ekonomija lokali u jagħtihom sehem fl-iżvilupp sostenibbli lokali; jinnota li l-kooperattivi jirrappreżentaw realtà ekonomika importanti fl-UE, fejn aktar minn 160 000 impriża kooperattiva huma l-proprjetà ta' 123 miljun membru inkluż aktar minn 50 000 impriża kooperattiva fl-industrija u s-servizzi li jipprovdu impjiegi għal 1,4 miljun persuna u jikkontribwixxu bħala medja madwar 5 % tal-PDG ta' kull Stat Membru; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-mudelli tan-negozju adottati mill-kooperattivi għandhom jiġu kkunsidrati wkoll u li l-ispeċifiċitajiet tagħhom għandhom jingħataw kunsiderazzjoni fil-politiki rilevanti tal-UE;

149. Jemmen li l-ekonomiji tal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Ewropa jistgħu jibbenefikaw mis-swieq tal-esportazzjoni u huma b'mod partikolari strateġikament pożizzjonati għal swieq fin-Nofsinhar tal-Mediterran, filwaqt li l-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant jistgħu jibbenefikaw b'mod simili mis-swieq tal-esportazzjoni ġodda fil-pajjiżi tal-Commonwealth ta' Stati Indipendenti (CIS); jitlob biex jintlaqa' spirtu ta' intraprenditorija, u għall-migranti min-Nofsinhar u l-Lvant tal-Ewropa biex joħolqu negozji li jistgħu jaċċessaw dawk is-swieq tal-esportazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw relazzjonijiet intraprenditorjali bejn in-Nofsinhar u t-Tramuntana tal-Mediterran; jilqa' wkoll il-missjonijiet għat-tkabbir tal-Viċi President Tajani; huwa tal-fehma li enfasi ikbar fuq il-qawwiet industrijali reġjonali u l-clusters tista' tfisser żieda fil-kompetittività għall-iżvilupp strutturali tal-Ewropa; jitlob li dan jiġi kkunsidrat b'mod deċiżiv fl-iżvilupp istituzzjonali u strutturali Ewropew ulterjuri;

150. Huwa tal-fehma li enfasi ikbar fuq il-qawwiet industrijali reġjonali u l-clusters tista' tfisser żieda fil-kompetittività għall-iżvilupp strutturali tal-Ewropa; jitlob li dan jiġi kkunsidrat b'mod deċiżiv fl-iżvilupp istituzzjonali u strutturali Ewropew ulterjuri;

o

o o

151. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0036

## Tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni ta' prodott tal-qamħirrum ġenetikament modifikat biex isir reżistenti għal ċerti pesti lepidotteri

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' prodott tal-qamħirrum (Zea mays L., il-linja 1507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta' ħsara lepidopterani (2013/2974(RSP))**

(2016/C 482/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' prodott tal-qamħirrum (*Zea mays* L., il-linja 1507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta' ħsara lepidopterani (COM(2013)0758),

— wara li kkunsidra l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' prodott tal-qamħirrum (*Zea mays* L., linja 1507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta' ħsara lepidopterani (D003697/01), sottomessi għal votazzjoni fil-kumitat imsemmi fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/18/KE tal-25 ta' Frar 2009,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tagħha,

— wara li kkunsidra l-votazzjoni fil-kumitat imsemmi fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/18/KE dwar il-qamħirrum 1507, fil-25 ta' Frar 2009, fejn ma ngħatat l-ebda opinjoni ,

— wara li kkunsidra s-sitt opinjonijiet xjentifiċi dwar il-qamħirrum 1507 mogħtija mill-Bord tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar l-Organiżmi Ġenetikament Modifikati, mill-2005 sa Novembru 2012,

— wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 365/2013 tat-22 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva glufosinat ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ambjent dwar l-organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) adottati fl-4 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' Lulju 2011 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OMĠ fit-territorju tagħhom ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Ewrobarometru 345 dwar ir-riskji relatati mal-ikel ([4])

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Is-Seba' Awla) tas-26 ta' Settembru 2013 dwar l-applikazzjoni għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent tal-qamħirrum 1507 (Każ T-164/10) ([5]),

([1]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 111, 23.4.2013, p. 27.
([3]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 350.
([4]) http://www.efsa.europa.eu/en/factsheet/docs/reporten.pdf
([5]) http://curia.europa.eu/juris/document/document_print.jsf?doclang=EN&text=&pageIndex=0&part=1&mode=lst&docid=142241&occ=first&dir=&cid=127901

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5(5) u 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 88(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2001/18/KE jindika li deċiżjoni dwar ir-rilaxx intenzjonat ta' organiżmu ġenetikament modifikat (OĠM) għandu jkollha l-istess informazzjoni bħalma speċifikat fl-Artikolu 19(3);

B. billi l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2001/18/KE jindinka li l-kunsens bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 18 għandu, fil-każijiet kollha, jispeċifika b'mod espliċitu, inter alia, il-kundizzjonijiet għall-protezzjoni ta' ekosistemi/ambjenti u/jew żoni ġeografiċi partikolari;

C. billi din l-indikazzjoni hija nieqsa fil-proposta tal-Kummissjoni;

D. billi l-votazzjoni fil-kumitat permanenti nhar il-25 ta' Frar 2009 dwar proposta tal-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni ma tat l-ebda opinjoni; billi sitt Stati Membri biss ivvutaw favur il-proposta, filwaqt li 12 ivvutaw kontra u sebgħa astjenew;

E. billi, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), u sabiex il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni mmodifikat il-proposta b'mod sostanzjali, pereżempju fir-rigward tar-regoli tat-tikkettjar, tas-sorveljar u tal-prattiki spjegati fil-pjan ta' ġestjoni tar-reżistenza tal-insetti;

F. billi l-modifikazzjonijiet mqabbla mal-verżjoni li ġiet ivvutata fil-kumitat permanenti fil-25 ta' Frar 2009 jinkludu t-tħassir tar-referenzi għall-karatteristika tolleranti għall-glufosinat li għandu l-qamħirrum 1507 , u d-dħul tar-rekwiżit li l-operaturi jiġu infurmati biex ma jużawx il-prodott "mal-erbiċidi tal-glufosinat bi kwalunkwe mod differenti mill-prattiki konvenzjonali mal-qamħirrum li mhux tolleranti għall-glufosinat";

G. billi l-proposta modifikata ma kinitx diskussa mal-esperti tal-Istat Membru jew ivvutata fil-kumitat permanenti, iżda ġiet riferuta direttament lill-Kunsill tal-Ministri;

H. billi s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Settembru 2013 dwar l-applikazzjoni ta' Pioneer Hi-Bred International għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent tal-qamħirrum 1507 ma tipprevenix lill-Kummissjoni milli tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha u tippreżenta proposta ġdida lill-kumitat permanenti, flimkien ma' Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, li tirrakkomanda li l-qamħirrum 1507 ma jiġix awtorizzat;

***Valutazzjoni ta' riskju tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel***

I. billi, wara l-votazzjoni fil-kumitat permanenti, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, fuq talba tal-Kummissjoni, ipproduċiet tliet opinjonijiet xjentifiċi li jaġġornaw il-valutazzjonijiet tar-riskju u r-rakkomandazzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju li kienet għamlet qabel;

J. billi, fl-opinjoni tagħha ta' Frar 2012, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel b'mod espliċitu ma qablitx mal-konklużjoni tal-applikant li l-istudju ċċitat mill-applikant ta evidenza adegwata li l-qamħirrum 1507 iqiegħed riskju negliġibbli għall-lepidoptera mhux fil-mira fl-UE, iżda minflok gibed l-attenzjoni għall-fatt li friefet u baħrijiet sensittivi ħafna mhux fil-mira jistgħu jkunu f'riskju meta esposti għall-għabra tad-dakra tal-qamħirrum 1507 ([2]);

K. billi t-tossina Bt prodotta mill-qamħirrum 1507, Cry1F, hija differenti mit-tipi ta' tossina Bt tas-soltu, u wriet li għandha effetti differenti fuq il-lepidoptera mhux fil-mira; billi ftit saru studji fir-rigward tal-proteina Cry1F, u ma sar l-ebda studju dwar l-effetti tagħha fuq l-ispeċijiet akkwatiċi jew l-organiżmi tal-ħamrija; billi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tafferma li l-ammont ta' proteina Cry1F fl-għabra tad-dakra tal-qamħirrum 1507 huwa madwar 350 darba aktar mill-kontenut tal-proteina Cry1Ab li jinsab fl-għabra tad-dakra tal-qamħirrum MON 810 ([3]);

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([2]) http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/2429.htm
([3]) http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/2429.pdf

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

L. billi Pioneer irrifjutat, wara talba mill-Kummissjoni, li tirrevedi l-applikazzjoni tagħha għal awtorizzazzjoni u li tippreżenta dokumenti addizzjonali fir-rigward ta' miżuri li jissorveljaw u li jtaffu r-riskji għall-organiżmi mhux fil-mira;

M. billi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tirrikonoxxi li fil-valutazzjoni tar-riskju tagħha ma kkunsidratx ir-riskji potenzjali marbuta mal- karatteristika l-oħra tal-qamħirrum 1507, jiġifieri t-tolleranza tiegħu għall-erbiċida glufosinat tal-ammonju [1], minkejja li din il-karatteristika tista' tirriżulta f'żieda fl-użu tal-glufosinat;

## *Il-Glufosinat*

N. billi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel hija meħtieġa tivvaluta "l-effetti indiretti bħall-użu ta' pestiċidi […] bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju ambjentali" u tivvaluta "l-effetti possibbli fuq il-bijodiversità u l-organiżmi mhux fil-mira li kwalunkwe prodott individwali tar-raba' ġenetikament modifikat tolleranti għall-erbiċidi jista' jikkawża minħabba l-bidla fil-prattiki agrikoli (inklużi dawk minħabba l-użu ta' erbiċidi differenti)" [2];

O. billi l-glufosinat huwa klassifikat bħala tossiku għar-riproduzzjoni u għalhekk jaqa' taħt il-kriterji ta' esklużjoni spjegati fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009; billi fil-każ tas-sustanzi li diġà ġew approvati, il-kriterji ta' esklużjoni japplikaw meta jkun metħieġ li l-approvazzjoni tiġġedded; billi l-approvazzjoni tal-glufosinat tiskadi fl-2017 [3]; billi l-użu tal-glufosinat għalhekk fil-prinċipju għandu jieqaf fl-2017;

P. billi f'pajjiżi oħra għajr dawk tal-UE, pereżempju fl-Istati Uniti u l-Kanada, il-qamħirrum 1507 huwa mqiegħed fis-suq mill-produttur tiegħu bħala prodott tar-raba' tolleranti għall-glufosinat, filwaqt li fl-applikazzjoni fl-UE, l-applikant jargumenta li l-ġene għat-tolleranza għall-glufosinat intuża biss bħala ġene markatur;

Q. billi mhuwiex ċar kif il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni timplimenta l-projbizzjoni imminenti fuq il-glufosinat, sakemm dan jibqa' disponibbli fis-suq;

## *Sitwazzjoni ġenerali fir-rigward tal-OĠM fl-UE*

R. billi l-ebda OĠM ma ġie awtorizzat għall-kultivazzjoni fl-UE mill-2010 'l hawn, meta ġiet awtorizzata l-patata Amflora; billi din l-awtorizzazzjoni kienet annullata mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fit-13 ta' Diċembru 2013, u billi l-uniku prodott ieħor tar-raba' awtorizzat għall-kultivazzjoni huwa l-qamħirrum ta' Monsanto MON 810, li t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tiegħu ilu pendenti għal xi snin;

S. billi huwa aċċettat b'mod ġenerali – kif ikkonfermat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ambjent tal-4 ta' Diċembru 2008 mmsemmija aktar 'il fuq – li l-effetti fit-tul tal-kultivazzjoni tal-OĠM u l-effetti fuq l-organiżmi mhux fil-mira, s'issa, għadhom ma ġewx meqjusa b'mod adegwat fil-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju;

T. billi kemm il-Kunsill [4] u kemm il-Parlament [5] jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' valutazzjoni aktar stretta tal-effetti fit-tul tal-OĠM, u l-ħtieġa ta' riċerka indipendenti dwar ir-riskji potenzjali involuti fir-rilaxx intenzjonat jew fit-tqegħid fis-suq ta' OĠM, inkluża l-ħtieġa li jingħata aċċess lil riċerkaturi indipendenti għall-materjal rilevanti kollu;

U. billi l-maġġoranza l-kbira tal-konsumaturi tinsab ikkonċernata dwar l-ikel ġenetikament modifikat, inter alia, kif indikat fil-Ewrobarometru Speċjali 345 tal-2010; billi l-qamħirrum 1507 ġenterikament modifikat ma joffri l-ebda benefiċċju lill-konsumaturi;

1. Jopponi l-adozzjoni tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' prodott tal-qamħirrum (*Zea mays* L., il-linja 1507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta' ħsara lepidopterani;

---

(1) http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/2429.htm
(2) Ittra tal-Kummissjoni mibgħuta lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tat-8 ta' Settembru 2008, dwar il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali ta' pjanti tolleranti għall-erbiċidi.
(3) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:111:0027:0029:MT:PDF
(4) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ambjent tal-4 ta' Diċembru 2008.
(5) Ara l-pożizzjoni msemmija hawn fuq tal-5 ta' Lulju 2011.

2. Jikkunsidra li l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill teċċedi s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija fl-ambitu tad-Direttiva 2001/18/KE;

3. Jistieden lill-Kunsill jiċħad din il-proposta tal-Kummissjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni ma tipproponi l-awtorizzazzjoni tal-ebda varjetà ġdida ta' OĠM u ma ġġeddidx dawk qodma sakemm il-metodi tal-valutazzjoni tar-riskju jkunu ġew imtejba b'mod sinifikanti;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0037

# Ir-rispett tad-dritt fundamentali tal-moviment liberu fl-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar ir-rispett tad-dritt fundamentali tal-moviment liberu fl-UE (2013/2960(RSP))**

(2016/C 482/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 21, 45, 47 u 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 15, 21, 29, 34 u 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali ([3]), u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali ([4]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2010 "Li ttenni l-moviment liberu tal-ħaddiema: drittijiet u żviluppi maġġuri" (COM(2010)0373),

— wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat fl-14 ta' Ottubru 2013 dwar l-impatt fuq is-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri, tad-drittijiet li jibbenefikaw minnhom l-immigranti intra-UE mhux attivi sal-allokazzjonijiet diretti speċjali mhux kontributorji u l-kura tas-saħħa mogħtija fuq il-bażi ta' residenza,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2013 bit-titlu "Il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom: Ħames azzjonijiet li jagħmlu differenza" (COM(2013)0837),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni Reding quddiem il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-5 ta' Diċembru 2013 dwar il-moviment liberu,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kumissarju László Andor tal-1 ta' Jannar 2014 dwar it-tmiem tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu ta' ħaddiema mill-Bulgarija u r-Rumanija,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2009 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2012 dwar ir-Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE: Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi d-dritt ta' moviment liberu huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-UE li huma mhaddna fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala element fundamentali tal-integrazzjoni Ewropea direttament konness maċ-ċittadinanza tal-UE;

B. billi l-moviment liberu qiegħed fil-qalba tal-valuri tal-UE, u jagħti liċ-ċittadini tagħha l-possibbiltà li jagħżlu fejn jgħixu u jaħdmu u joħloq mobbiltà u żvilupp fis-suq tax-xogħol, fis-sistema edukattiva u lil hinn;

---

([1]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.
([2]) ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.
([3]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.
([5]) ĠU C 137 E, 27.5.2010, p. 6.
([6]) ĠU C 257 E, 6.9.2013, p. 74.

C. billi l-moviment liberu huwa dritt garantit liċ-ċittadini tal-UE kollha, irrispettivament mill-eżistenza ta' kontrolli potenzjali fuq il-fruntieri stabbiliti minn ċerti Stati Membri għad-dħul ta' ċittadini tal-UE fit-territorju tagħhom; billi l-fatt li mhux l-Istati Membri kollha huma parti miż-żona Schengen ma jaffettwax id-dritt taċ-ċittadini tal-UE kollha għal-libertà ta' moviment fl-Unjoni;

D. billi ċ-ċittadini tal-UE jqisu l-moviment liberu bħala d-dritt l-aktar assoċjat mill-qrib maċ-ċittadinanza tal-UE u bħala r-riżultat l-aktar pożittiv tal-UE u jqisu li jġib miegħu benefiċċji ekonomiċi għall-ekonomija tal-pajjiżhom;

E. billi l-kontribuzzjoni tal-ħaddiema tal-UE għas-sistema ta' sigurtà soċjali tal-pajjiż ospitanti hija ugwali għal dik tal-ħaddiema nazzjonali;

F. billi l-vantaġġi tal-moviment liberu ta' ħaddiema mobbli mill-UE għall-iżvilupp tal-pajjiż ospitanti huma viżibbli madwar l-Ewropa kollha, speċjalment fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, l-agrikoltura u l-kostruzzjoni;

G. billi l-libertà għaċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu kulfejn ikun fl-UE tapplika għaċ-ċittadini tal-UE kollha mingħajr restrizzjoni, iżda li, skont id-Direttiva 2004/38/KE, dan id-dritt huwa kondizzjonali fuq il-fatt li wara tliet xhur iċ-ċittadin tal-UE kkonċernat irid jissodisfa l-kundizzjonijiet ġuridiċi sabiex ma jkunx ta' piż għall-pajjiż ospitanti; billi l-moviment liberu tal-ħaddiema huwa pilastru tas-suċċess tas-suq uniku tal-UE; billi għalkemm 2,8 % biss taċ-ċittadini tal-UE jgħixu fi Stat Membru li mhuwiex tagħhom, dawn jikkostitwixxu madankollu element ewlieni fis-suċċess tas-suq intern u jixprunaw l-ekonomija tal-Ewropa;

H. billi l-prinċipji ta' trattament ugwali jew ta' nondiskriminazzjoni jimplikaw li ċ-ċittadini tal-UE kollha għandhom l-istess drittijiet u obbligi bħaċ-ċittadini tal-pajjiż ospitanti (Ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 huma bbażati fuq dan il-prinċipju); billi l-Istati Membri kollha huma liberi li jiddeċiedu fir-rispett ta' dawn il-prinċipji liema benefiċċji tas-sigurtà soċjali jagħtu u taħt liema kundizzjonijiet; billi r-regoli tal-UE dwar il-koordinament tas-sigurtà soċjali ma jippermettux diskriminazzjoni fuq il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali fil-każ ta' ċittadini tal-UE li huma ħaddiema, membri tal-familja diretti tal-ħaddiema jew abitwalment residenti fl-Istat Membru inkwistjoni;

I. billi s-soċjetà moderna Ewropea, speċjalment minħabba l-bidliet industrijali, il-globalizzazzjoni, xejriet ġodda ta' xogħol, it-tibdil demografiku u l-iżvilupp tal-mezzi tat-trasport, titlob livell ogħla ta' mobilità fost il-ħaddiema;

J. billi l-moviment liberu tal-ħaddiema jirrappreżenta eżempju soċjoekonomiku pożittiv kemm għall-UE kif ukoll għall-Istati Membri tagħha, peress li huwa pass importanti għall-integrazzjoni tal-UE, l-iżvilupp ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u t-titjib individwali fil-livell professjonali, il-ġlieda kontra l-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika u l-konsolidament tal-Unjoni bħala forza ekonomika aktar b'saħħitha li tkun lesta li tiffaċċja l-isfidi tat-tibdil globali;

K. billi mill-1 ta' Jannar 2014 tneħħew l-arranġamenti tranżitorji għall-moviment liberu ta' ħaddiema mill-Bulgarija u r-Rumanija;

L. billi l-Kunsill tenna l-appoġġ tiegħu għall-moviment liberu u rrikonoxxa l-benefiċċji reċiproċi li dan iġib miegħu, bħal pereżempju f'dibattitu riċenti fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (8 ta' Ottubru 2013, 5-6 ta' Diċembru 2013);

M. billi fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej imminenti, il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE sar wieħed mill-punti tal-kampanja elettorali ta' ċerti partiti politiċi; billi hemm riskju li dan id-dibattitu, jekk ma jiġix indirizzat razzjonalment, jista' jwassal għall-għoti ta' ħtija lil ċittadini tal-UE minn ċerti Stati Membri, jew ċittadini mobbli tal-UE, u jista' jwassal għal żieda fir-razziżmu u l-ksenofobja; billi l-politiċi Ewropej prominenti riċentement ħarġu b'diversi dikjarazzjonijiet li jippreġudikaw id-dritt għall-moviment liberu;

N. billi studji riċenti tal-Kummissjoni wrew li l-ħaddiema mobbli huma kontributuri nett għall-ekonomiji u l-baġits tal-pajjiżi ospitanti; billi l-ħaddiema mobbli bħala grupp iħallsu aktar fil-baġits tal-pajjiżi ospitanti f'taxxi u f'sigurtà soċjali milli jirċievu f'benefiċċji, filwaqt li n-nefqa għall-kura tas-saħħa fuq iċ-ċittadini mobbli tal-UE mhux attivi hija żgħira ħafna apparagun man-nefqa totali għall-kura tas-saħħa (0,2 %) jew apparagun mal-ekonomiji tal-pajjiżi ospitanti (0,01 % tal-PDG), u ċ-ċittadini tal-UE jirrappreżentaw proporzjon żgħir ħafna tal-benefiċjarji ta' allokazzjonijiet speċjali mhux kontributorji;

1. Jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw mad-dispożizzjoniet tat-Trattat fir-rigward tar-regoli tal-UE li jirregolaw il-moviment liberu, u jiżguraw ir-rispett tal-prinċipji ta' ugwaljanza u d-dritt fundamentali tal-moviment liberu fl-Istati Membri kollha.

2. Jikkontesta bil-qawwa l-pożizzjoni meħuda minn ċerti mexxejja Ewropej li jitolbu bidliet u restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu taċ-ċittadini; jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jieħdu kwalunkwe azzjoni li tista' taffettwa d-dritt għall-moviment liberu, li huwa bbażat fuq il-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE;

3. Jiċħad kompetament kull proposta li tiffissa limitu massimu għall-għadd ta' migranti tal-UE peress li dan ikun f'kontradizzjoni mal-prinċipju tat-Trattat tal-UE tal-moviment liberu tal-persuni; jirrimarka li l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-infurzar strett tad-dritt tal-Unjoni sabiex jiggarantixxu li l-ħaddiema tal-UE kollha jkunu trattati b'mod ugwali u mhux diskriminati fir-rigward tal-aċċess għall-impjiegi u l-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-remunerazzjoni, is-sensja u l-benefiċċji soċjali u l-vantaġġi fiskali, biex b'hekk ikun hemm kompetizzjoni leali fost in-negozji; u jħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali jiġġieldu kontra kull restrizzjoni jew ostaklu bla ġustifikazzjoni għad-dritt ta' moviment liberu tal-ħaddiema, kif ukoll kull sfruttament tal-ħaddiema;

5. Ifakkar li l-moviment liberu tal-ħaddiema jagħti lil kull ċittadin tal-Unjoni, irrispettivament mill-post tar-residenza tiegħu, id-dritt li jittrasferixxi ruħu liberament fi Stat Membru ieħor sabiex jaħdem u/jew jgħix hemm għal skopijiet ta' xogħol;

6. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2013)0837 li tistabbilixxi ħames azzjonijiet intiżi sabiex jgħinu lill-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali tagħhom japplikaw il-liġijiet u l-istrumenti tal-UE filwaqt li jisfruttaw il-potenzjal tagħhom kollu u jappoġġa bis-sħiħ l-azzjonijiet segwenti li se jiġu implimentati b'mod konġunt mal-Istati Membri; għajnuna lill-Istati Membri sabiex jiġġieldu ż-żwiġijiet ta' konvenjenza (manwal); għajnuna lill-awtoritajiet sabiex japplikaw ir-regoli ta' koordinament fil-qasam tas-sigurtà (gwida prattika); għajnuna lill-awtoritajiet sabiex jindirizzaw l-isfidi marbuta mal-inklużjoni soċjali (finanzjament); skambju tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet lokali; u taħriġ u appoġġ lill-awtoritajiet lokali għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-moviment liberu;

7. Jistieden lill-Istati Membri ma jiddiskriminawx kontra ħaddiema mobbli mill-UE, billi inġustament jassoċjaw id-dritt għall-moviment liberu għal skopijiet ta' xogħol ma' allegat abbuż tas-sistemi ta' sigurtà soċjali; jenfasizza li l-ebda wieħed mill-Istati Membri li qed jallegaw dan il-piż ma ppreżenta prova lill-Kummissjoni kif mitlub;

8. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ sistematiku u eżawrjenti tar-rispett tad-dritt fundamentali tal-moviment liberu għal ħaddiema tal-UE; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi attwali tagħha sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri jittrasponu u jimplimentaw id-Direttiva 2004/38/KE kompletament u korettament, filwaqt li tagħmel użu sħiħ mis-setgħat tagħha biex tniedi proċeduri għal ksur;

9. Jistieden lill-Istati Membri jużaw bis-sħiħ u b'mod trasparenti r-riżorsi disponibbli fl-ambitu tal-fondi Ewropej (bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) sabiex jiġu promossi l-integrazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, u jiġu appoġġati l-isforzi tal-komunitajiet lokali sabiex jindirizzaw kwalunkwe żieda fin-numru taċ-ċittadini marġinalizzati;

10. Ifakkar lill-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà soċjali tagħhom biex jindirizzaw l-użu ħażin tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom, irrispettivament jekk isirx miċ-ċittadini tagħhom jew minn ċittadini ta' Stati Membri oħra; jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38/KE u jindirizzaw l-abbużi li jista' jkun hemm;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0038

# Iċ-ċittadinanza tal-UE għall-bejgħ

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE għall-bejgħ (2013/2995(RSP))**

(2016/C 482/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 5, 9 u 10 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi kull Stat Membru huwa mistenni jaġixxi b'mod responsabbli fil-preservazzjoni tal-valuri u tal-kisbiet komuni tal-Unjoni, u billi dawk il-valuri u l-kisbiet huma imprezzabbli u ma jistax ikollhom prezz marbut magħhom;

B. billi għadd ta' Stati Membri introduċew skemi li, b'mod dirett jew indirett, jirriżultaw fil-bejgħ taċ-ċittadinanza tal-UE lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi;

C. billi għadd jiżdied ta' Stati Membri qed joħorġu permessi ta' residenza temporanji jew permanenti lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jagħmlu investimenti fl-Istat Membru kkonċernat;

D. billi f'xi Stati Membri tista' tinkiseb residenza permanenti b'aċċess għaż-Żona Schengen kollha kemm hi; billi f'ċerti Stati Membri qed jittieħdu passi li jistgħu jwasslu għall-bejgħ effettiv taċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat Membru;

E. billi f'xi każijiet dawn il-programmi ta' investiment jista' jkollhom effetti sekondarji negattivi, bħad-distorsjoni tas-swieq tal-housing lokali;

F. billi l-Gvern Malti, b'mod partikolari, reċentement ħa passi sabiex jintroduċi skema għall-bejgħ espliċitu taċ-ċittadinanza Maltija, li awtomatikament tinkludi l-bejgħ espliċitu taċ-ċittadinanza tal-UE kollha kemm hi mingħajr ebda rekwiżit ta' residenza;

G. billi tali bejgħ espliċitu taċ-ċittadinanza tal-UE jdgħajjef il-fiduċja reċiproka li fuqha hija msejsa l-Unjoni;

H. billi ċ-ċittadini tal-UE b'mod partikolari għandhom id-dritt jiċċaqalqu u jirrisjedu liberament fl-UE, jivvutaw u jikkontestaw l-elezzjonijiet muniċipali u dawk tal-Parlament Ewropew irrispettivament minn fejn jgħixu fl-UE, bl-istess kundizzjonijiet bħan-nazzjonali, u jiġu assistiti mill-ambaxxata jew mill-konsulat ta' Stat Membru ieħor barra l-UE bl-istess kundizzjonijiet bħal ċittadin ta' dak l-Istat Membru, jekk pajjiżhom ma jkunx rappreżentat;

I. billi l-UE hija bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, mibnija fuq snin ta' ħidma gradwali u rieda tajba min-naħa tal-Istati Membri, kif ukoll min-naħa tal-Unjoni kollha kemm hi;

J. billi tqajjem ukoll tħassib dwar abbuż kriminali minn dawn il-programmi ta' investiment, inklużi kwistjonijiet bħall-ħasil ta' flus;

K. billi jeżisti tħassib rigward diskriminazzjoni possibbli minħabba l-fatt li dawn il-prattiki mill-Istati Membri jippermettu li ċ-ċittadinanza tal-UE jakkwistawha biss dawk in-nazzjonali ta' pajjiżi terzi li huma l-aktar sinjuri, mingħajr ma jiġu meqjusa kriterji oħra;

L. billi mhuwiex ċar jekk iċ-ċittadini Maltin humiex tassew se jibbenefikaw minn din il-politika l-ġdida, pereżempju permezz tal-ġbir ta' taxxi, perezz illi l-investituri barranin ikkonċernati mhux se jintalbu jħallsu taxxi; ifakkar li ċ-ċittadinanza ma tfissirx biss drittijiet, iżda tfisser ukoll responsabbiltajiet;

M. billi ċ-ċittadinanza tal-UE hija waħda mill-kisbiet ewlenin tal-UE u billi, skont it-Trattati tal-UE, il-kwistjonijiet ta' residenza u ċittadinanza jaqgħu fi ħdan il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri;

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

1. Huwa mħasseb li dan il-mod kif tinkiseb iċ-ċittadinanza f'Malta, kif ukoll kwalunkwe skema nazzjonali oħra li tista' tinvolvi l-bejgħ espliċitu dirett jew indirett taċ-ċittadinanza tal-UE, idgħajjef il-kunċett innifsu ta' ċittadinanza tal-UE;

2. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu u jonoraw ir-responsabbiltajiet li għandhom fil-ħarsien tal-valuri u l-objettivi tal-Unjoni;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bħala l-gwardjan tat-Trattati, tiddikjara b'mod ċar jekk dawn l-iskemi jirrispettawx l-ittra u l-ispirtu tat-Trattati u tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, kif ukoll ir-regoli tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni;

4. Itenni li l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jħaddan fih il-prinċipju ta' "koperazzjoni leali" bejn l-Unjoni u l-Istati Membri li, b'rispett reċiproku sħiħ, għandhom jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joriġinaw mit-Trattati;

5. Jesprimi tħassib dwar l-implikazzjonijiet ta' wħud mill-iskemi ta' investiment u ċittadinanza li reċentement ġew stabbiliti minn diversi Stati Membri tal-UE;

6. Jirrikonoxxi li kwistjonijiet ta' residenza u ċittadinanza huma l-kompetenza tal-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri, madankollu, joqogħdu attenti meta jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom f'dan il-qasam u jqisu l-effetti sekondarji possibbli;

7. Jinnota li ċ-ċittadinanza tal-UE timplika li wieħed ikollu sehem fl-Unjoni u tiddependi mir-rabtiet ta' persuna mal-Ewropa u l-Istati Membri jew minn rabtiet personali ma' ċittadini tal-UE; jisħaq li ċ-ċittadinanza tal-UE m'għandha qatt issir komodità negozjabbli;

8. Jissottolinja l-fatt li d-drittijiet mogħtija miċ-ċittadinanza tal-UE huma bbażati fuq id-dinjità tal-bniedem u m'għandhom jinxtraw jew jinbiegħu għall-ebda prezz;

9. Jenfasizza li l-aċċess għall-fondi m'għandux ikun il-kriterju ewlieni fl-għoti taċ-ċittadinanza tal-UE lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Istati Membri jqisu kwistjonijiet ta' tħassib dwar kriminalità relatati mal-frodi bħall-ħasil tal-flus;

10. Jinnota li kompetizzjoni kontinwa għal kundizzjonijiet ta' investiment aktar attraenti jew riżorsi finanzjarji jistgħu jwasslu għal tnaqqis tal-istandards u r-rekwiżiti biex jinkisbu permessi ta' residenza taż-Żona Schengen u ċ-ċittadinanza tal-UE;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta d-diversi skemi ta' ċittadinanza fid-dawl tal-valuri Ewropej u l-ittra u l-ispirtu tal-leġiżlazzjoni u l-prassi tal-UE, u toħroġ rakkomandazzjonijiet sabiex timpedixxi li tali skemi jdgħajfu l-valuri li l-UE ssejset fuqhom, kif ukoll linji gwida għal aċċess għaċ-ċittadinanza tal-UE permezz ta' skemi nazzjonali;

12. Jistieden lil Malta tallinja l-iskema ta' ċittadinanza attwali tagħha mal-valuri tal-UE;

13. Jistieden lill-Istati Membri li adottaw skemi nazzjonali li jippermettu l-bejgħ dirett jew indirett taċ-ċittadinanza tal-UE lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi biex jallinjaw tali skemi mal-valuri tal-UE;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri.

P7_TA(2014)0039

# Rapport ta' progress 2013 dwar is-Serbja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar ir-Rapport ta' Progress 2013 dwar is-Serbja (2013/2880(RSP))**

(2016/C 482/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Tessalonika tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-prospettiva tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/213/KE tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet kontenuti fis-Sħubija Ewropea mas-Serbja inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999 u li tħassar d-Deċiżjoni 2006/56/KE ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2011 dwar l-applikazzjoni għall-adeżjoni tas-Serbja mal-Unjoni Ewropea (SEC(2011)1208) u l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2011 bit-titolu "Strateġija ta' Tkabbir u Sfidi Ewlenin 2011-2012" (COM(2011)0666),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika tas-Serbja, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013; wara li kkunsidra t-tħejjijiet li għaddejjin għall-ewwel laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li se tinvolvi lill-Parlament Ewropew u lill-Assemblea Nazzjonali tas-Serbja fi djalogu kontinwu, li se ssir f'Novembru 2013,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1244(1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Opinjoni Konsultattiva tal-QIĠ tat-22 ta' Lulju 2010 dwar il-kwistjoni tal-konformità tad-dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza tal-Kosovo mad-dritt internazzjonali, u r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tad-9 ta' Settembru 2010, li rrikonoxxiet il-kontenut tal-opinjoni u laqgħet favorevolment ir-rieda tal-UE li tiffaċilita d-djalogu bejn Belgrad u Pristina ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tas-seba' Laqgħa Interparlamentari UE-Serbja tat-18 u d-19 ta' Marzu 2013,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006 u li s-Serbja hija firmatarja tiegħu, u d-Deċiżjoni tal-Komunità tal-Enerġija D/2012/04/MC/EnC tat-18 ta' Ottubru 2012 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli (RES) 2009/28/KE u li temenda l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, li jistabbilixxi miri vinkolanti,

— wara li kkunsidra l-ftehim ta' riammissjoni UE-Serbja tat-8 ta' Novembru 2007 ([3]) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1244/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar il-ġestjoni baġitarja tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tas-sistemi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali ([5]), u l-osservazzjonijiet dwar is-Serbja li jinsabu fir-riżoluzzjoni,

---

([1]) ĠU L 80, 19.3.2008, p. 46.
([2]) A/RES/64/298.
([3]) ĠU L 334, 19.12.2007, p. 46.
([4]) ĠU L 336, 18.12.2009, p. 1.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2013)0434.

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-kostituzzjoni tat-tim tan-negozjati għall-adeżjoni tas-Serbja,

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress tal-Kummissjoni tal-2013 dwar is-Serbja (SWD(2013)0412) tas-16 ta' Ottubru 2013,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2013 iddeċieda li jibda negozjati dwar l-adeżjoni mas-Serbja, u li ssir l-ewwel konferenza intergovernattiva l-aktar tard sa Jannar 2014, u dan jikkonferma l-perspettiva Ewropea tas-Serbja b'konformità mal-impenji tal-UE għar-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent;

B. billi s-Serbja għamlet passi importanti lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo li rriżultaw fl-Ewwel Ftehim dwar il-Prinċipji ta' Normalizzazzjoni tad-19 ta' April 2013, u għamlet sforzi biex tissodisfa b'mod suffiċjenti l-kriterji u l-kundizzjonijiet politiċi tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni; billi n-negozjati dwar l-adeżjoni jikkostitwixxu għodda ta' monitoraġġ b'saħħitha għall-implimentazzjoni tar-riformi;

C. billi, fil-25 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni u s-Serbja nedew il-proċess ta' eżami analitiku (screening) tal-acquis, li jibda mill-Kapitolu 23 – drittijiet ġudizzjarji u fundamentali;

D. billi s-Serbja, bħal kull pajjiż li jaspira li jingħaqad mal-UE, għandha tkun iġġudikata abbażi tal-merti proprji tagħha fit-twettiq, l-implimentazzjoni u r-rispett tal-istess sensiela ta' kriterji;

E. billi l-Unjoni Ewropea poġġiet l-istat tad-dritt fil-qalba tal-politika ta' tkabbir tagħha;

F. billi l-implimentazzjoni tal-qafas legali dwar il-protezzjoni tal-minoranzi jeħtieġ li jiġi żgurat bis-sħiħ, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-użu tal-lingwa, u l-aċċess għall-midja u s-servizzi reliġjużi fil-lingwi minoritarji;

G. billi l-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika fil-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent;

1. Jistenna bil-ħerqa għall-bidu formali tat-taħdidiet tal-adeżjoni mas-Serbja li se jsiru fl-ewwel konferenza intergovernattiva UE-Serbja (KIG) fil-21 ta' Jannar 2014; iqis li l-KIG hija pass storiku għall-proċess tal-integrazzjoni Ewropea tas-Serbja u juri l-impenn tal-UE mal-proċess tat-tkabbir; jitlob lill-awtoritajiet Serbi jintensifikaw ir-riformi relatati mal-UE fil-pajjiż fis-segwitu tal-konferenza, sabiex jintlaħqu l-aspettattivi taċ-ċittadini Serbi għal proċess bla xkiel tal-adezjoni fl-UE u jissaħħaħ l-irkupru ekonomiku billi l-perspettiva tas-sħubija mal-UE ssir tanġibbli;

2. Jilqa' l-impenn li wera l-Gvern Serb favur il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u jħeġġeġ lis-Serbja tkompli bir-riformi sistemiċi u soċjoekonomiċi li se jippermettulha taffaċċa u timplimenta l-obbligi tas-sħubija futura b'mod effettiv; jissottolinja li l-implimentazzjoni tar-riformi tibqa' indikatur ewlieni ta' proċess ta' integrazzjoni ta' suċċess u, għalhekk, iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex iżidu l-isforzi tagħhom għal riforma fl-oqsma tal-ġudikatura, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, fis-settur pubbliku, fil-kontroll ċivili tas-setturi tad-difiża u s-sigurtà, fil-politika tal-enerġija fir-rigward, b'mod partikolari, tal-iffrankar tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli, fil-libertà tal-midja, fil-protezzjoni tal-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli kollha, kif ukoll fid-drittijiet fundamentali tagħhom, fit-tibdil strutturali fl-ekonomija, fid-djalogu soċjali, fit-titjib tal-ambjent kummerċjali u fil-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali;

3. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fl-1 ta' Settembru 2013 kif ukoll it-tlaqqigħ tal-ewwel Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni li sar fil-21 ta' Ottubru 2013; jishaq fuq il-fatt li d-dħul fis-seħħ tal-FSA jirrappreżenta pass importanti fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea tas-Serbja u jipprovdi l-qafas ġenerali biex is-Serbja u l-UE jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom rigward il-kriterji politiċi u l-approssimazzjoni tal-acquis, u biex jippreparaw għall-parteċipazzjoni futura tas-Serbja fis-Suq Uniku; jinkoraġġixxi lill-partijiet kollha involuti jaħdmu flimkien f'mod responsabbli;

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

4. Jilqa' l-Ewwel Ftehim dwar il-Prinċipji ta' Normalizzazzjoni li ntlaħaq fid-djalogu ta' livell għoli bejn il-Prim Ministri tas-Serbja u tal-Kosovo fid-19 ta' April 2013, li fetaħ it-triq lejn aktar passi fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea tas-Serbja u l-Kosovo; jilqa' l-passi li ttieħdu s'issa miż-żewġ naħat fl-implimentazzjoni tal-ftehim u jħeġġeġ lill-awtoritajiet ikomplu jimplimentaw il-ftehimiet kollha li ntlaħqu s'issa b'rieda tajba u fi żmien xieraq; jilqa' l-ftehimiet dwar it-telekomunikazzjoni u l-enerġija li ntlaħqu fi djalogu fit-8 ta' Settembru 2013; jistieden, b'mod partikolari, kemm lis-Serbja kif ukoll lill-Kosovo biex jikkooperaw b'mod attiv u kostruttiv mal-EULEX fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehim dwar Assistenza Legali Reċiproka sabiex jittrattaw in-numru dejjem jikber ta' talbiet li jikkonċernaw il-proprjetajiet fil-Kosovo; jistieden liż-żewġ naħat iżommu dan l-approċċ kostruttiv filwaqt li jaqblu fuq id-dettalji kontroversjali u sensittivi li għad iridu jiġu elaborati u jintlaħaq ftehim dwarhom; iħeġġeġ liż-żewġ naħat ikomplu jindirizzaw il-kwistjoni tal-persuni neqsin u jilqa', f'dan ir-rigward, l-ewwel riżultati li ntlaħqu fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma ppresedut mis-Salib l-Aħmar dwar il-Persuni Neqsin; jirrikonoxxi l-isforzi li saru biex inaqqsu l-kummerċ klandestin bejn is-Serbja u l-Kosovo; jinnota li se jkunu meħtieġa sforzi oħra kontinwi mill-mexxejja tas-Serbja u l-Kosovo biex jintegraw il-minoranza Serba fis-soċjetà tal-Kosovo u biex iressqu lejn xulxin il-komunitajiet etniċi Albaniżi u Serbi;

5. Jilqa' l-elezzjonijiet lokali li għall-ewwel darba fl-istorja koprew il-pajjiż kollu li saru fil-Kosovo fit-3 ta' Novembru 2013 u b'mod partikolari l-parteċipazzjoni viżibbli tal-votanti fil-muniċipalitajiet iddominati mis-Serbi fin-Nofsinhar tax-Xmara Ibar kif ukoll l-iżvolġiment ġenerali regolari tal-elezzjonijiet lokali fil-Kosovo, kif ivvalutat fid-dikjarazzjoni preliminari tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE (EU EOM), bħala parti mill-proċess ta' normalizzazzjoni; jilqa' l-isforzi li Belgrad u Pristina investew biex jiżguraw li l-elezzjonijiet ikunu paċifiċi u skont in-normi demokratiċi; jikkundanna bis-saħħa l-vjolenza u l-intimidazzjoni persistenti li seħħew fil-muniċipalitajiet tat-Tramuntana ta' Mitrovica u Zvečan u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Serbi jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex jiffaċilitaw l-isforzi biex l-atturi tal-vjolenza jinġiebu f'idejn il-ġustizzja; jinnota, f'dan ir-rigward, il-wegħda tal-mexxejja Serbi li dawk responsabbli għat-tfaqqigħ tal-vjolenza se jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom; jinnota li huma meħtieġa aktar sforzi attenti biex jisfaxxa n-netwerk tal-kriminalità organizzata u r-rabtiet tiegħu mal-élites politiċi lokali u jerġa' jiġi stabbilit l-istat tad-dritt fit-Tramuntana tal-Kosovo; jilqa' l-pożizzjoni tal-mexxejja politiċi Serbi li inkoraġġixxew b'mod attiv lis-Serbi etniċi fil-Kosovo biex jipparteċipaw fl-elezzjonijiet, iżda jinnota fl-istess ħin li Belgrad m'għandhiex toħnoq il-pluraliżmu politiku fil-komunità Serba fil-Kosovo billi tikkampanja f'isem kwalunkwe partit jew lista elettorali partikolari;

6. Jenfasizza l-bżonn ta' trasparenza akbar fil-komunikazzjoni tar-riżultati tad-djalogu Belgrad-Pristina u fl-involviment tal-parlamenti u tas-soċjetajiet ċivili kkonċernati fil-proċess ta' implimentazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa, f'dan ir-rigward, li n-negozjaturi tas-Serbja u l-Kosovo jibnu fiduċja pubblika u biex jilħqu liċ-ċittadini, nisa u rġiel; jistieden lill-awtoritajiet Serbi f'Belgrad, Mitrovica u n-Nofsinhar tax-Xmara Ibar biex jagħmlu sforzi akbar biex iżidu l-interazzjoni komunitarja bejn is-Serbi u l-Albaniżi tal-Kosovo, b'mod partikolari billi jinkoraġġixxu l-iskejjel u ċ-ċentri tal-komunità jgħallmu l-lingwa Albaniża; jenfasizza li l-Albaniżi tal-Kosovo għandhom ukoll ikunu mħeġġa sew biex jinteraġixxu aktar mal-komunitajiet Serbi madwarhom u biex jitgħallmu l-lingwa Serba, bħala element vitali tal-integrazzjoni tal-komunità Serba fis-soċjetà tal-Kosovo, id-djalogu fil-ġejjieni u l-governanza bikomunali;

7. Jiddispjaċih dwar id-diffikultajiet kontinwi li jiffaċċjaw iċ-ċittadini tal-UE meta jipprovaw jidħlu s-Serbja mill-Kosovo, u meta wara jitilqu mis-Serbja għal pajjiż terz, minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent mis-Serbja tal-fruntieri esterni tal-Kosovo u l-affermazzjoni tagħha li dħul għall-ewwel darba fil-Kosovo jikkostitwixxi dħul illegali fis-Serbja; jiddispjaċih ukoll dwar it-timbri ta' taħsir tal-pulizija tal-fruntiera Serba superimposti fuq it-timbri tal-Kosovo fil-passaporti barranin; jinkoraġġixxi lis-Serbja tirrevedi l-politiki tagħha ta' dan it-tip bħala miżura b'saħħitha għall-bini tal-fiduċja, li huwa pass meħtieġ għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, u bħala mezz konkret biex tippromwovi l-integrazzjoni ulterjuri tal-UE bi qbil mal-ispirtu tal-moviment liberu;

8. Jistieden lill-awtoritajiet Serbi u tal-pajjiżi ġirien biex ikomplu juru rieda tajba u jikkooperaw bis-sħiħ ma' u jappoġġjaw it-Task Force Investigattiva Speċjali stabbilita b'segwitu għar-rapport ta' Diċembru 2010 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u jinkoraġġixxi t-tħaffif ulterjuri tal-ħidma tagħha;

9. Japprezza l-approċċ kostruttiv tal-gvern Serb fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien, peress li dan ippermetta li jsiru avvanzi sostanzjali kemm fil-kooperazzjoni reġjonali kif ukoll f'relazzjonijiet eqreb mal-UE; itenni l-importanza kruċjali tal-kooperazzjoni reġjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar l-enerġija, fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u fl-iżvilupp ta' netwerks ta' trasport, kif ukoll ir-rikonċiljazzjoni u r-riżoluzzjoni b'mod gradwali tal-kwistjonijiet bilaterali mal-pajjiżi ġirien, l-ewwel u qabel kollox sabiex isir progress biex jiġi ssuperat il-legat tal-kunflitt reċenti u sussegwentement għas-suċċess tal-integrazzjoni tas-Serbja mal-UE; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet biex jaħdmu mill-qrib mal-pajjiżi tal-eks Jugoslavja bil-għan li jissolvew il-problemi pendenti kollha ta' suċċessjoni legali u biex jimplimentaw bis-sħiħ il-ftehimiet bilaterali kollha mal-pajjiżi ġirien fi żmien xieraq; jappella lis-Serbja biex iżżid l-isforzi tagħha sabiex jissolvew il-kwistjonijiet pendenti kollha mal-Kroazja, b'mod partikolari l-kwistjonijiet ta' persuni neqsin, id-demarkazzjoni tal-fruntieri u l-

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

ipproċessar tar-reati tal-gwerra, biex b'hekk ikunu jistgħu jitneħħew ostakli sabiex titwitta t-triq għall-irtirar tal-kawżi legali reċiproki quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja; jistieden lill-awtoritajiet ta' Belgrad biex jappoġġjaw u jiffaċilitaw b'mod attiv il-bidliet kostituzzjonali fil-BiH li għandhom l-għan li jġibu l-leġiżlazzjoni elettorali konformi mad-deċiżjoni tal-QEDB dwar il-kaważ Sejdić-Finci u jsaħħu u jissemplifikaw l-istituzzjonijiet fil-livell tal-istat tal-BiH sabiex il-pajjiż ikun jista' jimxi 'l quddiem fit-triq tiegħu lejn l-adeżjoni mal-UE;

10. Jirrikonoxxi l-progress reċenti fis-sejba tal-oqbra tal-massa u l-identifikazzjoni tal-persuni neqsin mill-gwerer fil-Kroazja u fil-Bosnja-Ħerzegovina, u jħeġġeġ l-awtoritajiet Serbi jwettqu investigazzjoni aktar bir-reqqa' fl-arkivji u l-uffiċjali tal-Armata Popolari tal-eks Jugoslavja;

11. Jistieden lis-Serbja tiżgura sorveljanza parlamentari b'saħħitha tal-proċess ta' negozjati dwar l-adeżjoni; itenni l-importanza li l-parlament tiegħu jkun involut fi stadju bikri fl-inkorporazzjoni fil-liġi tal-impenji li saru u biex jinvolvi lis-soċjetà ċivili permezz ta' mekkaniżmu konsultattiv kostruttiv matul il-proċess kollu tal-adeżjoni peress li din għandha sehem importanti x'tiżvolġi bħala osservatur kritiku tat-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-riformi Ewropej kif ukoll biex tiżgura li d-djalogu u r-relazzjonijiet tajbin mal-ġirien tas-Serbja jiġu stabbiliti sew fis-soċjetà; jilqa' l-kooperazzjoni mal-Kroazja u l-Montenegro permezz tal-isforzi li saru biex jikkondividu prattiki tajba bbażati fuq l-esperjenza reċenti, bil-għan li jgħinu lis-Serbja timxi b'mod mgħaġġel u mingħajr xkiel fil-proċess tal-adeżjoni;

12. Jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-riforma tal-ġudikatura 2013-2018, imfassla skont il-prinċipji ewlenin ta' indipendenza, imparzjalità, kompetenza, kwalità tal-ġudikatura u libertà mill-interferenza politika; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jintensifikaw din ir-riforma b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, b'mod speċjali fir-rigward tar-rwol tal-parlament fil-ħatriet ġudizzjarji u l-indipendenza tal-prosekuzzjoni, u fid-dawl tal-proċess ta' eżami tal-Kapitolu 23, li beda fil-25 ta' Settembru 2013; jisħaq fuq l-importanza tat-tisħiħ tal-indipendenza tal-Kunsill Ġudizzjarju Għoli u tal-Kunsill Prosekutorjali tal-Istat u t-tnaqqis ta' kawżi pendenti, bħala kundizzjoni meħtieġa għas-sekwenzar b'suċċess tal-proċess sħiħ ta' riforma; jistieden lill-awtoritajiet jipprovdu r-riżorsi kollha meħtieġa għall-Akkademja Ġudizzjarja li għandha tkun strumentali fil-garanzija tar-reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu; jenfasizza l-ħtieġa għal taħriġ kontinwu tal-imħallfin u tal-prosekuturi fit-trattament ta' kawżi finanzjarji kumplessi u reati ekonomiċi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet responsabbli jiżguraw proċess trasparenti u bbażat fuq il-mertu għall-ħatra tal-imħallfin u tal-prosekuturi kif ukoll rekord b'saħħtu ta' proċeduri dixxiplinari kontra l-persunal ġudizzjarju; jinsisti aktar fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata ġustizzja f'waqtha flimkien mal-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza, il-pubblikazzjoni ta', u l-aċċess faċli għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji kollha immedjatament wara l-adozzjoni u l-allokazzjoni aleatorja tal-kawżi fil-qrati kollha; jinsab mħasseb dwar l-inċertezza legali minħabba l-għadd ta' mħallfin li qed iwettqu dmirijiethom bħala aġenti; itenni l-fatt li ġudikatura b'saħħitha u indipendenti hija kruċjali għall-kapaċità tas-Serbja li tissodisfa l-kriterji ta' sħubija tal-UE;

13. Jirrakkomanda li l-Liġi dwar ir-Restituzzjoni tiġi emendata biex jitneħħa kull ostaklu proċedurali u kull impediment legali fir-rigward tar-restituzzjoni *in natura*; u jistieden lill-Gvern Serb sabiex jimplimenta l-Liġi dwar ir-Riabilitazzjoni b'mod sħiħ u nondiskriminatorju; jinnota li l-implimentazzjoni tagħha għandha tiġi mwettqa skont il-prinċipji bażiċi tal-liġi kriminali, bħar-rispett għall-preżunzjoni tal-innoċenza;

14. Jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni għall-2013-2018, u jenfasizza li hija meħtieġa ħidma kontinwa sabiex jiġu implimentati b'mod sinifikanti, bħala parti mill-kundizzjonalità tal-UE, li mingħajrha l-adeżjoni ma tirnexxix; jenfasizza l-importanza ta' finanzjament xieraq għall-implimentazzjoni tajba tal-istrateġija; jenfasizza li r-rieda politika hija kruċjali biex jiġi stabbilit rekord b'saħħtu ta' investigazzjoni u kundanni fil-kawżi ta' korruzzjoni b'viżibbiltà għolja, inklużi l-24 kawża ta' privatizzazzjoni individwati mill-Kunsill ta' Kontra l-Korruzzjoni; jilqa', f'dan ir-rigward, l-ewwel riżultati u l-kundanni finali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jenfasizza fl-istess ħin il-ħtieġa li tinbena l-kapaċità tal-istituzzjonijiet, li jissaħħu l-istat tad-dritt u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, b'mod partikolari fil-korpi ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni, sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw każijiet kumplessi ta' korruzzjoni sistemika; iqis li l-kompetenza legali u r-riżorsi tal-Aġenzija Kontra l-Korruzzjoni għandhom jissaħħu; jenfasizza li l-finanzjament tal-partiti politiċi kollha jeħtieġ ikun trasparenti u konformi mal-istandards tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet jadottaw il-Liġi dwar l-Iżvelaturi (Whistleblowers) u jiżguraw l-implimentazzjoni immedjata u mingħajr xkiel tagħha bħala parti meħtieġa tal-Istrateġija ta' Kontra l-Korruzzjoni;

15. Jinnota li l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata huma mifruxa fir-reġjun u jirrappreżentaw ukoll ostaklu għall-iżvilupp demokratiku, soċjali u ekonomiku tas-Serbja; iqis li strateġija reġjonali u kooperazzjoni mtejba bejn il-pajjiżi kollha fir-reġjun huma essenzjali biex dawn il-kwistjonijiet jiġu ttrattati b'mod aktar effettiv;

16. Jirrikonoxxi lin-nisa bħala aġenti importanti tal-bidla fis-soċjetà Serba; jinnota t-titjib fir-rappreżentanza tan-nisa fil-parlament wara l-elezzjoni tal-2012; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Serbi biex jagħmlu aktar sforzi biex jiggarantixxu rappreżentazzjoni ugwali; jissottolinja l-fatt li n-nisa għadhom qed jaffaċjaw diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u f'setturi oħra tas-soċjetà, u li għadhom mhumiex irrappreżentati bis-sħiħ fil-ħajja politika tal-pajjiż, inkluż f'pożizzjonijiet governattivi; jissottolinja l-fatt li l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċità amministrattiva għadhom sfidi ewlenin, u jħeġġeġ l-awtoritajiet Serbi jżidu l-isforzi tagħhom sabiex jittrattaw dawn il-kwistjonijiet;

17. Jistieden lill-awtoritajiet biex jiżguraw il-kredibbiltà u l-professjonalità tal-Programm tal-Protezzjoni tax-Xhieda (WPP) u biex jipprovdu riżorsi xierqa għal dan sabiex il-ġudikatura tkun tista' tkompli b'mod effettiv il-proċedimenti tagħha dwar ir-reati tal-gwerra u l-kriminalità organizzata; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kien hemm numru ta' eks uffiċjali tal-pulizija li volontarjament għażlu li jibqgħu barra mill-WPP minħabba n-nuqqasijiet konsiderevoli tiegħu;

18. Itenni bil-qawwa t-tħassib tiegħu dwar id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li tirrevoka t-22 kompetenza garantiti tal-Provinċja Awtonoma ta' Vojvodina u tħalli numru preokkupanti ta' kwistjonijiet mhux solvuti li jeħtieġu jiġu indirizzati; jappella, f'dan ir-rigward, li jintwera rispett għall-priċipji tal-istat tad-dritt u għas-sussidjarjetà; jerġa' jfakkar lill-partijiet li, skont il-Kostituzzjoni, il-liġi dwar il-finanzjament tal-Provinċja Awtonoma kellha tkun adottata sa tmiem l-2008; iħeġġeġ lill-gvern, għalhekk, jissottometti din il-kwistjoni lill-parlament mingħajr aktar dewmien, peress li hija vitali għall-funzjonament tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fis-Serbja;

19. Jissottolinja l-importanza ta' djalogu soċjali kostruttiv għall-iżvilupp ekonomiku fis-Serbja; iħeġġeġ lill-gvern jippromwovi l-bini tal-kapaċitajiet għal unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi ġenwinament indipendenti u joħloq qafas u spazju politiku għal djalogu soċjali u ftehimiet kollettivi;

20. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni u l-protezzjoni fil-livelli kollha tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fuq kull bażi; jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija Kontra d-Diskriminazzjoni u jissottolinja l-fatt li l-implimentazzjoni tagħha hija kruċjali; jilqa' l-progress li sar s'issa, iżda għadu mħasseb dwar il-livell ta' diskriminazzjoni fil-pajjiż u jitlob għar-rispett tal-minoranzi kollha, fir-rigward tan-nazzjonalità, l-etniċità, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali u rigward is-sigurtà tad-drittijiet soċjoekonomiċi u kulturali; jinnota l-fatt li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-kategoriji l-aktar esposti għad-diskriminazzjoni u l-prattiki diskriminatorji, bħar-Rom, in-nisa, il-persuni b'diżabbiltajiet u t-tfal; jitlob għall-implimentazzjoni xierqa tal-istrateġija dwar ir-Rom tas-Serbja; jitlob għal protezzjoni aħjar tad-drittijiet tan-nisa u għal politiki favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u jenfasizza l-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-inklużjoni ta' perspettiva dwar il-ġeneri fil-politiki kollha relevanti tal-gvern; jikkundanna bil-qawwa d-deċiżjoni tal-awtoritajiet li jipprojbixxu l-Parata "Gay Pride" ta' Belgrad f'Settembru 2013 bħal ma ġara fis-sentejn preċedenti u jitlob li jingħata appoġġ politiku lid-drittijiet tal-bniedem għall-persuni LGBTI fuq l-ogħla livell politiku; jinsisti li d-dritt ta' assemblea pubblika għandu jiġi żgurat għaċ-ċittadini u għall-minoranzi kollha, inkluż il-minoranza LGBTI; jistieden lill-awtoritajiet Serbi jiżviluppaw approċċ proattiv sabiex l-inklużjoni tal-popolazzjoni LGBTI tkun aktar effettiva; iħeġġeġ lill-gvern jintensifika l-isforzi matul is-sena biex jiġġieled b'mod komprensiv il-gruppi vjolenti li ppruvaw ifixklu u jattakkaw id-dimostrazzjonijiet paċifiċi tal-komunità LGBTI, sabiex jipprevjeni dawn il-gruppi milli jdgħajfu l-istat tad-dritt u l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-bniedem fis-Serbja; jistieden ukoll lill-awtoritajiet Serbi jindirizzaw il-problema tal-konsegwenzi trawmatiċi tal-vjolenza tas-snin disgħin bħala parti minn strateġija fit-tul biex tipprevjeni r-rikorrenza tal-vandaliżmu u l-vjolenza u l-ksur tal-liġi;

21. Jisħaq fuq ir-rwol ċentrali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi u indipendenti (OSĊ) għat-tisħiħ u l-konsolidament tal-proċessi politiċi demokratiċi fil-pajjiż; jirrikonoxxi x-xogħol importanti mwettaq mill-OSĊ u mill-organizzazzjonijiet tan-nisa fir-rigward tal-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBT, it-temma tal-vjolenza kontra n-nisa, iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika, l-isforzi lejn il-ħolqien tal-paċi u r-rwol tas-soċjetà ċivili bħala għassiesa; jissottolinja l-importanza ta' djalogu mal-OSĊ u jenfasizza r-rwol kruċjali tal-atturi tas-soċjetà ċivili fil-kontribut għal tisħiħ fil-kooperazzjoni reġjonali dwar kwistjonijiet soċjali u politiċi; jilqa' l-kooperazzjoni mtejba tal-gvern mal-NGOs, iżda jistieden għal konsultazzjoni usa' magħhom fit-tfassil tal-politika, inklużi l-formulazzjoni ta' politiki u leġiżlazzjoni u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-awtoritajiet;

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

22. Jitlob impenn politiku aktar b'saħħtu fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-isforzi biex tiġi stabbilita sistema bbażata fuq il-mertu, b'mod partikolari fl-iżgurar li jitlesta l-qafas leġiżlattiv u l-allinjament sħiħ tiegħu mal-istandards internazzjonali; jiddispjaċih li l-Liġi dwar l-Impjegati Ċivili ma tapplikax għall-awtoritajiet lokali;

23. Jissottolinja l-fatt li s-Serbja rratifikat il-konvenzjonijiet ewlenin dwar id-drittijiet tax-xogħol tal-ILO, kif ukoll il-Karta Soċjali Ewropea; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-drittijiet tax-xogħol u tat-trade unions għadhom limitati, minkejja l-garanziji kostituzzjonali, u jistieden lis-Serbja tkompli ssaħħaħ dawk id-drittijiet; huwa mħasseb dwar il-fatt li d-djalogu soċjali għadu dgħajjef u li l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali għadha irregolari; jitlob li jittieħdu aktar passi biex jissaħħaħ il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali biex jiġi żgurat li dan ikun jista' jkollu parti attiva fit-tisħiħ tad-djalogu soċjali u jiżvolġi rwol konsultattiv aktar attiv fit-tfassil tal-liġijiet;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li tkun żgurata l-libertà tal-midja, u jilqa' f'dan ir-rigward id-depenalizzazzjoni tal-malafama; jinnota l-ħtieġa li jinżamm servizz tax-xandir pubbliku b'saħħtu u indipendenti u jiżgura l-finanzjament tiegħu b'mod stabbli u sostenibbli, kif ukoll biex jiżgura trasparenza sħiħa fis-sjieda tal-midja; iħeġġeġ l-implimentazzjoni rapida tal-istrateġija dwar il-midja u l-abbozz ta' leġiżlazzjoni relatat, inkluż il-provvista bikrija ta' aċċess wiesa' għall-internet; jinsab imħasseb ħafna dwar it-theddid kontinwu kontra l-ġurnalisti u jtenni t-talba tiegħu li l-awtoritajiet itemmu l-investigazzjonijiet pendenti tal-ġurnalisti maqtula; iqis li għandhom jittieħdu passi oħra sabiex il-ġurnalisti jkollhom ambjent sikur biex iwettqu l-ħidma tagħhom b'mod effettiv u mingħajr awtoċensura; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-periklu tal-użu ħażin tal-fondi pubbliċi fuq reklami li jeżerċitaw influwenza politika fuq il-fornituri tal-midja;

25. Jistieden lill-Gvern Serb jaħdem dejjem iżjed mal-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jiżgura aċċess aħjar għall-fondi Ewropej li huma disponibbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bil-għan li tiġi appoġġjata l-ħidma tagħhom bħala atturi essenzjali fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea tas-Serbja;

26. Jisħaq il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u jinkoraġġixxi l-formalizzazzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-uffiċjali u l-fornituri tas-servizzi fl-identifikazzjoni tal-vittmi u r-riferiment tagħhom lis-servizzi adattati;

27. Itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet biex ikomplu l-isforzi tagħhom sabiex jeliminaw l-effetti tas-servizzi sigrieti Komunisti preċedenti, bħala pass lejn id-demokratizzazzjoni tas-Serbja; jappella lis-Serbja tintensifika l-proċess ta' suċċessjoni u l-implimentazzjoni tal-obbligi relatati mad-diviżjoni ta' proprjetà, u l-ftehim dwar id-diviżjoni tal-arkivju komuni tal-eks Jugoslavja; itenni, f'dan ir-rigward, li aċċess sħiħ għall-materjali kollha tal-arkivji, b'mod speċjali dawk tas-Servizzi Sigrieti tal-eks Jugoslavja (UDBA) huwa ta' importanza vitali; itenni l-istedina tiegħu biex l-awtoritajiet jiffaċilitaw l-aċċess għal dawk l-arkivji li jikkonċernaw l-eks repubbliki tal-Jugoslavja u biex dawn jingħataw lura lill-gvernijiet rispettivi tagħhom jekk jitolbuhom;

28. Jistieden lill-Gvern Serb jippermetti li ssir riċerka dwar l-eks reġimi dittatorjali, jirriabilita b'mod politiku kif ukoll ġudizzjarju u jikkumpensa l-vittmi preċedenti u l-familji tagħhom li sofrew taħt dawk ir-reġimi bħala parti mill-isforzi biex isaħħaħ il-koeżjoni soċjali u jiżgura paċi u ġustizzja dejjiema fil-kuntest tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea tas-Serbja;

29. Jistieden għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni u tal-ftehimiet bilaterali u multilaterali dwar il-minoranzi nazzjonali u etniċi ([1]) b'mod ugwali, nondiskriminatorju u proporzjonali fil-pajjiż kollu; jappella lill-awtoritajiet jippromwovu klima ta' tolleranza u trattament ugwali, mingħajr diskriminazzjoni kontra minoranzi nazzjonali u etniċi, inkluż aċċess għal edukazzjoni fil-lingwa materna, u l-użu ta' lingwi fl-amministrazzjoni lokali u pubblika reġjonali; jappella wkoll għal titjib sabiex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni fil-liġijiet u fil-prattiki eżistenti li jikkonċernaw ir-restituzzjoni ta' proprjetà għal membri li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali u etniċi; jissottolinja l-importanza tal-Kunsilli tal-Minoranzi Nazzjonali, ir-rwol tagħhom fl-integrazzjoni ta' minoranzi nazzjonali bħal fl-implimentazzjoni tad-drittijiet individwali u kollettivi ta' minoranzi nazzjonali, u jappella lill-awtoritajiet biex jipprovdu riżorsi finanzjarji adegwati u mingħajr interruzzjoni għall-ħidma tagħhom; jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw proċess elettorali mingħajr xkiel għall-elezzjoni tal-2014 għall-Kunsilli tal-Minoranzi Nazzjonali, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-korpi indipendenti; jesprimi tħassib dwar l-interruzzjoni possibbli tax-xandir ta' programmi f'lingwi minoritarji minħabba l-privatizzazzjoni mħabbra tal-midja;

([1]) Is-Serbja tirrikonoxxi l-minoranzi nazzjonali u etniċi li ġejjin: Albaniżi, Bosniaċi, Bulgari, Bunjevċi, Kroati, Ċeki, Ġermaniżi, Gorani, Ungeriżi, Maċedoni, Rom, Rumeni, Rusini, Slovakki, Ukraini, Vlaki u oħrajn.

30. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata b'aktar enerġija s-sitwazzjoni tal-irġiel u n-nisa Rom, li għadhom jaffaċċjaw kundizzjonijiet tal-għajxien diffiċli, tkeċċija bil-forza u diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-awtoritajiet Serbi jipprovdu aċċess għas-servizzi ta' akkomodazzjoni u tal-kura tas-saħħa; jenfasizza l-ħtieġa għal armonizzazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni mal-politiki tal-UE u applikazzjoni ta' approċċ olistiku lejn l-inklużjoni tar-Rom; jinnota wkoll il-ħtieġa għal monitoraġġ effettiv tal-miżuri ta' inklużjoni sabiex jonqos id-distakk bejn il-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha;

31. Jieħu nota tal-ħidma dwar l-emendar tal-Kodiċi Kriminali; jinnota, madankollu, li l-inċertezza legali tippersisti fis-settur privat wara l-emendi adottati; itenni t-tħassib tiegħu dwar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 234 ġdid dwar abbuż ta' pożizzjonijiet responsabbli, li xorta jħalli lok għal interpretazzjoni arbitrarja, u jitlob li l-proċedimenti eżistenti mhux ġusti miġjuba taħt l-Artikolu 359 fis-settur privat jitwaqqfu minnufih, sabiex jerġa jidħol l-istat tad-dritt fil-pajjiż u tiġi introdotta ċertezza legali għall-komunità kummerċjali fis-Serbja;

32. Jinsisti li l-istituzzjonijiet tal-istat għandhom jaġixxu f'mod trasparenti u responsabbli; ifaħħar ix-xogħol tal-korpi regolatorji indipendenti bħall-Ombudsman, il-Kummissarju għall-Informazzjoni ta' Importanza Pubblika u oħrajn, u jirrikonoxxi l-kontribut tagħhom għat-titjib tal-qafas legali u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-istat; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jagħtu segwitu b'mod sistematiku għar-rakkomandazzjonijiet u s-sejbiet tagħhom;

33. Jenfasizza l-benefiċċji tal-proċess tad-deċentralizzazzjoni u jħeġġeġ it-tisħiħ tal-kompetenza tal-awtoritajiet lokali; jiddispjaċih li l-Kunsill Nazzjonali għad-Deċentralizzazzjoni għadu mhux attiv; għadu partikolarment imħasseb dwar l-inċertezza legali tal-istatus ta' Vojvodina u d-dewmien fl-adozzjoni tal-Liġi dwar ir-riżorsi proprji ta' Vojvodina;

34. Jilqa' l-passi meħuda mill-awtoritajiet biex itejbu s-sitwazzjoni soċjoekonomika fil-Wied ta' Preševo u Sandžak, iżda jenfasizza li huma meħtieġa aktar sforzi għaliex dawn ir-reġjuni għadhom sottożviluppati b'mod sinifikanti u għad għandhom rata għolja ta' qgħad; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-minoranzi etniċi Albaniżi u Bosnjaċi jkomplu jkunu sottorappreżentati fl-amministrazzjonijiet lokali; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jagħtu appoġġ b'saħħtu lil tali strateġiji ta' żvilupp;

35. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-inizjattiva REKOM u jinkoraġġixxi bis-saħħa l-pajjiżi tal-eks Jugoslavja biex jistabbilixxu kummissjoni intergovernattiva li jkollha l-kompitu li tistabbilixxi l-fatti dwar il-vittmi u l-persuni neqsin tal-gwerer tal-1991-2001;

36. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni tas-Serbja mal-ICTY, li rriżultat f'konsenja tal-indagati kollha għal delitti tal-gwerra lit-Tribunal tal-Aja biex jiġu proċessati, pass importanti lejn l-integrazzjoni Ewropea; jinkoraġġixxi aktar kooperazzjoni mat-Tribunal u repubbliki oħra tal-eks Jugoslavja sabiex issir ġustizzja għall-vittmi u l-familji tagħhom;

37. Jistieden lill-gvern isegwi r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport finali tal-OSKE/ODIHR dwar l-elezzjonijiet parlamentari, lokali u dawk presidenzjali bikrin ta' Mejju 2012, b'mod speċjali fir-rigward tar-riżoluzzjoni tat-tilwim elettorali, it-trasparenza tar-reġistrazzjoni tal-votanti, u l-finanzi politiċi, kif ukoll biex jikkonsolidaw u jarmonizzaw il-qafas legali għall-elezzjonijiet fis-Serbja, billi skont l-istandards internazzjonali, kull bidla għal-liġi elettorali għandha titwettaq ferm qabel kwalunkwe elezzjoni;

38. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għal-liberalizzazzjoni tal-viżi għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent bħala pilastru importanti fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea għar-reġjun kollu, iżda fl-istess ħin huwa mħasseb ħafna dwar l-għadd dejjem jikber ta' persuni li qed ifittxu l-asil mingħajr bażi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri ma jabbużawx mill-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viżi adottat f'Settembru 2013, iżda minflok jindirizzaw din il-kwistjoni billi jadattaw l-oqfsa leġiżlattivi rispettivi tagħhom u s-Serbja tiġi nominata bħala "pajjiż ta' oriġini sikur", bħala l-miżura ewlenija fl-isforzi biex jitnaqqas l-għadd tal-applikanti li qed ifittxu l-asil mingħajr bażi; jitlob, fl-istess ħin, għal miżuri fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari miżuri soċjoekonomiċi mmirati għall-gruppi aktar vulnerabbli, kif ukoll għal miżuri attivi fil-ġlieda kontra n-netwerks tal-kriminalità organizzata involuti fit-traffikar;

39. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Serbi jsaħħu l-ġbir tat-taxxi u jmexxu politika fiskali responsabbli; jisħaq fuq il-fatt li r-riformi strutturali b'firxa estensiva għandhom jappoġġjaw il-konsolidazzjoni fiskali u għalhekk jinkoraġġixxi l-gvern biex iwettaq riformi strutturali ekonomiċi li suppost ilhom li saru, bħal-Liġi dwar l-Ippjanar u l-Kostruzzjoni, sabiex jittejbu l-klima għall-investiment u l-kummerċ, jappoġġjaw aktar il-proliferazzjoni ta' intrapriżi żgħar u medji, jiġġieldu l-livell għoli ta' qgħad u faqar, b'mod speċjali fir-reġjuni li huma ppopolati l-aktar mill-minoranzi nazzjonali, u jwettqu riforma tal-pensjoni sabiex jintroduċu sistema tal-pensjoni sostenibbli; jinsisti fuq il-ħtieġa urġenti biex jiġu aboliti l-ostakoli amministrattivi għan-negozji u jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza ta' ristrutturar ta' malajr tal-kumpaniji pubbliċi sabiex

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

jonqsu t-telf u l-preżenza tal-istat fl-ekonomija; jistieden, għal dan il-għan, lill-awtoritajiet Serbi jippromwovu ekonomija tas-suq li tiffunzjona bis-sħiħ, jibnu bażi tat-taxxa b'saħħitha u jelaboraw strateġija għall-faqar bħala elementi prinċipali biex l-adeżjoni tas-Serbja mal-UE ssir vijabbli; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Serbi jikkonsultaw lis-soċjetà ċivili u l-komunità tan-negozju u jinkluduhom fi gruppi ta' ħidma li jkunu qed jaħdmu fuq l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni ġdida; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Serbi jirrestawraw il-fiduċja tan-negozju permezz ta' riforma regolatorja u legali; jinnota li l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni b'suċċess ta' riformi strutturali ekonomiċi se jgħinu jnaqqsu l-livell għoli ta' migrazzjoni;

40. Jilqa' l-ħidma li saret s'issa mill-Aġenzija għar-Restituzzjoni; jinkoraġġixxi r-restituzzjoni *in natura* kull meta din tkun meqjusa possibbli; jilqa' d-deċiżjoni tal-Ministeru tal-Ekonomija li jikkompila lista sħiħa ta' proprjetà pubblika u tal-istat u b'hekk itemm l-akkwiżizzjoni illegali tagħha mill-interessi privati; jenfasizza li lista dettaljata ta' proprjetà pubblika u tal-istat tibqa' essenzjali għas-suċċess tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni sistemika minħabba l-lakuni wiesa' bejn il-proprjetà tal-istat u pubblika reali u dik irreġistrata uffiċjalment;

41. Jistieden lill-awtoritajiet jagħmlu kull sforz sabiex inaqqsu l-effetti ħżiena tal-politiki ekonomiċi, bħall-faqar, il-qgħad u l-esklużjoni soċjali, iżda anki biex jindirizzaw u jiġġieldu l-kawżi sottostanti tagħhom u jippromwovu l-iżvilupp;

42. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' progress u d-dewmien kontinwu fl-implimentazzjoni prattika tal-qafas tal-enerġija rinnovabbli; jinnota li s-Serbja għadha lura ħdejn pajjiżi applikanti oħra fl-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jesprimi t-tħassib li l-miri tal-enerġija rinnovabbli għall-2020 tas-Serbja mhux se jintlaħqu; jenfasizza l-ħtieġa għal trasparenza fil-proċessi ta' konsultazzjoni tal-gvern u jiddispjaċih dwar in-nuqqas mill-awtoritajiet Serbi li jqisu l-fehmiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali fl-adozzjoni tal-Ftehim dwar il-Poter tal-Akkwist (PPA);

43. Jiddispjaċih li sar ftit wisq progress fl-oqsma tal-ambjent u t-tibdil fil-klima u jistieden lill-awtoritajiet Serbi jadottaw malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva dwar il-klima li tikkonforma mal-miri tal-UE;

44. Jenfasizza li s-Serbja, kif ukoll il-bqija tal-pajjiżi fir-reġjun, fis-snin li ġejjin teħtieġ li timplimenta l-istandards ambjentali tal-UE u tadotta miri sabiex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, billi huma diġà adottaw miri għal enerġija rinnovabbli għall-2020; jinnota li fl-Istrateġija tal-Enerġija tal-Komunità tal-Enerġija adottata fl-2012, is-Serbja tindika pjanijiet sabiex iżżid il-produzzjoni tal-elettriku minn faħam f'impjanti ta' kombustjoni kbar, u jirrimarka li dan imur kontra t-tnaqqis pjanat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-awtoritajiet Serbi jadottaw politika ta' enerġija konformi mal-miri tal-UE u, b'mod partikolari, jibbenefika mid-deċiżjoni reċenti tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) li jiffinanzja proġett ta' EUR 75 miljun imfassal sabiex jipprovdi linji ta' kreditu lill-banek lokali fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent biex dawn jisilfuhom lil mutwatarji privati u muniċipali għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli;

45. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Serbi jtejbu l-politiki ta' protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipji tas-sikurezza tal-ikel ġenerali u l-istabbiliment ta' laboratorju ta' referenza nazzjonali; jiddispjaċih li l-liġi dwar l-organiżmi ġenetikament modifikati għadha mhijiex allinjata mal-leġiżlazzjoni tal-UE;

46. Jappoġġja l-kampanja tal-awtoritajiet tal-Belt ta' Belgrad biex Belgrad tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2020, u jinkoraġġixxi proġetti relatati bil-għan li Belgrad u s-Serbja kulturalment jitqarrbu aktar lejn l-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-koeżistenza interetnika, il-komprensjoni multikulturali u d-djalogu interreliġjuż;

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvern u lill-Parlament tas-Serbja.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0040

## Proċess ta' Integrazzjoni Ewropea tal-Kosovo

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar il-proċess ta' Integrazzjoni Ewropea tal-Kosovo (2013/2881(RSP))**

(2016/C 482/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Salonka tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-prospettiva tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ewwel Ftehim tad-19 ta' April 2013 dwar il-Prinċipji li Jirregolaw in-Normalizzazzjoni tar-Relazzjonijiet bejn il-Prim Ministri Ivica Dacic u Hasim Thaci u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tat-22 ta' Mejju 2013, li kien ir-riżultat ta' għaxar laqgħat li kienu parti mid-djalogu ta' livell għoli bejn Belgrad u Pristina,

— wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt tat-22 ta' April 2013 mir-RGħ/VP u l-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tal-Kosovo fir-rigward tal-indirizzar tal-kwistjonijiet imsemmija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2012 fid-dawl ta' deċiżjoni possibbli dwar il-ftuħ ta' negozjati dwar il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2013 li jadottaw id-deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Kosovo,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 dwar Studju ta' Fattibilità għal Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo (COM(2012)0602),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2012 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati għal ftehim qafas mal-Kosovo dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni,

— wara li kkunsidra r-rapporti tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-attivitajiet li jkunu għaddejjin tal-Missjoni ta' Amministrazzjoni Intermedja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo u l-iżviluppi relatati magħha, inkluż ir-rapport li nħareġ fid-29 ta' Awwissu 2013, li jkopri l-perjodu mit-23 ta' April sal-15 ta' Lulju, u l-aħħar rapport li nħareġ fit-28 ta' Ottubru 2013,

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX Kosovo, kif emendata mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/445/PESK tad-9 ta' Ġunju 2009, mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/322/PESK tat-8 ta' Ġunju 2010 u mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/291/PESK tal-5 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tas-7 ta' Diċembru 2009, tal-14 ta' Diċembru 2010 u tal-5 ta' Diċembru 2011, li enfasizzaw u affermaw mill-ġdid, rispettivament, li l-Kosovo, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Istati Membri dwar l-istatus tiegħu, għandu wkoll igawdi mill-prospettiva tal-liberalizzazzjoni eventwali tal-viża ladarba jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha; wara li kkunsidra t-tnedija ta' djalogu dwar il-kwistjoni tal-viżi f'Jannar 2012 u l-preżentazzjoni ta' pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża f'Ġunju 2012 u tal-ewwel rapport tal-Kummissjoni tat-8 ta' Frar 2013 dwar il-progress li għamel il-Kosovo biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-pjan direzzjonali għal-liberizzazzjoni tal-viża (COM(2013)0066),

— wara li kkunsidra d-Djalogu Strutturali dwar l-Istat tad-Dritt imniedi fit-30 ta' Mejju 2012,

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra l-Kunsill Nazzjonali tal-Kosovo għall-Integrazzjoni Ewropea, marbut mal-uffiċċju tal-President u li jaqdi r-rwol ta' korp ta' koordinament ta' livell għoli responsabbli mill-ksib ta' kunsens dwar l-aġenda Ewropea permezz ta' approċċ inklużiv u mhux partiġjan, li ġie inawgurat f'Marzu 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1244(1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) tat-22 ta' Lulju 2010 dwar il-konformità mad-dritt internazzjonali tad-dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza tal-Kosovo, u r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tad-9 ta' Settembru 2010 ([1]), li rrikonoxxiet il-kontenut tal-opinjoni tal-QIĠ u laqat pożittivament id-disponibilità tal-UE li taġevola d-djalogu bejn Belgrad u Pristina.

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet konġunti tal-laqgħat interparlamentari bejn il-Parlament Ewropew u l-Kosovo tat-28 u d-29 ta' Mejju 2008, tas-6 u s-7 ta' April 2009, tat-22 u t-23 ta' Ġunju 2010, tal-20 ta' Mejju 2011, tal-14 u l-15 ta' Marzu 2012 u tat-30 u l-31 ta' Ottubru 2013,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 2013 dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2013-2014 (COM(2013)0700),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar il-ġestjoni baġitarja tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tas-sistemi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali ([2]) u l-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-Albanija1,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ftehim li ntlaħaq f'April 2013 mill-Prim Ministri Thaçi u Dačić jikkostitwixxi pass importanti u jsaħħaħ ir-responsabbiltà taż-żewġ naħat biex jimplimentaw dan il-ftehim bona fide, li jkomplu bin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet u li jressqu r-riformi meħtieġa fit-triq lejn l-integrazzjoni Ewropea;

B. billi 104 Stat Membru fost il-193 Stat Membru tan-Nazzjonijiet Uniti, inklużi 23 mis-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, jirrikonoxxu l-indipendenza tal-Kosovo;

C. billi l-Istati Membri kollha tal-UE jappoġġaw il-prospettiva Ewropea tal-Kosovo, f'konformità mal-impenji meħuda mill-UE fil-konfront tal-Balkani tal-Punent u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Istati Membri dwar l-istatus tal-Kosovo;

D. billi r-riformi politiċi, amministrattivi u ekonomiċi importanti nkisbu mill-awtoritajiet u mill-poplu tar-Repubblika tal-Kosovo; billi għad hemm ħafna xi jsir biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt, li jirrappreżenta l-pedament li fuqu jissejsu l-iżvilupp fit-tul, id-demokrazija u l-ekonomija soċjali tas-suq;

E. billi l-Kosovo żdied il-kapaċità tiegħu li jwieġeb għall-prijoritajiet tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea billi jibni fuq il-prijoritajiet f'terminu qasir identifikati mill-istudju ta' fattibilità u billi jipprepara għan-negozjati dwar Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA);

F. billi fil-kuntest tad-djalogu rigward il-liberalizzazzjoni tal-viża l-Kosovo mmodifika u adotta leġiżlazzjoni importanti, inklużi liġijiet dwar l-asil, il-finanzjament tal-partiti u t-traffikar tal-bnedmin;

G. billi jinħtieġu aktar sforzi biex jingħelbu l-isfidi tal-aġenda riformi għall-Ewropa fid-dawl tal-FSA, partikolarment f'oqsma prijoritarji bħall-istat tad-dritt, il-ġudikatura, l-amministrazzjoni pubblika, ir-riforma elettorali, id-drittijiet tal-bniedem u fundamentali;

[1] A/RES/64/298

[2] Testi adottati, P7_TA(2013)0434.

1. Jilqa' l-konklużjoni tal-Ewwel Ftehim dwar il-Prinċipji ta' Normalizzazzjoni tad-19 ta' April 2013 bejn iż-żewġ Prim Ministri, kif ukoll il-ftehim dwar il-pjan ta' implimentazzjoni, u jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tiegħu bona fide u fi żmien debitu; jilqa' pożittivament ukoll l-allokazzjoni ta' finanzjamenti addizzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) bħala sostenn għall-implimentazzjoni tal-ftehim;

2. Jifraħ lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President għax-xogħol tagħha għal dak li jikkonċerna l-faċilitazzjoni tad-djalogu bejn Belgrad u Pristina;

3. Jilqa' t-tnedija tan-negozjati bejn l-UE u l-Kosovo dwar il-FSA fit-28 ta' Ottobbru 2013; jiddispjaċih, madankollu, mill-fatt li minħabba d-diviżjoni interna fil-Kunsill, il-mandat ta' negozjar huwa differenti minn dawk ta' FSA preċedenti; jisħaq fuq il-fatt li dan l-FSA se joħloq inċentiv b'saħħtu għal riforma u opportunitajiet ġodda li se jsaħħu r-relazzjonijiet ta' viċinat tal-Kosovo u jiggarantixxu stabbilizzazzjoni usa' fir-reġjun;

4. Jenfasizza l-fatt li l-elezzjonijiet lokali li saru fit-3 ta' Novembru 2013 jirrappreżentaw test kruċjali għall-proċess ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Belgrad u Pristina;

5. Japprezza l-elezzjonijiet lokali li għall-ewwel darba fl-istorja koprew it-territorju kollu tal-Kosovo u saru skont il-liġi Kosovara fit-3 ta' Novembru, 17 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2013 talli rrappreżentaw pass kbir 'il quddiem lejn id-demokrazija fil-Kosovo u għall-fiduċja taċ-ċittadini fil-proċessi demokratiċi abbażi tal-proċess tan-normalizzazzjoni, u jilqa' l-iżvolġiment ġeneralment regolari tal-elezzjonijiet, kif ivvalutat fid-dikjarazzjonijiet preliminari tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE (EOM); jilqa' l-fatt li l-ewwel sindka mara ġiet eletta fil-Kosovo; ikompli jenfasizza l-bżonn li kandidati nisa jiġu inkoraġġiti jipparteċipaw f'elezzjonijiet futuri; jilqa' pożittivament il-miżuri adottati mill-awtoritajiet Kosovari intiżi li jsaħħu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-pajjiż, ngħidu aħna l-ħolqien ta' mekkaniżmu sod ta' viġilanza li joffri liċ-ċittadini l-possibilità li jilmentaw dwar intimidazzjonijiet u irregolaritajiet fil-ġurnata tal-elezzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon ir-rata ta' parteċipazzjoni elettorali evidenti fil-muniċipalitajiet ta' maġġoranza Serba fuq ix-xaqliba tan-Nofsinhar tax-xmara Ibar bħala pass kruċjali lejn il-formazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet Serbi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li n-nuqqas li jinawguraw sindku ġdid fit-Tramuntana ta' Mitrovica u s-sejħa sussegwenti għall-elezzjonijiet ġodda f'dan il-muniċipalità m'għandhomx ifixklu l-kontinwazzjoni tal-proċess u l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim tad-19 ta' April 2013; jikkundanna bil-qawwa l-qtil ta' Dimitrije Janicijevic, kunsillier muniċipali ta' Mitrovica tat-Tramuntana, u jitlob lill-awtoritajiet rilevanti biex jibdew immedjatament l-investigazzjoni u jġibu lill-awturi għall-ġustizzja;

6. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza u l-indimidazzjoni persistenti li saru fil-muniċipalitajiet ta' Mitrovica tat-Tramuntana u Zvečan; jissottolinja l-fatt li tali inċidenti jippreġudikaw l-istabilità u s-sigurtà fir-reġjun tal-madwar u jeħtieġ l-awtoritajiet rilevanti jagħmlu ħilithom sabiex jiffaċilitaw sforzi ħalli r-responsabbli jittellgħu l-qorti; jikkonstata li huma meħtieġa aktar sforzi attenti biex jisfaxxa n-netwerk tal-kriminalità organizzata u r-rabtiet tiegħu mal-elites politiċi lokali u jerġa' jiġi stabbilit l-istat tad-dritt fit-Tramuntana tal-Kosovo; jilqa' favorevolment il-pożizzjoni tal-mexxejja politiċi Serbi li inkoraġġixxu b'mod attiv is-Serbi tal-Kosovo jipparteċipaw fl-elezzjonijiet; jiddispjaċih, iżda, li l-mexxejja ta' Belgrad ma żarux b'mod attiv it-Tramuntana tal-Kosovo qabel it-3 ta' Novembru 2013;

7. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kosovari jadottaw malajr kemm jista' jkun, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni ta' Venezja, liġi elettorali ġdida bil-għan li l-proċeduri elettorali jsiru aktar trasparenti u l-votazzjoni tiġi ssimplifikata u u terġa' tinġieb il-fiduċja taċ-ċittadini Kosovari fil-proċess demokratiku, u tiżgura l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' riforma elettorali;

8. Josserva fl-istess ħin li se jinħtieġu aktar sforzi kontinwi biex il-komunità Albaniża u dik Serba jitressqu aktar lejn xulxin;

9. Jilqa' l-ftehimiet konklużi dwar it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija, u jisħaq fuq l-importanza li l-Kosovo jingħata kemm jista' jkun malajr prefiss telefoniku internazzjonali għalih, li se jgħin biex tissawwar l-identità Kosovara u l-viżibilità internazzjonali tagħha;

10. Jenfasizza l-bżonn li l-konklużjonijiet tad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina jiġu kkomunikati bi trasparenza kompleta u li jkun żgurat l-involviment tal-parlamenti u tas-soċjetajiet ċivili fil-proċess ta' implimentazzjoni; jilqa' l-ħatra ta' uffiċjali ta' kollegament miż-żewġ naħat u jinsisti li jingħata appoġġ kontinwu lit-tnejn li huma;

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

11. Jenfasizza l-importanza tal-liberalizzazzjoni tal-viża għaċ-ċittadini Kosovari u jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Kosovari jżidu l-isforzi tagħhom ħalli jissodisfaw il-prijoritajiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Viża; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkunu aktar reattivi għall-isforzi tal-gvern Kosovar u f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni taċċelera l-interventi tekniċi relatati mal-proċess ta' liberalizzazzjoni tal-viża;

12. Jistieden lill-Kunsill jadotta, mill-aktar fis possibbli, id-deċiżjonijiet li hemm bżonn ħalli l-Kosovo jkun jista' jieħu sehem fil-programmi tal-UE;

13. Jinkoraġġixxi lill-ħames Stati Membri li fadal jipproċedu bir-rikonoxximent tal-Kosovo; jitlob lill-Istati Membri tal-UE kollha jagħmlu ħilithom sabiex jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u politiċi bejn iċ-ċittadini tagħhom u dawk tal-Kosovo; josserva li huwa neċessarju li jittieħdu passi attivi li jippermettu l-implimentazzjoni sħiħa tal-IPA, u anki li jtejbu l-kooperazzjoni bejn EULEX, Europol u Interpol, inklużi, sakemm għad m'hemmx rikonoxximent komplet, passi prattiċi intiżi sabiex il-Kosovo jiġi inkluż fil-ħidma ta' dawn iż-żewġ aġenziji u jistieden lill-Kummissjoni taħdem fuq ftehimiet li jkunu jippermettu kooperazzjoni tal-Kosovo mal-aġenziji tal-UE;

14. Jilqa' l-istabbiliment tat-Tim ta' Kmand Reġjonali tal-Pulizija tal-Kosovo fit-Tramuntana bħala parti mill-proċess tal-ħolqien ta' Pulizija Unifikata tal-Kosovo;

15. Jenfasizza l-importanza tax-xogħol ta' EULEX fil-konsolidament tal-istat tad-dritt fl-istituzzjonijiet Kosovari, iżda josserva l-insodisfazzjon mifrux bir-riżultati ta' EULEX kemm fost is-Serbi kif ukoll fost l-Albaniżi tal-Kosovo; jitlob lil EULEX iżżid l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbilizzazzjoni tax-xogħol tagħha, tinforma lill-Parlament Ewropew u l-Parlament tal-Kosovo b'mod regolari dwar l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tagħha u, b'mod partikolari, turi riżultati aktar konkreti kemm lill-awtoritajiet Kosovari u Serbi kif ukoll lill-popolazzjoni inġenerali; jiġbed l-attenzjoni għall-eżistenza ta' setturi li fihom għandu jkun mistenni titjib, inklużi definizzjoni aħjar tal-objettivi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet u r-rabtiet tagħhom ma' parametri ta' riferiment speċifiċi; jisħaq fuq il-bżonn ta' koordinament aħjar tal-objettivi esterni u interni, ta' koordinament aħjar bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u bejn din tal-aħħar u l-awtoritajiet Kosovari u l-komunità internazzjonali; iħeġġeġ lil EULEX, kull meta possibbli, f'dan ir-rigward, tagħti prijorità lill-objettivi tagħha, tottimizza l-użu tar-riżorsi u tal-persunal tagħha u taċċelera l-implimentazzjoni tad-dokument operattiv dwar l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fil-kuntest tal-PESD (minn Novembru 2005);

16. Jappella lill-awtoritajiet Kosovari jkomplu jirrispettaw il-mandat ta' EULEX u l-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha; jieħu nota tal-interess tal-gvern Kosovar li jassumi l-funzjonijiet ta' EULEX; jinsisti fuq il-preżenza ta' EULEX ħalli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-ftehim tad-19 ta' April 2013 fil-qasam tal-istat tad-dritt; jissottolinja li s-sigurtà taċ-ċittadini hija fundamentali biex tirnexxi l-implimentazzjoni tal-ftehimiet; jenfasizza l-bżonn urġenti ta' miżuri biex dan jiġi ttrattat; jenfasizza fuq il-fatt li EULEX attwalment qed tinvestiga aktar minn 250 każ inklużi każijiet ta' kriminalità organizzata, korruzzjoni, delitti tal-gwerra u akkużi serji oħra li jinvolvu għexieren ta' uffiċjali ta' partiti politiċi fost oħrajn; jissottolinja li kwalunkwe trasferiment ta' responsabbiltajiet jeħtieġ li jkun gradwali, ibbażat fuq progress reali fit-territorju u għandu jinvolvi s-soċjetà ċivili Kosovara u l-istituzzjonijiet demokratiċi tar-Repubblika tal-Kosovo; jistieden għalhekk lill-Gvern Kosovar jaqbel mal-proroga tal-mandat ta' EULEX Kosovo lil hinn minn Ġunju 2014;

17. Jistieden b'mod partikolari, kemm lill-Kosovo kif ukoll lis-Serbja jikkooperaw b'mod attiv u kostruttiv ma' EULEX fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-assistenza ġudizzjarja reċiproka bil-għan li jiġi ttrattat in-numru dejjem ikbar ta' talbiet dwar il-proprjetajiet fil-Kosovo;

18. Jikkundanna bil-qawwa l-attakk li wassal għall-qtil ta' uffiċjal ta' EULEX fid-19 ta' Settembru 2013 viċin il-Muniċipalità Zveçan/Zvečan u jappella sabiex titwettaq investigazzjoni mingħajr dewmien; iħeġġeġ lill-partijiet kollha jevitaw kwalunkwe azzjoni li tista' toħloq tensjoni;

19. Jenfasizza mill-ġdid il-bżonn ta' responsabbiltà u sjieda lokali għal dak li jikkonċerna l-proċess ta' rikonċiljazzjoni u fl-istess ħin jikkundanna r-retorika nazzjonalistika taż-żewġ naħat; jemmen li l-awtoritajiet Kosovari għandhom jieħdu passi deċiżivi ulterjuri f'dak li hu tisħiħ tal-fiduċja bejn is-Serbi u l-Albaniżi tal-Kosovo, partikolarment fit-Tramuntana, biex javviċinaw il-minoranza Serba u minoranzi oħra bil-għan li tiġi żgurata integrazzjoni wiesgħa fi ħdan is-soċjetà; jappella wkoll għall-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju kostituzzjonali tal-għoti lis-Serbi tal-Kosovo tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi uffiċjali kollha bil-lingwa tagħhom stess; jenfasizza, fl-istess ħin, l-importanza ta' edukazzjoni kompletament

bilingwali; jinkoraġġixxi lis-Serbi tal-Kosovo kollha kif ukoll lir-rappreżentanti politiċi tagħhom jużaw il-possibbiltajiet li toffrilhom il-Kostituzzjoni tal-Kosovo sabiex jassumu rwol kostruttiv fil-politika u s-soċjetà u b'hekk, permezz tal-parteċipazzjoni attiva fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Kosovo flimkien mal-Albaniżi tal-Kosovo jikkondividu r-responsabbiltà għall-iżvilupp soċjali u l-ħolqien tal-istituzzjonijiet u jieħdu f'kunsiderazzjoni speċjali l-involviment tan-nisa f'dan il-proċess; jilqa' pożittivament il-progress li sar fl-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni muniċipali;

20. Jifraħ bl-azzjonijiet tal-UE intiżi li jinkoraġġixxu d-djalogu u r-rikonċiljazzjoni bejn il-komunitajiet; iħeġġeġ li l-atturi kollha jkomplu jagħtu attenzjoni partikolari lill-aspetti tekniċi tal-integrazzjoni mal-UE, kif ukoll lill-atti simboliċi ta' rikonċiljazzjoni;

21. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-minoranzi u tad-drittijiet kulturali għadha sfida importanti fil-Kosovo; jindika l-bżonn ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-patrimonju kulturali u l-Knisja Ortodossa Serba, kif ukoll l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għall-komunitajiet tar-Rom, tal-Ashkali u tal-Eġizzjani, li l-qagħda tagħhom fit-territorju għadha tqajjem tħassib kbir; filwaqt li jesprimi apprezzament għall-progress li sar fit-titjib tal-ħajja tal-komunitajiet tar-Rom, tal-Ashkali u tal-Eġizzjani, jibqa' mħasseb dwar is-sitwazzjoni tagħhom, li fiha, b'mod partikolari, it-tfal għadhom vulnerabbli u emarġinati; jisħaq fuq il-bżonn li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tar-Rom bħala kwistjoni essenzjali tad-drittijiet tal-bniedem. jistieden lill-awtoritajiet u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni adegwata għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja ta' dawn il-komunitajiet, inkluż l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni; jenfasizza l-pożizzjoni tal-minoranza Kroata, dik Bosnijaka, dik Ashkali, dik Torka, dik Gorani u dik Eġizzjana Balkanika fir-rigward tal-importanza tal-edukazzjoni multilingwi, bil-għan li dawn il-minoranzi etniċi ma jħossuhomx politikament iżolati;

22. Jilqa' favorevolment il-finanzjament addizzjonali min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea fl-ambitu tal-Istrument IPA tal-UE bħala sostenn favur il-muniċipalitajiet b'maġġoranza Serba fil-Kosovo kollu;

23. Jitlob lill-awtoritajiet Kosovari jtejbu l-effikaċja, it-trasparenza, ir-responsabbilizzazzjoni u l-imparzjalità tas-sistema ġudizzjarja u jirrispettaw l-indipendenza tagħha bil-għan li jkun garantit li l-pubbliku ġenerali u l-komunità tal-impriżi jafdaw lill-ġudikatura, u jindirizzaw b'mod efikaċi kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa; iħeġġeġ lill-awtoritajiet isaħħu b'mod proattiv l-istat tad-dritt, b'mod partikolari billi jnaqqsu l-indħil politiku fil-ġudikatura, jiżguraw li s-sanzjonijiet dixxiplinari kontra l-imħallfin u l-prosekuturi jirriżultaw f'azzjoni konkreta, jaħdmu favur l-indipendenza u l-effiċjenza tal-Kunsill ta' Prosekuzzjoni u tal-Prosekutur tal-Istat u jimplimentaw il-kodiċi kriminali u tal-kodiċi ta' proċedura kriminali;

24. Jistieden lill-awtoritajiet iżidu l-impenn tagħhom lejn riforma ġudizzjarja awtentika, jibnu l-kapaċitajiet b'enfasi fuq il-meritokrazija fir-reklutaġġ tal-persunal ġudizzjarju meħtieġ biex jittratta l-akkumulu eżistenti ta' kawżi pendenti, u jiggarantixxi ambjent sikur għall-imħallfin u għall-prosekuturi ħieles mill-indħil politiku;

25. Jinsab partikolarment imħasseb dwar in-nuqqas ta' progress tanġibbli fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-Kosovo; jemmen li l-korruzzjoni għadha sfida ewlenija u ostakolu serju għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet pubbliċi; jiddispjaċih f'dan ir-rigward li l-Aġenzija kontra l-Korruzzjoni stabbilita fl-2006 ma għandha l-ebda setgħa investigattiva; josserva li l-Assemblea tal-Kosovo adottat strateġija u pjan ta' azzjoni ġodda kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-awtoritajiet jiggarantixxu l-implimentazzjoni tagħhom billi jiddefinixxu rwoli u responsabbiltajiet ċari għall-istituzzjonijiet inkarigati mill-ġlieda kontra l-korruzzjoni ħalli dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jipproduċu riżultati konkreti u sostenibbli;

26. Jibqa' mħasseb dwar l-ambitu limitat tal-qafas tal-protezzjoni tax-xhieda fil-Kosovo, b'mod partikolari fil-kawżi li jiġbdu ħafna l-attenzjoni tan-nies, u jappella lill-Istati Membri tal-UE jsaħħu l-kooperazzjoni fir-rigward tat-trasferiment possibbli tax-xhieda;

27. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' xi progress sinifikanti fl-indirizzar tal-korruzjoni u l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari dwar ir-rati għoljin ta' kriminalità organizzata fit-Tramuntana tal-Kosovo; josserva li l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata huma mifruxa fir-reġjun u jirrappreżentaw ukoll ostaklu għall-iżvilupp demokratiku, soċjali u ekonomiku tal-Kosovo; jisħaq fuq il-fatt li l-Kosovo jeħtieġ iforni provi konkreti ta' riżultati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni bħala kwistjoni ta' prijorità; iqis li strateġija reġjonali u kooperazzjoni msaħħa bejn il-pajjiżi kollha fir-reġjun huma essenzjali sabiex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati b'aktar effikaċja, b'mod partikolari t-titjib fis-sorveljanza tal-fruntieri u sforzi sabiex jiġu indirizzati t-traffikar u l-isfruttament tan-nisa u l-minorenni, b'mod partikolari dawk li huma vittmi tal-isfruttament sesswali jew elemożina furzata; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet ċentrali u lokali jfornu riżultati konkreti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, tad-drogi u tal-armi; jisħaq fuq l-

importanza ta' approċċ komprensiv, multidixxiplinari u orjentat lejn il-vittmi b'aċċess mingħajr ostakli għall-assistenza, għas-sostenn u għall-ħarsien tal-vittmi; jiddispjaċih mill-fatt li l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata tħallew mhux mittiefsa minn EULEX;

28. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni tar-riformi neċessarji tal-amministrazzjoni pubblika u taż-żieda fl-għadd ta' nisa u ta' membri tal-minoranzi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni; jibqa' inkwetat bil-fatt li bosta impjegati tas-settur pubbliku għandhom impjiegi addizzjonali oħrajn li fil-prinċipju jistgħu joħolqu kunflitti ta' interessi jew jiffaċilitaw il-prattiki ta' korruzzjoni;

29. Jappoġġa ż-żamma tal-prosekuzzjoni tad-delitti tal-gwerra fil-livell nazzjonali inkluża l-importanza tal-prosekuzzjoni tal-istupri tal-gwerra; jiddispjaċih mill-fatt li, bħala konsegwenza tal-gwerra tal-1999 fil-Kosovo, 1 869 ruħ għadhom nieqsa; josserva li din il-kwistjoni teħtieġ risposta rapida min-naħa tal-awtoritajiet fis-Serbja u fil-Kosovo, bħala kundizzjoni preliminari vitali għar-rikonċiljazzjoni bejn il-komunitajiet u għal futur paċifiku fir-reġjun u jisħaq fuq il-fatt li sabiex id-djalogu bejn il-Kosovo u s-Serbja jitkompla, il-kooperazzjoni għat-tisjib tal-persuni nieqsa u aspetti oħrajn tal-ġustizzja tranżizzjonali jeħtieġu li jkunu prijorità;

30. Jitlob, f'dan ir-rigward, lill-awtoritajiet Serbi jipprovdu kull assistenza fir-ripartijazzjoni tal-iġsma tal-persuni Kosovari nieqsa li nstabu riċentement fis-Serbja u jkomplu jfittxu fiż-żona identifikata li fiha l-persuni nieqsa huma presunti li ndifnu.

31. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kosovo u tas-Serbja jikkooperaw u jieħdu responsabbiltà sħiħa biex isibu soluzzjonijiet dejjiema għal dak li għandu x'jaqsam mal-persuni spostati internament fis-Serbja u fil-Kosovo; jisħaq fuq il-fatt li l-awtoritajiet Kosovari għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex tinstab soluzzjoni għall-problema tal-persuna spostata internament fil-kuntest tal-proċess ta' adeżjoni mal-U, partikolarment dwar il-kwistjoni tar-riżoluzzjoni effiċjenti tat-tilwim relatat mal-proprjetà;

32. Jistieden lill-awtoritajiet Kosovari u tal-pajjiżi ġirien ikomplu juru rieda tajba lejn u jikkooperaw bis-sħiħ ma' u jsostnu t-Task Force Investigattiva Speċjali stabbilita b'segwitu għar-rapport tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Diċembru 2010 kif ukoll kwalunkwe prosekuzzjoni li tista' toħroġ mill-ħidma tat-Task Force Investigattiva Speċjali u jinkoraġġixxi aktar aċċelerazzjoni ta' xogħolha;

33. Jitlob lill-istituzzjonijiet fuq livell kemm ċentrali kif ukoll lokali jimplimentaw b'mod effikaċi l-leġiżlazzjoni relatata mad-drittijiet tal-bniedem u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri ta' soċjetà multietnika, b'enfasi partikolari fuq l-edukazzjoni u l-impjieg ta' rappreżentanti tal-gruppi minoritarji kollha;

34. Jappoġġa l-professjonalizzazzjoni tas-servizz pubbliku u jappella għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni neċessarja f'dan ir-rigward; jinsab imħasseb dwar il-każijiet ta' ndħil politiku fir-reklutaġġ u fil-ħatra ta' impjegati pubbliċi;

35. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li d-diskriminazzjoni għadha problema serja u jitlob lill-awtoritajiet japplikaw il-prinċipju kostituzzjonali tan-nondiskriminazzjoni; jisħaq fuq il-bżonn li tiġi mfassla strateġija globali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u li tiġi implimentata bis-sħiħ il-Liġi dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni biex b'hekk jiġi garantit, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, it-trattament ugwali ta' kulħadd indipendentement mill-oriġini etnika, ir-reliġjon, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-età jew id-diżabbiltà;

36. Jieħu att tal-kap ta' akkuża ppreżentat kontra tliet ċittadini Kosovari talli kienu involuti fl-attakk fuq Kosovo 2.0 fl-14 ta' Diċembru 2012 fis-Sala l-Ħamra taċ-Ċentru għaż-Żgħażagħ u l-Isport u jistenna li l-awturi jiġu pproċessati fi żmien dovut;

37. Jisħaq fuq il-fatt li għalkemm il-libertà li wieħed jissieħeb ma' trade unions hija ggarantita mil-liġi, għad hemm bżonn ta' titjib fir-rigward tad-drittijiet bażiċi tax-xogħol u tat-trade unions; jinkoraġġixxi lill-Kosovo jsaħħaħ id-djalogu soċjali fi ħdan il-proċess deċiżjonali, it-tfassil tal-politika u l-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali;

38. Jistieden lill-awtoritajiet Kosovari jimplimentaw totalment il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u jirrakkomanda r-reviżjoni tal-politiki dwar il-faqar fost it-tfal, inkluża l-modifika tal-iskema ta' assistenza soċjali u l-introduzzjoni ta' skema ta' benefiċċji għat-tfal universali u abbażi ta' test tal-mezzi;

39. Jinsab imħasseb dwar ir-rati għolja ta' faqar u ta' mortalità infantili, il-livell baxx ta' kopertura offruta mis-sistema tal-protezzjoni soċjali tal-Kosovo u l-ammont għoli ta' nfiq mhux rimborsat għall-assistenza sanitarja, u b'hekk il-familji vulnerabbli jiġu esposti għall-faqar kroniku;

40. Jappella għat-titjib tar-relazzjonijiet u tar-rappreżentanza tal-Kosovo fi ħdan l-istituzzjonijiet internazzjonali inkarigati mill-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali bil-għan li jittejjeb il-ħarsien tas-siti u tal-monumenti reliġjużi u kulturali, kif ukoll għall-konsolidament tar-rappreżentanza tal-Kosovo fi ħdan l-organizzazzjonijiet sportivi u tal-mezzi tal-komunikazzjoni Ewropej u internazzjonali bil-għan li l-artisti u l-atleti Kosovari jkunu jistgħu jieħdu sehem fl-avvenimenti kulturali u sportivi internazzjonali kollha, inklużi l-European Song Contest u l-kampjonati Ewropej u tad-dinja u l-Olimpijadi;

41. Jenfasizza l-importanza ta' midja libera u indipendenti u jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-programmi intiżi sabiex itejbu l-kwalità u l-professjonalità tal-ġurnalisti; jisħaq fuq ir-rwol ta' mezzi ta' komunikazzjoni sostenibbli tas-servizz pubbliku f'dan ir-rigward; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' protezzjoni għall-ġurnalisti indipendenti u l-pressjoni eżerċitata fuqhom; jistieden lill-awtoritajiet Kosovari jipprevedu mekkaniżmu ta' finanzjament sostenibbli tal-mezzi tal-komunikazzjoni tas-servizz pubbliku u jikkompetaw l-ħatriet tal-membri tal-bord tat-tmexxija tiegħu; jenfasizza l-bżonn li jiġu garantiti sjieda ċara tal-mezzi tal-komunikazzjoni u servizz tax-xandir ħieles u ta' kwalità; jappoġġa l-isforzi tal-istituzzjonijiet biex l-Kosovo jingħata kodiċi ta' dominju tal-internet;

42. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi u indipendenti fit-tisħiħ u l-konsolidament tal-proċessi politiċi demokratiċi u fil-bini ta' soċjetà integrata fil-pajjiż; jissottolinja l-importanza ta' djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jisħaq fuq ir-rwol kruċjali tal-atturi tas-soċjetà ċivili fil-kontribut għal tisħiħ fil-kooperazzjoni reġjonali dwar kwistjonijiet soċjali u politiċi; jilqa' favorevolment il-kooperazzjoni mtejba mill-gvern mal-NGOs u jistieden lill-awtoritajiet Kosovari jistabbilixxu mekkaniżmu strutturat ta' djalogu u ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili fir-rigward tat-tfassil tal-politiki, inklużi konsultazzjonijiet dwar politiki u leġiżlazzjoni, u l-monitoraġġ tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea;

43. Jieħu nota tal-proċess attwali ta' privatizzazzjoni tal-partimonju pubbliku, b'mod partikolari l-kumpanija tal-posta u t-telekomunikazzjoni tal-Kosovo (PTK); iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kosovari jadottaw miżuri konkreti sabiex isaħħu t-trasparenza, ir-responsabbilizzazzjoni u l-leġittimità tal-proċess fit-totalità tiegħu, pereżempju billi jqiegħdu l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati kollha fi żmien debitu;

44. Jitlob lill-Kosovo jtejjeb il-kuntest ekonomiku għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju billi jnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż assoċjati, iżid l-aċċess għall-kreditu, u jagħti appoġġ partikolari għall-impriżi li jkunu għadhom jibdew; jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-iffirmar ta' Memorandum ta' Qbil bejn il-Kmamar tal-Kummerċ tal-Kosovo u tas-Serbja;

45. Jilqa' l-fatt li, fis-17 ta' Diċembru 2012, il-Kosovo sar is-66 membru tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ); jilqa', barra minn hekk, l-adozzjoni tal-ewwel strateġija BERŻ shiha għall-pajjiż fit-8 ta' Mejju 2013 li se tikkontribwixxi għall-aċċelerazzjoni tal-proċess ta' riforma u tas-sostenn għall-ekonomija tal-Kosovo, se ttejjeb ħajjet in-nies, tiffaċilita tranżizzjoni u tikkontribwixxi għall-istabilità reġjonali;

46. Jilqa' l-impenn provviżorju tal-UE li tipprovi aktar fondi sabiex jitħallsu l-ispejjeż kollha tad-dekummissjonar tal-impjant tal-elettriku l-qadim Kosovo A sal-2017; jistieden lill-Kosovo jintensifika l-isforzi tiegħu u jieħu minnufih passi konkreti li hemm bżonn għad-dekummissjonar tal-impjant tal-elettriku Kosovo A u jitlob Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali kompleta b'mod konformi mal-istandards tal-UE għall-impjant tal-elettriku l-ġdid tal-Kosovo; jitlob ukoll lill-Kosovo jaħdem fuq l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli u d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija b'mod koerenti mal-impenn tiegħu li sal-2020 25 % tal-bżonnijiet totali tal-enerġija jiġi mill-enerġija rinnovabbli, u jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-bżonn li tiġi allokata parti akbar mill-għajnuna finanzjarja provduta mill-UE u l-BERŻ għall-iffrankar tal-enerġija, l-effiċjenza fl-enerġija, l-integrazzjoni fis-swieq reġjonali tal-elettriku u l-proġetti favur l-enerġija rinnovabbli;

47. Jiddispjaċih bid-dewmien tal-awtoritajiet Kosovari fir-rigward tal-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' strateġija ambjentali kredibbli u effikaċi fir-rigward, partikolarment, tar-regoli dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u tal-objettivi klimatiċi tal-UE;

48. Josserva bi tħassib iċ-ċifri għolja tal-qgħad, b'mod partikolari dak fost iż-żgħażagħ u jħeġġeġ lill-gvern jindirizza din il-problema billi joffri opportunitajiet adegwati għaż-żgħażagħ u billi jorjenta l-edukazzjoni abbażi tal-esiġenzi tas-suq tax-xogħol;

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

49. Jisħaq fuq il-fatt li l-adeżjoni Kosovara mal-organizzazzjoni reġjonali ta' kooperazzjoni għandha tkun promossa u inkoraġġita mill-pajjiżi kollha tar-reġjun; jappoġġa, f'dan ir-rigward, l-impenn tal-Kosovo fl-organizzazzjonijiet reġjonali u jappella għat-tneħħija tal-ostakli kollha ħalli l-Kosovo jkun jista' jieħu sehem f'dawn l-organizzazzjonijiet, inkluż il-Kunsill tal-Ewropea;

50. Jisħaq fuq l-importanza li jkun żviluppat it-trasport pubbliku, b'mod partikolari, permezz tal-modernizzazzjoni tal-kollegamenti ferrovjarji, jew l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, bħala parti minn sistema ta' trasport sostenibbli; jissuġġerixxi li tinħoloq sistema transkonfinali ta' trasport ferrovjarju ta' veloċità għolja bejn il-pajjiżi kollha fil-Balkani tal-Punent, konnessi man-Netwerk Trans-Ewropew tal-Unjoni Ewropea;

51. Josserva bi tħassib is-sitwazzjoni ekonomika attwali fil-Kosovo; jisħaq fuq il-fatt li jeħtieġ li titjieb l-istatistika ekonomika bil-għan li tiġi valutata s-sitwazzjoni ekonomika qabel ma jiġu identifikati l-modi ta' kif tista' tiġi indirizzata;

52. Jistieden lill-awtoritajiet Kosovari jaħdmu fuq it-titjib tal-affidabilità tal-istatistika konformement mal-istandards Ewropej u mal-metodoloġiji internazzjonali;

53. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tal-Kosovo.

P7_TA(2014)0041

# Rapport ta' Progress 2012 dwar l-Islanda u l-prospettivi postelettorali

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar ir-Rapport ta' progress tal-2012 dwar l-Islanda u l-prospettivi postelettorali (2013/2932(RSP))

(2016/C 482/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 li jinbdew negozjati ta' adeżjoni mal-Islanda,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-Konferenza ta' Adeżjoni mal-Islanda,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem "L-Istrateġija ta' Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2012-2013" (COM(2012)0600) u r-Rapport ta' Progress tal-2012 dwar l-Islanda adottat fl-10 ta' Ottubru 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Islanda, u b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Islanda għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea ([1]), ir-riżoluzzjoni tas-7 ta' April 2011 dwar ir-rapport ta' progress tal-2010 dwar l-Islanda ([2]) u r-riżoluzzjoni tal-14 ta' Marzu 2012 dwar ir-rapport ta' progress tal-2011 dwar l-Islanda ([3]),

— wara li kkunsidra l-ftehim tal-14 ta' Jannar 2013 dwar it-tmexxija tan-negozjati għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea fil-fażi ta' qabel l-elezzjonijiet parlamentari, u l-pjattaforma governattiva tat-22 ta' Mejju 2013 organizzata mill-Partit Progressista u mill-Partit Indipendentista,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tat-13 ta' Ġunju 2013 mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Islanda, Gunnar Bragi Sveinsson, u mill-Kummissarju responsabbli għat-Tkabbir u l-Politika Ewropew tal-Viċinat, Štefan Füle,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Islanda tissodisfa l-kriterji ta' Kopenħagen, u n-negozjati dwar l-adeżjoni mal-Islanda bdew fis-27 ta' Lulju 2010 wara l-approvazzjoni mill-Kunsill;

B. billi nfetħu għan-negozjati 27 kapitolu, li minnhom 11 ingħalqu fuq bażi provviżorja;

C. billi l-gvern Islandiż elett reċentement issospenda l-proċess ta' adeżjoni u billi qed issir valutazzjoni tan-negozjati ta' adeżjoni u tal-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' dibattitu fi ħdan l-Althingi dwar dawn il-kwistjonijiet;

D. billi l-Gvern tal-Islanda ddikjara li n-negozjati ta' adeżjoni mhumiex sejrin jissuktaw qabel ma jkun sar referendum pubbliku nazzjonali;

1. Jirrimarka li, konformement mal-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u wara votazzjoni favorevoli fi ħdan l-Althingi, il-gvern Islandiż applika għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Lulju 2009;

2. Jilqa' l-prospett li, bħala Stat Membru ġdid tal-UE, ikollna pajjiż bi tradizzjoni demokratika li taħdem tajjeb u b'istituzzjonijiet u b'soċjetà ċivili b'saħħithom;

3. Jinnota li l-Islanda għandha kapaċità ġenerali tajba biex tadotta l-obbligi tas-sħubija, partikolarment fid-dawl tal-parteċipazzjoni tagħha fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

4. Jissottolinja t-tmexxija trasparenti u inklużiva tan-negozjati ta' adeżjoni u jilqa' l-ftuħ ta' 27 kapitolu tan-negozjati u l-għeluq provviżorju ta' 11 minnhom, fatt li juri l-progress pożittiv li sar fil-proċess ta' adeżjoni;

([1]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 73.
([2]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 89.
([3]) ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 61.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

5. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għadha impenjata bis-sħiħ li tissokta u tikkompleta l-proċess tan-negozjati ta' adeżjoni;

6. Jieħu nota li stħarriġiet reċenti tal-opinjoni pubblika juru li maġġoranza tal-Islandiżi jixtiequ li n-negozjati ta' adeżjoni jiġu kkompletati;

7. Jieħu nota li l-Island għadha kklassifikata bħala pajjiż applikant;

8. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Gvern Islandiż li ma jistenniex tmiem in-negozjati ta' adeżjoni qabel ma jorganizza referendum; jistenna bil-ħerqa d-dibattitu parlamentari fl-Althingi dwar il-valutazzjoni tan-negozjati ta' adeżjoni u l-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea, u r-rieżami ta' dawn il-kwistjonijiet mill-Althingi; joffri l-assistenza fit-tħejjija ta' tali valutazzjoni; jittama li l-valutazzjoni rilevanti tkun tista' tiġi ffinalizzata fil-waqt u jistenna deċiżjonijiet ulterjuri dwar it-triq li għandha tiġi segwita, inkluża deċiżjoni dwar jekk għandux isir referendum dwar l-issuktar tan-negozjati ta' adeżjoni;

9. Jittama li r-referendum jiġi organizzat fi żmien prevedibbli;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President tal-Althingi u lill-Gvern tal-Islanda.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0042

# Is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel (2014/2512(RSP))**

(2016/C 482/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sudan u s-Sudan t'Isfel, b'mod partikolari dik tal-10 ta' Diċembru 2013 dwar l-isforzi tal-komunità internazzjonali fil-qasam tal-iżvilupp tal-"bini tal-istat" fis-Sudan t'Isfel ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, tat-2 ta' Jannar 2014 u tal-24 ta' Diċembru 2013, dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-16 ta' Diċembru u tat-28 ta' Diċembru 2013 tal-kelliem tar-Rappreżentant Għoli dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2013 dwar is-Sudan u s-Sudan t'Isfel,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni lokali tal-UE tal-20 ta' Diċembru 2013 mid-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2132(2013) tal-24 ta' Diċembru 2013 u r-riżoluzzjoni 2126(2013) tal-25 ta' Novembru 2013 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-24 ta' Diċembru 2013 tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem li theġġeġ lill-mexxejja tas-Sudan t'Isfel irażżnu l-vjolenza allarmanti kontra ċ-ċivili,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar is-Sitwazzjoni tal-OCHA (l-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji) tas-7 ta' Jannar 2014 – Rapport Nru 8 dwar il-kriżi fis-Sudan t'Isfel,

— wara li kkunsidra t-taħditiet dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel, imsejħa mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà (KPS) tal-Unjoni Afrikana, b'mod partikolari fil-laqgħa tiegħu f'Banjul tat-30 ta' Diċembru 2013, u mis-Summit tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) li sar f'Najrobi fis-27 ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Jannar 2014 maħruġa mill-mibgħuta speċjali tal-IGAD wara ż-żjara tagħhom f'Juba sabiex jerġgħu jinbdew it-taħditiet bejn il-Gvern u r-ribelli,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Komprensiv ta' Paċi (CPA) tas-Sudan tal-2005,

— wara li kkunsidra l-Pjan direzzjonali għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel stabbilit fil-komunikat maħruġ mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana fl-24 ta' April 2012, li hu appoġġat kompletament mill-UE,

— wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa maħruġa f'isem l-Unjoni Afrikana mill-President tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, Dr Nkosazana Dlamini-Zuma, fl-4 ta' Jannar 2014,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni maħruġa mis-Segretarjat Eżekuttiv tal-IGAD fid-19 ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou rivedut,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0546.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u2013 (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-kunflitt politiku beda wara li Salva Kiir, il-President tal-pajjiż u membru tal-grupp etniku Dinka, akkuża lill-Viċi President tiegħu li tneħħa mill-kariga, Riek Machar, ta' etniċità Nuer, li ppjana kolp ta' stat kontrih; billi Riek Machar ċaħad li pprova jagħmel kolp ta' stat;

B. billi l-Gvern tas-Sudan t'Isfel arresta lil 11-il politikant għoli, inklużi l-ex Ministru tal-Finanzi u l-ex Segretarju Ġenerali tal-partit SPLM, minħabba allegat pjan ta' kolp ta' stat kontra l-President Kiir; billi, fit-23 ta' Lulju 2013, il-President Kiir xolja l-kabinett kollu u neħħa lill-Viċi President Riek Machar mill-kariga;

C. billi għandha tinstab soluzzjoni politika demokratika għall-kunflitt attwali u għandha titwitta t-triq għal istituzzjonijiet miftiehma demokratikament biex jinbena l-istat il-ġdid li nħoloq wara r-referendum dwar l-indipendenza; billi s-soċjetà ċivili talbet li tinstab soluzzjoni politika paċifika għall-problema;

D. billi l-partijiet fil-kunflitt fis-Sudan t'Isfel bdew negozjati fis-7 ta' Jannar 2014 f'Addis Ababa, taħt il-patroċinju tal-IGAD; billi l-waqfien mill-ġlied, il-ftuħ ta' passaġġi umanitarji, il-kwistjoni ta' priġunieri politiċi u l-protezzjoni ta' ċivili se jkunu fl-aġenda ewlenija tat-taħditiet;

E. billi, minkejja t-taħditiet għall-paċi li għaddejjin, l-instabilità, il-ġlied u l-mobilizzazzjoni ta' forzi armati komplew; billi l-forzi tal-Gvern attwalment qed jippruvaw jirbħu lura l-belt ta' Bor, l-aħħar kapitali ta' stat li għadha f'idejn ir-ribelli;

F. billi l-mibgħut tal-Istati Uniti, Donald Booth, u mibgħuta mill-pajjiżi tal-viċinat tas-Sudan t'Isfel iltaqgħu ma' Riek Machar fil-11 ta' Jannar 2014 biex jippruvaw jinkorporaw il-proposti taż-żewġ naħat f'abbozz ta' dokument dwar il-waqfien mill-ġlied;

G. billi fit-8 ta' Jannar 2014 għexieren ta' nies għamlu dimostrazzjoni favur il-paċi f'Juba, biex jiddenunzjaw il-ġlied bejn il-President u l-gruppi tal-ex Viċi President;

H. billi l-kunflitt attwali, li issa għandu dimensjonijiet etniċi, għandu l-għeruq tiegħu fil-qasma tal-1991 fi ħdan l-SPLM/A bejn il-fazzjoni ta' Garang, il-mexxej mejjet tal-SPLM/A li Salva Kiir kien alleat tiegħu, u l-fazzjoni ta' Rieck Machar li kienet qed tikkontesta t-tmexxija ta' Garang;

I. billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta riżoluzzjoni li permezz tagħha se jintbagħtu rinforzi fil-forma ta' 5 500 truppa u 440 pulizija sabiex jiżdiedu l-livelli ta' forza ġenerali tal-missjoni tan-NU fis-Sudan t'Isfel;

J. billi fil-15 ta' Diċembru 2013 seħħ ġlied militari bejn il-gwardji presidenzjali fil-kwartieri militari f'Juba; billi l-ġlied beda jinfirex fir-reġjun madwar Jonglei;

K. billi ġew iddokumentati qtil extraġudizzjarju tal-massa, vjolenzi kontra individwi abbażi tal-etniċità tagħhom kif ukoll detenzjonijiet arbitrarji, u fis-6 ta' Jannar 2014 ġew identifikati tal-anqas tliet oqbra tal-massa;

L. billi eluf inqatlu u mijiet ta' eluf ta' ċivili ġew spustati minħabba l-kriżi attwali fis-Sudan t'Isfel, filwaqt li għexieren ta' eluf ta' persuni f'bażijiet tan-NU madwar il-pajjiż jeħtieġu urġentement servizzi bażiċi tal-kura tas-saħħa, ilma nadif u kundizzjonijiet sanitarji aħjar; billi l-għadd ta' persuni mis-Sudan t'Isfel li qed ifittxu kenn fl-Uganda u fl-Etjopja żdied drammatikament; billi fl-14 ta' Jannar 2014 tal-anqas 200 ċivili għerqu f'inċident li kien jinvolvi lanċa fuq ix-xmara White Nile huma u jaħarbu mill-ġlied fil-belt ta' Malakal;

M. billi l-ġlied attiv jippreżenta sfida ewlenija dwar l-aċċess għal operazzjonijiet ta' rispons umanitarju; billi l-aċċess għall-ikel għadu limitat għal persuni madwar il-pajjiż, u hija meħtieġa distribuzzjoni ta' provvisti bażiċi ta' ikel u nutrizzjoni b'mod speċjali f'Bor u Bentiu; billi l-vjolenza u l-ispustar irriżultaw f'telf ta' qligħ tal-għajxien, b'mod partikolari affettwaw is-sorsi tal-ikel, u eventwalment dan jista' jirriżulta fi kriżi ta' nutrizzjoni;

N. billi dan l-aħħar saru attakki kontra l-poplu Nuba, qtil illegali, stupri tal-massa u arresti arbitrarji ta' persuni ċivili li jgħixu fil-Muntanji ta' Nuba; billi matul l-aħħar ġimagħtejn ta' Diċembru 2013, il-milizzji u l-forzi armati tal-Gvern Sudaniż, appoġġati minn elementi ta' sigurtà, attakkaw ħafna żoni madwar Kadugli u Dillanj, eluf ta' ċivili ħarbu minn djarhom u ġew rappurtati qtil illegali u stupri tal-massa tan-nisa; billi hemm riskju li din il-kriżi tolqot reġjun ferm usa' li diġà huwa suxxettibbli għan-nuqqas ta' stabbiltà, fatt li r-rispons internazzjonali li qed jitwettaq fuq il-post jeħtieġ li jieħu inkunsiderazzjoni f'kull ħin;

O. billi l-pajjiżi tal-viċinat tal-Afrika tal-Lvant, inklużi l-Kenja u l-Etjopja, insistew maż-żewġ naħat biex jaħdmu favur il-paċi; billi l-Uganda, fuq talba tal-President Kiir, bagħtet 1 200 truppa u apparat militari biex jiggarantixxu s-sigurtà ta' strutturi bħall-ajruport u l-binjiet statali;

P. billi, wara talba għall-assistenza min-NU, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat fl-4 ta' Jannar 2014 biex jappoġġa lis-Sudan t'Isfel b'assistenza *in natura* fil-forma ta' kenn, materjal mediku, mediċini, materjal ta' welfare u ikel;

Q. billi r-Repubblika tas-Sudan t'Isfel hija waħda mill-pajjiżi l-aktar foqra u l-anqas żviluppati fid-dinja, fejn 50 % tal-popolazzjoni tagħha tgħix taħt is-soll tal-faqar, bl-ogħla rata ta' mortalità materna fid-dinja, waħda mill-ogħla rati ta' mortalità tat-tfal, illitteriżmu ta' madwar 75 % u terz biss tal-popolazzjoni għandhom aċċess għal ilma nadif; billi n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel huwa theddida għal aktar minn miljun ruħ kull sena; billi fis-Sudan t'Isfel, madwar 80 % tas-servizzi kollha tal-kura tas-saħħa u dawk bażiċi huma pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-aċċess għal għajnuna umanitarja għadu mxekkel minn ġlied u attakki attivi fuq min qed jagħti l-għajnuna u l-mezzi tagħhom;

R. billi l-UE ddikjarat li se tipprovdi EUR 50 miljun għal azzjoni umanitarja fis-Sudan t'Isfel; billi dan wassal l-ammont tal-għajnuna umanitarja tal-UE għal EUR 170 miljun sal-lum fis-snin finanzjarji 2013 u 2014;

S. billi l-aġenziji tal-għajnuna nedew il-Pjan ta' Rispons għall-Kriżi fis-Sudan t'Isfel fil-31 ta' Diċembru 2013; billi l-OCHA nieda appell konsolidat għal USD 166 miljun biex jirrispondi għall-kriżi u jgħin bejn wieħed u ieħor 628 000 persuna minn Jannar sa Marzu 2014;

T. billi l-bini tal-istat u t-tegħlib tal-fraġilità jeħtieġu prospettiva fit-tul kif ukoll impenn deċiż, prevedibbli u stabbli min-naħa tal-komunità internazzjonali;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-aħħar tfaqqigħa ta' ġlied fis-Sudan t'Isfel u jappella lill-partijiet kollha jċedu l-armi tagħhom u jtemmu minnufih il-vjolenza li kkawżat imwiet, persuni midruba u ħsara fost il-popolazzjoni ċivili u spustat mijiet ta' eluf ta' persuni sa mill-bidu tal-kriżi f'Diċembru 2013;

2. Jesprimi t-tħassib qawwi tiegħu minħabba ż-żieda reċenti ta' vjolenza fis-Sudan t'Isfel, li qed ikollu konsegwenzi serji umanitarji, politiċi, ekonomiċi, soċjali u ta' sigurtà f'pajjiż li diġà huwa fraġli u instabbli, u jista' jiddestabbilizza r-reġjun kollu tal-Afrika tal-Lvant; huwa partikolarment inkwetat dwar id-dimensjoni etnika tal-kunflitt; jenfasizzaw li l-fatt li wieħed jipprova jikseb il-poter bil-vjolenza jew il-firda fost il-gruppi etniċi huwa kuntrarju għall-istat tad-dritt demokratiku u jikser id-dritt internazzjonali;

3. Jikkundanna l-każijiet ta' ksur u abbuż tad-drittijiet tal-bniedem li ġew irrappurtati, jappella minnufih lill-partijiet kollha biex itemmu l-abbużi kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk li jaffettwaw ir-rifuġjati u l-persuni spustati, in-nisa u l-persuni li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli, kif ukoll ġurnalisti, u jappella lil dawk involuti fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem sabiex jinżammu responsabbli; huwa tal-fehma li l-President Kiir u Riek Machar għandhom jagħmlu minn kollox sabiex iwaqqfu lis-suldati taħt il-kontroll tagħhom milli jwettqu tali abbużi kontra n-nies;

4. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha kkonċernati jirrispettaw id-dritt umanitarji internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll jagħtu aċċess u l-protezzjoni tal-aġenziji umanitarji li qed jgħinu lill-popolazzjoni ċivili f'diffikultà u jiftħu passaġġi umanitarji għall-kunsinni ta' provvisti u tagħmir; jinnota li għadd ta' aġenziji ta' għajnuna barranin diġà irtiraw mis-Sudan t'Isfel u li dawk li baqgħu qed jiġġieldu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' persuni ċivili spustati; jinnota wkoll li dawn l-aġenziji tal-għajnuna għadhom mhumiex kapaċi jilħqu diversi żoni fejn huwa maħsub li għexieren ta' eluf ta' nies għadhom jistennew l-għajnuna jew qed jiċċaqilqu biex ifittxu l-għajnuna;

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

5. Iħeġġeġ liż-żewġ partijiet jilħqu ftehim u jappoġġa bis-sħiħ il-proċess ta' negozjati li għaddej bħalissa f'Addis Ababa, filwaqt li jappella għal waqfien mill-ġlied immedjat u sforzi biex tinstab soluzzjoni għal paċi u stabbiltà dejjiema; iħeġġeġ lill-gvern u r-ribelli jimpenjaw ruħhom f'taħdidiet politiċi inklużivi, olistiċi, bla kundizzjoni u b'rieda tajba għall-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati; jilqa' l-isforzi tal-Unjoni Afrikana u tal-IGAD fil-promozzjoni ta' djalogu inklużiv u ta' medjazzjoni;

6. Jappella għar-rilaxx tal-priġunieri kollha politiċi u tal-11-il kap politiku li jinsabu arrestati bħalissa, liema arrest imblokka n-negozjati għall-paċi;

7. Iħeġġeġ lill-pajjiżi tal-viċinat kollha tas-Sudan t'Isfel u lis-setgħat reġjonali jaħdmu flimkien mill-qrib sabiex itejbu s-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiż u fir-reġjun u biex isibu mod kif tinstab soluzzjoni politika paċifika u dejjiema għall-kriżi attwali; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni mas-Sudan b'mod partikolari tirrappreżenta titjib fir-relazzjonijiet, wara li, fl-ewwel xhur tal-2012, l-għedewwa fil-gwerra ċivili għoddhom reġgħu bdew gwerra oħra minħabba tilwim dwar il-prezzijiet taż-żejt u l-fruntiera;

8. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana li tistabbilixxi kummissjoni biex tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u abbużi oħra u biex tirrakkomanda modi u mezzi sabiex jiġu żgurati r-responsabbiltà, ir-rikonċiljazzjoni u l-paċifikazzjoni fost il-komunitajiet kollha; jilqa' t-tisħiħ tal-kapaċità ta' investigazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Missjoni tan-NU fis-Sudan t'Isfel (UNMISS) bl-appoġġ tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem;

9. Jiddispjaċih għad-deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-UE li ttemm il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Sudan/Sudan t'Isfel, minħabba l-irvellijiet politiċi fis-Sudan u l-kunflitti armati; iqis li, mingħajr Rappreżentant Speċjali tal-UE maħtur għas-Sudan/is-Sudan t'Isfel, l-UE se titħalla fil-ġenb fin-negozjati u fl-isforzi internazzjonali; jistieden, għalhekk, lir-Rappreżentant Għoli tbiddel id-deċiżjoni tagħha u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għas-Sudan/Sudan t'Isfel;

10. Jistieden lill-komunità internazzjonali tonora l-impenji ta' finanzjament tagħha għas-Sudan t'Isfel u għar-reġjun u timmobilizza riżorsi sabiex tirreaġixxi minnufih għas-sitwazzjoni umanitarja li sejra għall-agħar fis-Sudan t'Isfel;

11. Jesprimi tħassib dwar il-korruzzjoni mifruxa; huwa mħasseb ukoll li tali korruzzjoni tkun ta' dannu għall-prospetti tat-twaqqif ta' demokrazija ħielsa u ġusta, stabbiltà, żvilupp sostenibbli u tkabbir ekonomiku;

12. Jilqa' d-deċiżjoni li l-UNMISS tissaħħaħ b'persunal militari, tal-pulizija, tal-loġistika u ċivili addizzjonali; jisħaq, madankollu, fuq il-fatt li hija r-responsabbiltà ewlenija tal-istat li jipproteġi ċ-ċivili; jilqa' l-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU u kap tal-UNMISS, Hilde Johnson;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern tas-Sudan t'Isfel, lill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tas-Sudan t'Isfel, lill-Assemblea Leġiżlattiva Nazzjonali tas-Sudan t'Isfel, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp, lill-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU.

P7_TA(2014)0043

## Strateġija tal-UE dwar il-persuni mingħajr dar

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar (2013/2994(RSP))**

(2016/C 482/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 9, 14, 151, u 153 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari l-Artikolu 31 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 34 u 36 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bl-isem "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali" (COM(2010)0758),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2008 dwar it-tmiem tal-problema ta' persuni bla djar li jgħixu fit-toroq ([2]),

— wara li kkunsidra l-konferenza ta' kunsens Ewropew ta' Diċembru 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar l-istrateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 bl-isem "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020" (COM(2013)0083),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 bl-isem "Confronting Homelessness in the European Union" (SWD(2013)0042),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar l-akkomodazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra s-sitt prinċipji li ntlaħaq ftehim dwarhom matul il-laqgħa ta' diskussjoni tal-Ministri dwar il-problema ta' persuni mingħajr dar, li saret f'Leuven fl-1 ta' Marzu 2013 fuq l-inizjattiva tal-Presidenza Irlandiża,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-bnedmin kollha jitwieldu liberi, b'dinjità u drittijiet indaqs, u hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jippromwovu u jiggarantixxu dawn id-drittijiet;

([1]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
([2]) ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 19.
([3]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 101.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2013)0246.

B. billi l-problema ta' persuni mingħajr dar tikkostitwixxi ksur tad-dinjità tal-bniedem u tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-akkomodazzjoni hija bżonn uman bażiku u prekundizzjoni għal ħajja diċenti u għall-inklużjoni soċjali;

C. billi l-problema ta' persuni mingħajr dar saret prijorità tal-politika tal-UE dwar il-faqar fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattiva emblematika tagħha Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, kif ukoll fil-Pakkett ta' Investiment Soċjali tal-UE; billi madankollu, il-livelli attwali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali qed jipperikolaw l-ilħuq tal-mira tal-Istrateġija Ewropa 2020 li l-għadd ta' persuni li qed jgħixu fil-faqar u li huma soċjalment esklużi jew li jinsabu f'riskju li jispiċċaw f'dawn is-sitwazzjonijiet jonqos b'tal-anqas 20 miljun;

D. billi l-problema ta' persuni mingħajr dar tirrappreżenta l-aktar forma estrema ta' faqar u privazzjoni, u kompliet tikber f'dawn l-aħħar snin tista' tgħid fl-Istati Membri kollha;

E. billi l-Istati Membri li ntlaqtu l-agħar mill-kriżi ekonomika u finanzjarja qed jaraw żieda bla preċedent fil-problema ta' persuni mingħajr dar;

F. billi l-profili soċjali u familjari tal-persuni li jużaw l-akkomodazzjoni soċjali nbidlu, u billi issa hemm domanda akbar għal akkomodazzjoni ta' dan it-tip;

G. billi f'uħud mill-Istati Membri hemm nuqqas ta' faċilitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali flimkien ma' ħtieġa dejjem tikber ta' akkomodazzjoni finanzjarjament aċċessibbli;

H. billi għadd ta' korpi tal-UE bħall-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO), il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Parlament appellaw lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija tal-UE dwar il-problema ta' persuni mingħajr dar jew xi ħaġa simili;

I. billi l-problema ta' persuni mingħajr dar hija min-natura tagħha stess problema b'bosta aspetti u teħtieġ rispons politiku b'bosta aspetti;

J. billi kulma jmur hemm aktar evidenza li turi li l-approċċi mmexxija mill-akkomodazzjoni fir-rigward tal-problema ta' persuni mingħajr dar huma dawk l-aktar effettivi;

K. billi l-problema ta' persuni mingħajr dar tirċievi enfasi akbar fil-qafas tas-Semestru tal-UE, fejn xi Stati Membri jinkludu l-problema ta' persuni mingħajr dar bħala prijorità ta' kontra l-faqar fi ħdan il-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tagħhom għall-2012 u l-2013;

L. billi l-qafas ta' politika attwali tal-UE u r-realtà soċjali konkreta qed iwittu t-triq lejn azzjoni msaħħa u aktar ambizzjuża dwar il-problema ta' persuni mingħajr dar fil-livell tal-UE;

M. billi l-Istati Membri tal-UE għandhom l-aktar sistema ta' protezzjoni soċjali avvanzata fid-dinja, bl-ogħla kontribuzzjonijiet għall-benefiċċji soċjali għaċ-ċittadini;

N. billi r-responsabbiltà immedjata sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' persuni mingħajr dar hija f'idejn l-Istati Membri, u b'mod partikolari l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u billi strateġija tal-UE għandha rwol kumplementari xi twettaq;

O. billi huwa possibbli li jkun hemm rwol aktar b'saħħtu għall-Kummissjoni fi ħdan l-oqsma attwali ta' kompetenza tagħha u b'rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà;

P. billi għadd dejjem jiżdied ta' Stati Membri għandhom strateġija olistika għall-problema ta' persuni mingħajr dar u jistgħu jibbenefikaw minn kooperazzjoni Ewropea sabiex jiżviluppaw ulterjorment il-politiki tagħhom;

Q. billi l-faqar mhuwiex delitt u billi l-problema ta' persuni mingħajr dar la hija delitt u lanqas għażla ta' stil ta' ħajja;

1. Jindika li bosta persuni mingħajr dar ibatu biex ilaħħqu mal-ħajja u jkollhom bilfors jgħixu f'kundizzjonijiet inumani;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa mingħajr aktar dewmien strateġija tal-UE għall-problema ta' persuni mingħajr dar skont kif stabbilit fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Settembru 2011 dwar strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar u fi proposti minn istituzzjonijiet u korpi tal-UE oħrajn;

3. Iqis li Strateġija tal-UE għall-Persuni Mingħajr Dar għandha tirrispetta bis-sħiħ it-Trattat, li jistipula "r-rwol essenzjali u d-diskrezzjoni wiesgħa tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jipprovdu, jikkummissjonaw u jorganizzaw is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li jkunu qrib kemm jista' jkun tal-ħtiġijiet tal-utenti"; iqis li r-responsabbiltà għall-ġlieda kontra l-problema ta' persuni mingħajr dar hija tal-Istati Membri u li għaldaqstant strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar għandha tappoġġa lill-Istati Membri sabiex jieħdu fuqhom din ir-responsabbiltà bil-mod l-aktar effettiv possibbli filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi grupp ta' esperti ta' livell għoli biex jappoġġaha fit-tħejjija u l-iżvilupp ulterjuri ta' strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti kunsiderazzjoni dovuta lill-problema ta' persuni mingħajr dar fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri fejn teżisti ħtieġa urġenti ta' progress fil-qasam tal-problema ta' persuni mingħajr dar; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu l-inklużjoni tal-problema ta' persuni mingħajr dar fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li tinġabar data komprensiva u li tista' titqabbel dwar il-problema ta' persuni mingħajr dar mingħajr ma jiġu stigmatizzati l-persuni li jinsabu mingħajr dar; jenfasizza li l-ġbir tad-data huwa prekundizzjoni għall-iżvilupp ta' politiki effiċjenti li finalment iwasslu għall-qerda tal-problema ta' persuni mingħajr dar;

7. Jiqa' d-dispożizzjonijiet fir-Regolament il-ġdid tal-Fond Soċjali Ewropew rigward l-istabbiliment ta' indikaturi għall-monitoraġġ tal-effettività tal-investimenti fir-rigward tal-persuni mingħajr dar jew tal-persuni milquta mill-esklużjoni f'dik li hi akkomodazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ta' dawn l-għodod ġodda;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-programm EaSI (il-Programm Ewropew għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali) bħala l-għajn ewlenija ta' finanzjament għal strateġija tal-UE għall-finanzjament ta' riċerka u skambji transnazzjonali, u biex tibni ulterjorment il-kooperazzjoni tagħha mal-partijiet interessati Ewropej ewlenin;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-problema ta' persuni mingħajr dar fl-oqsma ta' politika tal-UE rilevanti kollha;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq dawn it-temi ta' prijorità li ġejjin għal strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar:

— approċċi għall-problema ta' persuni mingħajr dar immexxija mill-akkomodazzjoni jew li jkollhom l-akkomodazzjoni bħala l-ewwel prijorità;

— il-problema ta' persuni mingħajr dar fil-livell transkonfinali;

— il-kwalità tas-servizzi għall-persuni mingħajr dar;

— il-prevenzjoni milli wieħed jispiċċa mingħajr dar;

— iż-żgħażagħ mingħajr dar;

11. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar il-persuni mingħajr dar għall-elementi ewlenin ta' strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar, u b'mod partikolari jenfasizza l-elementi li ġejjin:

— il-monitoraġġ Ewropew fuq bażi regolari tal-problema ta' persuni mingħajr dar;

— ir-riċerka u l-iżvilupp tal-għarfien dwar il-politiki u s-servizzi li jirrigwardaw il-problema ta' persuni mingħajr dar;

— l-innovazzjoni soċjali fil-politiki u s-servizzi li jirrigwardaw il-problema ta' persuni mingħajr dar;

12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw akkomodazzjoni soċjali u finanzjarjament aċċessibbli adattata għall-individwi l-aktar vulnerabbli bil-ħsieb li tiġi evitata l-esklużjoni soċjali u l-problema ta' persuni mingħajr dar;

13. Jistieden lill-Istati Membri ma jiksrux it-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jirrispettaw bis-sħiħ kull ftehim li ffirmaw, inklużi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tan-NU u l-Karta Soċjali riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa;

**Il-Ħamis 16 ta’ Jannar 2014**

14. Jistieden lill-Istati Membri biex immedjatament itemmu l-kriminalizzazzjoni tal-persuni mingħajr dar u jbiddlu l-prattiki diskriminatorji li jintużaw biex il-persuni mingħajr dar jiġu pprevenuti milli jkollhom aċċess għas-servizzi soċjali u għall-kenn;

15. Jistieden lill-Istati Membri jużaw ir-riżorsi tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), kif ukoll programmi oħra bħalma hu l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), biex itejbu s-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar u joħolqu triq għall-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni fid-dinja tax-xogħol;

16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Presidenza tal-UE jagħmlu laqgħat ta’ diskussjoni Ewropej fuq bażi regolari tal-Ministri tal-UE responsabbli mill-problema ta’ persuni mingħajr dar, kif ingħata bidu mill-Presidenza Irlandiża tal-UE f’Marzu 2013; jistieden lill-Kummissjoni tagħti appoġġ prattiku u finanzjarju għal din il-laqgħa;

17. Jistieden lill-Istati Membri japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom bil-għan li jsaħħu t-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prattiki u jiżviluppaw approċċ ta’ politika komuni;

18. Jistieden lill-Istati Membri japplikaw approċċ olistiku fl-iżvilupp ta’ strateġiji komprensivi dwar il-problema ta’ persuni mingħajr dar, strateġiji li jkunu mmexxija mill-akkomodazzjoni u li jinkludu enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni;

19. Jemmen li l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali tagħhom, b’kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-kerrejja, għandhom jimplimentaw politiki ta’ prevenzjoni effettivi biex inaqqsu r-rata ta’ żgumbramenti;

20. Jistieden lill-Kunsill jikkunsidra li jintroduċi rakkomandazzjoni dwar garanzija li tiżgura li ħadd fl-UE ma jkun kostrett jorqod barra minħabba nuqqas ta’ servizzi (ta’ emerġenza);

21. Jistieden lill-Istati Membri jaħdmu skont il-prattika nazzjonali mal-organizzazzjonijiet rilevanti tal-għajnuna biex jipprovdu pariri u akkomodazzjoni lill-persuni mingħajr dar;

22. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi miġġielda kull forma ta’ diskriminazzjoni kontra persuni mingħajr dar u l-emarġinazzjoni ta’ komunitajiet sħaħ;

23. Jenfasizza li l-konkretizzazzjoni tad-dritt għal akkomodazzjoni huwa kritiku għat-tgawdija ta’ firxa sħiħa ta’ drittijiet oħra, inklużi għadd ta’ drittijiet politiċi u soċjali;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u lill-Kunsill tal-Ewropa.

P7_TA(2014)0044

## Is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-attivisti taloppożizzjoni fil-Kambodja u l-Laos

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti tal-oppożizzjoni fil-Kambodja u fil-Laos (2014/2515(RSP))**

(2016/C 482/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Kambodja u l-Laos,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet Lokali tal-UE tal-4 ta' Jannar 2014 dwar il-vjolenza li tikkaratterizza t-tilwim industrijali u tat-23 ta' Settembru 2013 dwar il-leġiżlatura l-ġdida fil-Kambodja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-kelliem tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli Catherine Ashton wara l-elezzjonijiet fil-Kambodja fid-29 ta' Lulju 2013,

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tal-5 ta' Awwissu 2013 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2013 'Bittersweet harvest – A human rights impact assessment of the European Union's Everything But Arms initiative in Cambodia' minn Equitable Cambodia and Inclusive Development International,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1997 bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Kambodja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Diċembru 2012 mill-kelliem tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar l-għejbien ta' Sombath Somphone fil-Laos,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mis-Sħab għall-Iżvilupp Ewropej fid-19 ta' Novembru 2013 fil-laqgħa ta' diskussjoni organizzata mir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos tal-1 ta' Diċembru 1997,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE tal-2008 dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mill-Għejbien Furzat u d-Dikjarazzjoni tan-NU tat-18 ta' Diċembru 1992 dwar il-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mill-Għejbien Furzat,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

***Il-Kambodja***

A. billi fit-3 ta' Jannar 2014, f'dimostrazzjonijiet paċifiċi mill-ħaddiema tal-industrija tat-tessuti għaż-żieda fil-pagi li saru vjolenti, il-forzi tas-sigurtà fetħu n-nar b'munizzjoni attiv fuq dimostranti, fejn inqatlu ħames persuni u ġew midruba aktar minn tletin; billi fl-4 ta' Jannar 2014 il-forzi tas-sigurtà żgombraw b'mod furzat Freedom Park, fejn kienu miġbura l-attivisti tal-oppożizzjoni;

B. billi 23 persuna, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġew arrestati matul l-avvenimenti riċenti u allegatament issawtu u ġew ttorturati;

C. billi t-tensjoni, li eskalat bil-preżenza tal-pulizija, irriżultat f'projbizzjoni tad-dimostrazzjonijiet;

D. billi d-dritt għal-libertà ta' assemblea paċifika huwa stabbilit fil-kostituzzjoni tal-Kambodja, fl-Artikolu 20 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 21 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

E. billi l-mexxejja tal-Partit tas-Salvataġġ Nazzjonali tal-Kambodja (CNRP) Sam Rainsy u Kem Sokha ġew mitluba jidhru quddiem il-Qorti Muniċipali ta' Phnom Penh fl-14 ta' Jannar 2014 għal interrogazzjoni; billi Sam Rainsy and Kem Sokha jistgħu jinsabu ħatja ta' inċitament ta' nkwiet ċivili;

F. billi l-awtoritajiet ma ħadux il-miżuri meħtieġa kollha biex jindirizzaw uħud min-nuqqasijiet prinċipali tal-proċess elettorali bħal pereżempju t-titjib fl-affidabbiltà tal-lista tal-votanti, l-iżgurar tal-aċċess ekwu għall-midja u l-prevenzjoni tal-użu ta' riżorsi tal-istat, inklużi l-kampanji mill-ħaddiema taċ-ċivil u l-militar;

G. billi r-Re ta amnestija lil Sam Rainsy fl-14 ta' Lulju 2013, li ppermettietlu jirritorna lejn il-Kambodja; billi, madankollu, ma ngħatax lura d-dritt tal-vot u li joħroġ għall-elezzjonijiet;

H. billi f'Settembru 2013, wara li tħabbru r-riżultati elettorali, is-CNRP nieda tlett ijiem ta' dimostrazzjonijiet tal-massa mhux vjolenti kontra r-riżultat uffiċjali tal-elezzjonijiet tal-Assemblea Nazzjonali; billi b'risposta għal dawn il-protesti paċifiċi l-gvern uża għadd kbir ta' pulizija u ġendarmi armati;

I. billi kien hemm intimidazzjoni kontinwa kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, fil-forma ta' arresti arbitrarji jew kundanni fuq akkużi foloz jew esaġerati għall-eżerċizzju paċifiku tad-drittijiet tal-bniedem; billi tiddomina klima ta' impunità għal tali atti;

J. billi l-Kambodja kellha tiffaċċja sfidi serji fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħha, partikolarment minħabba l-esproprjazzjonijiet sistematiċi tal-art u l-korruzzjoni mill-gvern, il-partit fil-gvern u l-atturi privati b'appoġġ u protezzjoni uffiċjali;

K. billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja se jagħmel żjara uffiċjali lill-pajjiż mit-12 sas-17 ta' Jannar 2014;

L. billi l-UE hija l-uniku u l-akbar donatur ta' għajnuna lill-Kambodja;

M. billi bosta kumpaniji internazzjonali, inklużi kumpaniji Ewropej, allegatament kienu involuti fil-ksur tad-dritt tal-art, speċjalment fis-settur taz-zokkor, u billi f'Novembru 2013 il-Coca Cola wegħdet 'tolleranza żero' għall-iżgumbrament tal-art mhux ikkumpensat;

***Il-Laos***

N. billi Sombath Somphone, attivist tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent u kap tas-soċjetà ċivili, kopresident tad-disa' Forum tal-Poplu Asja-Ewropa li sar fi Vientiane f'Ottubru tal-2012 qabel id-disa' Summit tal-ASEM, allegatament kien vittma ta' għejbien furzat fil-15 ta' Diċembru 2012 fi Vientiane; billi l-familja ta' Sombath Somphone ma kinitx kapaċi ssib fejn jinsab minn dakinhar, minkejja l-appelli ripetuti lill-awtoritajiet lokali u t-tiftix fiż-żona tal-madwar;

O. billi matul iż-żjara tad-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja u tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) fil-Laos fit-28 ta' Ottubru 2013, l-għejbien ta' Sombath Somphone kien irrappurtat lill-awtoritajiet tal-Laos;

P. billi mistoqsijiet kruċjali marbuta mal-każ, inkluż jekk saritx investigazzjoni jew le, jibqgħu mhux solvuti aktar minn sena wara l-għejbien tiegħu u l-awtoritajiet tal-Laos ma aċċettawx għajnuna minn pajjiżi barranin għall-investigazzjoni dwar l-għejbien;

Q. billi s-sħab Ewropej tal-Laos iqisu li l-għejbien mhux spjegat ta' Sombath Somphone huwa kwistjoni serja ħafna u li d-dikjarazzjonijiet li saru mill-gvern b'rabta ma' dan il-każ la huma suffiċjenti u lanqas konvinċenti;

R. billi fil-15 ta' Diċembru 2013 62 NGO talbu li ssir investigazzjoni ġdida dwar l-għejbien tiegħu; billi fis-16 ta' Diċembru 2013 il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar l-Għejbien Furzat jew Involontarju ħeġġeġ lill-Gvern tal-Laos jagħmel dak li jista' biex isib lil Sombath Somphone, ikun stabbilit x'ġara minnu u fejn jinsab, u biex dawk li għamlu r-reat jinżammu responsabbli;

S. billi hemm bosta każijiet oħra ta' għejbien furzat; billi sal-lum għadu mhux magħruf fejn jinsabu disa' persuni oħra – żewġ nisa, Kingkeo u Somchit, u sebat irġiel, Soubinh, Souane, Sinpasong, Khamsone, Nou, Somkhit u Sourigna – li nżammu arbitrarjament mill-forzi tas-sigurtà tal-Laos f'Novembru 2009 f'bosta postijiet madwar il-pajjiż;

T. billi, f'dawn l-aħħar snin, il-Laos kellu l-aktar tkabbir ekonomiku rapidu fix-Xlokk tal-Asja u l-ħidma tas-soċjetà ċivili hija fundamentali biex ikun żgurat li d-drittijiet tal-bniedem ma jingħatawx il-ġenb tul l-iżvilupp rapidu tal-Laos;

***Il-Kambodja***

1. Jagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi; jikkundanna l-użu sproporzjonat u eċċessiv tal-forza min-naħa tal-forzi tas-sigurtà fil-Kambodja, li wassal għal telf ta' ħajjiet u ħalla persuni midruba;

2. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Kambodja jeżerċitaw trażżin fil-konfront tad-dimostranti u jfakkar li kull użu tal-forza min-naħa tal-uffiċjali għandu jkun suġġett għall-prinċipji tal-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità;

3. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Kambodja jirrilaxxaw immedjatament it-23 persuna arrestati inġustament;

4. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kambodja biex dawk responsabbli għall-imwiet u għall-persuni li ndarbu fost id-dimostranti paċifiċi jiġu investigati bir-reqqa u jagħtu kont ta' għemilhom;

5. Jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti tal-oppożizzjoni fil-Kambodja; jikkundanna l-akkużi, is-sentenzi u l-kundanni kollha motivati politikament kontra kritiċi politiċi, politiċi tal-oppożizzjoni, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti tal-art fil-Kambodja; jenfasizza li l-awtoritajiet iridu jiżguraw li jiġu mħarsa d-drittijiet tal-individwi u tal-organizzazzjonijiet li jiddefendu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt li wieħed jikkritika u joġġezzjona b'mod paċifiku l-politiki tal-gvern permezz ta' assemblej u strajks ta' protesta pubblika;

6. Jistieden lill-Gvern tal-Kambodja jsaħħaħ id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jirrevoka immedjatament il-projbizzjoni tal-assemblej pubbliċi;

7. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Kambodja jirrikonoxxi r-rwol leġittimu li għandha l-oppożizzjoni politika biex tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp ekonomiku u politiku ġenerali tal-Kambodja; jistieden lill-awtoritajiet tal-Kambodja jwaqqgħu immedjatament it-taħrikiet maħruġa għall-mexxejja tal-partit CNRP, Sam Rainsy u Kem Sokha, u l-mexxej tal-unjin Rong Chhun tal-Assoċjazzjoni Indipendenti tal-Għalliema tal-Kambodja (CITA) u l-Konfederazzjoni tal-Unjins tal-Kambodja (CCFU);

8. Jinnota bi tħassib it-tilwim li għaddej dwar allegati irregolaritajiet fil-proċess elettorali; jistieden lill-partiti politiċi jaħdmu flimkien biex jidentifikaw kull żball li kien hemm u jiftiehmu dwar miżuri li jtejbu l-proċess elettorali, b'mod partikolari riforma fil-lista tal-votanti, l-aċċess għall-midja u r-rappurtar bilanċjat, il-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali, kif ukoll dwar riformi strutturali f'oqsma li se jikkontribwixxu lejn l-iżvilupp fuq perjodu ta' żmien itwal fil-Kambodja, inklużi r-riforma ġudizzjarja, ir-riforma tal-Assemblea Nazzjonali u sforzi oħra li jagħtu spinta lill-governanza tajba u lid-demokrazija;

9. Jistieden lill-Gvern tal-Kambodja jippermetti investigazzjoni indipendenti u akkumpanjata minn għajnuna internazzjonali dwar allegazzjonijiet ta' frodi fil-votazzjonijiet u irregolaritajiet oħra fl-elezzjonijiet ta' Lulju 2013;

10. Jistieden lill-Gvern u lill-Parlament tal-Kambodja jgħaddu u jimplimentaw liġijiet biex jiżguraw li s-sistema ġudizzjarja tiffunzjona b'mod indipendenti mill-kontroll politiku u l-korruzzjoni;

11. Jistieden lill-Gvern tal-Kambodja jistabbilixxi Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, jikkoopera bis-sħiħ mal-proċeduri speċjali tan-NU u jippermetti partikolarment żjara tar-Rapporteur Speċjali għall-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati u tar-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet għal-libertà ta' assemblea paċifika u ta' assoċjazzjoni;

12. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Kambodja jwaqqaf l-iżgumbramenti furzati kollha u jintroduċi u jinforza moratorju dwar l-iżgumbramenti fil-Kambodja sakemm ikunu stabbiliti qafas ġuridiku trasparenti bbażat fuq għoti ta' rendikont u politiki rilevanti bil-ħsieb li jkun żgurat li l-iżgumbramenti jitwettqu biss skont l-istandards internazzjonali; jistieden lill-kumpaniji nazzjonali ma jibbenefikawx direttament minn dawn l-iżgumbramenti furzati li saru mingħajr kumpens ġust;

13. Jilqa' ż-żjara tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja mit-12 sas-17 ta' Jannar 2014 u jitlob lill-Gvern tal-Kambodja jimxi mar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti tar-Rapporteur;

14. Jilqa' inizjattivi bħall-Inizjattiva għat-Trasparenza fl-Industriji tal-Ħwejjeġ (GITI) imnedija riċentament, maħluqa bħala approċċ konġunt mill-gvernijiet, is-settur tan-negozju u s-soċjetà ċivili fil-pajjiżi kemm ta' produzzjoni kif ukoll ta' konsum u li għandha l-għan tilħaq ftehim dwar standards tax-xogħol komprensivi u immonitorjati b'mod konġunt;

15. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u lill-kumpaniji Ewropej u multinazzjonali biex jappoġġjaw b'mod attiv din l-inizjattiva u oħrajn simili u biex jieħdu sehem fi prattiki korporattivi etiċi u soċjalment responsabbli, inklużi dawk li jiggarantixxu standards tax-xogħol u pagi għall-għajxien ġusti, li jirrikonoxxu d-dritt li wieħed jingħaqad f'unjin u jieħu sehem f'negozjar kollettiv, u jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol siguri u umani għall-ħaddiema kollha;

16. Jistieden lill-Kummissjoni taġixxi, bħala kwistjoni ta' urġenza, dwar dak li nstab fil-valutazzjoni tal-impatt riċenti tad-drittijiet tal-bniedem dwar il-funzjonament tal-inizjattiva tal-UE Kollox ħlief Armi (EBA) fil-Kambodja u biex tikkunsidra tinkludi, fil-kriterji għall-esportaturi mill-pajjiżi l-inqas żviluppati li qed jippruvaw jieħdu vantaġġ mill-privileġġi tal-EBA, obbligu li jixhed li dawn ma keċċewx nies minn arthom u djarhom mingħajr kumpens adegwat;

17. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Kambodja;

***Il-Laos***

18. Jistieden lill-Gvern tal-Laos jikkjarifika fiex waslet l-investigazzjoni dwar fejn jinsab Sombath Somphane, iwieġeb il-bosta mistoqsijiet pendenti dwar l-għejbien ta' Sombath u jfittex u jaċċetta l-għajnuna ta' esperti forensiċi u tal-infurzar tal-liġi barranin;

19. Iqis li n-nuqqas ta' reazzjoni min-naħa tal-Gvern tal-Laos joħloq suspetti li l-awtoritajiet jistgħu jkunu involuti fir-rapiment tiegħu;

20. Itenni l-appell tiegħu lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex timmonitorja mill-qrib l-investigazzjonijiet tal-Gvern tal-Laos dwar l-għejbien ta' Sombath Somphone;

21. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw il-każ ta' Sombath Somphane lill-Gvern tal-Laos; jenfasizza li l-għejbien furzat jibqa' ostakolu kbir għas-sħubija tal-Laos fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

22. Jistieden lill-Gvern tal-Laos iwettaq investigazzjoni bir-reqqa, imparzjali u effettiva dwar l-allegazzjonijiet kollha ta' għejbien furzat, jindirizza r-ripressjoni li għaddejja tad-drittijiet ċivili u politiċi, inkluża l-libertà ta' espressjoni, assoċjazzjoni u ta' assemblea paċifika fil-Laos, jiżgura r-rispett u l-ħarsien tad-drittijiet tad-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti, il-minoranzi, u l-membri tas-soċjetà ċivili u jħares id-dritt għal-libertà ta' reliġjon jew twemmin;

23. Jistieden lill-Gvern tal-Laos jirratifika mingħajr aktar dewmien il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni kollha kontra l-Għejbien Furzat, iffirmata fl-2008;

24. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Laos jiżguraw il-promozzjoni ta' riformi li jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u jfakkar lil-Laos dwar l-obbligi internazzjonali li għandu skont it-trattati tad-drittijiet tal-bniedem li rratifika;

25. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-espropjazzjonijiet u l-iżgumbramenti furzati mingħajr kumpens u l-korruzzjoni fil-Laos;

o

o o

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarjat ASEAN, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tar-Renju tal-Kambodja u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Laos.

P7_TA(2014)0045

# L-elezzjonijiet reċenti fil-Bangladexx

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar l-elezzjonijiet reċenti fil-Bangladexx (2014/2516(RSP))**

(2016/C 482/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-Bangladexx, b'mod partikolari dawk tal-21 ta' Novembru 2013 dwar il-Bangladexx: id-drittijiet tal-bniedem u l-elezzjonijiet li jmiss ([1]), dik tat-23 ta' Mejju 2013 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza wara n-nirien fil-fabbriki u t-tiġrif ta' bini reċenti fil-Bangladexx ([2]), dik tal-14 ta' Marzu 2013 dwar is-sitwazzjoni fil-Bangladexx ([3]) u dik tas-17 ta' Jannar 2013 dwar vittmi ta' nirien li seħħew reċentement f'fabbriki tat-tessuti, b'mod partikolari fil-Bangladexx ([4]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-Elezzjonijiet Leġiżlattivi fil-Bangladexx fid-9 ta' Jannar 2014 u d-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton f'isem dwar it-tħejjijiet għal elezzjonijiet ġenerali fil-Bangladexx fit-30 ta' Novembru 2013,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mill-Portavuċi tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar il-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Elezzjoni fil-Bangladexx tal-20 ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, Navi Pillay, bl-isem "Manuvri politiċi ta' sogru li qed iġibu l-Bangladexx f'xifer l-irdum" tal-1 ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fil-5 ta' Jannar 2014 fil-Bangladexx saru elezzjonijiet ġenerali taħt l-awspiċju ta' gvern interim immexxi mill-Prim Ministru ta' dari u tal-lum Sheikh Hasina, li kienet warrbet is-sistema tradizzjonali tal-Bangladexx ta' gvern newtrali u purament amministrattiv permezz tal-15-il emenda għall-Kostituzzjoni fl-2011;

B. billi s-sena li għaddiet kienet, skont rapporti, l-aktar sena vjolenti fl-istorja tal-Bangladexx mill-indipendenza 'l hawn, u partikolarment il-fażi preelettorali u dik elettorali fil-Bangladexx kienu mgħarrqa bi vjolenza mifruxa, bi mblokki, bi strajkijiet u b'intimidazzjoni tal-votanti orkestrati primarjament mill-oppożizzjoni, u b'aktar minn 300 ruħ li sfaw maqtula mill-bidu tal-2013 'il hawn, fosthom 18-il ruħ dakinhar tal-elezzjoni, bir-riżultat li l-ekonomija fraġli tal-Bangladexx ġiet paralizzata;

C. billi l-elezzjonijiet kienu bbojkottjati mill-alleanza tal-oppożizzjoni mmexxija mill-BNP (Bangladesh Nationalist Party), li kienet insistiet fuq li jkun hemm gvern amministrattiv "mhux partitiku", u rriżultaw f'rebħa għall-Awami League fil-gvern, fil-parti l-kbira bl-ebda oppożizzjoni, b'aktar minn nofs il-kostitwenzi mhux ikkontestati u b'parteċipazzjoni baxxa ħafna tal-votanti; billi l-Kummissjoni Elettorali rrappurtat li kellha tissospendi l-votazzjoni f'aktar minn 300 post tal-votazzjoni, minħabba l-vjolenza;

D. billi ż-żewġ partiti ewlenin tal-Bangladexx għandhom tradizzjoni twila ta' konfrontazzjoni bla kompromessi u ta' nuqqas ta' fiduċja reċiproka, li tissogra li tipperikola l-progress impressjonanti li l-Bangladexx għamel fil-qasam soċjali u f'dak ekonomiku tul dawn l-aħħar għaxar snin,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0516.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0230.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0100.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2013)0027.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

E. billi l-missjoni tan-NU mmexxija minn Óscar Fernández-Taranco, li kienet intiża biex tinnegozja kompromess, ikkonkludiet iż-żjara tagħha ta' ħamest ijiem fil-5 ta' Ottubru 2013 bla ma rnexxielha tavvanza;

F. billi s-Segretarju Ġenerali Ban-Ki Moon qal li kien iddispjaċieh li l-partiti ma kinux laħqu ftehim qabel l-elezzjonijiet, u talab li n-naħat kollha jiżguraw klima paċifika "li fiha n-nies ikunu jistgħu jħarsu d-dritt tagħhom għall-għaqda u l-espressjoni";

G. billi l-UE mal-Bangladexx għandha relazzjonijiet tajbin u li jmorru lura żmien twil, anke permezz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Shubija u Żvilupp, billi, madankollu, ma bagħtitx missjoni ta' osservazzjoni elettorali fil-pajjiż, minħabba li, fl-assenza ta' kandidati tal-oppożizzjoni, ma kinux issodisfati l-kundizzjonijiet għal elezzjonijiet rappreżentattivi;

H. billi l-Kummissjoni elettorali tal-Bangladexx iddikjarat li l-elezzjonijiet kienu liberi, ġusti u kredibbli, u billi l-gvern il-ġdid assuma l-kariga, taħt it-tmexxija ta' Sheikh Hasina, Prim Ministru ta' dari u ġdida; billi l-parteċipazzjoni tal-votanti fl-elezzjonijiet ta' dan l-aħħar kienet baxxa ħafna, 40 % skont ċifri tal-gvern, 20 % skont id-diplomatiċi bbażati f'Daka, u terġa' saħansitra anqas minn hekk skont rappreżentanti tal-oppożizzjoni;

I. billi l-libertà ta' moviment tal-mexxejja tal-oppożizzjoni, Khaleda Zia, sfat ristretta, u billi membri prominenti oħra tal-BNP dan l-aħħar sfaw arrestati u bosta partitarji tal-BNP rappurtatament qed jinħbew għax jibżgħu li jkunu fil-mira ta' rappreżalji;

J. billi l-oppożizzjoni tal-BNP qed tissokta l-kooperazzjoni tagħha mal-Jamaat-e-Islami flimkien mal-grupp estremista Hafezat-e-Islam, li jitqiesu li huma l-istigaturi ewlenin tal-vjolenza;

K. billi, fit-12 ta' Diċembru 2013, Abdul Quader Molla, mexxej prominenti tal-Jamaat-e-Islami, kien l-ewwel individwu li ġarrab il-piena tal-mewt għal delitti tal-gwerra kommessi tul il-gwerra tal-indipendenza tal-Bangladexx, u billi l-proċedimenti tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali (TKI) tal-pajjiż kienu kwistjoni taħraq ħafna fl-elezzjoni, b'sitta mis-seba' persuni li nstabu ħatja ta' delitti tal-gwerra mogħtija s-sentenza tal-mewt;

L. billi, tul u wara l-elezzjoni, eluf ta' ċittadini minn gruppi ta' minoranza vulnerabbli, partikolarment il-Ħindu, ġarrbu attakki vjolenti u tkeċċew minn djarhom, skont ma ġie rrappuratat l-aktar minn militanti tal-Jamaat-e-Islami, parzjalment b'rabta mal-proċessi tat-TKI, għaliex bosta mix-xhieda tal-prosekuzzjoni huma Ħindu;

M. billi tal-anqas xhud wieħed tat-TKI, Mustafa Howlader, inqatel f'daru fl-10 ta' Diċembru 2013;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-atti ta' qtil u vjolenza li faqqgħu madwar il-pajjiż kollu fil-perjodu ta' qabel l-elezzjonijiet ta' Jannar 2014 u waqthom, speċjalment attakki fuq minoranzi reliġjużi u kulturali u gruppi vulnerabbli oħra; jesprimi tħassib gravi dwar il-paralisi tal-ħajja ta' kuljum fil-Bangaldexx minħabba strajkijiet u mblokki u l-konfrontazzjoni bejn iż-żewġ naħat politiċi;

2. Jistieden lill-Gvern tal-Bangladexx biex itemm minnufih kull metodu ta' repressjoni użat mill-forzi tas-sigurtà, inkluż l-isparar indiskriminat bil-munizzjon letali u t-tortura fil-kustodja, kif ukoll biex jeħles politiċi tal-oppożizzjoni li sfaw arrestati arbitrarjament; iħeġġeġ li jsiru investigazzjonijiet fil-pront, indipendenti u trasparenti dwar il-każijiet reċenti ta' mwiet bi vjolenza qabel u wara l-elezzjonijiet u li dawk responsabbli minnhom, inklużi dawk fis-servizzi tas-sigurtà, jitressqu quddiem il-qrati;

3. Jisħaq fuq il-fama tal-Bangladexx bħala soċjetà tolleranti fi ħdan stat sekulari, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Bangladexx biex jagħtu aktar protezzjoni lill-minoranzi etniċi u reliġjużi li jinsabu fir-riskju u jiżguraw prosekuzzjoni effikaċi tal-istigaturi kollha tal-vjolenza bejn il-komunitajiet;

4. Jiddispjaċih sinċerament li l-Parlament tal-Bangladexx u l-partiti politiċi ma rnexxilhomx jilħqu qbil dwar mekkaniżmu inklussiv għall-elezzjonijiet, u b'urġenza jistieden lill-gvern u lill-oppożizzjoni biex iqiegħdu l-ewwel u qabel kollox l-aqwa interessi tal-Bangladexx u jaslu għal kompromess li lill-poplu tal-Bangaldexx jagħtih ċans jesprimi l-għażla demokratika tiegħu b'mod rappreżentattiv; jemmen li għandhom jitqiesu l-għażliet kollha, inkluża elezzjoni bikrija, jekk il-partiti politiċi huma lesti joħorġu għall-elezzjoni u joffru għażla lill-votanti;

5. Jitlob li l-UE tuża kull mezz li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tassisti proċess bħal dan jekk issirilha talba f'dan is-sens, u li tagħmel użu sħiħ mir-riżorsi tagħha, partikolarment mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Istrument għall-Istabbiltà; jitlob ukoll li d-Direttorat għas-Sostenn tad-Demokrazija tiegħu jagħmel mill-Bangladexx punt fokali għall-attivitajiet tal-Uffiċċju għall-Promozzjoni tad-Demokrazija Parlamentari (OPPD);

6. Jemmen li, f'ġieħ il-ġejjieni tal-Bangladexx, il-partiti li għandhom fama demokratika jeħtiġilhom jiżviluppaw kultura ta' rispett reċiproku; iħeġġeġ lill-BNP biex jitbiegħed bla ekwivoċi mill-Jamaat-e-Islami u mill-Hafezat-e-Islam;

7. Jenfasizza li l-partiti li jirrikorru għal atti terroristiċi għandhom jiġu pprojbiti;

8. Jirrikonoxxi li minkejja n-nuqqasijiet kunsiderevoli tiegħu, it-Tribunal Kriminali Internazzjonali kellu rwol importanti biex il-vittmi u dawk milquta mill-gwerra ta' indipendenza tal-Bangladexx jingħataw rimedju u sens li l-hemmhom issa mitmum;

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu, madankollu, dwar l-għadd dejjem jiżdied ta' individwi kkundannati għall-mewt fil-Bangladexx, apparti mis-sitt individwi li nqatgħetilhom sentenza mit-TKI, partikolarment is-sentenzi ta' piena tal-mewt lil 152 suldat involuti f'ammutinament vjolenti fl-2009 u l-eżekuzzjoni reċenti ta' Abdul Quader Molla; jistieden lill-gvern u lill-parlament biex jirrevokaw il-piena tal-mewt u jikkommutaw is-sentenzi tal-mewt kollha; jitlob lill-awtoritajiet, barra minn hekk, biex b'urġenza jistabbilixxu mekkaniżmu effikaċi ħalli jipproteġu lix-xhieda f'kawżi quddiem it-TKI;

10. Jitlob ukoll li l-gvern jirrevedi l-Att dwar it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni kif ukoll l-Att dwar l-Antiterroriżmu, li fi żmien l-aħħar gvern saru aktar stretti u li jistgħu jwasslu biex ċittadini jisfaw kriminalizzati arbitrarjament;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Bangladexx.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0046

## Tentattivi reċenti ta' kriminalizzazzjoni kontra l-persuni LGBTI

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar deċiżjonijiet reċenti ta' kriminalizzazzjoni kontra l-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) (2014/2517(RSP))**

(2016/C 482/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u l-Kostituzzjoni Indjana,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU A/HRC/17/19 tas-17 ta' Ġunju 2011 dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru,

— wara li kkunsidra t-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn naħa l-waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra (il-Ftehim ta' Cotonou), u l-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem f'dan il-Ftehim, b'mod partikolari l-Artikoli 8(4) u 9,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(5) u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jimpenjaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, fir-relazzjoni tagħhom mal-bqija tad-dinja, li jiddefendu u jippromwovu d-drittijiet universali tal-bniedem u l-protezzjoni tal-individwi,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha minn Persuni Leżbjani, Omosesswali, Bisesswali, Transġeneri u Intersesswali (LGBTI), adottati mill-Kunsill fl-24 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2013 mill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-adozzjoni "Abbozz ta' Liġi kontra l-Omosesswalità" fl-Uganda,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Catherine Ashton tal-15 ta' Jannar 2014 li tesprimi t-tħassib tagħha dwar l-iffirmar tal-Abbozz ta' Liġi dwar (il-Projbizzjoni ta') Żwiġijiet bejn Persuni tal-Istess Sess fin-Niġerja biex sabiex din issir liġi,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu tal-5 ta' Lulju 2012 dwar il-vjolenza kontra l-leżbjani u d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) fl-Afrika ([1]), pożizzjoni tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ([2]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar ir-Rapport Annwali tal-2012 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar "l-Uganda: abbozz ta' leġiżlazzjoni antiomosesswali" ([4]), u tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar "l-Unganda: l-hekk imsejjaħ 'Abbozz ta' Liġi tal-Bahati' u d-diskriminazzjoni kontra l-popolazzjoni LGBT ([5]), u tas-17 ta' Frar 2011 dwar"l-Uganda: Il-qtil ta' David Kato ([6]),

([1]) ĠU C 349 E, 29.11.2013, p. 88.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0273.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0575.
([4]) ĠU C 286 E, 22.10.2010, p. 25.
([5]) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 134.
([6]) ĠU C 188 E, 28.6.2012, p. 62.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 ([1]) u l-4 ta' Lulju 2013 ([2]) dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2011 dwar l-istat attwali tan-negozjati tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Indja ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi kull bniedem jitwieled ħieles u b'dinjità u drittijiet indaqs; billi l-Istati kollha għandhom l-obbligu li jevitaw il-vjolenza, it-tixwix, il-mibegħda u l-istigmatizzazzjoni abbażi ta' karatteristiċi individwali, inkluż l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru;

B. billi 78 pajjiż għadhom jikkunsidraw attivitajiet konsenswali bejn adulti tal-istess sess bħala att kriminali, u sebgħa minnhom jipprevedu l-piena kapitali għal tali "atti kriminali" (l-Iran, il-Mawritanja, partijiet min-Niġerja, l-Arabja Sawdija, partijiet mis-Somalja, is-Sudan u l-Jemen); billi dawn ir-restrizzjonijiet legali huma qodma u superati fid-dawl tal-integrazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) tul l-għexieren ta' snin reċenti, u billi l-iżviluppi pożittivi f'bosta pajjiżi għandhom iservu bħala eżempju għal titjib globali fir-rigward ta' kwistjonijiet LGBTI;

C. billi l-atti konsenswali bejn persuni tal-istess sess diġà ġew ikkastigati b'14-il sena priġunerija fl-Uganda u seba' snin priġunerija fin-Niġerja (jew bil-piena kapitali fit-tnax-il stat taħt il-liġi tax-Sharia), u kienu ġew dikriminalizzati fl-Indja b'deċiżjoni tal-2009 tal-Qorti Suprema ta' Delhi;

D. billi fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Parlament tal-Uganda adotta l-"Abbozz ta' Liġi kontra l-Omosesswalità", li jikkastiga l-appoġġ għad-drittijiet tal-persuni LGBTI bi priġunerija li tista' tlaħħaq seba' snin, in-nuqqas ta' denunzja ta' persuna LGBTI bi priġunerija li tista' tlaħħaq tliet snin, u "reċidivi" jew dawk misjuba pożittivi għall-HIV bi priġunerija għall-ħajja, u billi r-relazzjonijiet konsenswali bejn persuni tal-istess sess huma dejjem kriminalizzati fl-ambitu tat-taqsima 145 tal-Kodiċi Penali tal-Uganda;

E. billi fis-17 ta' Diċembru 2013, is-Senat Niġerjan adotta l-"Abbozz ta' Liġi ta' Projbizzjoni ta' Żwiġijiet bejn Persuni tal-Istess Sess", li jikkastiga lill-persuni li qegħdin f'relazzjoni ma' persuna oħra tal-istess sess bi priġunerija li tista' tlaħħaq sa 14-il sena, u persuni li jkunu xhieda ta' persuni li qegħdin f'relazzjoni ma' persuna oħra tal-istess sess, jew imexxu bars, organizzazzjonijiet jew laqgħat għall-LGBTI bi priġunerija li tista' tlaħħaq sa 10 snin; billi l-abbozz ta' liġi ġie ffirmat mill-President Goodluck Jonathan u għadda bħala liġi f'Jannar 2014;

F. billi fil-11 ta' Diċembru 2013, il-Qorti Suprema Indjana irrevokat sentenza tal-Qorti Suprema ta' Delhi tal-2009 fejn it-Taqsima 377 tal-Kodiċi Penali Indjan, liġi tal-era kolonjali li tagħmel l-omosesswalità illegali, kienet tikser il-prinċipju tal-ugwaljanza mnaqqax fil-Kostituzzjoni Indjana, u b'hekk l-omosesswalità reġgħet ġiet kriminalizzata u kkastigata bi priġunerija għall-ħajja;

G. billi f'Ġunju 2013 id-Duma Statali Russu adotta liġi li tipprojbixxi l-hekk imsejħa "propaganda omosesswali", li tillimita severament l-organizzazzjonijiet LGBTI, il-libertà ta' espressjoni u l-laqgħat bejn omosesswali, u billi l-President Vladimir Putin iffirma l-liġi;

H. billi l-midja, il-pubbliku, il-mexxejja politiċi u reliġjużi f'dawn il-pajjiżi dejjem qed ifittxu li jintimdaw aktar lill-persuni LGBTI, li jillimitaw id-drittijiet tagħhom u li jilleġittimizzaw il-vjolenza fuqhom;

I. billi bosta kapijiet ta' stati u gvenijiet, mexxejja tan-Nazzjonijiet Uniti, rappreżentanti tal-gvern u rappreżentanti parlamentari, l-UE (inkluż il-Kunsill, il-Parlament, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli) u bosta personalitajiet mondjali kkundannaw bil-qawwa l-liġijiet li jikkriminalizzaw il-persuni LGBTI;

1. Jikkundanna bill-qawwa dan it-theddid serju ħafna kontra d-drittijiet universali għall-ħajja, il-ħelsien mit-tortura, trattament krudili, inuman u degradanti, il-privatezza u l-libertà tal-espressjoni u assoċjazzjoni, flimkien ma' kull diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI u r-restrizzjonijiet legali fuqhom u kontra kulmin jiddefendi d-drittijiet tal-bniedem li għandhom igawdu; jissottolinja l-fatt li l-ugwaljanza tal-LGBTI hija element innegabbli tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

([1]) ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 97.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0335.
([3]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 13.

2. Jikkundanna fermament l-adozzjoni ta' liġijiet dejjem aktar ripressivi kontra l-persuni LGBTI; itenni li l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru huma kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompitu tad-drittijiet individwali għall-privatezza, kif garantiti mid-dritt internazzjonali u l-kostituzzjonijiet nazzjonali; jistieden lit-78 pajjiż imsemmi hawn fuq biex jieqfu jikkriminalizzaw atti konsenwali bejn adulti tal-istess sess;

3. Jistieden lill-President tal-Uganda ma jiffirmax l-Abbozz ta' Liġi kontra l-Omosesswalità sabiex dan ma jgħaddix bħala liġi u biex jirrevoka t-Taqsima 145 tal-Kodiċi Penali tal-Uganda; ifakkar lill-Gvern tal-Uganda fl-obbligi tiegħu skont il-liġi internazzjonali u skont il-Ftehim ta' Cotonou, li jitolbu l-ħarsien tad-drittijiet universali tal-bniedem;

4. Jikkundanna bil-qawwa l-adozzjoni u l-iffirmar tal-Abbozz ta' Liġi dwar (projbizzjoni ta') Żwieġ bejn Persuni tal-istess Sess biex għadda bħala liġi fin-Niġerja; jistieden lill-President tan-Niġerja jirrevoka din il-liġi, flimkien mat-taqsimiet 214 u 217 tal-Kodiċi Penali Niġerjan;

5. Jenfasizza l-fatt li l-atti konsenswali bejn l-adulti tal-istess sess huma legali fil-Burkina Faso, il-Benin, iċ-Ċad, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Ginea Ekwatorjali, il-Gabon, il-Ginea Bissaw, il-Côte d'Ivoire, il-Madagaskar, Mali, in-Niġer, ir-Rwanda u l-Afrika t'Isfel, u li d-dikriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali hija illegali fil-Kostituzzjoni tal-Afrika t'Isfel, li juri li l-approċċi dwar din il-kwistjoni huma varji fl-Afrika;

6. Jitlob lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri jesprimu l-oppożizzjoni l-aktar qawwija tagħhom għat-tliet liġijiet inkwistjoni, u biex jagħmluha ċara li dawn se jkollhom implikazzjonijiet sinifikanti għar-relazzjonijiet bilaterali tal-pajjiżi kkonċernati mal-UE u l-Istati Membri tagħha;

7. Jilqa' l-inizjattiva tal-Gvern Indjan li jitlob lill-Qorti Suprema biex tirrevedi s-sentenza tagħha, peress li tikser il-prinċipju kostituzzjonali tal-ugwaljanza; jistieden lill-Parlament Indjan jabolixxi t-Taqsima 377 tal-Kodiċi Penali Indjan jekk kemm il-darba l-Qorti Suprema tonqos milli tirrevedi s-sentenza tagħha;

8. Huwa mħasseb profondament bil-konsegwenzi tal-liġi li tipprojbixxi propaganda għal "relazzjonijiet sesswali mhux tradizzjonali" fir-Russja, li qed iżid il-livell ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra individwi LGBTI; jistieden lill-awtoritajiet Russi jirrevokaw din il-liġi, u jitlob viġilanza internazzjonali kontinwa dwar din il-kwistjoni;

9. Ifakkar li l-liġijiet li jikkriminalizzaw attivitajiet konsenswali bejn adulti tal-istess sess u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem li jikkonċernaw il-persuni LGBTI jirrappreżentaw ostaklu maġġuri fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS, u b'mod sistematiku jżidu t-trażmissjoni tal-HIV u l-mard trażmess sesswalment, peress li gruppi fir-riskju jibżgħu jagħmlu kuntatt ma' professjonisti mediċi, u jikkontribwixxu għal klima ta' omofobija u diskriminazzjoni estremi; jinnota li dawn il-liġijiet, fost affarijiet oħra, se jirrendu l-prevenzjoni tal-HIV/AIDS aktar diffiċli f'pajjiżi b'rati għolja ta' prevalenza;

10. Jenfasizza li jekk il-kriminalizzazzjoni ta' attivitajiet konsenswali bejn adulti tal-istess sess tibqa' tiżdied, se jkun aktar diffiċli li jintlaħqu kemm l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, speċjalment fir-rigward ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-mard, kif ukoll li jinkiseb suċċess fir-rigward tal-qafas ta' żvilupp għal wara l-2015;

11. Jistieden lill-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri jużaw il-mezzi kollha, inklużi fora bilaterali u multilaterali u n-negozjati li għaddejjin għal ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Indja, u jesprimu b'termini mill-aktar iebsa l-oppożizzjoni tagħhom għall-kriminalizzazzjoni tal-persuni LGBTI;

12. Jistieden lill-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri jagħtu kull assistenza possibbli lill-NGOs u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, billi jużaw il-Linji Gwida tal-Kunsill dwar l-LGBTI, l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem u programmi oħra;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill jinkludu b'mod espliċitu n-non-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali waqt ir-reviżjoni li jmiss tal-ftehim Cotonou, kif mitlub f'diversi okkażjonijiet mill-Parlament;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummisshjoni, lill-Kunsill, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Istati Membri, lill-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali tal-Uganda, in-Niġerja, l-Indja u r-Russja, u l-Presidenti tal-Uganda, n-Niġerja u r-Russja.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2014)0001

## Talba għall-ħarsien tal-immunità parlamentari ta' Lara Comi

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Lara Comi (2013/2190(IMM))**

(2016/C 482/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba tat-30 ta' Lulju 2013 ta' Lara Comi għall-ħarsien tal-immunità fir-rigward tal-proċedimenti kriminali pendenti quddiem il-Qorti ta' Ferrara, u mħabbra fis-seduta plenarja fid-9 ta' Settembru 2013,

— wara li sema' lil Lara Comi fit-5 ta' Novembru 2013 skont it-termini tal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, ta-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011, ([1])

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0469/2013),

A. billi Lara Comi, Membru tal-Parlament Ewropew, talbet il-ħarsien tal-immunità parlamentari tagħha fir-rigward ta' proċedimenti ġudizzjarji mnedija mill-Prosekutur Pubbliku ta' Ferrara b'segwitu ta' akkuża ta' malafama aggravata miġjuba skont l-Artikolu 595(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali Taljan u l-Artikolu 30 tal-Liġi 223 tas-6 ta' Awwissu 1990, għad-dikjarazzjonijiet li allegatament għamlet waqt xandira ta' dibattitu politiku fuq it-televiżjoni;

B. billi l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, li Lara Comi qed tinvoka esspressament fit-talba tagħha għall-ħarsien tal-immunità, jiddisponi li l-Membri tal-Parlament Ewropew ma jistgħux jiġu mfittxija, miżmuma jew persegwiti minħabba l-fehmiet espressi jew il-voti mitfugħa fil-qadi ta' dmirijiethom;

([1]) Sentenza tat-12 ta' Mejju 1964 fil-Kawża 101/63, *Wagner vs Fohrmann u Krier* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1964, p. 381); Sentenza tal-10 ta' Lulju 1986 fil-Kawża 149/85, *Wybot vs Faure et.* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 1986, p. 2391); Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża T–345/05, *Mote vs Il-Parlament* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p. II–2849); Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Kawżi Magħquda C–200/07 u C–201/07, *Marra vs De Gregorio u Clemente* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2008, p. I–7929); Sentenza tad-19 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T–42/06, *Gollnisch vs Il-Parlament* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2010, p. II–1135); Sentenza tas-6 ta' Settembru 2011 fil-Kawża C–163/10, *Patricello* (Ġabra tal-Ġurisprudenza 2011, p. I–7565).

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

C. billi l-Artikolu 6 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jiddisponi li fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu qabel kollox iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom;

D. billi l-Parlament jiddisponi minn setgħat ta' diskrezzjoni wesgħin fir-rigward il-linja ta' azzjoni li jagħżel li jadotta bi tweġiba għal talba għall-ħarsien tal-immunità parlamentari ta' wieħed mill-Membri tiegħu ([1]);

E. billi l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dikjarazzjoni magħmula minn Membri barra mill-Parlament Ewropew tista' tikkostitwixxi opinjoni espressa fil-qadi tad-dmirijiet tal-Membru fit-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll, u tat rilevanza mhux għall-post fejn tkun ġiet magħmula d-dikjarazzjoni, iżda għan-natura u l-kontenut tagħha ([2]);

F. billi Lara Comi kienet mistiedna fix-xandira televiżiva inkwistjoni fil-kapaċità tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew u mhux bħala rappreżentanta nazzjonali ta' partit, li kien diġà rappreżentat minn mistieden ieħor, bi qbil mad-dispożizzjonijiet nazzjonali maħsuba biex jiggarantixxu preżenza ekwilibrata ta' kelliema politiċi fid-dibattiti televiżivi li jitwettqu waqt il-kampanji elettorali, kif inhu l-każ inkwistjoni;

G. billi fid-demokraziji moderni d-dibattitu politiku ma jsirx biss fil-Parlament iżda wkoll permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni li jvarjaw minn stqarrijiet għall-istampa sal-internet,

H. billi fix-xandira televiżiva inkwistjoni Lara Comi tkellmet bħala Membru tal-Parlament Ewropew biex tiddiskuti kwistjonijiet politiċi, inkluż dwar l-akkwist pubbliku u l-kriminalità organizzata, li dwarhom hija dejjem ħadet interess fil-livell Ewropew;

I. billi l-għada stess, is-Sa. Comi bagħtet l-apoloġiji tagħha lill-ilmentatur, li wara ġew imtennija f'xandira televiżiva nazzjonali oħra;

1. Jiddeċiedi li jħares il-privileġġi u l-immunità ta' Lara Comi;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Taljana u lil Lara Comi.

---

(1) Kawża T-42/06, *Gollnisch v. il-Parlament*, paragrafu 101
(2) *Patriciello*, sentenza ċitata, paragrafu 30.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0003

# Regoli dwar il-votazzjoni u l-kontenut ta' rapporti fil-proċedura ta' approvazzjoni

## Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar l-emenda tal-Artikolu 81 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew dwar il-proċedura ta' approvazzjoni (2012/2124(REG))

(2016/C 482/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tal-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tad-9 ta' Diċembru 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 211 u 212 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0412/2013),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Jiddeċiedi li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss u japplikaw għal dawk il-proċeduri ta' approvazzjoni li għalihom il-kumitat responsabbli għadu ma adottax rakkomandazzjoni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

### Emenda 1

### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

### Artikolu 50 – interpretazzjoni – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-iskopijiet tal-eżami ta' ftehimiet internazzjonali taħt l-Artikolu 90***, il-proċedura b'kumitati assoċjati stabbilita f'dan l-Artikolu m'għandhiex tapplika ***għall-proċedura ta' approvazzjoni*** skont l-Artikolu 81. | Il-proċedura b'kumitati assoċjati stabbilita f'dan l-Artikolu m'għandhiex tapplika ***bi rbit mar-rakkomandazzjoni li jkun għandha tiġi adottata mill-kumitat responsabbli*** skont l-Artikolu 81 |

### Emenda 2

### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

### Artikolu 81 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-Parlament jintalab ***li*** jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal att propost, għandu ***jieħu*** deċiżjoni ***fuq il-bażi ta'*** rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli li japprova jew jiċħad l-att. | Meta l-Parlament jintalab jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal att propost, għandu***, meta jadotta d-deċiżjoni tiegħu, iqis ir-rakkomandazzjoni*** mill-kumitat responsabbli li japprova jew jiċħad l-att. ***Ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi kunsiderazzjonijiet, iżda m'għandhiex tinkludi premessi. Tista' tinkludi ġustifikazzjoni qasira, li għandha taqa' taħt ir-responsabbiltà tar-rapporteur u li m'għandux jittieħed vot dwarha. L-Artikolu 52(1) għandu japplika mutatis mutandis. Emendi mressqa fil-kumitat għandhom ikunu ammissibbli biss jekk ikollhom l-għan li jaqilbu s-sens tar-rakkomandazzjoni kif proposta mir-rapporteur.*** |

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

**Emenda 3**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 81 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-kumitat responsabbli jista' jressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva. Kumitati oħra jistgħu jkunu involuti fit-tfassil tar-riżoluzzjoni bi qbil mal-Artikolu 188(3) flimkien mal-Artikoli 49, 50 jew 51.*** |

**Emenda 4**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 81 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Parlament għandu ***jieħu deċiżjoni*** dwar l-att li jkun jeħtieġ l-approvazzjoni tiegħu skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea permezz ta' votazzjoni waħda, u ebda emenda ma tista' titqiegħed fuq il-mejda. Il-maġġoranza meħtieġa għall-adozzjoni tal-approvazzjoni għandha tkun il-maġġoranza stipulata fl-Artikolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li joħolqu l-bażi legali għall-att propost. | Il-Parlament għandu ***jiddeċiedi*** dwar l-att li jkun jeħtieġ l-approvazzjoni tiegħu skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea permezz ta' votazzjoni waħda ***dwar l-approvazzjoni, irrispettivament minn jekk ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli tkunx li l-att propost jiġi approvat jew miċħud***, u ebda emenda ma tista' titqiegħed fuq il-mejda. Il-maġġoranza meħtieġa għall-adozzjoni tal-approvazzjoni għandha tkun il-maġġoranza stipulata fl-Artikolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li joħloq il-bażi legali għall-att propost ***jew, jekk fih ma tkun indikata l-ebda maġġoranza, il-maġġoranza tal-voti mitfugħa. Jekk il-maġġoranza meħtieġa ma tintlaħaqx, l-att propost għandu jitqies li jkun ġie miċħud***. |

**Emenda 5**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 81 – paragrafu 2**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-każ ***ta' trattati ta' adeżjoni u*** ftehimiet internazzjonali ***u biex ikun determinat jekk jeżistix*** ksur serju u persistenti ta' prinċipji ***komuni mill-Istati Membri***, għandhom japplikaw l-Artikoli 74c, 74e ***u 90*** rispettivament. ***Għal proċedura ta' koperazzjoni msaħħa f'qasam li jaqa' taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandu japplika l-Artikolu 74 g.*** | 2. ***Barra minn hekk,*** fil-każ ta' ftehimiet internazzjonali***, trattati ta' adeżjoni, id-determinazzjoni ta'*** ksur ***serju u persistenti ta' prinċipji*** fundamentali ***minn Stat Membru, l-istabbiliment tal-kompożizzjoni tal-Parlament, l-istabbiliment ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri jew l-adozzjoni ta' qafas finanzjarju pluriennali,*** għandhom japplikaw l-Artikoli ***90,*** 74c, 74e***, 74f, 74 g u 75*** rispettivament. |

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

**Emenda 6**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 81 – paragrafu 3**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta l-approvazzjoni tal-Parlament tkun meħtieġa għal xi att leġislattiv ***propos***t jew xi ***ftehima*** internazzjonali ***maħsuba***, il-kumitat responsabbli jista', sabiex jiffaċilita r-riżultat pożittiv tal-proċedura, jiddeċiedi li jippreżenta rapport interim dwar il-proposta lill-Parlament b'mozzjoni għal risoluzzjoni li jkun fiha rakkomandazzjonijiet għall-modifika jew għall-implimentazzjoni tal-att propost. | 3. Meta l-approvazzjoni tal-Parlament tkun meħtieġa għal xi ***proposta għal*** att leġislattiv propost jew xi ***ftehim*** internazzjonali ***previst***, il-kumitat responsabbli jista', sabiex jiffaċilita r-riżultat pożittiv tal-proċedura, jiddeċiedi li jippreżenta rapport interim dwar il-proposta lill-Parlament b'mozzjoni għal riżoluzzjoni li jkun fiha rakkomandazzjonijiet għall-modifika jew għall-implimentazzjoni tal-att leġislattiv propost ***jew tal-ftehim internazzjonali previst***. |

**Emenda 7**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 81 – paragrafu 3a – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-kumitat responsabbli għandu jindirizza t-talba għall-approvazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Jekk il-kumitat responsabbli jiddeċiedi li ma jagħtix rakkomandazzjoni, jew ma jkunx adotta rakkomandazzjoni fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun ġiet riferita lilu t-talba għall-approvazzjoni, il-Konferenza tal-Presidenti tista' jew tpoġġi l-kwistjoni fuq l-Aġenda għall-kunsiderazzjoni ta' sessjoni parzjali sussegwenti jew inkella, f'każijiet debitament sostanzjati, tiddeċiedi li testendi l-perjodu ta' sitt xhur.*** |

**Emenda 8**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 81 – paragrafu 3a – subparagrafu 2 (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta l-approvazzjoni tal-Parlament hija meħtieġa għal ftehima internazzjonali prevista, il-Parlament jista' jiddeċiedi, fid-dawl ta' rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli, li jissospendi l-proċedura ta' approvazzjoni għal żmien mhux itwal minn sena.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0018

# Is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti (2013/2996(RSO))**

(2016/C 482/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Konferenza tal-Presidenti,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 183 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jiddeċiedi li jissostitwixxi l-Anness VII tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu b'dan li ġej:

"Anness VII – Setgħat u responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti

**I. Kumitat għall-Affarijiet Barranin**

Kumitat responsabbli għall-promozzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika barranija tal-Unjoni fir-rigward ta':

1. il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u l-politika komuni ta' sigurtà u ta' difiża (PKSD). F'dan il-kuntest il-kumitat ikun assistit minn sottokumitat għas-sigurtà u d-difiża;

2. ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u entitajiet oħra tal-Unjoni, mal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u ma' assemblei interparlamentari għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu;

3. is-superviżjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;

4. it-tisħiħ tar-relazzjonijiet politiċi ma' pajjiżi terzi permezz ta' programmi komprensivi ta' kooperazzjoni u assistenza jew permezz ta' ftehimiet internazzjonali bħal ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew sħubija;

5. il-ftuħ, il-monitoraġġ u l-konklużjoni ta' negozjati dwar l-adeżjoni ta' Stati Ewropej mal-Unjoni;

6. għal-leġiżlazzjoni, l-ipprogrammar u l-iskrutinju kollha tal-azzjonijiet imwettqa taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi u l-Istrument ta' Sħubija għall-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi, u l-politiki li fuqhom huma bbażati;

7. il-monitoraġġ u s-segwitu ta', inter alia, il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), b'mod partikolari fir-rigward tar-Rapporti ta' Progress Annwali tal-PEV;

8. kwistjonijiet li jirrigwardaw id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' minoranzi, f'pajjiżi terzi u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali. F'dan il-kuntest il-kumitat ikun assistit minn sottokumitat għad-drittijiet tal-bniedem, li għandu jiżgura koerenza bejn il-politika esterna kollha tal-Unjoni u l-politika tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli, membri ta' kumitati u entitajiet oħra li għandhom kompetenzi f'dan il-qasam għandhom jiġu mistiedna sabiex jattendu l-laqgħat tas-sottokumitat.

9. l-involviment tal-Parlament fil-missjonijiet ta' osservazzjoni ta' elezzjonijiet, fejn hu xieraq b'kooperazzjoni mal-kumitati u d-delegazzjonijiet l-oħra rilevanti;

Il-kumitat jipprovdi superviżjoni politika, u jikkoordina x-xogħol ta' kumitati parlamentari konġunti u ta' kumitati parlamentari ta' kooperazzjoni kif ukoll ix-xogħol ta' delegazzjonijiet interparlamentari u ta' delegazzjonijiet ad hoc li jaqgħu taħt il-kompetenzi tiegħu.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

## II. Kumitat għall-Iżvilupp

Kumitat responsabbli:

1. għall-promozzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika tal-iżvilupp u l-kooperazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari:

   (a) id-djalogu politiku mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fuq livell bilaterali u f'organizzazzjonijiet internazzjonali u fora interparlamentari rilevanti,

   (b) l-għajnuna għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' tali pajjiżi, b'mod partikolari superviżjoni ta' ffinanzjar effettiv ta' għajnuna u evalwazzjoni tal-prestazzjoni, inkluż fir-rigward tal-qerda tal-faqar,

   (c) monitoraġġ tar-relazzjoni bejn il-politika tal-Istati Membri u dik implimentata fil-livell tal-Unjoni,

   (d) il-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, ta' tmexxija t-tajba u tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

   (e) l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-progress fil-koerenza politika fir-rigward tal-politika għall-iżvilupp;

2. għal kull leġiżlazzjoni, programmar u skrutinju ta' azzjonijiet imwettqa taħt l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) – b'kooperazzjoni mill-qrib mal-parlamenti nazzjonali – u l-Istrument ta' Għajnuna Umanitarja, kif ukoll għall-kwistjonijiet kollha relatati ma' għajnuna umanitarja fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-politika li fuqha jkunu msejsin;

3. għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u għar-relazzjonijiet mal-entitajiet rilevanti;

4. għall-kwistjonijiet relatati mal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej;

5. għall-involviment tal-Parlament fil-missjonijiet ta' osservazzjoni ta' elezzjonijiet, fejn hu xieraq b'kooperazzjoni mal-kumitati u d-delegazzjonijiet l-oħra rilevanti.

Il-kumitat jikkoordina x-xogħol tad-delegazzjonijiet interparlamentari u tad-delegazzjonijiet ad hoc li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

## III. Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni u r-relazzjonijiet ekonomiċi esterni tagħha, b'mod partikolari:

1. ir-relazzjonijiet finanzjarji, ekonomiċi u kummerċjali ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet reġjonali;

2. it-tariffa esterna komuni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, kif ukoll l-aspetti esterni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dwana u l-ġestjoni tagħha;

3. il-ftuħ, il-monitoraġġ, il-konklużjoni u s-segwitu ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali, multilaterali u plurilaterali li jirregolaw ir-relazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u ta' investiment ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet reġjonali;

4. il-miżuri ta' armonizzazzjoni teknika jew ta' standardizzazzjoni teknika f'oqsma koperti minn strumenti ta' liġi internazzjonali;

5. ir-relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u ma' fora internazzjonali dwar kwistjonijiet relalati mal-kummerċ, u ma' organizzazzjonijiet li jippromwovu integrazzjoni ekonomika u kummerċjali fuq livell reġjonali barra mill-Unjoni;

6. ir-relazzjonijiet mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), inkluża d-dimensjoni parlamentari tagħha.

Il-kumitat jikkomunika mad-delegazzjonijiet interparlamentari u ad hoc rilevanti dwar l-aspetti ekonomiċi u kummerċjali tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

## IV. Kumitat għall-Baġits

Kumitat responsabbli:

1. għall-qafas finanzjarju pluriennali tad-dħul u l-infiq tal-Unjoni u għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni;

2. għall-prerogattivi baġitarji tal-Parlament, b'mod partikolari l-baġit tal-Unjoni u n-negozjar u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet interistituzzjonali f'dan il-qasam;

3. għall-estimi tal-Parlament skont il-proċedura stabbilita fir-Regoli;

4. għall-baġit ta' entitajiet deċentralizzati;

5. għall-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew għall-Investiment li mhumiex parti mill-governanza ekonomika Ewropea;

6. biex jiddaħħal fil-baġit il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-kumitat responsabbli għall-Ftehima ta' Sħubija AKP-UE;

7. għall-implikazzjonijiet finanzjarji tal-atti kollha tal-Unjoni u għall-kompatibbiltà tagħhom mal-qafas finanzjarju pluriennali, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-kumitati rilevanti;

8. għall-issorveljar u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-baġit kurrenti minkejja l-Artikolu 78(1), trasferimenti ta' approprjazzjonijiet, proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-organigrammi, approprjazzjonijiet amministrattivi u opinjonijiet dwar proġetti relatati mal-bini li jkollhom implikazzjonijiet finanzjarji qawwija;

9. għar-Regolament Finanzjarju, bl-esklużjoni ta' kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni u l-kontroll tal-baġit.

## V. Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Kumitat responsabbli:

1. għall-kontroll tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u għad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Parlament dwar il-kwittanza, inkluża l-proċedura għall-kwittanza interna, u għall-miżuri l-oħra li jakkumpanjaw jew li jimplimentaw dawn id-deċiżjonijiet;

2. għall-għeluq, il-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet u tal-karti tal-bilanċ tal-Unjoni, tal-istituzzjonijiet tagħha u tal-entitajiet iffinanzjati minnha, inkluża d-deċiżjoni dwar liema approprjazzjonijiet għandhom jiġu riportati u s-saldu tal-bilanċi;

3. għall-kontroll tal-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment;

4. għall-monitoraġġ tal-effettività fl-infiq tat-tipi differenti ta' finanzjament tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni, bl-involviment, fuq talba tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-kumitati speċjalizzati u b'azzjoni, fuq talba tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, f'kooperazzjoni mal-kumitati speċjalizzati għall-eżami tar-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri;

5. għar-relazzjonijiet mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), għall-indagar dwar frodi u irregolaritajiet fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, għall-miżuri li għandhom bħala skop il-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn il-każijiet, għall-protezzjoni riġida tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-azzjonijiet rilevanti mill-Prosekutur Pubbliku Ewropew f'dan il-qasam;

6. għar-relazzjonijiet mal-Qorti tal-Awdituri, għall-ħatra tal-membri tagħha u għall-konsiderazzjoni tar-rapporti tagħha;

7. għar-Regolament Finanzjarju għal dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-baġit.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**VI. Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji**

Kumitat responsabbli:

1. għall-politika ekonomika u monetarja tal-Unjoni, għall-operat tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u għas-sistema monetarja u finanzjarja Ewropea (inklużi r-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet rilevanti);

2. għall-moviment ħieles tal-kapital u tal-pagamenti (pagamenti transfruntiera, żona unika ta' pagament, bilanċ ta' pagamenti, moviment ta' kapital u politika ta' self u tislif, kontroll tal-moviment ta' kapital li jkun ġej minn pajjiżi terzi, miżuri li jkollhom l-iskop li jinkoraġġixxu l-esportazzjoni tal-kapital tal-Unjoni);

3. għas-sistema monetarja u finanzjarja internazzjonali (inklużi r-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet finanzjarji u monetarji);

4. għar-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna Statali jew pubblika;

5. għad-dispożizzjonijiet fiskali;

6. għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni ta' servizzi, istituzzjonijiet u swieq finanzjarji, inkluż ir-rappurtar finanzjarju, l-awditjar, ir-regoli dwar il-kontabbiltà, il-governanza korporattiva u kwistjonijiet oħra marbuta mal-liġi dwar il-kumpaniji u li jikkonċernaw speċifikament is-servizzi finanzjarji.

7. għall-attivitajiet rilevanti tal-Bank Ewropew tal-Investiment bħala parti mill-governanza ekonomika Ewropea fiż-żona tal-euro.

**VII. Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali**

Kumitat responsabbli:

1. għall-politika tal-impjiegi u l-aspetti kollha tal-politika soċjali, inklużi l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sigurtà soċjali, l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali;

2. għad-drittijiet tal-ħaddiema;

3. għall-miżuri ta' saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

4. għall-Fond Soċjali Ewropew;

5. għall-politika tat-taħriġ vokazzjonali, inklużi l-kwalifiki professjonali;

6. għall-moviment ħieles tal-ħaddiema u tal-pensjonanti;

7. għad-djalogu soċjali;

8. għall-forom kollha ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u fis-suq tax-xogħol ħlief għad-diskriminazzjoni sesswali;

9. għar-relazzjonijiet:

   — maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop),

   — mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonjiet tal-Ħajja u tax-Xogħol,

   — mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ,

   — mal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

   kif ukoll għar-relazzjonijiet ma' entitajiet oħra tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti.

**VIII. Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel**

Kumitat responsabbli:

1. għall-politika ambjentali u għall-miżuri ta' protezzjoni tal-ambjent, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw:

   (a) it-tibdil fil-klima,

   (b) it-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-immaniġġjar u r-riċiklaġġ tal-iskart, is-sustanzi u l-taħlitiet perikolużi, il-livelli tal-istorbju u l-protezzjoni tal-bijodiversità,

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

(c) l-iżvilupp sostenibbli,

(d) il-miżuri u l-ftehimiet internazzjonali u reġjonali għall-protezzjoni tal-ambjent,

(e) it-tiswija ta' ħsara ambjentali,

(f) il-protezzjoni ċivili,

(g) l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent,

(h) l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;

2. għas-saħħa pubblika, b'mod partikolari:

(a) il-programmi u l-miżuri speċifiċi fil-qasam tas-saħħa pubblika,

(b) il-prodotti farmaċewtiċi u kożmetiċi,

(c) l-aspetti tas-saħħa tal-bijoterroriżmu,

(d) l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard;

3. għall-kwistjonijiet ta' sikurezza tal-ikel, b'mod partikolari:

(a) it-tikkettar u s-sikurezza tal-prodotti tal-ikel,

(b) il-leġiżlazzjoni veterinarja dwar il-protezzjoni mir-riskji għas-saħħa tal-bniedem; il-kontrolli ta' saħħa pubblika fuq il-prodotti tal-ikel u fuq is-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel,

(c) l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Uffiċju Ewropew għall-Ikel u s-Servizzi Veterinarji.

## IX. Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Kumitat responsabbli:

1. għall-politika industrijali tal-Unjoni u miżuri relatati, u għall-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, inklużi l-miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medjui;

2. għall-politika tal-Unjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż ix-xjenza u t-teknoloġija kif ukoll it-tixrid u l-esplojtazzjoni tar-riżultati tar-riċerka;

3. għall-politika spazjali Ewropea;

4. għall-attivitajiet taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Istitut tal-Materjali u l-Kejl ta' Referenza, kif ukoll il-JET, l-ITER u proġetti oħra fl-istess qasam;

5. għall-miżuri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-enerġija b'mod ġenerali u fil-kuntest tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, inklużi miżuri relatati ma':

(a) is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni,

(b) il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija u l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u li jiġġeddu,

(c) il-promozzjoni tal-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija u l-effiċjenza tal-enerġija, inkluż it-twaqqif u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fis-settur tal-infrastruttura tal-enerġija;

6. għat-Trattat Euratom u l-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom; għas-sikurezza nukleari, għall-għeluq tal-istabbilimenti nukleari u għat-tneħħija tal-iskart fis-settur nukleari;

7. għas-soċjetà tal-informazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u n-netwerks u s-servizzi ta' komunikazzjoni, inkluż it-teknoloġiji u l-aspetti ta' sigurtà u t-twaqqif u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fis-settur tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA).

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

## X. Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Kumitat responsabbli:

1. għall-koordinazzjoni fuq livell tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tas-suq intern u għall-unjoni doganali, b'mod partikolari:

   (a) il-moviment ħieles tal-merkanzija, inkluża l-armonizzazzjoni tal-istandards tekniċi,

   (b) id-dritt ta' stabbiliment,

   (c) il-libertà tal-għoti ta' servizzi, ħlief fis-settur finanzjarju u fis-settur postali;

2. għall-funzjonament tas-Suq Uniku, inkluż miżuri li għandhom bħala skop l-identifikazzjoni u t-tneħħija ta' affarijiet li jistgħu jkunu ta' xkiel għall-implimentazzjoni tas-Suq Uniku, inkluż is-Suq Uniku Diġitali;

3. għall-promozzjoni u l-ħarsien tal-interessi ekonomiċi tal-konsumatur, ħlief għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà tal-ikel;

4. għall-politika u l-leġiżlazzjoni rigward l-infurzar tar-regoli dwar is-Suq Uniku u d-drittijiet tal-konsumatur.

## XI. Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Kumitat responsabbli:

1. għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp ta' politika komuni għat-trasport ferrovjarju, fuq it-toroq, f'mogħdijiet tal-ilma interni, bil-baħar u bl-ajru, b'mod partikolari:

   (a) għar-regoli komuni applikabbli għat-trasport fl-Unjoni Ewropea,

   (b) għat-twaqqif u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport,

   (c) għall-għoti ta' servizzi ta' trasport u għar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi fil-qasam tat-trasport,

   (d) għas-sikurezza tat-trasport,

   (e) għar-relazzjonijiet ma' entitajiet u organizzazzjonijiet internazzjonali tat-trasport;

   (f) għall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u l-Impriża Konġunta SESAR;

2. għas-servizzi postali;

3. għat-turiżmu.

## XII. Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Kumitat responsabbli:

1. għall-operat u l-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp u l-koeżjoni reġjonali, kif stabbilit fit-Trattati;

2. għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-istrumenti l-oħra tal-politika reġjonali tal-Unjoni,

3. għall-valutazzjoni tal-effett ta' linji politiċi oħrajn tal-Unjoni fuq il-koeżjoni ekonomika u soċjali,

4. għall-koordinazzjoni tal-istrumenti strutturali tal-Unjoni,

5. għad-dimensjoni urbana tal-politika ta' koeżjoni;

6. għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer, kif ukoll il-kooperazzjoni trans-fruntiera u bejn ir-reġjuni,

7. għar-relazzjonijiet mal-Kumitat għar-Reġjuni, l-organizzazzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

## XIII. Kumitat għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali

Kumitat responsabbli:

1. għall-operat u l-iżvilupp tal-politika agrikola komuni;

2. għall-iżvilupp rurali, inklużi l-attivitajiet tal-istrumenti finanzjarji rilevanti;

3. għal-leġiżlazzjoni dwar:

   (a) kwistjonijiet veterinarji u li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa tal-pjanti u mal-għalf, kemm-il darba dawn il-miżuri ma jkunux intiżi sabiex titħares s-saħħa tal-bniedem,

   (b) it-trobbija u l-benesseri tal-annimali;

4. għat-titjib fil-kwalità tal-prodotti agrikoli;

5. għall-provvista ta' materja prima għall-agrikoltura;

6. għall-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti;

7. għall-imsaġar u s-sistema agroforestali.

## XIV. Kumitat għas-Sajd

Kumitat responsabbli:

1. għall-operat u l-iżvilupp tal-politika komuni tas-sajd u għall-amministrazzjoni tagħha;

2. għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, il-ġestjoni tas-sajd u ta' flotot li jisfruttaw tali riżorsi u r-riċerka dwar studji tal-baħar u studji applikati dwar is-sajd;

3. għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-qasam tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tiegħu;

4. għall-politika strutturali fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, inklużi l-istrumenti finanzjarji u l-fondi għall-għajnuna fis-sajd biex jiġu appoġġjati dawn is-setturi;

5. għall-politika marittima integrata fir-rigward tal-attivitajiet tas-sajd;

6. għal ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli, l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd u l-implimentazzjoni ta' obbligi internazzjonali fil-qasam tas-sajd.

## XV. Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Kumitat responsabbli:

1. għall-aspetti kulturali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari:

   (a) it-titjib fl-għerf u fid-disseminazzjoni tal-kultura,

   (b) il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika,

   (c) il-konservazzjoni u l-ħarsien tal-patrimonju kulturali, l-iskambji kulturali u l-kreazzjoni artistika;

2. għall-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, inkluż il-qasam ta' edukazzjoni ogħla fl-Ewropa, il-promozzjoni tas-sistema ta' skejjel Ewropej u t-tagħlim tul il-ħajja;

3. għall-politika awdjoviżiva u l-aspetti kulturali u edukattivi tas-soċjetà tal-informazzjoni;

4. għall-politika dwar iż-żgħażagħ;

5. għall-iżvilupp ta' politika tal-isport u l-ħin liberu;

6. għall-politika tal-informazzjoni u tal-media;

7. għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-kultura u l-edukazzjoni u għar-relazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet internazzjonali kkonċernati.

L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014

## XVI. Kumitat għall-Affarijiet Legali

Kumitat responsabbli:

1. għall-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-Liġi tal-Unjoni, u għall-konformità tal-atti tal-Unjoni mal-leġiżlazzjoni primarja, b'mod partikolari l-għażla tal-bażijiet legali u r-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

2. għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi internazzjonali, għal dak li jkollu x'jaqsam mal-Unjoni Ewropea;

3. għal tfassil aħjar tal-liġijiet u għas-semplifikazzjonital-liġi tal-Unjoni;

4. għall-ħarsien legali tad-drittijiet u l-prerogattivi tal-Parlament, inkluża l-parteċipazzjoni tal-Parlament f'kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

5. għall-atti tal-Unjoni li jaffettwaw l-ordni ġuridiku tal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma:

   (a) tal-liġi ċivili u kummerċjali,

   (b) tal-liġi dwar il-kumpaniji,

   (c) tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali,

   (d) tal-liġi proċedurali;

6. għall-miżuri rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja u amministrattiva f'oqsma ċivili;

7. għar-responsabbiltà ambjentali u għas-sanzjonijiet applikabbli għal delitti kontra l-ambjent;

8. għall-kwistjonijiet etiċi li għandhom x'jaqsmu ma' teknoloġiji ġodda, bl-applikazzjoni tal-proċedura b'kumitati assoċjati mal-kumitati rilevanti;

9. għall-Istatut tal-Membri u għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea;

10. għall-privileġġi u l-immunitajiet, kif ukoll għall-verifika tal-kredenzjali tal-Membri;

11. għall-organizzazzjoni u l-istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

12. għall-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern.

## XVII. Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Kumitat responsabbli:

1. għall-protezzjoni fit-territorju tal-Unjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni tal-minoranzi, kif stipulat fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

2. għall-miżuri meħtieġa fil-ġlieda kontra kull tip ta' diskriminazzjoni, ħlief id-diskrimazzjoni sesswali jew id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u fis-suq tax-xogħol;

3. għal-leġiżlazzjoni fl-oqsma tat-trasparenza u tal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ipproċessar ta' informazzjoni personali;

4. għat-twaqqif u l-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, b'mod partikolari:

   (a) miżuri li għandhom x'jaqsmu mad-dħul u l-moviment tal-persuni, mal-ażil u l-migrazzjoni,

   (b) miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni integrata tal-fruntieri komuni,

   (c) miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni tal-pulizija u mal-kooperazzjoni ġudizjarja fil-qasam kriminali, inkluż it-terroriżmu, u miżuri sostantivi u proċedurali relatati mal-iżvilupp ta' approċċ aktar koerenti tal-Unjoni lejn il-liġi kriminali;

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

5. għaċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Europol, l-Eurojust, is-Cepol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u entitajiet u aġenziji oħra li joperaw fl-istess qasam;
6. għad-determinazzjoni ta' riskju evidenti ta' ksur gravi, min-naħa ta' Stat Membru, tal-prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri.

## XVIII. Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Kumitat responsabbli:

1. għall-aspetti istituzzjonali tal-proċess ta' intergrazzjoni Ewropea, b'mod partikolari il-preparazzjoni, l-inizjazzjoni u l-proċedimenti tal-proċeduri ordinarji u ssemplifikati għar-reviżjoni tat-Trattati;
2. għall-implimentazzjoni tat-Trattati u għall-valutazzjoni tal-operat tagħhom;
3. għall-konsegwenzi istituzzjonali tan-negozjati tat-tkabbir tal-Unjoni jew ta' ħruġ mill-Unjoni;
4. għar-relazzjonijiet interistituzzjonali, inkluż l-eżami tal-ftehimiet interistituzzjonali skont l-Artikolu 127(2) tar-Regoli ta' Proċedura, minħabba li jridu jiġu approvati mill-Parlament;
5. għal proċedura elettorali uniformi;
6. għall-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet politiċi f'livell Ewropew, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Bureau;
7. għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' ksur gravi u persistenti, min-naħa ta' Stat Membru, tal-prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri;
8. għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura u l-proposti għal emendi għar-Regoli.

## XIX. Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Kumitat responsabbli:

1. għad-definizzjoni, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa fl-Unjoni u għall-miżuri tal-Unjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' dan;
2. għall-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa f'pajjiżi terzi;
3. għall-politika ta' opportunitajiet indaqs, inkluża l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq il-post tax-xogħol;
4. għat-tneħħija ta' kull tip ta' vjolenza u diskriminazzjoni sesswali;
5. għall-implimentazzjoni u aktar żvilupp fil-qasam tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fis-setturi kollha;
6. għas-segwitu u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tan-nisa;
7. għall-inkoraġġiment ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tan-nisa.

## XX. Kumitat għall-Petizzjonijiet

Kumitat responsabbli:

1. għall-petizzjonijiet;
2. għall-organizzazzjoni ta' seduti ta' smigħ pubbliċi dwar inizjattivi taċ-ċittadini skont l-Artikolu 197a;
3. għar-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew."

2. Jiddeċiedi li din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel sessjoni parzjali tat-tmien leġiżlatura parlamentari;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0035

# Emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar it-tneħħija u l-ħarsien tal-immunità parlamentari

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar l-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar it-tneħħija u l-ħarsien tal-immunità parlamentari (2013/2031(REG))**

(2016/C 482/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tad-9 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 211 u 212 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0012/2014),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Ifakkar li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

**Emenda 1**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta' Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu.*** |

**Emenda 2**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament ***għandu qabel kollox*** iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġislattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom. | 1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament ***jaġixxi biex*** iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġislattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom ***Kull talba għat-tneħħija tal-immunità għandha tkun ivvalutata skont it-termini tal-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u skont il-prinċipji li hemm riferiment għalihom f'dan l-Artikolu.*** |

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

**Emenda 3**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Kull talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru sabiex titneħħa l-immunità ta' xi Membru għandha tiġi mħabbra fil-Parlament u rriferuta lill-kumitat responsabbli.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 4**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Kull talba indirizzata lill-President minn Membru jew ex-Membru biex jiddefendi privileġġi u immunitajiet għandha tiġi mħabbra fil-Parlament u rriferuta lill-kumitat responsabbli.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 5**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. F'każ ta' urġenza, f'ċirkustanzi fejn Membru jiġi arrestat jew fejn tinżamm il-libertà ta' moviment tiegħu bi ksur apparenti tal-privileġġi u l-immunitajiet tiegħu, il-President, wara li jkun ħa l-parir tal-president u tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jista' jieħu inizjattiva biex jikkonferma l-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru kkonċernat. Il-President għandu jinnotifika lill-kumitat b'dik l-inizjattiva u jgħarraf lill-Parlament.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 6**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Meta jkun meħtieġ li Membru jidher bħala xhud jew li jixhed bħala espert, ma jkunx hemm għalfejn issir talba għat-tneħħija tal-immunità kemm-il darba:*** <br><br> ***— li ma jkunux obbligati jidhru f'data u f'ħin li ma jippermettilhomx iwettqu d-dmirijiet parlamentari tagħhom, jew jagħmluhielhom diffiċli li jwettqu dawk id-dmirjiet, jew li se jkunu jistgħu jagħtu stqarrija bil-miktub jew b'xi forma oħra li ma tkunx tagħmilha diffiċli għalihom li jwettqu d-dmirijiet parlamentari tagħhom; u*** |

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***— li ma jkunux obbligati jixhdu dwar informazzjoni miksuba b'mod kunfidenzjali fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom u li hu ma jkunux iħossu li għandhom jagħtu.*** |

**Emenda 7**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 6a (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a*** |
| | ***Ħarsien tal-privileġġi u l-immunità*** |
| | ***1. Fil-każijiet fejn il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jew ex-Membru jkun allegat li ġew miksura mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, tista' ssir talba għal deċiżjoni tal-Parlament dwar jekk fil-fatt kienx hemm ksur ta' dawk il-privileġġi u immunitajiet skont it-termini tal-Artikolu 7(-1).*** |
| | ***2. B'mod partikolari, tali talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet tista' ssir jekk jitqies li ċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu restrizzjoni amministrattiva jew ta' xort' oħra fuq il-moviment liberu ta' Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-post tal-laqgħa tal-Parlament jew fuq l-opinjoni espressa jew vot mixħut fit-twettiq ta' dmirijiethom, jew li jkunu jinkwadraw ruħhom fl-ambitu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.*** |
| | ***3. Talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru ma titqiesx ammissibbli jekk talba għal tneħħija jew ħarsien tal-immunità ta' dak il-Membru tkun ġa ġiet riċevuta f'dak li għandu x'jaqsam mal-istess proċedimenti legali, kemm jekk ittieħdet deċiżjoni kemm jekk le f'dak iż-żmien.*** |
| | ***4. L-ebda konsiderazzjoni oħra ma tingħata lil talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jekk it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' dak il-Membru tasal b'rabta mal-istess proċedimenti legali.*** |
| | ***5. F'każijiet fejn deċiżjoni tkun ittieħdet li ma jkunux imħarsin il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru, il-Membru jista' jagħmel talba għar-rikunsiderazzjoni tad-deċiżjoni, billi jippreżenta evidenza ġdida. It-talba għar-rikunsiderazzjoni għandha tkun inammissibbli jekk ikunu nbdew proċedimenti kontra d-deċiżjoni skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew jekk il-President iqis li l-evidenza l-ġdida preżentata ma tkunx suffiċjentement sostanzjali li titlob għar-rikunsiderazzjoni.*** |

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

**Emenda 8**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 6b (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6b*** |
| | ***Azzjoni urġenti mill-President għall-asserzjoni tal-immunità*** |
| | ***1. Bħala kwestjoni ta' urġenza, meta jkun hemm ċirkostanzi li fihom jiġi arrestat Membru jew il-libertà tiegħu jew tagħha tal-moviment tkun tnaqqset f'dak li jkun jidher bħala ksur tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru, il-President, wara li jikkonsulta mal-President u mar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jista' jieħu inizjattiva għall-asserzjoni tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru kkonċernat. Il-President għandu jinnotifika lill-kumitat b'dik l-inizjattiva u jgħarraf lill-Parlament.*** |
| | ***2. Meta l-President jagħmel użu mis-setgħat mogħtija lilu mill-paragrafu 1, il-kumitat responsabbli għandu jieħu nota tal-inizjattiva tal-President fil-laqgħa li jkun imiss tiegħu. Jekk il-kumitat iħoss li jkun meħtieġ, dan jista' jħejji rapport biex jitressaq quddiem il-Parlament.*** |

**Emenda 9**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 7 – paragrafu - 1 (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Kull talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru għat-tneħħija tal-immunità ta' xi Membru, jew minn Membru jew xi ħadd li kien Membru sabiex jitħarsu l-privileġġi u l-immunitajiet, għandha titħabbar fil-Parlament u tkun riferuta lill-kumitat responsabbli.*** |

**Emenda 10**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-kumitat ***responsabbli*** għandu jikkunsidra mingħajr dewmien ***u skond l-ordni li fih tressqu t-talbiet*** għat-tneħħija ta' l-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien ***ta' l-immunità u*** tal-privileġġi. | 1. Il-kumitat għandu jikkunsidra mingħajr dewmien***, imma billi titqies il-komplessità relattiva tagħhom, it-talbiet*** għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-privileġġi ***u tal-immunitajiet***. |

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

**Emenda 11**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jifforma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa. ***Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema', jista' jippreżenta dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn membru ieħor.*** | 3. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jifforma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa. |

**Emenda 12**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema', jista' jippreżenta dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn Membru ieħor.*** |
| | ***Il-Membru ma għandux ikun preżenti matul id-dibattiti dwar it-talba għat-tneħħija jew il-ħarsien tal-immunità tiegħu, ħlief għas-smigħ innifsu.*** |
| | ***Il-President tal-Kumitat għandu jistieden lill-Membru għas-smigħ, billi jindika d-data u l-ħin. Il-Membru jista' jirrinunzja d-dritt tiegħu li jipparteċipa fis-smigħ.*** |
| | ***Jekk il-Membru ma jipparteċipax fis-smigħ wara dik l-istedina, jitqies li rrinunzja dak il-jedd li jkun mismugħ, sakemm ma jitlobx li jkun eżonerat mis-smigħ f'dik id-data u ħin kif proposti, u jagħti r-raġunijiet. Il-President tal-Kumitat għandu jagħti deċiżjoni dwar jekk tali talba li dak li jkun ikun skużat tintlaqax fid-dawl tar-raġunijiet mogħtija, u ma jkun permess l-ebda appell fuq dan il-punt.*** |
| | ***Jekk il-President tal-Kumitat jilqa' t-talba għal eżoneru, allura jistieden lill-Membru jinstema' f'data u ħin ġodda. Jekk il-Membru jonqos li jimxi mat-tieni stedina li jinstema', il-proċedura tissokta mingħajr ma jinstema' l-Membru. Ebda talba oħra għal eżoneru, jew għas-smigħ, ma tintlaqa' minn dan l-istadju 'l quddiem.*** |

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

**Emenda 13**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Meta jkun meħtieġ li Membru jidher bħala xhud jew li jixhed bħala espert, ma jkunx hemm għalfejn issir talba għat-tneħħija ta' l-immunità kemm-il darba:*** | ***imħassar*** |
| ***— il-Membru ma jkunx obbligat li jidher f'data jew f'ħin li ma jippermettulux li jaqdi – jew joħolqulu diffikultà biex jaqdi – id-dmirijet parlamentari tiegħu, jew kemm-il darba jkun jista' jipprovdi stqarrija bil-miktub jew f'kull forma oħra li ma toħloqlux diffikultà fit-twettiq tad-dmirijiet parlamentari tiegħu;*** | |
| ***— il-Membru ma jkunx obbligat li jixhed dwar informazzjoni miksuba b'mod kunfidenzjali fil-qadi tal-mandat tiegħu u li hu ma jkunx iħoss li għandu jagħti.*** | |

**Emenda 14**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 7 – paragrafu 6**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. F'każi li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-immunità jew tal-privileġġi, il-kumitat għandu jiddikjara jekk iċ-ċirkustanzi jkunux jikkostitwixxu xkiel amministrattiv jew xkiel ieħor mqiegħed għall-moviment ħieles tal-Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-postijiet fejn jiltaqa' l-Parlament jew opinjoni espressa jew vot mitfugħ fit-twettiq tal-mandat jew li jaqgħu fi ħdan l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar Privileġġi u Immunitajiet li ma jidħlux fl-ambitu tal-liġi nazzjonali, u għandu jagħmel proposta sabiex l-awtorità konċernata tiġi mistiedna tasal għall-konklużjonijiet meħtieġa.*** | ***imħassar*** |

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar 2014**

**Emenda 15**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 7 – paragrafu 10**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. Meta l-President jagħmel użu mis-setgħat mogħtija lilu mill-Artikolu 6(4), il-kumitat responsabbli għandu jkun jaf bl-inizjattiva tal-President fil-laqgħa tiegħu ta' wara. Jekk il-kumitat iħoss li huwa meħtieġ, dan jista' jħejji rapport biex jiġi mressaq quddiem il-Parlament.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 16**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Il-kumitat għandu jistabbilixxi l-prinċipji għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.*** |

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2014)0004

## L-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda (COM(2012)0394 – C7-0185/2012 – 2012/0191(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0394,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0185/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-4 ta' Ottubru 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0168/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 44, 15.2.2013, p. 109

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

## P7_TC1-COD(2012)0191

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bil-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 253/2014.)*

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0005

## Il-programm tal-konsumaturi 2014-2020 ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm tal-konsumaturi 2014-2020 (COM(2011)0707 – C7-0397/2011 – 2011/0340(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/30)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0707),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 169 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0397/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tat-28 ta' Marzu 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Mejju 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' Ottubru 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits kif ukoll tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0214/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

### P7_TC1-COD(2011)0340

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 254/2014.)*

---

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 89.
([2]) ĠU C 225, 27.7.2012, p. 217.

P7_TA(2014)0006

## Il-kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tattjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 li jiftaħ u jipprovdi l-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja, u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra (COM(2011)0906 – C7-0524/2011 – 2011/0445(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/31)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0906),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0524/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Ottubru 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0212/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([1]);

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0445

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni u s-setgħat delegati li għandhom jingħataw lill-Kummissjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 252/2014.)*

---

### ANNESS MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠISLATTIVA

### Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kodifikazzjoni

L-adozzjoni ta' dan ir-Regolament ser tinvolvi numru sostanzjali ta' emendi għall-atti inkwistjoni. Sabiex titjieb il-leġibbiltà tal-atti kkonċernati, il-Kummissjoni ser tipproponi kodifikazzjoni tal-atti malajr kemm jista' jkun ladarba ir-Regolamenti jiġi adottat, u l-aktar tard mit-30 ta' Settembru 2014.

---

([1]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-12 ta' Settembru 2012 (Testi adottati, P7_TA(2012)0328).

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

## Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar atti ddelegati

Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfakkar fl-impenn li għamlet fil-paragrafu 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha rigward it-tħejjija ta' atti delegati.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0007

## Importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2008/97, (KE) Nru 779/98 u (KE) Nru 1506/98 fil-qasam ta' importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija fir-rigward tas-setgħat ta' delegazzjoni u implimentazzjoni li ser jingħataw lill-Kummissjoni (COM(2011)0918 – C7-0005/2012 – 2011/0453(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/32)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0918),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0005/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Ottubru 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0209/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([1]);

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0453

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (*UE*) *Nru …/2014* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2008/97, (KE) Nru 779/98 u (KE) Nru 1506/98 fil-qasam ta' importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija, fir-rigward tas-setgħat iddelegati u ta' implimentazzjoni li għandhom jingħataw lill-Kummissjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 255/2014.)*

---

**ANNESS MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠISLATTIVA**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kodifikazzjoni**

L-adozzjoni ta' dan ir-Regolament ser tinvolvi numru sostanzjali ta' emendi għall-atti inkwistjoni. Sabiex titjieb il-leġibbiltà tal-atti kkonċernati, il-Kummissjoni ser tipproponi kodifikazzjoni tal-atti malajr kemm jista' jkun ladarba jiġi adottat ir-Regolament, u mhux aktar tard mill-inqas qabel m**it**-30 ta' Settembru 2014.

---

([1]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-12 ta' Settembru 2012 (Testi adottati, P7_TA(2012)0329).

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

## Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar atti delegati

Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfakkar fl-impenn li għamlet fil-paragrafu 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha rigward it-tħejjija ta' atti delegati.

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0008

## L-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat (COM(2011)0530 – C7-0234/2011 – 2011/0231(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/33)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0530),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 43(2) u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0234/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Kamra tad-Deputati tal-Lussemburgu, fil-qafas tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Ottubru 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0158/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0231

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 251/2014.)*

---

([1]) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 67.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0019

## It-tħassir tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/124/KE, Euratom ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni 2007/124/KE, Euratom li tistabbilixxi għall-Perijodu 2007-2013, bħala parti mill-programmi Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet, l-Programmi Speċifiċi "Prevenzjoni, Stat ta' Tħejjija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà" (15187/2013 – C7-0418/2013 – 2013/0281(APP))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)**

(2016/C 482/34)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (15187/2013),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (C7–0418/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81(1) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0432/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0020

## It-tiġdid tal-ftehim UE-Russja dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija ***

### Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (13152/2013 – C7-0370/2013 – 2013/0282(NLE))

**(Approvazzjoni)**

(2016/C 482/35)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (13152/2013),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/742/KE tas-16 ta' Novembru 2000, fir-rigward tal-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa,

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 186 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0370/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin kif ukoll tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0473/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0021

# Denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (riformulazzjoni) (COM(2013)0184 – C7-0132/2013 – 2013/0096(NLE))**

**(Konsultazzjoni – riformulazzjoni)**

(2016/C 482/36)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013)0184),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0132/2013),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni għall-atti legali ([1]),

— wara li kkunsidra l-ittra tas-17 ta' Ġunju 2013 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0479/2013),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

Proposta għal regolament

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Is-sistema ta' munita unika tal-Unjoni għandha trawwem fiduċja pubblika u tinvolvi innovazzjonijiet teknoloġiċi li jiżguraw li tkun sistema fiż-żgur, affidabbli u effiċjenti. | (4) Is-sistema ta' munita unika tal-Unjoni għandha trawwem fiduċja pubblika u tinvolvi innovazzjonijiet teknoloġiċi li jiżguraw li tkun sistema fiż-żgur, affidabbli u effiċjenti. ***Hija għandha wkoll tgħin biex tiġġieled l-iffalsifikar.*** |

([1]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 2**

Proposta għal regolament

**Artikolu 10 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 8. L-informazzjoni rilevanti kollha dwar disinji ġodda tal-muniti nazzjonali għaċ-ċirkolazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | 8. L-informazzjoni rilevanti kollha dwar disinji ġodda tal-muniti nazzjonali għaċ-ċirkolazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.<br>***Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew b'kull oġġezzjoni li hija tqajjem skont il-paragrafu 5.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0023

## Takografi u leġiżlazzjoni soċjali li tikkonċerna t-trasport bit-triq ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (11532/4/2013 – C7-0410/2013 – 2011/0196(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

(2016/C 482/37)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11532/4/2013 – C7-0410/2013),

— wara li kkunsidra l-opinjonital-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2011 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni ,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0451),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0471/2013),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

### ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006**

Sabiex tkun żgurata l-implementazzjoni effettiva u uniformi tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħinijiet tas-sewqan u l-perijodi ta' mistrieħ, il-Kummissjoni se tissokta timmonitorja mill-qrib l-implementazzjoni ta' dik il-leġiżlazzjoni, u, fejn ikun neċessarju, tieħu l-inizjattivi xierqa.

---

([1]) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 79

([2]) ĠU C 349 E, 29.11.2013, p. 105.

**L-Erbgħa 15 ta’ Jannar 2014**

P7_TA(2014)0024

## L-għoti ta’ kuntratti ta’ konċessjoni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Jannar 2014 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta’ kuntratti ta’ konċessjoni (COM(2011)0897 – C7-0004/2012 – 2011/0437(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/38)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0897),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0004/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati mressqa, fi ħdan il-qafas ta’ Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità, mill-Bundesrat Ġermaniż, il-Kungress tad-Deputati Spanjol u l-Kunsill Federali Awstrijakk, li jiddikjaraw li l-abbozz ta’ att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta’ April 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta’ Lulju 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-17 ta’ Lulju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0030/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b’mod sustanzjali jew li tibdilha b’test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0437

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta’ Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta d-Direttiva 2014/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta’ kuntratti ta’ konċessjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2014/23/UE.)*

---

([1]) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 84.
([2]) ĠU C 277, 13.9.2012, p. 74.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0025

## L-akkwist pubbliku ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku (COM(2011)0896 – C7-0006/2012 – 2011/0438(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/39)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0896),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0006/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati sottomessi, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mill-Parlament Svediż u mill-House of Commons tar-Renju Unit li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' April 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Ottubru 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-17 ta' Lulju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0007/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0438

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2014/24/UE.)*

---

([1]) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 84.
([2]) ĠU C 391, 18.12.2012, p. 49.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0026

## L-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u l-posta ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (COM(2011)0895 – C7-0007/2012 – 2011/0439(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/40)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0895),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0007/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati preżentati mill-Parlament Svediż u mill-House of Commons tar-Renju Unit, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxixi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' April 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-17 ta' Lulju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0034/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill- Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0439

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb li tadotta d-Direttiva 2014/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2014/25/EU.)*

---

([1]) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 84.

([2]) ĠU C 391, 18.12.2012, p. 49.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0027

## L-aċċess ta' prodotti u servizzi għas-swieq tal-akkwist pubbliku ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi (COM(2012)0124 – C7-0084/2012 – 2012/0060(COD))** [1]

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/41)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi | dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku u ***tal-konċessjonijiet*** tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ***u għall-konċessjonijiet*** ta' pajjiżi terzi |
| (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***Wara li kkunsidra d-direttivi rieżaminati dwar l-akkwist pubbliku ((2011/0438(COD), 2011/0439(COD) u 2011/0437(COD));*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Kunsiderazzjoni 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Wara li kkunsidraw il-Ftehim Multilaterali rivedut dwar l-Akkwist Pubbliku (GPA),*** |

(1) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0454/2013).

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-Unjoni għandha tiddefinixxi u teżerċita politiki u azzjonijiet komuni, u taħdem biex tikseb livell għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali sabiex, inter alia, tħeġġeġ l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluż permezz tal-abolizzjoni progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali. | (1) Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-Unjoni għandha tiddefinixxi u teżerċita politiki u azzjonijiet komuni, u taħdem biex tikseb livell għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali sabiex, inter alia, ***tissalvagwardja l-valuri, l-interessi fundamentali, is-sigurtà, l-indipendenza u l-integrità tagħha u sabiex*** tħeġġeġ l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluż permezz tal-abolizzjoni progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Il-Ftehim plurilaterali rivedut tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA) jipprevedi biss aċċess tas-suq limitat għall-kumpaniji tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' swieq tal-akkwisti pubbliċi ta' pajjiżi terzi u japplika biss għal għadd limitat ta' Membri tad-WTO, li huma partijiet għall-GPA. Il-GPA rivedut ġie ratifikat mill-Unjoni f'Diċembru 2013.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u permezz tar-relazzjonijiet bilaterali tagħha, l-Unjoni saħqet fuq ftuħ ambizzjuż tas-swieq internazzjonali tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u s-sħab kummerċjali tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku | (5) Fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u permezz tar-relazzjonijiet bilaterali tagħha, l-Unjoni saħqet fuq ftuħ ambizzjuż tas-swieq internazzjonali tal-akkwist pubbliku ***u tal-konċessjonijiet*** tal-Unjoni u s-sħab kummerċjali tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(5a)* ***L-Akkwist Pubbliku jifforma parti importanti mill-PDG tal-UE u għandu għalhekk jintuża biex isaħħaħ il-potenzjal tal-UE għall-innovazzjoni u l-produzzjoni industrijali. Fid-dawl ta' strateġija ta' politika ta' industrija sostenibbli fl-Unjoni Ewropea, għandhom għalhekk jiġu esklużi offerti inġusti li jinkludu prodotti u/jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin, għandhom jiġu żgurati reċiproċità u kundizzjonijiet ġusti għall-aċċess għas-suq tal-industriji tal-UE.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(5b)* ***Il-politika tal-kummerċ tal-Unjoni Ewropea għandha tgħin tnaqqas il-faqar madwar id-dinja, billi tippromwovi titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol u tad-drittijiet fundamentali.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Bosta pajjiżi terzi jsibuha bi tqila sabiex jiftħu s-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom għall-kompetizzjoni internazzjonali jew li jiftħu dawk is-swieq aktar milli diġà għamlu. Bħala riżultat ta' dan, l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni jaffrontaw prattiki restrittivi tal-akkwist mingħand bosta sħab kummerċjali tal-Unjoni. Dawk il-prattiki restrittivi tal-akkwist iwasslu għal telf f'opportunitajiet importanti ta' kummerċ. | (6) Bosta pajjiżi terzi jsibuha bi tqila sabiex jiftħu s-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom ***u l-konċessjonijiet tagħhom*** għall-kompetizzjoni internazzjonali jew li jiftħu dawk is-swieq aktar milli diġà għamlu. Bħala riżultat ta' dan, l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni jaffrontaw prattiki restrittivi tal-akkwist mingħand bosta sħab kummerċjali tal-Unjoni. Dawk il-prattiki restrittivi tal-akkwist iwasslu għal telf f'opportunitajiet importanti ta' kummerċ. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali ([10]) u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([11]) jinkludu biss ftit dispożizzjonijiet dwar id-dimensjoni esterna tal-politika tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 58 u 59 tad-Direttiva 2004/17/KE. Madankollu dawn id-dispożizzjonijiet ***għandhom*** biss kamp ta' applikazzjoni limitat u minħabba nuqqas ta' gwida ***mhumiex*** applikati ħafna minn entitajiet kontraenti.<br><br>([10]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.<br>([11]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. | (7) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali ([10]) u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([11]) jinkludu biss ftit dispożizzjonijiet dwar id-dimensjoni esterna tal-politika tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 58 u 59 tad-Direttiva 2004/17/KE. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ***kellhom*** biss kamp ta' applikazzjoni limitat u minħabba nuqqas ta' gwida ***ma kinux*** applikati ħafna minn entitajiet kontraenti***, u għalhekk għandhom jinbiddlu b'dispożizzjonijiet aktar konċiżi u applikabbli***.<br><br>([10]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.<br>([11]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) L-aċċess tas-suq għall-offerenti minn pajjiżi terzi għal swieq tal-akkwisti pubbliċi tal-Unjoni għandu jkun ipprovdut f'konformità mad-Direttivi 2014/…/UE ([12]), 2014/…/UE ([13]) u 2014/…/UE ([14]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;***<br><br>([12]) ***Direttiva 2014/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar l-akkwist pubbliku (ĠU L …).***<br>([13]) ***Direttiva 2014/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tas-servizzi postali (ĠU L …).***<br>([14]) ***Direttiva 2014/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L …).*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

### Premessa 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Skont l-Artikolu 207 tat-TFUE, il-politika kummerċjali komuni fil-qasam tal-akkwist pubbliku għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi. | (8) Skont l-Artikolu 207 tat-TFUE l-politika kummerċjali komuni fil-qasam tal-akkwist pubbliku ***u l-konċessjonijiet*** għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi. |

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

### Premessa 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Fl-interess taċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tal-Unjoni u pajjiżi terzi, l-impenji għall-aċċess għas-suq internazzjonali li ttieħdu mill-Unjoni fir-rigward ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-akkwist pubbliku għandhom ikunu riflessi fl-ordni legali tal-UE, u b'hekk jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida dwar l-applikazzjoni tal-impenji internazzjonali eżistenti tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aċċess għas-suq internazzjonali. Din il-gwida għandha tkun aġġornata regolarment u tipprovdi tagħrif li jkun faċli biex tużah. | (9) Fl-interess taċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tal-Unjoni u pajjiżi terzi, l-impenji għall-aċċess għas-suq internazzjonali li ttieħdu mill-Unjoni fir-rigward ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-akkwist pubbliku ***u l-konċessjonijiet*** għandhom ikunu riflessi fl-ordni legali tal-UE, u b'hekk jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida dwar l-applikazzjoni tal-impenji internazzjonali eżistenti tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aċċess għas-suq internazzjonali. Din il-gwida għandha tkun aġġornata regolarment u tipprovdi tagħrif li jkun faċli biex tużah. |

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

### Premessa 9a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li ma tiffinanzjax programmi li l-akkwist pubbliku u l-operazzjoni tal-kuntratti pubbliċi internazzjonali tagħhom imorru kontra l-prinċipji stabbiliti fid-direttiva dwar l-akkwist pubbliku (2011/0438(COD), 2011/0439 (COD) u 2011/0437(COD)).*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-għanijiet ta' titjib fl-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-UE għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' ċertu pajjiżi terzi mħarsa minn miżuri restrittivi tal-akkwist u li jinżammu kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni fis-Suq Uniku Ewropew jeħtieġu li t-trattament ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi li mhumiex koperti mill-impenji internazzjoni tal-Unjoni jkunu armonizzati fl-Unjoni Ewropea kollha. | (10) L-għanijiet ta' titjib fl-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-UE għas-swieq tal-akkwist pubbliku ***u l-konċessjonijiet*** ta' ċertu pajjiżi terzi mħarsa minn miżuri restrittivi tal-akkwist u li jinżammu kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni fis-Suq Uniku Ewropew jeħtieġu li t-trattament ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi li mhumiex koperti mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni jkunu armonizzati fl-Unjoni Ewropea kollha. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Għal dan il-għan għandhom jiġu stabbiliti regoli tal-oriġini sabiex l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jkunu jafu jekk prodotti u servizzi jkunux koperti mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni Ewropea. L-oriġini ta' prodott għandha tkun iddeterminata skont l-Artikolu ***22 sa 26 tar-Regolament (KE) Nru 2913/1992 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità*** [12]. Skont dan ir-Regolament, prodotti għandhom ikunu kkunsidrati bħala prodotti tal-Unjoni meta jkunu miksuba jew prodotti b'mod sħiħ fl-Unjoni. Il-prodotti li l-produzzjoni tagħhom tkun involviet pajjiż terz wieħed jew aktar għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw mill-pajjiż li fih ikun sar l-aħħar proċessar jew ħidma sostanzjali, ekonomikament iġġustifikati li jkunu twettqu f'impriża mgħammra għal dak il-għan u li wassal għall-manifattura ta' prodott ġdid jew jirrappreżenta stadju importanti tal-manifattura. L-oriġini ta' servizz għandha tkun determinata skont l-oriġini tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tipprovdieh. Il-gwida msemmija fil-premessa 9 għandha tkopri l-applikazzjoni fil-prattika tar-regoli tal-oriġini. | (11) Għal dan il-għan għandhom jiġu stabbiliti regoli tal-oriġini sabiex l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jkunu jafu jekk prodotti u servizzi jkunux koperti mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni Ewropea. L-oriġini ta' prodott għandha tkun iddeterminata skont l-Artikolu ***59 sa 63 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013*** tal-Parlament u tal-Kunsill***, inklużi d-dispożizzjonijiet addizzjonali li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 65 tiegħu***. Skont dan ir-Regolament, prodotti għandhom ikunu kkunsidrati bħala prodotti tal-Unjoni meta jkunu miksuba jew prodotti b'mod sħiħ fl-Unjoni. Il-prodotti li l-produzzjoni tagħhom tkun involviet pajjiż terz wieħed jew aktar għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw mill-pajjiż li fih ikun sar l-aħħar proċessar jew ħidma sostanzjali, ekonomikament iġġustifikati li jkunu twettqu f'impriża mgħammra għal dak il-għan u li wassal għall-manifattura ta' prodott ġdid jew jirrappreżenta stadju importanti tal-manifattura. L-oriġini ta' servizz għandha tkun determinata skont l-oriġini tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tipprovdieh. ***Id-determinazzjoni tal-oriġini ta' servizz għandha ssir b'mod konformi mal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) tad-WTO. Id-dispożizzjonijiet li jiddeterminaw ir-regoli tal-oriġini tas-servizzi għandhom jipprevjenu t-tidwir ma' restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku tal-UE permezz tat-twaqqif ta' kumpaniji tal-kaxxi tal-ittri.*** Il-gwida msemmija fil-premessa 9 għandha tkopri l-applikazzjoni fil-prattika tar-regoli tal-oriġini. |

(12) ***ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1***

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emendi 14 u 89**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (12) ***Il-Kummissjoni*** għandha tqis jekk tapprovax li l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti skont it-tifsira tad-Direttivi [2004/17/KE, 2004/18/KE u d-Direttiva [….] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [….]…. dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ([13])] jeskludu, għal kuntratti b'valur stmat ta' EUR 5 000 000 jew aktar, mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti, prodotti u servizzi li mhumiex koperti mill-impenji internazzjonali li tkun ħadet l-Unjoni Ewropea.<br><br>([13]) ĠU L … | (12) ***Fil-każ li l-Kummissjoni tiftaħ investigazzjoni ta' akkwist estern biex tiddetermina jekk jistax ikun hemm nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali rigward l-aċċess għal swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni*** għandha tqis jekk tapprovax li l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti skont it-tifsira tad-Direttivi [2004/17/KE, 2004/18/KE u d-Direttiva [….] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [….]…. dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ([13])] jeskludu, ***għall-proċeduri għall-għoti ta'*** kuntratti ***jew konċessjonijiet*** b'valur stmat ta' EUR 5 000 000 jew aktar, mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti, prodotti u servizzi li mhumiex koperti mill-impenji internazzjonali li tkun ħadet l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. ***Dan ma jikkonċernax proċeduri għall-għoti ta' prodotti u servizzi ta' kuntratt li joriġinaw mill-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea kif definit mir-regoli tal-oriġini rilevanti, kif ukoll prodotti u servizzi ta' kuntratt li joriġinaw minn pajjiżi li jibbenefikaw mill-ftehim "Kollox Minbarra Armi" kif elenkat fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill*** ([13a])***, kif ukoll prodotti u servizzi ta' kuntratt li joriġinaw fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp meqjusa bħala vulnerabbli minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni u integrazzjoni insuffiċjenti fis-sistema ta' kummerċ internazzjonali kif definit fl-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 978/2012.***<br><br>([13]) ĠU L …<br>([13a]) ***Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emendi 15 u 90**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (13) Għall-finijiet tat-trasparenza, dawk l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti bl-intenzjoni li jużaw b'mod sħiħ is-setgħa tagħhom skont dan ir-Regolament sabiex jeskludu offerti li jkunu jinkludu prodotti u/jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni Ewropea, li fihom il-valur tal-prodotti jew servizzi mhux koperti jaqbeż il-50 % tal-valur totali ta' dawn il-prodotti jew is-servizzi mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għandhom jinfurmaw l-operaturi ekonomiċi b'dan ***fl-avviż tal-kuntratt ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***. | (13) Għall-finijiet tat-trasparenza, dawk l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti bl-intenzjoni li jużaw b'mod sħiħ is-setgħa tagħhom skont dan ir-Regolament sabiex jeskludu offerti li jkunu jinkludu prodotti u/jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni Ewropea, li fihom il-valur tal-prodotti jew servizzi mhux koperti jaqbeż il-50 % tal-valur totali ta' dawn il-prodotti jew is-servizzi mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ***jew konċessjonijiet*** għandhom jinfurmaw l-operaturi ekonomiċi b'dan ***fil-parti introduttiva 'tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi' jew 'tad-dokument deskrittiv' kif imsemmi fil-punt 15 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva [2014/…/UE] dwar l-akkwist pubbliku u punt 15 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva [2014/…/UE] dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tass-servizzi postali, jew fil-parti introduttorja 'tar-rekwiżiti tekniċi u funzjonali' kif imsemmi fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva [2014/…/UE] dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (15) ***Għall-kuntratti*** b'valur stmat ta' EUR 5 000 000 jew aktar, il-Kummissjoni għandha tapprova l-esklużjoni maħsuba jekk il-ftehim internazzjonali dwar l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku bejn l-Unjoni u l-pajjiż minn fejn joriġinaw il-prodotti u/jew is-servizzi, jinkludi, għall-prodotti u/jew is-servizzi li tagħhom tkun qed tiġi proposta l-esklużjoni, riżervazzjonijiet espliċiti ta' aċċess għas-suq min-naħa tal-Unjoni. Meta ftehim tali ma jkunx jeżisti, il-Kummissjoni għandha tapprova l-esklużjoni fejn pajjiż terz iżomm miżuri restrittivi tal-akkwist li jwasslu għal nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali fil-ftuħ tas-suq bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat. Għandu jkun preżunt nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali meta miżuri restrittivi tal-akkwist jirriżultaw f'diskriminazzjonijiet serji u ripetittivi tal-operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-UE. | (15) ***Għal kuntratti u konċessjonijiet*** b'valur stmat ta' EUR 5 000 000 jew aktar, il-Kummissjoni għandha tapprova l-esklużjoni maħsuba jekk il-ftehim internazzjonali dwar l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku ***u tal-konċessjonijiet*** bejn l-Unjoni u l-pajjiż minn fejn joriġinaw il-prodotti u/jew is-servizzi, jinkludi, għall-prodotti u/jew is-servizzi li tagħhom tkun qed tiġi proposta l-esklużjoni, riżervazzjonijiet espliċiti ta' aċċess għas-suq min-naħa tal-Unjoni. Meta ftehim tali ma jkunx jeżisti, il-Kummissjoni għandha tapprova l-esklużjoni fejn pajjiż terz iżomm miżuri restrittivi tal-akkwist ***fil-qasam tal-akkwist jew tal-għoti tal-konċessjonijiet*** li jwasslu għal nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali fil-ftuħ tas-suq bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat. Għandu jkun preżunt nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali meta miżuri restrittivi tal-akkwist ***fil-qasam tal-akkwist jew l-għoti ta' konċessjonijiet*** jirriżultaw f'diskriminazzjonijiet serji u ripetittivi tal-operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-UE ***jew jekk in-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tax-xogħol elenkati fl-Anness XI għad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku […] fl-2014 u fl-Anness XIV għad-Direttiva dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tas-servizzi postali li […] (2014) mill-awtoritajiet pubbliċi wasslu għal diffikultajiet serji li kellhom jaffrontaw impriżi Ewropej u li ġew rapportati lill-Kummissjoni Ewropea, meta dawk l-impriżi Ewropej ippruvaw jiżguraw l-għoti ta' kuntratti u konċessjonijiet f'pajjiżi terzi.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Meta tkun qed tivvaluta jekk jeżistix nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali, il-Kummissjoni għandha teżamina, sa liema livell il-liġijiet dwar l-akkwist pubbliku tal-pajjiż ikkonċernat jiżguraw trasparenza f'konformità mal-istandards internazzjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku u jipprekludu kwalunkwe diskriminazzjoni kontra prodotti, servizzi u operaturi ekonomiċi tal-Unjoni. Minbarra dan, għandha teżamina sa liema livell l-awtoritajiet pubbliċi u/jew entitajiet tal-akkwist individwali jżommu jew jadottaw prattiki diskriminatorji fir-rigward ta' prodotti, servizzi u ***operaturi ekonomiċi*** tal-Unjoni. | (16) Meta tkun qed tivvaluta jekk jeżistix nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali, il-Kummissjoni għandha teżamina, sa liema livell ***il-liġijiet dwar*** l-akkwist pubbliku ***u l-konċessjonijiet*** tal-pajjiż ikkonċernat jiżguraw trasparenza f'konformità mal-istandards internazzjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku u ***l-konċessjonijiet*** u jipprekludu kwalunkwe diskriminazzjoni kontra prodotti, servizzi u operaturi ekonomiċi tal-Unjoni. Minbarra dan, għandha teżamina sa liema livell l-awtoritajiet pubbliċi u/jew entitajiet tal-akkwist individwali jżommu jew jadottaw prattiki diskriminatorji fir-rigward ta' prodotti, servizzi u ***operatur ekonomiku*** tal-Unjoni ***jew sa liema punt in-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tax-xogħol elenkati fl-Anness XI għad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku […] fl-2014 u fl-Anness XIV għad-Direttiva dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tas-servizzi postali […] (2014) mill-awtoritajiet pubbliċi wasslu għal diffikultajiet serji li kellhom jaffrontaw impriżi Ewropej u li ġew rapportati lill-Kummissjoni Ewropea, meta dawk l-impriżi Ewropej ippruvaw jiżguraw l-għoti ta' kuntratti u konċessjonijiet f'pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Meta tivvaluta offerti li jinkludu prodotti u/jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet kontraenti u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jiżguraw l-konformità mal-kriterji għal kummerċ ġust, kif ukoll għall-konformità mad-drittijiet tax-xogħol u l-istandards ambjentali kif stabbilit fl-Artikolu 15(2) u l-Anness 11 tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku […] (2013) XXX.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tipprevjeni l-impatt negattiv li tista' tħalli esklużjoni maħsuba fuq negozjati kummerċjali li jkunu għadhom għaddejjin mal-pajjiż ikkonċernat. Għalhekk, meta pajjiż ikun qed iwettaq negozjati importanti mal-Unjoni rigward l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-Kummissjoni tqis li jkun hemm prospett raġonevoli għat-tneħħija ta' prattiki restrittivi tal-akkwist fil-futur qrib, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprovdi li l-prodotti u s-servizzi minn dak il-pajjiż ma jkunux esklużi mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għall-perjodu ta' sena. | (17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tipprevjeni l-impatt negattiv li tista' tħalli esklużjoni maħsuba fuq negozjati kummerċjali li jkunu għadhom għaddejjin mal-pajjiż ikkonċernat. Għalhekk, meta pajjiż ikun qed iwettaq negozjati importanti mal-Unjoni rigward l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku u/***jew il-konċessjonijiet*** u l-Kummissjoni tqis li jkun hemm prospett raġonevoli għat-tneħħija ta' prattiki restrittivi tal-akkwist ***u/jew tal-konċessjonijiet*** fil-futur qrib, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprovdi li l-prodotti u s-servizzi minn dak il-pajjiż ma jkunux esklużi mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal perjodu ta' sena. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Fid-dawl tal-fatt li l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tagħhom ma għandhomx ikunu jistgħu jillimitaw l-aċċess ta' prodotti jew servizzi ta' pajjiżi terzi għall-proċeduri ta' offerti tagħhom bi kwalunkwe miżura oħra li ma tkunx prevista minn dan ir-Regolament. | (18) Fid-dawl tal-fatt li l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq tal-akkwist pubbliku u ***tal-konċessjonijiet*** tal-Unjoni jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tagħhom ma għandhomx ikunu jistgħu jillimitaw l-aċċess ta' prodotti jew servizzi ta' pajjiżi terzi għall-proċeduri ta' offerti tagħhom bi kwalunkwe miżura oħra li ma tkunx prevista minn dan ir-Regolament ***jew minn dritt relevanti tal-Unjoni***. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Fid-dawl ta' diffikultà akbar għall-awtoritajiet/entitajiet kontraenti sabiex dawn jivvalutaw, fil-kuntest ta' offerti li jinkludu prodotti u/jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni Ewropea, u li fihom il-valur tal-prodotti jew servizzi li mhumiex koperti jaqbeż il-50 % tal-valur totali ta' dawn il-prodotti jew servizzi, huwa xieraq li tkun prevista trasparenza akbar fit-trattament ta' offerti anormalment baxxi. Minbarra r-regoli previsti mill-Artikolu 69 tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku u Artikolu 79 tad-Direttiva dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti li għandhom l-intenzjoni li jaċċettaw offerta anormalment baxxa bħal din, għandhom jinfurmaw b'dan lill-offerenti l-oħra bil-miktub u jinkludu r-raġunijiet għan-natura anormalment baxxa tal-prezz jew tal-ispejjeż imposti. Dan jippermetti li dawn l-offerenti jikkontribwixxu għal valutazzjoni aktar preċiża fir-rigward ta' jekk l-offerent rebbieħ ikunx jista' jwettaq kompletament il-kuntratt taħt il-kundizzjonijiet spjegati fid-dokumentazzjoni tal-offerti. Għalhekk, din l-informazzjoni addizzjonali tippermetti livell aktar ekwu fis-suq tal-akkwist pubbliku tal-UE. | (19) Fid-dawl ta' diffikultà akbar għall-awtoritajiet/entitajiet kontraenti sabiex dawn jivvalutaw, fil-kuntest ta' offerti li jinkludu prodotti u/jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni Ewropea, u li fihom il-valur tal-prodotti jew servizzi li mhumiex koperti jaqbeż il-50 % tal-valur totali ta' dawn il-prodotti jew servizzi, huwa xieraq li tkun prevista trasparenza akbar fit-trattament ta' offerti anormalment baxxi. ***L-offerti li jidhru anormalment baxxi fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi jistgħu jkunu bbażati fuq assunzjonijiet jew prattiki li teknikament, ekonomikament jew legalment ma jkunux sodi.*** Minbarra r-regoli previsti mill-Artikolu 69 tad-Direttiva ***2014/XXX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([13a]) u mill-Artikolu 79 tad-Direttiva ***2014/XXX/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([13b]) l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti li għandhom l-intenzjoni li jaċċettaw offerta anormalment baxxa bħal din, għandhom jinfurmaw b'dan lill-offerenti l-oħra bil-miktub u jinkludu r-raġunijiet għan-natura anormalment baxxa tal-prezz jew tal-ispejjeż imposti. ***Fejn l-offerent ma jkunx jista' jipprovdi spjegazzjoni suffiċjenti, l-awtorità kontraenti għandha tkun intitolata li tirrifjuta l-offerta.*** Dan jippermetti li dawn l-offerenti jikkontribwixxu għal valutazzjoni aktar preċiża fir-rigward ta' jekk l-offerent rebbieħ ikunx jista' jwettaq kompletament il-kuntratt taħt il-kundizzjonijiet spjegati fid-dokumentazzjoni tal-offerti. Għalhekk, din l-informazzjoni addizzjonali tippermetti livell aktar ekwu fis-suq tal-akkwist pubbliku tal-UE. |

([13a]) ***Id-Direttiva 2014/XXX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku (ĠU XXX) (2011/0438(COD)).***

([13b]) ***Id-Direttiva 2014/XXX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU XXX) (2011/0439(COD)).***

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emendi 22 u 91**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Il-Kummissjoni għandha tkun tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' partijiet interessati jew ta' Stat Membru, fi kwalunkwe mument, tibda investigazzjoni esterna fir-rigward ta' prattiki restrittivi tal-akkwist li allegatament ikunu għadhom fis-seħħ f'pajjiż terz. ***Għandha tqis b'mod partikolari l-fatt*** li l-Kummissjoni approvat għadd ta' esklużjonijiet maħsuba li jikkonċernaw pajjiż terz skont l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament. Proċeduri investigattivi tali għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ([14]). | (20) Il-Kummissjoni għandha tkun tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' partijiet interessati jew ta' Stat Membru, fi kwalunkwe mument, tibda investigazzjoni esterna fir-rigward ta' prattiki restrittivi tal-akkwist li allegatament ikunu għadhom fis-seħħ f'pajjiż terz. ***Fid-deċiżjoni tagħha biex tinbeda proċedura ta' investigazzjoni esterna, għandha tqis l-għadd ta' talbiet li saru mill entitajiet/awtoritajiet kontraenti jew mill-Istati Membri. B'mod partikolari għandha tqis l-fatt*** li l-Kummissjoni approvat għadd ta' esklużjonijiet maħsuba li jikkonċernaw pajjiż terz skont l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament. Proċeduri investigattivi tali għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ([14]). |
| ([14]) ĠU L 349, 31.12.1994 | ([14]) ĠU L 349, 31.12.1994 |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Fejn il-Kummissjoni, abbażi ta' informazzjoni disponibbli għaliha, ikollha raġuni sabiex temmen li l-pajjiż terz ikun adotta jew żamm prattiki restrittivi tal-akkwist, għandha tkun tista' tibda investigazzjoni. Jekk l-eżistenza ta' prattika restrittiva ta' akkwist f'pajjiż terz tkun ikkonfermata, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat jidħol f'konsultazzjonijiet bil-għan li jtejjeb l-opportunitajiet għal offerti ta' operaturi, prodotti u servizzi ekonomiċi fis-suq tal-akkwist f'dak il-pajjiż. | (21) Meta l-Kummissjoni, abbażi ta' informazzjoni disponibbli għaliha, ikollha raġuni sabiex temmen li l-pajjiż terz ikun adotta jew żamm prattiki restrittivi tal-akkwist ***u ta' konċessjoni***, għandha tkun tista' tibda investigazzjoni. Jekk l-eżistenza ta' prattika restrittiva ta' akkwist f'pajjiż terz tkun ikkonfermata, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat jidħol f'konsultazzjonijiet bil-għan li jtejjeb l-opportunitajiet għal offerti ta' operaturi, prodotti u servizzi ekonomiċi fis-suq tal-akkwist f'dak il-pajjiż. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Jekk il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż ikkonċernat ma jwasslux għal titjib suffiċjenti fl-opportunitajiet għal offerti ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-UE, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri restrittivi xierqa. | (22) Jekk il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż ikkonċernat ma jwasslux għal titjib suffiċjenti fl-opportunitajiet għal offerti ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-UE ***f'perjodu ta' żmien raġonevoli jew jitqies li l-miżuri ta' rimedju/korrettivi li ttieħdu mill-pajjiż terz ikkonċernat mhumiex sodisfaċenti***, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri restrittivi xierqa. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Miżuri tali jistgħu jġibu magħhom l-esklużjoni obbligatorja ta' ċertu prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi mill-proċeduri tal-akkwist pubbliku fl-Unjoni Ewropea jew jimponu fuq l-offerti, li jikkonsistu fi prodotti jew servizzi li joriġinaw minn dak il-pajjiż, penali obbligatorja fuq il-prezz. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn il-miżuri, jista' wkoll ikun meħtieġ li jkunu esklużi ċerti persuni ġuridiċi kkontrollati minn barranin jew bi sjieda barranija stabbiliti fl-Unjoni Ewropea u li mhumiex impenjati f'operazzjonijiet importanti ta' negozju b'mod illi jkollhom rabta diretta u effettiva mal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. Miżuri xierqa ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-prattiki restrittivi tal-akkwist li ġew adottati b'reazzjoni għalihom. | (23) Miżuri tali jistgħu jġibu magħhom l-esklużjoni obbligatorja ta' ċertu prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi mill-proċeduri tal-akkwist pubbliku ***jew mill-proċeduri għall-għoti ta' konċessjonijiet*** fl-Unjoni Ewropea jew jimponu fuq l-offerti, li jikkonsistu fi prodotti jew servizzi li joriġinaw minn dak il-pajjiż, penali obbligatorja fuq il-prezz. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn il-miżuri, jista' wkoll ikun meħtieġ li jkunu esklużi ċerti persuni ġuridiċi kkontrollati minn barranin jew bi sjieda barranija stabbiliti fl-Unjoni Ewropea u li mhumiex impenjati f'operazzjonijiet importanti ta' negozju b'mod illi jkollhom rabta diretta u effettiva mal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. Miżuri xierqa ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-prattiki restrittivi tal-akkwist li ġew adottati b'reazzjoni għalihom, ***u għandhom japplikaw għal perjodu ta' ħames snin, li jista' jiġi estiż għal ħames snin oħra***. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(24a)* ***Huwa ta' importanza vitali wkoll li, fid-dawl ta' integrazzjoni xierqa ta' rekwiżiti ambjentali, soċjali u tax-xogħol, l-awtoritajiet kontraenti jieħdu miżuri relevanti biex jiżguraw konformità mal-obbligi fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol li japplikaw fil-post fejn jitwettqu x-xogħlijiet u li jirriżultaw minn obbligi, liġijiet, regolamenti, digrieti u deċiżjonijiet internazzjonali, kemm fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, kif ukoll minn ftehimiet kollettivi.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Fid-dawl tal-politika ġenerali tal-Unjoni ***fir-rigward tal-pajjiżi l-anqas żviluppati hekk kif prevista, inter alia,*** fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru ***732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009, huwa xieraq li l-prodotti u s-servizzi minn dawn il-pajjiżi jiġu assimilati*** għal prodotti u servizzi tal-Unjoni. | (26) Fid-dawl ***tal-objettiv*** tal-politika ġenerali tal-Unjoni ***li tappoġġja t-tkabbir ekonomiku tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-integrazzjoni tagħhom fil-katina tal-valur globali, li hija l-bażi għat-twaqqif min-naħa tal-Unjoni ta' sistema ġeneralizzata ta' preferenzi kif deskritt fil-qosor*** fir-Regolament (UE) Nru ***978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huwa xieraq li jiġu assimilati l-prodotti u s-servizzi mill-pajjiżi l-anqas żviluppati li jibbenefikaw mill-arranġamċnt "Kollox Minbarra Armi" kif ukoll prodotti u servizzi minn pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp meqjusa bħala vulnerabbli minħabba nuqqas ta' diversivikazzjoni u integrazzjoni insuffiċjenti fis-sistema ta' kummerċ internazzjonali kif definit rispettivament fl-Annessi IV u VII għar-Regolament (UE) Nru 978/2012***, għal prodotti u servizzi tal-Unjoni. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Sabiex fl-ordni ġuridiku tal-Unjoni Ewropea jiġu riflessi l-impenji internazzjonali fir-rigward tal-aċċess għas-suq u li ttieħdu fil-qasam tal-akkwist pubbliku wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bil-għan li tkun emendata l-lista ta' ftehimiet internazzjonali annessi għal dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tkun qed tħejji u telabora l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. | (27) Sabiex fl-ordni ġuridiku tal-Unjoni Ewropea jiġu riflessi l-impenji internazzjonali fir-rigward tal-aċċess għas-suq u li ttieħdu fil-qasam tal-akkwist pubbliku ***u l-konċessjonijiet*** wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bil-għan li tkun emendata l-lista ta' ftehimiet internazzjonali annessi għal dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta, mill-inqas kull tliet snin, rapporti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | (30) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta, mill-inqas kull tliet snin, rapporti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-funzjonament tar-Regolament kif ukoll il-progress magħmul fl-ilħuq ta' reċiproċità fil-ftuħ ta' swieq ta' akkwist pubbliku. Flimkien mat-tieni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li għandu jiġi sottomess mhux iktar tard minn sitt snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta sabiex ittejjeb ir-Regolament jew tistabbilixxi r-raġunijiet għalfejn, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, ma jkun meħtieġ l-ebda tibdil f'dan ir-Regolament. Fl-eventwalità li l-Kummissjoni la tissottometti proposta u lanqas tistabbilixxi r-raġunijiet għalfejn l-ebda tibdil mhu meħtieġ f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament m'għandux jibqa' fis-seħħ.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, sabiex jitwettaq l-għan fundamentali ta' stabbiliment ta' politika esterna komuni fir-rigward ta' swieq pubbliċi, li jkunu stabbiliti regoli marbuta mat-trattament ta' prodotti u servizzi li mhumiex koperti mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-Regolament dwar l-aċċess għall-operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-pajjiżi terzi ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet fil-mira, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, | (31) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, sabiex jitwettaq l-għan fundamentali ta' stabbiliment ta' politika esterna komuni fil-qasam tal-akkwist pubbliku ***u l-konċessjonijiet***, li jkunu stabbiliti regoli marbuta mat-trattament ta' prodotti u servizzi li mhumiex koperti mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-Regolament dwar l-aċċess għall-operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-pajjiżi terzi ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet fil-mira, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistipula regoli dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għall-għoti ta' kuntratti bil-għan li jitwettqu x-xogħlijiet jew biċċa xogħol, il-provvista ta' prodotti u l-forniment ta' servizzi mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tal-Unjoni, u jistabbilixxi proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati fir-rigward tal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku tal-pajjiżi terzi. | 1. Dan ir-Regolament jistipula regoli dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għall-għoti ta' kuntratti bil-għan li jitwettqu x-xogħlijiet jew biċċa xogħol, il-provvista ta' prodotti u l-forniment ta' servizzi mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tal-Unjoni, u jistabbilixxi proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati fir-rigward tal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku tal-pajjiżi terzi. ***L-Istati Membri jew l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tagħhom jistgħu jirrestrinġu l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għall-proċeduri ta' offerti tagħhom biss permezz ta' miżuri previsti f'dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament għandu japplika għall-għoti ta' kuntratti meta l-prodotti jew is-servizzi jkunu akkwistati għal finijiet governattivi u mhux bil-għan li jkun hemm bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-għan li jintużaw fil-produzzjoni ta' prodotti jew fil-forniment ta' servizzi għal bejgħ kummerċjali. | Dan ir-Regolament għandu japplika għall-għoti ta' kuntratti meta l-prodotti jew is-servizzi jkunu akkwistati għal finijiet governattivi, ***u għall-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi u xogħlijiet pprovduti għal finijiet governattivi,*** u mhux bil-għan li jkun hemm bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-għan li jintużaw fil-produzzjoni ta' prodotti jew fil-forniment ta' servizzi għal bejgħ kummerċjali. |

**L-Erbgħa 15 ta’ Jannar 2014**

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ’fornitur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toffri prodotti fis-suq; | (a) ***“operatur ekonomiku”*** tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ***jew entità pubblika jew grupp ta’ tali persuni u/jew entitajiet*** li joffru ***t-twettiq ta’ xogħlijiet jew biċċa xogħol, il-provvista ta’ prodotti jew il-forniment ta’ servizzi*** fis-suq; |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***’fornitur ta’ servizzi’*** tfisser ***kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toffri t-twettiq ta’ xogħlijiet jew biċċa xogħol, jew servizzi fis-suq***; | (b) ***“offerent”*** tfisser ***operator ekonomiku li jkun issottometta offerta***; |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) “prodotti jew servizzi koperti” tfisser prodott jew servizz li joriġina minn pajjiż li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim internazzjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku inkluż impenji għall-aċċess għas-suq u li għalihom japplika l-ftehim relevanti. L-Anness I għal dan ir-Regolament jinkludi lista ta’ ftehimiet rilevanti; | (d) “prodotti jew servizzi koperti” tfisser prodott jew servizz li joriġina minn pajjiż li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim internazzjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku ***u l-konċessjonijiet*** inklużi impenji għall-aċċess għas-suq u li għalihom japplika l-ftehim relevanti. L-Anness I għal dan ir-Regolament jinkludi lista ta’ ftehimiet rilevanti; |
| | *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu (iż-żieda tar-referenza għall-konċessjonijiet kull darba li jissemma l-akkwist pubbliku); l-adozzjoni tar-regolament se jimplika emendi tekniċi fit-test kollu.)* |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ga)** **"in-nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali" tfisser l-eżistenza ta' kwalunkwe miżura, proċedura jew prattika leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi, adottata jew imwettqa minn awtoritajiet pubbliċi jew entitajiet individwali ta' akkwist f'pajjiż terz, li jirrestrinġu l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjonijiet b'mod partikolari b'nuqqas ta' trasparenza meta mqabbla ma' standards internazzjonali u dispożizzjonijiet leġiżlattivi u prassi amministrattivi diskriminatorji, li jirriżulta fi trattament diskriminatorju serju u rikorrenti fil-konfront tal-operaturi, l-oġġetti jew is-servizzi tal-Unjoni.*** |
| | ***"Nuqqas ta' reċiproċitá sostanzjali" għandu jiġi preżunt, fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tax-xogħol elenkati fl-Anness XI għad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku […] 2014 u fl-Anness XIV għad-Direttiva dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u tas-servizzi postali […] (2014) minn awtoritajiet pubbliċi wassal għal diffikultajiet affrontati minn impriżi Ewropej u li ġew rapportati lill-Kummissjoni, meta dawn l-impriżi jkunu ppruvaw jiżguraw l-għoti tal-kuntratti u ta' konċessjonijiet f'pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| *(b)* ***it-terminu "operatur ekonomiku" għandu jkopri bl-istess mod il-kunċetti ta' fornitur u fornitur tas-servizz;*** | ***imħassar*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) operatur ekonomiku li ssottometta offerta għandu jissejjaħ "offerent";*** | ***imħassar*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "penali obbligatorja fuq il-prezz" għandha tirreferi għal obbligu għall-entitajiet kontraenti li jżidu, suġġett għal ċerta eċċezzjonijiet, il-prezz tas-servizzi u/jew il-prodotti li joriġinaw minn ċertu pajjiżi terzi u li kienu ġew offerti fil-proċeduri tal-għoti tal-kuntratt. | (e) "penali obbligatorja fuq il-prezz" għandha tirreferi għal obbligu għall-entitajiet kontraenti li jżidu, suġġett għal ċerta eċċezzjonijiet, il-prezz tas-servizzi u/jew il-prodotti li joriġinaw minn ċertu pajjiżi terzi u li kienu ġew offerti fil-proċeduri tal-għoti tal-kuntratt ***jew fil-proċeduri tal-għoti ta' konċessjonijiet***. |
| | *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat (żieda tar-referenza għall-'proċeduri tal-għoti ta' konċessjonijiet' meta ssir referenza għall-"proċeduri tal-għoti tal-kuntratt", kemm fis-singular kif ukoll fil-plural); l-adozzjoni tagħha tirrikjedi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)* |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-oriġini ta' prodott għandha tkun iddeterminata skont l-Artikolu ***22 sa 26*** tar-Regolament (KE) Nru ***2913/1992*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità*** ([18]). | 1. L-oriġini ta' prodott għandha tkun iddeterminata skont l-Artikolu ***59 sa 63*** tar-Regolament (UE) Nru ***952/2013*** tal-Parlament u tal-Kunsill, ***inklużi d-dispożizzjonijiet addizzjonali li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 65 tiegħu***. |

([18]) ***ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1***

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-oriġini ta' servizz għandu jkun determinat skont l-oriġini tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tipprovdieh. L-oriġini ***tal-fornitur tas-servizz*** għandu jitqies bħala: | L-oriġini ta' servizz għandu jkun determinat skont l-oriġini tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tipprovdieh. L-oriġini ***tal-operatur ekonomiku li jipprovdi s-servizz*** għandha titqies bħala: |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Trattament ta' prodotti u servizzi koperti | Trattament ta' prodotti u servizzi koperti |
| Meta jingħataw kuntratti għat-twettiq ta' xogħlijiet u/jew ta' biċċa xogħol, il-forniment ta' prodotti jew ta' servizzi, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jittrattaw prodotti u servizzi koperti bl-istess mod bħall-prodotti u servizzi li joriġinaw mill-Unjoni ***Ewropea***. | Meta jingħataw kuntratti għat-twettiq ta' xogħlijiet u/jew ta' biċċa xogħol, il-forniment ta' prodotti jew ta' servizzi***, jew meta jingħataw konċessjonijiet sabiex jitwettqu xogħlijiet jew għall-provvista ta' servizzi,*** awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jittrattaw prodotti u servizzi koperti bl-istess mod bħall-prodotti u servizzi li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea. |
| Prodotti jew servizzi li joriġinaw mill-pajjiżi lanqas żviluppati elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru ***732/2008*** għandhom ikunu trattati bħala prodotti u servizzi koperti. | Prodotti jew servizzi li joriġinaw mill-pajjiżi l-anqas żviluppati elenkati fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru ***978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp meqjusa bħala vulnerabbli minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni u integrazzjoni insuffiċjenti fl-ekonomija dinjija kif definit fl-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 978/2012*** għandhom ikunu trattati bħala prodotti u servizzi koperti. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fuq talba tal-awtoritajiet/entitajiet kontraenti, ***il-Kummissjoni għandha tivvaluta*** jekk għandhiex tapprova, għall-kuntratti b'valur stmat ta' EUR 5 000 000 jew aktar u li jeskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), l-esklużjoni mill-proċeduri għall-għoti ta' offerti ta' kuntratt li jinkludu prodotti jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni, jekk il-valur ta' prodotti jew servizzi mhux koperti jkun jaqbeż il-50 % tal-valur totali ta' prodotti jew servizzi li jikkostitwixxu l-offerta, skont il-kundizzjonijiet li ġejjin. | 1. ***Meta l-Kummissjoni tibda investigazzjoni ta' akkwist estern kif previst fl-Artikolu 8, il-Kummissjoni,*** fuq talba tal-awtoritajiet/entitajiet kontraenti ***u wara l-pubblikazzjoni tal-avviż tal-bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni, għandha tivvaluta*** jekk għandhiex tapprova, għall-kuntratti b'valur stmat ta' EUR 5 000 000 jew aktar u li jeskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), l-esklużjoni mill-proċeduri għall-għoti ta' offerti ta' kuntratt li jinkludu prodotti jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni, jekk il-valur ta' prodotti jew servizzi mhux koperti jkun jaqbeż il-50 % tal-valur totali ta' prodotti jew servizzi li jikkostitwixxu l-offerta, skont il-kundizzjonijiet li ġejjin. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jkollhom il-ħsieb li jagħmlu esklużjonijiet mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti abbażi tal-paragrafu 1, għandhom jindikaw dan ***fl-avviż tal-kuntratt li jippubblikaw skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/18/KE jew skont l-Artikolu 42 tad-Direttiva 2004/17/KE jew l-Artikolu 26 tad-Direttiva*** dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni. | Meta l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jkollhom il-ħsieb li jagħmlu esklużjonijiet mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti abbażi tal-paragrafu 1, għandhom jindikaw dan ***b'mod ċar fil-parti introduttiva "tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi" jew "tad-dokument deskrittiv" kif imsemmi fl-Artikolu 2(15) tad-Direttivi [2014/…/UE] dwar l-akkwist pubbliku u tad-Direttiva [2014/…/UE] dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tas-servizzi postali, jew fil-parti introduttorja "tar-rekwiżiti tekniċi u funzjonali" kif imsemmi fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva [2014/…/UE] dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jirċievu offerti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 illi għandhom l-intenzjoni li jitolbu l-esklużjoni tagħhom minħabba dik ir-raġuni, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni. Matul il-proċedura ta' notifika l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jkomplu bl-analiżi tagħhom tal-offerti. | Meta l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jirċievu offerti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 illi għandhom l-intenzjoni li jitolbu l-esklużjoni tagħhom minħabba dik ir-raġuni, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni ***fi żmien ġimgħa***. Matul il-proċedura ta' notifika l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jkomplu bl-analiżi tagħhom tal-offerti. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deskrizzjoni tal-prodott tal-kuntratt; | (b) deskrizzjoni tal-prodott tal-kuntratt ***jew tal-konċessjoni***; |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 4 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) fejn ikun xieraq, kwalunkwe informazzjoni oħra li titqies utli mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni tista' titlob lill-awtorità/entità kontraenti għal tagħrif addizzjonali.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dak it-tagħrif għandu jkun ipprovdut fi żmien tmint ijiem ***ta' xogħol***, li jibdew fl-ewwel jum ***ta' xogħol*** wara d-data li fiha tirċievi t-talba għal tagħrif addizzjonali. Jekk il-Kummissjoni ma tirċievi l-ebda tagħrif f'dan il-perjodu, il-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 3 għandu jkun sospiż, sakemm il-Kummissjoni tirċievi t-tagħrif mitlub. | Dak it-tagħrif għandu jkun ipprovdut fi żmien tmint ijiem ***kalendarji***, li jibdew fl-ewwel jum ***kalendarju*** wara d-data li fiha tirċievi t-talba għal tagħrif addizzjonali. Jekk il-Kummissjoni ma tirċievi l-ebda tagħrif f'dan il-perjodu, il-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 3 għandu jkun sospiż, sakemm il-Kummissjoni tirċievi t-tagħrif mitlub. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għall-kuntratti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-esklużjoni maħsuba f'perjodu ***ta' xahrejn*** li jibda fl-ewwel ġurnata ***xogħol*** wara d-data li fiha tirċievi n-notifika. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). Dan il-perjodu ta' żmien jista' jiġi estiż darba b'massimu ta' ***xahrejn*** f'każijiet iġġustifikati kif xieraq, b'mod partikolari jekk it-tagħrif inkluż fin-notifika jew fid-dokumenti annessi magħha ma jkunx komplut jew mhux eżatt jew jekk il-fatti hekk kif rapportati jinbidlu b'mod sostanzjali. Jekk, fl-aħħar ta' dan il-perjodu ***ta' xahrejn***, jew tal-perjodu ta' żmien estiż, il-Kummissjoni ma tkunx adottat deċiżjoni li tapprova jew ma tapprovax l-esklużjoni, l-esklużjoni għandha titqies bħala mhux approvata mill-Kummissjoni. | 3. ***Fejn il-Kummissjoni ssib, għall-oġġetti u/jew is-servizzi li għalihom ġiet proposta l-esklużjoni, nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali kif definita f'punt (g) tal-Artikolu 2(1), hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li japprova l-esklużjoni tal-offerti kkonċernati mill-investigazzjoni f'konformitá mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati fi ħdan perjodu ta' xahar li jibda' mill-ewwel jum wara talba kif imsemmija fil-paragrafu 1.*** Dan il-perjodu ta' żmien jista' jiġi estiż darba b'massimu ***ta' xahar*** f'każijiet iġġustifikati kif xieraq, b'mod partikolari jekk it-tagħrif inkluż fin-notifika jew fid-dokumenti annessi magħha ma jkunx komplut jew mhux eżatt jew jekk il-fatti hekk kif rapportati jinbidlu b'mod sostanzjali. Jekk, fl-aħħar ta' dan il-perjodu ta' ***xahar***, jew tal-perjodu ta' żmien estiż, il-Kummissjoni ma tkunx adottat deċiżjoni li tapprova jew ma tapprovax l-esklużjoni, l-esklużjoni għandha titqies bħala mhux approvata mill-Kummissjoni. |
| | ***Dik l-esklużjoni għandha tkun miżura temporanja sakemm titlesta l-investigazzjoni esterna dwar l-akkwist kif prevesit fl-Artikolu 8, il-konklużjonijiet tal-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista skont l-Artikolu 9 u, fejn japplika, l-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura li tillimitaw l-aċċess ta' prodotti jew servizzi mhux koperti fis-suq tal-Unjoni tal-akkwist pubbliku skont l-Artikolu 10.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta ftehim imsemmi fil-punt (a) ma jkunx jeżisti u l-pajjiż terz iżomm miżuri restrittivi tal-akkwist li jwasslu għal nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali fil-ftuħ tas-suq bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat. | (b) meta ftehim imsemmi fil-punt (a) ma jkunx jeżisti u l-pajjiż terz iżomm miżuri restrittivi tal-akkwist ***jew għall-għoti ta' konċessjoni*** li jwasslu għal nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali fil-ftuħ tas-suq bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat***, b'mod partikolari meta dawk il-miżuri restrittivi jkunu ta' ħsara għall-politika industrijali tal-UE***. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet tal-punt (b), għandu jkun preżunt nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali meta miżuri restrittivi tal-akkwist jirriżultaw f'diskriminazzjoni serja u ripetuta tal-operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Meta tkun qed tivvaluta jekk jeżistix nuqqas ta' reċiproċità sostanzjali, il-Kummissjoni għandha teżamina dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) sa liema livell il-liġijiet dwar l-akkwist pubbliku tal-pajjiż ikkonċernat jiżguraw trasparenza f'konformità mal-istandards internazzjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku u jipprekludu kwalunkwe diskriminazzjoni kontra l-prodotti, is-servizzi u l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni;*** | |
| ***(b) sa liema livell l-awtoritajiet pubbliċi u/jew entitajiet tal-akkwist individwali japplikaw jew jadottaw prattiki diskriminatorji kontra prodotti, servizzi u operaturi ekonomiċi tal-Unjoni.*** | |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – Paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti ***li jkunu eskludew offerti abbażi tal-paragrafu 1***, għandhom jindikaw dan fl-avviż tal-kuntratt li jippubblikaw skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/18/KE, l-Artikolu 42 tad-Direttiva 2004/17/KE, jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-formoli standard għal avviżi ta' għoti ta' kuntratt. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 17(3). | 7. ***Meta l-offerti jkunu ġew esklużi skont il-paragrafu 3,*** l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti, għandhom jindikaw dan, ***inklużi r-raġunijiet għall-esklużjoni,*** fl-avviż tal-kuntratt li jippubblikaw skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/18/KE, Artikolu 42 tad-Direttiva 2004/17/KE, jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-formoli standard għal avviżi ta' għoti ta' kuntratt. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 17(3). |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Il-paragrafu 1 ***ma għandux japplika*** fejn il-Kummissjoni tkun adottat l-att ta' implimentazzjoni dwar l-aċċess temporanju tal-prodotti u servizzi minn pajjiż impenjat f'negozjati ***sostanzjali*** mal-Unjoni hekk kif stabbilit fl-Artikolu 9(4). | 8. Paragrafu 1 ***jista' ma jkunx japplika*** fejn il-Kummissjoni tkun adottat l-att ta' implimentazzjoni dwar l-aċċess temporanju tal-prodotti u servizzi minn pajjiż impenjat f'negozjati mal-Unjoni hekk kif stabbilit fl-Artikolu 9(4). ***Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif dovut id-deċiżjoni korrispondenti tagħhom lill-entitá kontraenti li ressqet l-applikazzjoni.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn l-awtorità/entità kontraenti għandha l-ħsieb li, skont l-Artikolu 69 tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku jew skont l-Artikolu 79 tad-Direttiva dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali, wara li tivverifika l-ispjegazzjonijiet tal-offerent, taċċetta offerta anormalment baxxa li tinkludi prodotti u/jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li fiha l-valur tal-prodotti jew servizzi mhux koperti jaqbeż il-50 % tal-valur totali tal-prodotti jew servizzi li jikkostitwixxu l-offerta, għandha tinforma b'dan lill-offerenti l-oħrajn bil-miktub u tinkludi r-raġunijiet għan-natura anormalment baxxa tal-prezz jew tal-ispejjeż imposti. | Fejn l-awtorità/entità kontraenti għandha l-ħsieb li, skont l-Artikolu 69 tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku jew skont l-Artikolu 79 tad-Direttiva dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali, wara li tivverifika l-ispjegazzjonijiet tal-offerent, taċċetta offerta anormalment baxxa li tinkludi prodotti u/jew servizzi li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li fiha l-valur tal-prodotti jew servizzi mhux koperti jaqbeż il-50 % tal-valur totali tal-prodotti jew servizzi li jikkostitwixxu l-offerta, għandha tinforma b'dan lill-offerenti l-oħrajn bil-miktub u tinkludi r-raġunijiet għan-natura anormalment baxxa tal-prezz jew tal-ispejjeż imposti. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw li fit-twettiq tal-kuntratti pubbliċi l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, id-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tal-ambjent, soċjali u tax-xogħol elenkati fl-Anness XI tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku […] 2013.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Awtorità/entità kontraenti tista' twaqqaf kwalunkwe divulgazzjoni ta' tagħrif fejn dan ikun jista' jostakola l-applikazzjoni tal-liġi, imur kontra l-interess pubbliku, jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi tal-operaturi ekonomiċi, kemm jekk pubbliċi jew privati, jew ikun jista' jippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejniethom.*** | ***Wara li jiġu infurmati mill-awtorità/entità kontraenti bl-intenzjoni tagħhom li jaċċettaw offerta anormalment baxxa, l-offerenti l-oħrajn għandu jkollhom il-possibilità li jagħtu informazzjoni rilevanti lill-awtorità/entità kontraenti fi żmien raġonevoli sabiex l-awtorità/entità kontraenti tkun tista' tieħu deċiżjoni dwar l-aċċettazzjoni b'għarfien sħiħ ta' fatturi potenzjali li setgħu influwenzaw il-valutazzjoni tan-natura anormalent baxxa tal-prezz jew tal-ispejjeż imposti.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' fi kwalunke ħin, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-partijiet interessati jew ta' Stat Membru, tiftaħ investigazzjoni esterna dwar l-akkwist fir-rigward ta' miżuri allegatament restrittivi tal-akkwist, ***meta tqis li din l-azzjoni tkun fl-interess għall-Unjoni***. | Il-Kummissjoni tista' fi kwalunke ħin, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-partijiet interessati, ***l-awtorità/entità kontraenti*** jew ta' Stat Membru, tiftaħ investigazzjoni esterna dwar l-akkwist fir-rigward ta' miżuri allegatament restrittivi tal-akkwist. ***Fid-deċiżjoni tagħha biex tinbeda investigazzjoni tal-akkwist esterna, il-Kummissjoni għandha tqies in-numru ta' talbiet li saru mill entitajiet/awtoritajiet kontraenti jew mill-Istati Membri. Fil-każ li l-Kummissjoni tirrifjuta li tiftaħ investigazzjoni, għandha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha lill-Istat Membru, il-parti interessata jew l-entità kontraenti li jkunu għamlu t-talba.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tqis jekk għadd ta' esklużjonijiet maħsuba kinux approvati skont l-Artikolu 6 (3) ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

L-Erbgħa 15 ta’ Jannar 2014

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-investigazzjoni msemmija f’paragrafu 1 titwettaq abbażi tal-kriterja stipulati f’Artikolu 6.*** | ***2. L-investigazzjoni msemmija f’paragrafu 1 titwettaq abbażi tal-kriterja stipulati fil-punt (ga) tal-Artikolu 2(1).*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-valutazzjoni li titwettaq mill-Kummissjoni dwar jekk miżuri restrittivi tal-akkwist ikunux qed jiġu applikati minn pajjiżi terzi kkonċernati għandha ssir abbażi ta’ tagħrif mogħti minn partijiet interessati u Stati Membri u/jew fatti miġbura mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni tagħha, u għandha tiġi konkluża f’perjodu ta’ ***disa’*** xhur wara li tkun bdiet l-investigazzjoni. F’każijiet iġġustifikati kif xieraq dan il-perjodu ta’ żmien jista’ jiġi estiż bi ***tliet xhur***. | 3. Il-valutazzjoni li titwettaq mill-Kummissjoni dwar jekk miżuri restrittivi tal-akkwist ikunux qed jiġu applikati minn pajjiżi terzi kkonċernati għandha ssir abbażi ta’ tagħrif mogħti minn partijiet interessati u Stati Membri u/jew fatti miġbura mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni tagħha ***jew ir-rapporti regolari tagħha dwar l-ostakli kummerċjali li jeżistu fil-pajjiżi terzi***; u għandha tiġi konkluża f’perjodu ta’ tliet xhur wara li tkun bdiet l-investigazzjoni. F’każijiet iġġustifikati kif xieraq dan il-perjodu ta’ żmien jista’ jiġi estiż ***b’xahar***. |
| | ***Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni għandha tqis it-talbiet li saru mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għall-investigazzjonijiet skont l-Artikolu 6 paragrafu 1 wara li jkunu nbdew il-proċeduri stabbiliti f’dan l-artikolu.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta, wara li tkun inbdiet il-konsultazzjoni, il-pajjiż ikkonċernat jieħu miżuri rimedjali/korrettivi sodisfaċenti, iżda dan mingħajr ma jieħu impenji ġodda għall-aċċess għas-suq, il-Kummissjoni tista’ tissospendi jew ittemm il-konsultazzjoni. | Meta, wara li tkun inbdiet il-konsultazzjoni, il-pajjiż ikkonċernat jieħu miżuri rimedjali/korrettivi sodisfaċenti, iżda dan mingħajr ma jieħu impenji ġodda għall-aċċess għas-suq, il-Kummissjoni tista’ tissospendi, ittemm il-konsultazzjoni, ***jew tistieden lill-pajjiż konċernat biex jibda negozjati, skont l-Artikolu 9(4)***. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn il-miżuri rimedjali/korrettivi li jkunu ttieħdu mill-pajjiż terz ikkonċernat jintemmu, jiġu sospiżi jew implimentati b'mod mhux xieraq, il-Kummissjoni tista': | Fejn il-miżuri rimedjali/korrettivi li jkunu ttieħdu mill-pajjiż terz ikkonċernat jintemmu, jiġu sospiżi jew implimentati b'mod mhux xieraq, il-Kummissjoni ***taġixxi skont l-Artikolu 10 sabiex tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tillimita l-aċċess ta' prodotti u servizzi li joriġinaw f'pajjiż terz.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) tkompli jew terġa tibda l-konsultazzjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat, u/jew*** | ***imħassar*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii) tieħu azzjoni skont Artikolu 10 li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tillimita l-aċċess għal prodotti u servizzi li joriġinaw minn pajjiż terz*** | ***imħassar*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jekk, wara li tkun bdiet il-konsultazzjoni, jidher li l-aktar mod xieraq sabiex tintemm prattika restrittiva ta' akkwist tkun il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, għandhom jitwettqu negozjati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 207 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk pajjiż ikun impenja ruħu f'negozjati sostanzjali mal-Unjoni Ewropea dwar l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprevedi li l-prodotti u s-servizzi minn dak il-pajjiż ma jistgħux jiġu esklużi mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti skont l-Artikolu 6. | 4. Jekk, wara li tkun bdiet il-konsultazzjoni, jidher li l-aktar mod xieraq sabiex tintemm prattika restrittiva ta' akkwist tkun il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali, għandhom jitwettqu negozjati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 207 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk pajjiż ikun impenja ruħu f'negozjati mal-Unjoni Ewropea dwar l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprevedi li l-prodotti u s-servizzi minn dak il-pajjiż ma jistgħux jiġu esklużi mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti skont Artikolu 6. ***Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif dovut id-deċiżjoni korrispondenti tagħhom lill-entitá kontraenti li ressqet l-applikazzjoni.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' ttemm il-konsultazzjoni jekk il-pajjiż ikkonċernat ***jieħu impenji internazzjonali mifthema*** mal-Unjoni ***fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-oqsfa li ġejjin***: | Il-Kummissjoni tista' ttemm il-konsultazzjoni jekk il-pajjiż ikkonċernat ***ikun ħa l-miżuri li ġejjin*** mal-Unjoni ***jew fuq livell internazzjonali***: |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(a) impenji internazzjonali ġew miftehma mal-Unjoni Ewropea fi kwalunkwe minn dawn l-oqsfa li ġejjin:*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) Espansjoni tal-impenji tiegħu għall-aċċess għas-suq li ttieħdu fil-kuntest tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwist tal-Gvern jew fil-kuntest tal-ftehim bilaterali konkluż mal-Unjoni f'dak il-qafas, | ***(iii) Espansjoni tal-impenji tiegħu għall-aċċess għas-suq li ttieħdu fil-kuntest tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwist tal-Gvern (GPA) jew fil-kuntest ta' ftehim bilaterali konkluż mal-Unjoni f'dak il-qafas, u*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) jiġu adottati miżuri korrettivi mill-pajjiż ikkonċernat*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Fil-każ li konsultazzjoni ma' pajjiż terz ma twassalx għal riżultati sodisfaċenti fi żmien ***15***-il xahar ***mid-data*** meta tkun bdiet il-konsultazzjoni mal-pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha ttemm il-konsultazzjoni u tikkunsidra azzjoni skont l-Artikolu 10 biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jillimitaw l-aċċess ta' prodotti u servizzi li joriġinaw minn pajjiż terz. | 6. Fil-każ li konsultazzjoni ma' pajjiż terz ma twassalx għal riżultati sodisfaċenti fi żmien ***12***-il xahar ***mill-jum kalendarju*** meta tkun bdiet il-konsultazzjoni mal-pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha ttemm il-konsultazzjoni u tikkunsidra azzjoni skont l-Artikolu 10 biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jillimitaw l-aċċess ta' prodotti u servizzi li joriġinaw minn pajjiż terz. |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fejn f'investigazzjoni skont Artikolu 8, u wara li tkun segwita l-proċedura prevista f'Artikolu 9, jinsab li miżuri restrittivi tal-akkwist adottati jew applikati minn dak il-pajjiż terz wasslu għal nuqqas ta' reċiproċità importanti fil-ftuħ tas-suq bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz, kif imsemmi f'Artikolu 6, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tillimita temporanjament l-aċċess għal prodotti u servizzi mhux koperti li joriġinaw minn pajjiż terz. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). | 1. Meta f'investigazzjoni skont l-Artikolu 8, u wara li tkun ġiet segwita l-proċedura prevista fl-Artikolu 9, ***tinstab nuqqas*** ta' reċiproċità importanti fil-ftuħ tas-suq bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz, kif imsemmi ***f'punt (ga)*** tal-Artikolu ***2(1)***, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tillimita temporanjament l-aċċess għal prodotti u servizzi mhux koperti li joriġinaw minn pajjiż terz.***sa perjodu ta' ħames snin, li jista' jiġi estiż għal ħames snin oħra.*** Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżuri adottati skont il-paragrafu 1 jistgħu, b'mod partikolari, ikunu limitati għal: | ***Il-Kummissjoni ma għandhiex tapprova esklużjoni maħsuba fejn din tkun tikser l-impenji għall-aċċess għas-suq li tkun ħadet l-Unjoni fil-ftehimiet internazzjonali tagħha.*** Miżuri adottati skont il-paragrafu 1 jistgħu, b'mod partikolari, ikunu limitati għal: |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jekk il-miżuri adottati skont l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 10 ma jkunu, fil-frattemp, ġew sospiżi jew imħassra, għandhom jiskadu ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu ***jiddeċiedu*** li, fil-qafas tal-proċedura tal-akkwist, ma japplikawx il-miżuri skont Artikolu 10 jekk: | 1. Awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu ***jitolbu lill-Kummissjoni*** biex, fil-qafas tal-proċedura tal-akkwist, ma tapplikax il-miżuri skont Artikolu 10 jekk: |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jekk, fl-aħħar ta' 15-il jum kalendarju, il-Kummissjoni ma tkunx adottat deċiżjoni li tapprova jew ma tapprovax din it-talba, għandu jitqies li t-talba ma tkunx ġiet approvata mill-Kummissjoni. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, din l-iskadenza tista' tiġi estiża b'perjodu massimu ieħor ta' ħamest ijiem kalendarju.*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn awtorità/entità kontraenti jkollha l-intenzjoni li ma tapplikax il-miżuri adottati skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, jew applikabbli mill-ġdid skont l-Artikolu 11, għandha tindika dan fin-notifika ta' kuntratt li għandha tippubblika skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/18/KE jew l-Artikolu 42 tad-Direttiva 2004/17/KE. ***Għandha tinnotifika lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem kalendarji wara l-pubblikazzjoni tan-notifika tal-kuntratt.*** | Fejn awtorità/entità kontraenti jkollha l-intenzjoni li ma tapplikax il-miżuri adottati skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, jew applikabbli mill-ġdid skont l-Artikolu 11, għandha tindika dan fin-notifika ta' kuntratt li għandha tippubblika skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/18/KE jew l-Artikolu 42 tad-Direttiva 2004/17/KE. |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***In-notifika għandha tintbagħat permezz ta' mezzi elettroniċi u bl-użu ta' formoli standard.*** Il-Kummissjoni għanda tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formoli standard għan-notifiki tal-kuntratti ***u n-notifikazzjoni*** skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 17(3). | Il-Kummissjoni għanda tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formoli standard għan-notifiki tal-kuntratti skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 17(3). |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***In-notifika għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-awtorità/entità kontraenti;*** | |
| ***(b) deskrizzjoni tal-prodott tal-kuntratt;*** | |
| ***(c) tagħrif dwar l-oriġini tal-operatur ekonomiku, il-prodotti u/jew is-servizzi li għandhom jiġu ammessi;*** | |
| ***(d) ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni li ma jiġux applikati miżuri restrittivi u ġustifikazzjoni ddettaljata għall-użu tal-eċċezzjoni;*** | |
| ***(e) fejn xieraq, kwalunkwe tagħrif ieħor meqjus bżonnjuż mill-awtorità/entità kontraenti.*** | |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tkun revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ b'effett mill-jum ta' wara l-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. | 3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ***kalendarja*** wara dik tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni msemmija. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 16a*** <br><br> ***Kundizzjonijiet tal-akkwist fil-qafas ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni fil-pajjiżi terzi.*** <br><br> ***Fil-qafas tas-kuntratti pubbliċi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura l-implimentazzjoni ta' qafas regolatorju vinkolanti, sabiex jirregola l-akkwist u l-implimentazzjoni tal-kuntratti pubbliċi internazzjonali. F'dak il-kuntest, l-Unjoni għandha tadotta regoli uniformi biex tiżgura kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni leali bejn l-Unjoni u operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u l-uffiċjali tagħhom m'għandhomx jiżvelaw kwalunkwe tagħrif ta' natura kunfidenzjali li jasal skont dan ir-Regolament, mingħajr permess speċifiku mill-fornitur ta' dan it-tagħrif.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-informazzjoni li tasal skont dan ir-Regolament u ddikjarata mill-fornitur tal-informazzjoni li hi ta' natura kunfidenzjali, taħt l-ebda ċirkostanzi m'għandha tiġi żvelata, sakemm il-fornitur ma jagħtix il-permess speċifiku tiegħu.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Sal-1 ta' Jannar 2017, u*** mill-inqas kull tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati internazzjonali, skont dan ir-Regolament, fir-rigward tal-aċċess għall-operaturi ekonomiċi tal-UE għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi fil-pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, tagħrif xieraq. | Mill-inqas kull tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati internazzjonali, skont dan ir-Regolament, fir-rigward tal-aċċess għall-operaturi ekonomiċi tal-UE għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi fil-pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, tagħrif xieraq. ***Meta l-Kummissjoni tissottometti t-tieni rapport tagħha, għandha tippreżenta wkoll lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill proposta leġiżlattiva għal Regolament emendat jew inkella tistabbilixxi raġunijiet għaliex fl-opinjoni tagħha ma huwa meħtieġ l-ebda tibdil. Jekk il-Kummissjoni ma tikkonformax ma' dan l-obbligu, ir-Regolament jieqaf japplika fi tmiem it-tieni sena wara s-sottomissjoni tat-tieni rapport.*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Artikoli*** 58 u 59 tad-Direttiva 2004/17/KE għandhom ikunu ***rrevokati*** b'effett mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | ***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk*** l-Artikoli 58 u 59 tad-Direttiva 2004/17/KE ***għandhomx jinżammew. Fid-dawl tal-konlużjonijiet ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva li tirrevoka dawk l-Artikoli*** b'effett mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0028

## L-għasel ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel (COM(2012)0530 – C7-0304/2012 – 2012/0260(COD))** ([1])

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/42)

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) ***Ġaladarba ngħatat is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2011 tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-442/09, it-trab tad-dakra fl-għasel għandu jitqies bħala ingredjent fit-tifsira tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approsimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel. Is-sentenza tal-Qorti kienet ibbażata fuq il-kunsidrazzjoni, skont il-fatti li ġew ippreżentati quddiemha, li t-trab tad-dakra fl-għasel huwa primarjament ir-riżultat taċ-ċentrifugazzjoni li jagħmel min irabbi n-naħal biex jiġbor l-għasel. Iżda t-trab tad-dakra jidħol fid-doqqajs minħabba l-attività tan-naħal u qiegħed fl-għasel b'mod naturali u ma għandux x'jaqsam jużax jew le ċ-ċentrifugazzjoni biex joħroġ l-għasel min irabbi n-naħal. Għalhekk jeħtieġ li jkun iċċarat, mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament, fuq it-trab tad-dakra mmodifikat ġenetikament li jkun fl-għasel, li t-trab tad-dakra huwa kostitwent tal-għasel, li huwa sustanza naturali mingħajr ingredjenti, u mhuwiex ingredjent fit-tifsira tad-Direttiva 2000/13/KE. Għalhekk, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-għasel*** ([11]) ***għandha tiġi emendata skont dan.***

([11]) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47.

*Emenda*

(1) ***Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE*** ([1]) ***tiddefinixxi l-għasel bħala sustanza naturali u ħelwa prodotta min-naħal. L-għasel jikkonsisti essenzjalment minn zokkrijiet differenti, bi predominanza l-fruttożju u l-glukożju, kif ukoll sustanzi oħra bħal aċidi organiċi, enzimi u partikoli solidi derivati mill-ġbir tal-għasel. Id-Direttiva 2001/110/KE tippreserva l-karattru naturali tal-għasel billi tillimita l-intervent tal-bniedem li jista' jbiddel il-kompożizzjoni tal-għasel. B'mod partikolari, dik id-Direttiva tipprojbixxi ż-żieda ta' kwalunkwe ingredjent alimentari mal-għasel, inklużi addittivi tal-ikel, jew li jsirulu żidiet oħra għajr ta' għasel. Bl-istess mod, dik id-Direttiva tipprojbixxi t-tneħħija ta' kwalunkwe kostitwent partikolari għall-għasel, inkluż it-trab tad-dakra, sakemm dan ma jkunx inevitabbli fit-tneħħija ta' materjal barrani. Dawk ir-rekwiżiti huma konformi mal-istandard tal-Codex Alimentarius għall-għasel.***

([1]) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47.

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0440/2013).

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1a)* ***Sabiex tiġi kkunsidrata s-sensittività li qed tiżdied tal-konsumaturi dwar il-preżenza tal-organiżmi ġenetikament modifikati fl-ikel u d-drittijiet tagħhom li jkunu infurmati dwarhom, u bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE*** (*) ***għandha b'konsegwenza tkun emendata.*** |

(*) *Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE tal-20 Diċembru 2001 rigward l-għasel (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47).*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1b)* ***It-trab tad-dakra hu parti mill-kriterji tal-kompożizzjoni tal-għasel kif stabbilit bid-Direttiva 2001/110/KE. L-evidenza disponibbli, inkluża dejta empirika u xjentifika, tikkonferma li n-naħal tal-għasel huma l-oriġini tal-preżenza tat-trab tad-dakra fl-għasel. Frak tat-trab tad-dakra jispiċċa fin-nettaru li mbagħad jinġabar min-naħal tal-għasel. In-nettaru li jinġabar fid-doqqajs ikun fih frak tat-trab tad-dakra li jiġi midbdul f'għasel min-naħal. Skont dejta disponibbli, trab tad-dakra addizzjonali fl-għasel jista' jiġi mit-trab tad-dakra li jkun hemm fuq in-naħal, trab tad-dakra li jkun hemm fl-arja ġewwa d-doqqajs u mit-trab tad-dakra ppakkajat min-naħal f'ċelloli li inċidentalment jinfetħu waqt li qed jinġabar l-għasel mill-operaturi. Minn dan jirriżulta li t-trab tad-dakra jidħol fid-doqqajs minħabba l-attività tan-naħal u qiegħed fl-għasel b'mod naturali indipendentement minn jekk l-għasel jiġix estratt jew le mill-operaturi. Barra minn hekk, m'hemmx żieda intenzjonata ta' trab tad-dakra fl-għasel mill-operaturi, tali addizzjoni hi projbita mid-Direttiva 2001/110/KE.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1c) **Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (1) **dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi jiddefinixxi 'ingredjent' bħala kwalunkwe sustanza użata fil-manifattura jew il-preparazzjoni tal-ikel u li tibqa' preżenti fil-prodott lest, anke jekk f'forma mibdula. Din id-definizzjoni timplika użu intenzjonat ta' sustanza fil-manifattura jew il-preparazzjoni tal-ikel. Meta jitqies il-karattru naturali tal-għasel, u b'mod partikolari l-oriġini naturali tal-preżenza ta' kostitwenti partikolari għall-għasel, inkluż it-trab tad-dakra, jeħtieġ li jkun iċċarat li t-trab tad-dakra u kwalunkwe kostitwent ieħor partikolari għall-għasel m'għandux jitqies bħala "ingredjent" tal-għasel fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.*** |

(1) ***Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).***

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1d) **Billi l-għasel hu prodott naturali, dan għandu jiġi eżentat mir-rekwiżit li jkollu lista ta' ingredjenti.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1e) **Miżuri ta' koeżistenza fil-livell tal-Istat Membru stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 26a tad-Direttiva 2001/18/KE għandhom jiżguraw li l-analiżi standard tal-għasel ma tkunx meħtieġa, inter alia billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' distanza.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(4)* ***L-Annessi tad-Direttiva 2001/110/KE fihom xi elementi tekniċi li għandu mnejn ikollhom jiġu addattati jew aġġornati biex iqisu l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti. Din id-Direttiva ma tikkonferixxix setgħat xierqa lill-Kummissjoni biex fil-pront taddatta jew taġġorna dawn l-Annessi biex iqisu l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali. Għalhekk, għall-implimentazzjoni konsistenti tad-Direttiva 2001/110/KE, is-setgħa li taddatta jew taġġorna l-Annessi ta' din id-Direttiva biex iqisu mhux biss il-progress tekniku, iżda wkoll l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali, għandha wkoll tiġi kkonferita lill-Kummissjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(6)* ***Għalhekk, biex jitqies il-progress tekniku u, fejn ikun rilevanti, l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandu jkun iddelegat lill-Kummissjoni biex taddatta jew taġġorna l-karatteristiċi tekniċi marbutin mad-deskrizzjonijiet u d-definizzjonijiet tal-prodotti fl-Annessi tad-Direttiva 2001/110/KE.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 1**

Direttiva 2001/110/KE

Artikolu 2 – punt 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Billi t-trab tad-dakra huwa kostitwent naturali partikolari ***tal-għasel***, ma għandux jitqies bħala ingredjent, fit-tifsira tal-Artikolu ***6(4) tad-Direttiva 2000/13/KE***, tal-prodotti ddefiniti fl-Anness 1 ta' din id-Direttiva. | 5. Billi t-trab tad-dakra huwa kostitwent naturali partikolari ***għall-għasel***, ma għandux jitqies bħala ingredjent, fit-tifsira tal-Artikolu ***2(2)(f) tar-Regolament (UE) 1169/2011***, tal-prodotti ddefiniti fl-Anness 1 ta' din id-Direttiva. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 2001/110/KE

Artikolu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Artikolu 6*** | ***imħassar*** |
| ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 6a biex temenda l-karatteristiċi tekniċi marbuta mal-ismijiet, mad-deskrizzjonijiet u mad-definizzjonijiet tal-prodotti fl-Anness I u mal-kriterji tal-kompożizzjoni għall-għasel fl-Anness II, biex jitqiesu l-progress tekniku, u fejn ikun rilevanti, l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti.*** | |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 3**

Direttiva 2001/110/KE

Artikolu 6a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Is-setgħa ***ta' adozzjoni*** ta' atti ddelegati msemmija ***fl-Artikoli 4 u 6*** għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** li ***jibda*** minn (…). ***(Publications Office is to fill in the date of entry into force of this amending Act).*** | 2. Is-setgħa ***tal-adozzjoni*** ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 4*** għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** li ***jiddekorru*** minn …. (*). ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded taċitament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponu tali tiġdid sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.***<br>(*) ***Data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 3**

Direttiva 2001/110/KE

L-Artikolu 6a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikoli 4 u 6*** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ***tal-atti ddelegati li huma*** diġà fis-seħħ. | 3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu 4*** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni ***tad-deċiżjoni*** f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ***tal-ebda att iddelegat li jkun*** diġà fis-seħħ. |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 3**

Direttiva 2001/110/KE

Artikolu 6a – punt 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Att iddelegat adottat skont ***l-Artikoli 4 u 6*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 5. Att iddelegat adottat skont ***l-Artikoli 4*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-punt (1) tal-Artikolu 1 sa [***data***]. Huma jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet. | L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-punt (1) tal-Artikolu 1 sa … (*). Huma jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.<br>(*) ***12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva emendatorja.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0029

## Il-programm Hercule III u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm Hercule III għall-promozzjoni tal-attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (COM(2011)0914 – C7-0513/2011 – 2011/0454(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/43)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0914),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0513/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-15 ta' Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Novembru 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0385/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0454

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2014 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Rgeolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Erkole III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 250/2014.)*

---

([1]) ĠU C, 201 7.7.2012, p. 1.

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

P7_TA(2014)0030

## Statistika relatata mal-kummerċ ta' oġġetti bejn Stati Membri ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 638/2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri rigward l-għoti ta' setgħat iddelegati u implimentattivi lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri, il-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-amministrazzjoni tad-dwana, l-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn l-Istati Membri, kif ukoll id-definizzjoni tal-valur statistiku (COM(2013)0578 – C7-0242/2013 – 2013/0278(COD))** ([1])

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 482/44)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (6) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-għarfien espert. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | (6) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ***l-aktar effiċjenti*** tal-għarfien espert ***wara li tinforma l-Istati Membri dwar min għandu jiġu kkonsultat u fuq liema bażi għandu jiġi żgurat ir-rispett tal-imparzjalità u għandhom jiġu evitati l-kunflitti ta' interess possibbli***. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (7) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti ddelegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet li jwieġbu. | (7) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti ddelegati ma jimponux ***spiża jew*** piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet li jwieġbu ***u li jibqgħu kemm jista' jkun ekonomiċi***. |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0457/2013).

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 638/2004, għandhom jiġu kkonferiti setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni li jippermettulha li tadotta l-arranġamenti għall-ġbir tal-informazzjoni, b'mod partikolari rigward il-kodiċijiet li għandhom jintużaw, id-dispożizzjonijiet tekniċi biex tinġabar l-istatistika annwali dwar il-kummerċ permezz tal-karatteristiċi tan-negozju u kwalunkwe miżura neċessarja biex tiżgura li l-kwalità tal-istatistika trażmessa ***hija*** konformi mal-kriterji tal-kwalità. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. | (8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 638/2004, għandhom jiġu kkonferiti setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni li jippermettulha li tadotta l-arranġamenti għall-ġbir tal-informazzjoni, b'mod partikolari rigward il-kodiċijiet li għandhom jintużaw, id-dispożizzjonijiet tekniċi biex tinġabar l-istatistika annwali dwar il-kummerċ permezz tal-karatteristiċi tan-negozju u kwalunkwe miżura neċessarja biex tiżgura li l-kwalità tal-istatistika trażmessa ***mingħajr ħlas tkun*** konformi mal-kriterji tal-kwalità. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Bl-istrateġija għal struttura ġdida tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (minn hawn 'il quddiem imsejħa ESS) maħsuba biex ittejjeb il-koordinazzjoni u s-sħubija fi struttura piramida ċara fi ħdan l-ESS, il- Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea*** ([9]), għandu jaqdi rwol konsultattiv u jassisti lill-Kummissjoni waqt li tkun qed teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha. | (10) Bl-istrateġija għal struttura ġdida tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (minn hawn 'il quddiem imsejħa ESS) maħsuba biex ittejjeb il-koordinazzjoni u s-sħubija fi struttura piramida ċara fi ħdan l-ESS, il- Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill9 ([9]), għandu jaqdi rwol konsultattiv u jassisti lill-Kummissjoni waqt li tkun qed teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha. ***It-titjib tal-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni (Eurostat) huwa essenzjali biex tinħareġ statistika ta' kwalità ogħla fl-Unjoni.*** |
| ([9]) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164. | ([9]) ***Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea*** (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164). |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 għandu jiġi emendat bis-sostituzzjoni tar-referenza lill-Kumitat tal-Intrastat b'referenza għall-ESSC. | (11) Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 għandu jiġi emendat bis-sostituzzjoni tar-referenza lill-Kumitat tal-Intrastat b'referenza għall-ESSC. ***L-ESSC għandu jżomm l-istess struttura ta' sħubija bħal dik tal-Kumitat Intrastat, jiġifieri membru wieħed għal kull Stat Membru.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Simplifikazzjonijiet ta' skemi ta' approvazzjoni doganali wasslu għal nuqqas ta' disponibbiltà, fil-livell ta' dwana, ta' tagħrif statistiku dwar merkanzija li tgħaddi minn proċeduri doganali ta' proċessar. Biex tiġi żgurata l-kopertura tad-dejta, il-movimenti ta' dik il-merkanzija għandhom jiġu inklużi fis-sistema tal-Intrastat. | (12) Simplifikazzjonijiet ta' skemi ta' approvazzjoni doganali wasslu għal nuqqas ta' disponibbiltà, fil-livell ta' dwana, ta' tagħrif statistiku dwar merkanzija li tgħaddi minn proċeduri doganali ta' proċessar. Biex tiġi żgurata l-kopertura tad-dejta, il-movimenti ta' dik il-merkanzija għandhom jiġu inklużi fis-sistema tal-Intrastat ***filwaqt li kwalunkwe spiża addizzjonali għandha tkun kemm jista' jkun limitata. L-informazzjoni għandha ssegwi l-prinċipju ta' "rappurtar b'direzzjoni waħda", u għal-daqstant, sakemm tkun tista' tiġi garantita l-kwalità tad-dejta, id-dejta għandha tinġabar biss mill-kumpaniji tal-esportazzjoni.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-iskambju ta' dejta kunfidenzjali relatata mal-istatistika dwar il-kummerċ ġewwa l-UE għandu jitħalla jsir bejn l-Istati Membri ***bil-għan li jkun*** hemm iktar effiċjenza fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fit-tixrid ta' din l-istatistika jew għat-titjib tal-kwalità tagħha. | (13) L-iskambju ta' dejta kunfidenzjali relatata mal-istatistika dwar il-kummerċ ġewwa l-UE għandu jitħalla jsir bejn l-Istati Membri ***u għandu jkun mingħajr ħlas jekk dan ikun neċessarju sabiex ikun*** hemm iktar effiċjenza fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fit-tixrid ta' din l-istatistika jew għat-titjib tal-kwalità tagħha. ***Tali skambji għandhom ikunu volontarji u għandhom ikunu possibbli għal perjodu transitorju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, tali skambju ta' dejta kunfidenzjali għandu jiġi ttrattat bir-reqqa u fih innifsu m'għandux jinvolvi piż amministrattiv ogħla għall-kumpaniji.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

## Emenda 8

## Proposta għal regolament

## Premessa 14

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Id-definizzjoni ta' valur statistiku għandha tiġi ċċarata u allinjata mad-definizzjoni ta' dan l-element tad-dejta skont l-istatistika dwar il-kummerċ barra l-UE. | (14) Id-definizzjoni ta' valur statistiku għandha tiġi ċċarata u allinjata mad-definizzjoni ta' dan l-element tad-dejta skont l-istatistika dwar il-kummerċ barra l-UE ***sabiex tiġi permessa komparabilità aħjar bejnil-kummerċ fl-UE u dak barra l-UE tal-istatistika kummerċjali. Id-definizzjonijiet uniformi huma essenzjali għal kummerċ transkonfinali li jiffunzjona tajjeb u bla xkiel u huma importanti b'mod speċjali sabiex l-awtoritajiet nazzjonali differenti jkunu jistgħu jagħmlu interpretazzjonijiet konkordanti tar-regoli li jkollhom impatt fuq l-attivitajiet transkonfinali tan-negozji.*** |

## Emenda 9

## Proposta għal regolament

## Premessa 15

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa neċessarju u xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar il-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-amministrazzjoni tad-dwana, l-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn l-iSM u d-definizzjoni ta' valur statistiku fil-qasam tal-istatistika tal-kummerċ ġewwa l-UE. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. | (15) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa neċessarju u xieraq li jiġu stabbiliti regoli ***armonizzati*** dwar il-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-amministrazzjoni tad-dwana, l-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn l-iSM u d-definizzjoni ta' valur statistiku fil-qasam tal-istatistika tal-kummerċ ġewwa l-UE. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. |

## Emenda 10

## Proposta għal regolament

## Premessa 15a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) It-trasmissjoni tad-dejta mill-awtoritajiet nazzjonali għandha tkun bla ħlas għall-Istati Membri u għall-istituzzjonijiet jew l-aġenziji tal-Unjoni.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(17a)* ***Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri u ż-żieda ta' miżuri ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, jeħtieġ li jiġu żviluppati approċċ integrat u indikaturi statistiċi dejjem iżjed affidabbli sabiex il-politiki jiġu implimentati b'mod aktar effettiv.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(17b)* ***B'segwitu għall-iskoperta riċenti ta' ksur tal-protezzjoni tad-dejta taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-Istati Membri, jeħtieġ li tissaħħaħ is-sigurtà tal-modalitajiet ta' trasmissjoni ta' dejta statistika sensittiva, inkluża dejta ekonomika;*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt b**

Regolament (KE) Nru 638/2004

Artikolu 5 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-informazzjoni statistika dwar id-dispaċċi u l-wasliet ta' merkanzija li jkunu s-suġġett ta' dokument amministrattiv wieħed għall-finijiet doganali jew fiskali għandha tkun ipprovduta direttament mid-dwana lill-awtoritajiet nazzjonali***, ta' lanqas*** darba fix-xahar. | 2. L-informazzjoni statistika dwar id-dispaċċi u l-wasliet ta' merkanzija li jkunu s-suġġett ta' dokument amministrattiv wieħed għall-finijiet doganali jew fiskali għandha tkun ipprovduta direttament mid-dwana lill-awtoritajiet nazzjonali darba fix-xahar. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 5**

Regolament (KE) Nru 638/2004

Artikolu 9a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-iskambju ta' dejta kunfidenzjali, kif iddefinit bl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-***Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea*** (*), għandu għal skopijiet ta' statistika biss, jkun permess bejn l-awtoritajiet nazzjonali rispettivi ta' kull Stat Membru, fejn l-iskambju jservi l-iżvilupp ***effiċjenti***, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri jew itejjeb ***il-kwalità*** tagħhom.<br>(*) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164 | L-iskambju***, mingħajr ħlas,*** ta' dejta kunfidenzjali, kif iddefinit bl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), għandu għal skopijiet ta' statistika biss, jkun permess bejn l-awtoritajiet nazzjonali rispettivi ta' kull Stat Membru, fejn ***ikun ippruvat li*** l-iskambju jservi l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ***effiċjenti*** tal-istatistika Ewropea rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri jew itejjeb ***b'mod sinifikanti l-kwalità*** tagħhom. ***Kwalunkwe piż amministrattiv u spiża addizzjonali għall-Istati Membri għandha tinżamm għal ammont minimu. Tali skambju ta' informazzjoni kunfidenzjali għandu jkun volontarju sal-…*** (**)***.***<br>(*) ***Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta 'Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea*** (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).<br>(**) ***Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 5**

Regolament (KE) Nru 638/2004

Artikolu 9a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtoritajiet nazzjonali li jkunu kisbu d-dejta kunfidenzjali għandhom jittrattaw din l-informazzjoni bħala kunfidenzjali u għandhom jużawha esklussivament għal għanijiet ta' statistika. | L-awtoritajiet nazzjonali li jkunu kisbu d-dejta kunfidenzjali għandhom jittrattaw din l-informazzjoni bħala kunfidenzjali u għandhom jużawha esklussivament għal għanijiet ta' statistika. ***L-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jittrażmettu tali dejta lil xi organizzazzjoni internazzjonali, għajr bil-mod previst fir-Regolament.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 6 – punt c**

Ir-Regolament (KE) 638/2004

Artikolu 10 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet li jilħqu r-rekwiżiti ta' kwalità, jissimplifikaw it-tagħrif li għandu jingħata għal tranżazzjonijiet żgħar individwali. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, b'konformità mal-Artikolu 13a, atti ddelegati biex tiddefinixxi dawn il-kundizzjonijiet. | 5. L-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet li jilħqu r-rekwiżiti ta' kwalità, jissimplifikaw it-tagħrif li għandu jingħata għal tranżazzjonijiet żgħar individwali ***sakemm tali simplifikazzjoni ma jkollha l-ebda effett ta' detriment għall-kwalità tal-istatistika***. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, b'konformità mal-Artikolu 13a, atti ddelegati biex tiddefinixxi dawn il-kundizzjonijiet. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 6a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 638/2004

Artikolu 11

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Artikolu 11 | "Artikolu 11 |
| Il-kunfidenzjalità tal-istatistika | Il-kunfidenzjalità tal-istatistika |
| Fil-każ uniku fejn il-parti jew il-partijiet li jkunu pprovdew l-informazzjoni hekk jitolbu, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiddeċiedu jekk ir-riżultati tal-istatistika, li permezz tagħhom huwa possibli li jista' jkun identifikati l-imsemmija fornituri, għandhomx jiġu disseminati jew emendati b'tali mod li d-disseminazzjoni tagħhom ma jippreġudikax il-konfidenzalità tal-istatistika. | Fil-każ uniku fejn il-parti jew il-partijiet li jkunu pprovdew l-informazzjoni hekk jitolbu, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiddeċiedu jekk ir-riżultati tal-istatistika, li permezz tagħhom huwa possibli li jista' jkun identifikati l-imsemmija fornituri, għandhomx jiġu disseminati jew emendati b'tali mod li d-disseminazzjoni tagħhom ma jippreġudikax il-konfidenzalità tal-istatistika. ***L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiżguraw li l-benefiċċji statistiċi jegħlbu b'mod ċar l-effetti negattivi eventwali fuq il-parti jew il-partijiet li jipprovdu l-informazzjoni."*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 7 – punt c**

Regolament (KE) Nru 638/2004

Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet tekniċi għal kumpilazzjoni ta' din l-istatistika. | Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet tekniċi għal kumpilazzjoni ta' din l-istatistika ***bl-aktar mod ekonomiku possibbli***. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 8**

Regolament (KE) Nru 638/2004

Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (4) Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, kwalunkwe miżura neċessarja biex tiżgura l-kwalità tal-istatistika trażmessa konformement mal-kriterji tal-kwalità. | (4) Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, kwalunkwe miżura neċessarja biex tiżgura l-kwalità tal-istatistika trażmessa konformement mal-kriterji tal-kwalità***, filwaqt li tevita spejjeż eċċessivi għall-awtoritajiet nazzjonali***. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 9**

Regolament (KE) Nru 638/2004

Artikolu 13a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (2) Meta teżerċita s-setgħat delegati fl-Artikolu 3(4), 6(2), 10 (3) (4) u (5), 12(1)(a) u (2), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti ddelegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq il-parteċipanti. | (2) Meta teżerċita s-setgħat delegati fl-Artikolu 3(4), 6(2), 10 (3) (4) u (5), 12(1)(a) u (2), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti ddelegati ma jimponux ***spejjeż jew*** piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq il-parteċipanti. ***Il-Kummissjoni għandha ssegwi tnaqqis fl-ispejjeż u fil-piż amministrattiv fejn ikun possibbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika debitament l-azzjonijiet f'dawk l-atti delegati intenzjonati u tipprovdi informazzjoni, b'kontribut mill-Istati Membri, dwar kwalunkwe piż u spiża tal-produzzjoni assoċjati skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.*** |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014**

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 9**

Ir-Regolament (KE) 638/2004

Artikolu 13a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 3(4), 6(2), 10(3) (4) u (5), 12(1)(a) u (2) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** minn [(Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet:. jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda)]. | 3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 3(4), 6(2), 10(3) (4) u (5), 12(1)(a) u (2) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 9**

Regolament (KE) Nru 638/2004

Artikolu 13a – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 3(4), 6(2), 10(3) (4) u (5), 12(1)(a) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni għalih mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***xahrejn minn meta dak l-att jiġi nnotifikat*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 6. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 3(4), 6(2), 10(3) (4) u (5), 12(1)(a) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***tliet xhur min-notifika ta' dak l-att*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi ***tliet xhur*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill. |

**Il-Ħamis 16 ta’ Jannar 2014**

P7_TA(2014)0033

## Ħatra ta’ Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE (Ms Sabine Lautenschläger)

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2014 dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra ta’ Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (N7-0002/2014 – C7-0010/2014 – 2014/0801(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

(2016/C 482/45)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta’ Jannar 2014 (N7-0002/2014) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 283(2), it-tieni inċiż, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill Ewropew (C7-0010/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 109 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0023/2014),

A. billi, bl-ittra tat-8 ta’ Jannar 2014, li waslet fid-9 ta’ Jannar 2014, il-Kunsill Ewropew ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar in-nomina ta’ Sabine Lautenschläger għall-kariga ta’ Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal mandat ta’ tmien snin;

B. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu evalwa l-kredenzjali tas-Sa Lautenschläger, b’mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u, kif jirriżulta mill-Artikolu 130 tat-Trattat, tal-ħtieġa tal-indipendenza totali tal-BĊE fil-qasam tal-politika monetarja, u billi, fil-qafas ta’ din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mis-Sa Lautenschläger curriculum vitae kif ukoll it-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilha;

C. billi l-Kumitat imbagħad, fit-13 ta’ Jannar 2014, proċeda b’seduta ta’ smigħ mas-Sa Lautenschläger li matulha din għamlet stqarrija preliminari u wara wieġbet għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta’ Sabine Lautenschläger bħala Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri

---

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

P7_TA(2014)0034

## Awtorizzazzjoni lil Franza biex tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum 'tradizzjonali' prodott fil-Gwadelup, fil-Gujana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum 'tradizzjonali' prodott fil-Gwadelup, fil-Gujana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion u li temenda d-Deċiżjoni 2007/659/KE (COM(2013)0839 – C7-0488/2013 – 2013/0413(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2016/C 482/46)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013)0839),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0488/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0013/2014),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT